II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/191

tal-16 ta' Frar 2022

li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq ċerti elementi tal-irbit tal-ħadid jew tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ([1]) ("ir-Regolament bażiku") u b'mod partikolari l-Artikolu 9(4) tiegħu,

Billi:

1. PROĊEDURA

1.1. Bidu

(1) Fil-21 ta' Diċembru 2020, il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") bdiet investigazzjoni anti-dumping fir-rigward tal-importazzjonijiet ta' ċerti elementi tal-irbit tal-ħadid jew tal-azzar ("elementi tal-irbit") li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("iċ-Ċina" jew "ir-RPĊ" jew "il-pajjiż ikkonċernat"), abbażi tal-Artikolu 5 tar-Regolament bażiku. Hija ppubblikat Notifika ta' Bidu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([2]) ("in-notifika ta' bidu").

(2) Il-Kummissjoni bdiet l-investigazzjoni wara lment ippreżentat fis-6 ta' Novembru 2020 mill-European Industrial Fasteners Institute ("EIFI" jew "l-ilmentatur") f'isem il-produtturi li jirrappreżentaw aktar minn 25 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni ta' elementi tal-irbit tal-ħadid jew tal-azzar (imsejħin ukoll "l-ilmentaturi"). Barra minn hekk, l-ilment kien appoġġat minn produtturi li kienu jirrappreżentaw aktar minn 58 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni fil-perjodu minn Lulju 2019 sa Ġunju 2020. L-ilment kien fih evidenza ta' dumping u tad-dannu materjali li jirriżulta, li kienet biżżejjed sabiex tiġġustifika l-bidu tal-investigazzjoni.

1.2. Reġistrazzjoni

(3) Wara talba mill-ilmentatur appoġġata bl-evidenza meħtieġa, il-Kummissjoni għamlet l-importazzjonijiet ta' elementi tal-irbit li joriġinaw miċ-Ċina soġġetti għar-reġistrazzjoni permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/970 ([3]) ("ir-Regolament dwar ir-reġistrazzjoni") skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku.

(4) Wara l-pubblikazzjoni tar-Regolament dwar ir-reġistrazzjoni, il-Kummissjoni rċeviet kummenti mingħand diversi importaturi, l-European Fasteners Distributor Association ("EFDA") u ċ-China Chamber of Commerce of Import and Export of Machinery and Electronic Products ("CCCME"). Il-Kummissjoni nnotat li, peress li ma ġiet adottata l-ebda miżura proviżorja, il-Kummissjoni ddeċidiet li l-ġbir retroattiv tad-dazji ma kienx legalment possibbli. Tabilħaqq, l-Artikolu 10(4) tar-Regolament bażiku jistipula li "[j]ista' jinġabar dazju anti-dumping definittiv minn fuq prodotti

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21.
([2]) ĠU C 442, 21.12.2020, p. 6.
([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/970 tas-16 ta' Ġunju 2021 li jagħmel l-importazzjonijiet ta' ċerti molol tal-ħadid jew tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina soġġett għar-reġistrazzjoni (ĠU L 214, 17.6.2021, p. 53).

li ddaħħlu għall-konsum mhux iktar minn 90 ġurnata *qabel id-data tal-applikazzjoni tal-miżuri proviżorji*" (enfasi miżjuda). Għalhekk, kulma ntqal dwar ir-Regolament dwar ir-reġistrazzjoni sar irrilevanti u, b'dan, ir-Regolament ta' reġistrazzjoni huwa mħassar kollu kemm hu.

(5) Fl-aħħar, l-EFDA sostniet li f'każ li l-Kummissjoni ma timponix miżuri proviżorji, ir-Regolament dwar ir-reġistrazzjoni jsir null u jenħtieġ li jiġi rtirat, bl-argument li l-uniku skop tar-Regolament dwar ir-reġistrazzjoni jkun li jimponi miżuri definittivi b'mod retroattiv u li f'każ ta' nuqqas ta' impożizzjoni ta' miżuri proviżorji, l-applikazzjoni retroattiva ta' miżuri definittivi ma tibqax fattibbli skont l-Artikolu 10(4) tar-Regolament bażiku. Il-Kummissjoni qablet u ħassret ir-Regolament dwar ir-reġistrazzjoni. Il-ħtieġa li jiġu imposti dazji anti-dumping definittivi b'mod retroattiv hija vvalutata fil-premessi (591) u ta' wara.

1.3. **Partijiet interessati**

(6) Fin-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati jikkuntattjawha sabiex jipparteċipaw fl-investigazzjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni informat speċifikament lill-ilmentatur, lil produtturi magħrufin oħrajn tal-Unjoni, lill-produtturi esportaturi magħrufin u lill-awtoritajiet Ċiniżi, lill-importaturi magħrufin, lill-utenti, kif ukoll lil assoċjazzjonijiet magħrufin li huma affettwati mill-bidu tal-investigazzjoni u stednithom jieħdu sehem.

(7) Is-CCCME talbet li titqies bħala parti interessata, bl-argument li tirrappreżenta l-industrija Ċiniża tal-elementi tal-irbit. L-EIFI kkontesta l-istatus tas-CCCME bħala parti interessata filwaqt li ddikjara li s-CCCME ma wriet l-ebda rabta oġġettiva bejn l-attivitajiet tagħha u l-prodott soġġett għal din l-investigazzjoni; b'mod partikolari, is-CCCME ma ppreżentat l-ebda Statut ta' Assoċjazzjoni jew xi lista tal-membri tagħha li turi li tista' tirrappreżenta l-industrija Ċiniża tal-elementi tal-irbit. L-EIFI ddikjara li, għall-kuntrarju, is-sit web tas-CCCME jelenka 25 settur tal-industrija, mingħajr ma jsemmi speċifikament l-industrija tal-elementi tal-irbit. L-EIFI qal ukoll li għalkemm is-CCCME pprovdiet prokuri minn diversi kumpaniji, ma hemm l-ebda prova li dawk il-kumpaniji kienu produtturi tal-elementi tal-irbit. Fi kwalunkwe każ, is-CCCME, bħala organizzazzjoni mmexxija mill-Istat, kienet tirrappreżenta biss l-interessi taċ-Ċina u mhux dawk ta' industrija minnha nfisha.

(8) Il-Kummissjoni kkonfermat li s-CCCME ngħatat is-setgħa minn diversi produtturi tal-elementi tal-irbit fir-RPĊ sabiex taġixxi f'isimhom. Is-CCCME tista' tkun parti interessata għal dan il-proċediment biss sa fejn ingħatat is-setgħa minn dawk il-produtturi speċifiċi tal-elementi tal-irbit sabiex tirrappreżentahom.

1.4. **Kummenti dwar il-bidu tal-investigazzjoni**

(9) Il-partijiet interessati kellhom opportunità jikkummentaw dwar il-bidu tal-investigazzjoni u jitolbu smigħ mal-Kummissjoni u/jew mal-Uffiċjal tas-Smigħ fil-proċedimenti kummerċjali. L-ebda waħda mill-partijiet interessati ma talbet seduta ta' smigħ dwar il-bidu tal-investigazzjoni.

(10) Fil-bidu, żewġ importaturi kkontestaw li l-perjodu ta' investigazzjoni magħżul mill-Kummissjoni (mill-1 ta' Lulju 2019 sat-30 ta' Ġunju 2020) kien jirrappreżenta l-perjodu immedjatament qabel il-bidu tal-investigazzjoni u ssuġġerew li l-perjodu ta' investigazzjoni xieraq jenħtieġ li jiġi stabbilit mill-1 ta' Ottubru 2019 sat-30 ta' Settembru 2020 kif meħtieġ skont l-Artikolu 6(1) tar-Regolament bażiku.

(11) F'konformità mal-prattika tagħha u filwaqt li qieset iċ-ċirkostanzi speċifiċi ta' kull investigazzjoni, il-Kummissjoni qieset li l-perjodu mill-1 ta' Lulju 2019 sat-30 ta' Ġunju 2020 kien xieraq għall-fini li ssir sejba rappreżentattiva. L-industrija tal-Unjoni tal-elementi tal-irbit hija fil-biċċa l-kbira magħmula minn intrapriżi żgħar u ta' daqs medju ("SMEs") u r-rapportar ta' *data* kontabilistika li mhux ibbażata fuq nofs sena kien ikun ta' piż bla bżonn. Barra minn hekk, il-prodott taħt investigazzjoni għandu ħafna varjazzjonijiet u tipi differenti li kienu jeħtieġu kwantità eċċezzjonalment għolja ta' *data* kontabilistika sabiex tiġi kkonvertita u kkompilata għall-fini tal-investigazzjoni kurrenti. L-Artikolu 6(1) tar-Regolament bażiku jippermetti devjazzjoni f'każijiet ġustifikati bħal dak kurrenti. Għalhekk, l-allegazzjoni li l-perjodu ta' investigazzjoni magħżul ma kienx xieraq ma ntlaqgħetx.

(12) L-istess żewġ importaturi sostnew li abbażi tal-indikaturi makroekonomiċi pprovduti fl-ilment, l-industrija tal-Unjoni ma ġarrbitx dannu materjali u li ma hemm l-ebda rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet miċ-Ċina u d-dannu mġarrab mill-ilmentatur.

(13) Il-Kummissjoni qieset li l-informazzjoni pprovduta mill-ilmentatur kienet biżżejjed sabiex tissodisfa l-istandard legali għall-bidu skont l-Artikolu 5 tar-Regolament bażiku fir-rigward kemm tad-dannu materjali kif ukoll tal-kawżalità. Ta' min ifakkar li l-istandard tal-evidenza fl-istadju tal-ilment huwa aktar baxx minn dak meħtieġ għall-impożizzjoni tal-miżuri. B'mod partikolari, l-ilment wera żieda sostanzjali fl-importazzjonijiet miċ-Ċina li kważi ttriplikaw bejn l-2016 u l-perjodu ta' investigazzjoni tal-ilment, li ssarraf f'żieda fis-sehem mis-suq li laħaq il-15 % matul il-perjodu ta' investigazzjoni tal-ilment. Il-prezzijiet ta' dawn l-importazzjonijiet kienu qed iwaqqgħu bil-kbir il-prezzijiet tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni. Kien hemm tnaqqis parallel fil-volum ta' produzzjoni u ta' bejgħ tal-industrija tal-Unjoni, telf ta' impjiegi, tnaqqis fl-investimenti u trażżin tal-livelli tal-prezzijiet li rriżultaw f'telf sinifikanti ta' profittabilità għall-industrija tal-Unjoni (madwar 50 % bejn l-2016 u l-perjodu ta' investigazzjoni tal-ilment). Peress li dawn l-iżviluppi seħħew b'mod parallel maż-żieda fl-importazzjonijiet miċ-Ċina u billi ma ġie identifikat l-ebda fattur ieħor li seta' kkawża t-tnaqqis fir-ritmu tal-industrija tal-Unjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet li kien hemm biżżejjed evidenza li d-dannu materjali kien ikkawżat mill-importazzjonijiet miċ-Ċina.

(14) Is-CCCME esprimiet dubji dwar il-volumi tal-importazzjoni fl-ilment, b'mod speċifiku l-istimi magħmula mill-ilmentatur sabiex jeskludi l-importazzjonijiet tal-elementi tal-azzar inossidabbli mill-volum totali tal-importazzjoni taħt ċerti kodiċijiet NM. Innotat ukoll li ma sar l-ebda aġġustament bħal dan fir-rigward tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn. Is-CCCME ma offriet l-ebda metodoloġija alternattiva sabiex jiġu stmati l-volumi tal-importazzjonijiet tal-elementi tal-irbit tal-azzar inossidabbli.

(15) Il-Kummissjoni sabet li l-metodoloġija proposta mill-ilmentaturi kienet raġonevoli peress li kienet ibbażata fuq *data* storika u fuq l-aħjar għarfien tas-suq tal-ilmentatur. Il-fatt li ma sar l-ebda aġġustament għal sorsi oħrajn ta' importazzjoni potenzjalment irriżulta fis-sottovalutazzjoni tas-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet Ċiniżi u, għalhekk, ma xeħitx dubju fuq il-valutazzjoni ġenerali fl-ilment. Peress li s-CCCME ma pproponietx metodoloġija oħra li tkun aktar xierqa minn dik proposta mill-ilmentaturi, il-Kummissjoni warrbet l-allegazzjonijiet tas-CCCME.

1.5. **Talba għall-anonimat**

(16) Il-biċċa l-kbira tal-produtturi tal-Unjoni li jew kienu rrappreżentati mill-ilmentatur – EIFI, jew li kienu jappoġġaw l-ilment talbu li jiksbu trattament ta' anonimat sabiex jipprevjenu azzjonijiet ta' ritaljazzjoni possibbli minn klijenti fl-Unjoni li kienu jakkwistaw l-elementi tal-irbitminn fornituri Ċiniżi wkoll. Dawn il-klijenti kienu jinkludu xi kumpaniji kbar b'saħħa sinifikanti fis-suq meta mqabblin mal-produtturi tal-Unjoni ta' elementi tal-irbit li fil-biċċa l-kbira huma SMEs.

(17) Żewġ importaturi kkontestaw id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tagħti l-anonimat lil dawn il-kumpaniji peress li qalu li ma kien hemm l-ebda evidenza ta' xi effett negattiv possibbli.

(18) Il-Kummissjoni ma qablitx. Meta titqies l-asimmetrija bejn il-produtturi u l-utenti tal-elementi tal-irbit tal-Unjoni, hija kkonkludiet li r-riskju ta' ritaljazzjoni allegat mill-produttur tal-Unjoni rrapreżentati mill-EIFI u s-sostenituri tiegħu tabilħaqq kien jeżisti ([4]). Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni tat trattament kunfidenzjali lil isem dawn il-kumpaniji. Għalhekk, dak li ntqal kontra dan it-trattament kunfidenzjali ġie miċħud.

(19) Wara d-divulgazzjoni finali, is-CCCME u l-EFDA ddikjaraw li ma saret l-ebda talba xierqa għall-anonimità mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun.

(20) Il-Kummissjoni rċeviet talbiet għall-anonimat mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun fit-8 ta' Jannar 2021, wara li preċedentement irċeviet, fit-18 ta' Diċembru 2020, talba mill-ilmentatur EIFI sabiex tkompli tittratta l-ismijiet tal-ilmentaturi u tas-sostenituri kunfidenzjali wara l-bidu tal-investigazzjoni u sakemm ikunu jistgħu jiġu ppreżentati talbiet individwali mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun. Minħabba s-serjetà tat-theddid ta' ritaljazzjoni, u peress li kienet konxja mill-intenzjoni tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun li jipprovdu t-talbiet rilevanti, il-Kummissjoni

([4]) Ara r-Rapport tal-Bord tad-WTO, *European Communities - Definitive Anti-Dumping Measures on Certain Iron or Steel Fasteners from China*, WT/DS397/R, it-3 ta' Diċembru 2010, para. 7.453.

qieset li kien xieraq li diġà jiġu protetti l-identitajiet tagħhom bejn il-bidu tal-investigazzjoni fil-21 ta' Diċembru 2020 u t-8 ta' Jannar 2021 meta waslu t-tali talbiet. It-talbiet ġew riċevuti u ġew aċċettati għall-produtturi kollha tal-Unjoni li finalment intgħażlu fil-kampjun. L-EFDA sostniet ukoll li l-EIFI ma kienx intitolat li jissottometti talbiet bħal dawn li misshom ġew ipprovduti fuq bażi ta' kumpaniji individwali. Peress li l-EIFI għandu l-mandat li jirrappreżenta kemm lill-industrija tal-Unjoni lmentatriċi kif ukoll lill-membri individwali tagħha, u minħabba li l-EIFI bagħat biss it-talbiet individwali ffirmati mill-kumpaniji kkonċernati, din l-allegazzjoni ġiet miċħuda.

(21) L-istess partijiet qalu wkoll li ma kien hemm l-ebda raġuni għaliex l-ismijiet tal-kumpaniji fil-kampjun għandhom jinżammu kunfidenzjali minħabba li l-parteċipazzjoni fil-kampjun ma timplikax jekk kumpanija hijiex ilmentatur jew sostenitur, iżda sempliċiment li tkun qed tikkoopera. F'dan ir-rigward, huma rreferew għar-Rapport tal-Korp tal-Appell *EC- Fasteners (China)* ([5]) fejn il-Kummissjoni kienet ta' fehma simili. L-istess partijiet qalu wkoll li l-partijiet interessati li jopponu l-miżuri kellhom interess li kemm jista' jkun produtturi tal-Unjoni jikkooperaw u jipprovdu informazzjoni lill-Kummissjoni u li, għalhekk, il-biża' ta' ritaljazzjoni kien bla bażi. B'mod simili, il-Missjoni tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għall-Unjoni Ewropea kkontestat li ma kienx hemm xi evidenza konklużiva ta' theddida ta' ritaljazzjoni minn klijenti fl-Unjoni. Il-Kummissjoni aċċettat it-talbiet għall-anonimat tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun peress li t-theddid ta' ritaljazzjoni ma kienx preżenti biss għall-ilmentaturi u għas-sostenituri, iżda wkoll għall-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun kif evidenzjat mit-talbiet li rċeviet. L-assigurazzjonijiet riċevuti mill-EFDA u mis-CCCME wara d-divulgazzjoni finali ma setgħux jaħbu l-eżistenza ta' theddid bħal dan. Għalhekk, kulma ntqal f'dan ir-rigward ma ntlaqax.

1.6. **Dikjarazzjonijiet dwar il-kunfidenzjalità**

(22) Wara d-divulgazzjoni finali, is-CCCME u l-EFDA tennew li l-fajl mhux kunfidenzjali kien insuffiċjenti f'partijiet u li mhux dejjem ġew ipprovduti sommarji mhux kunfidenzjali adegwati. Huma qalu li għandha tintwera raġuni tajba għal trattament kunfidenzjali u li sommarji mhux kunfidenzjali għandu jkun fihom dettalji biżżejjed sabiex jippermettu fehim raġonevoli tal-informazzjoni sottomessa b'mod kunfidenzjali. Iż-żewġ partijiet ipprovdew lista ta' eżempji fejn tali kriterji allegatament ma ġewx issodisfati.

(23) Il-Kummissjoni tinnota li l-eżempji ċċitati wara d-divulgazzjoni finali jew kienu diġà preċedentement soġġetti għal talbiet għal divulgazzjoni ulterjuri minn dawk il-partijiet u ġew indirizzati kif xieraq matul l-investigazzjoni f'komunikazzjonijiet bilaterali ma' dawn il-partijiet u matul seduta ta' smigħ mal-Uffiċjal tas-Seduta fid-29 ta' Novembru 2021 mitluba mill-EFDA; jew kienu relatati ma' informazzjoni li ma kinitx parti mill-fatti u mill-kunsiderazzjonijiet essenzjali li fuqhom il-Kummissjoni bbażat is-sejbiet finali tagħha; jew tqiesu mhux xierqa minħabba li ntweriet raġuni xierqa għal trattament kunfidenzjali u s-sommarji mhux kunfidenzjali pprovduti kienu f'dettall suffiċjenti sabiex jippermettu fehim raġonevoli tas-sustanza tal-informazzjoni sottomessa b'mod kunfidenzjali f'konformità mal-Artikolu 19(2) tar-Regolament bażiku. Waħda mit-talbiet kienet relatata mal-kummenti ta' parti interessata oħra wara d-divulgazzjoni li saret disponibbli fil-fajl mhux kunfidenzjali fi żmien tlett ijiem. Għalhekk, dawn l-allegazzjonijiet ġew miċħudin.

1.7. **Allegazzjonijiet dwar il-ġestjoni tal-fajl mhux kunfidenzjali**

(24) Wara d-divulgazzjoni finali, is-CCCME u l-EFDA tennew it-tħassib tagħhom dwar il-ġestjoni tal-fajl mhux kunfidenzjali li jallega li (i) ċerta korrispondenza mal-ilmentatur kienet nieqsa mill-fajl mhux kunfidenzjali, li (ii) korrispondenza oħra tħassret u (iii) li ċerti dokumenti ttellgħu biss fi stadju tard ħafna.

(25) Il-Kummissjoni tinnota li dawn l-allegazzjonijiet kienu diġà soġġetti għal kjarifika mill-Kummissjoni f'komunikazzjonijiet bilaterali ma' dawn il-partijiet u matul seduta ta' smigħ mal-Uffiċjal tas-Seduta fid-29 ta' Novembru 2021 mitluba mill-EFDA. Barra minn hekk, id-dikjarazzjoni li ċerta korrispondenza mal-ilmentatur kienet nieqsa fil-fajl hija indirizzata wkoll fil-premessa (47) u d-dikjarazzjoni rigward l-allegata informazzjoni tardiva lill-partijiet interessati fir-rigward tar-reviżjoni tal-kampjun tal-produtturi tal-Unjoni fil-premessa (44). Għalhekk, dawn id-dikjarazzjonijiet ġew miċħudin.

([5]) Il-para. 579.

1.8. **Kampjunar**

1.8.1. *Il-kampjunar tal-produtturi tal-Unjoni*

(26) Fin-Notifika ta' Bidu tagħha, il-Kummissjoni ddikjarat li hija kienet għażlet kampjun proviżorju tal-produtturi tal-Unjoni. Il-Kummissjoni għażlet il-kampjun fuq il-bażi tal-volumi tal-produzzjoni u tal-bejgħ fl-Unjoni rrapportati mill-produtturi tal-Unjoni fil-formola permanenti, filwaqt li qieset ukoll il-pożizzjoni ġeografika tagħhom u rappreżentazzjoni tal-SMEs. Dan il-kampjun kien jikkonsisti minn sitt produtturi tal-Unjoni, li jinsabu f'erba' Stati Membri differenti. Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati jikkummentaw dwar il-kampjun proviżorju.

(27) Wieħed mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun proviżorju (SME) informa lill-Kummissjoni li mhux setax jipprovdi kwestjonarju komplut. Għalhekk, il-Kummissjoni ddeċidiet li tirrevedi l-kampjun tal-produtturi tal-Unjoni billi tissostitwixxi lil din il-kumpanija mal-akbar SME li jmiss fl-istess Stat Membru.

(28) L-EFDA qalet li ma setgħetx tipprovdi kummenti sinifikanti dwar il-kampjun magħżul, peress li ma ngħatatx biżżejjed żmien u minħabba l-anonimat mogħti lill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun. Is-CCCME qalet li l-anonimat tal-produtturi tal-Unjoni waqqafhom milli jkunu jafu t-taħlita tal-prodott prodotta mill-kumpaniji magħżulin u li jivverifikaw l-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku ta' dawk il-kumpaniji. L-EFDA u s-CCCME argumentaw li filwaqt li l-anonimat ntalab u ngħata lill-ilmentaturi u lis-sostenituri tal-ilment, tali trattament ma setax jiġi estiż awtomatikament għall-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun. Huma argumentaw li l-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun kienu sempliċiment partijiet li kkooperaw u, għalhekk, mhux neċessarjament ilmentaturi jew sostenituri. Għalhekk, ma kien hemm l-ebda raġuni għaliex il-Kummissjoni kellha tittratta l-identità tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun bħala kunfidenzjali. Billi ma waslet l-ebda talba separata għall-anonimat mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun, il-Kummissjoni tat dan it-trattament indebitament lill-produtturi tal-Unjoni magħżulin.

(29) L-EFDA u s-CCCME argumentaw ukoll li, fi kwalunkwe każ, ma kien hemm l-ebda raġuni tajba għal tali trattament peress li dan kien jimpedixxi lill-partijiet interessati milli jipprovdu kummenti sinifikattivi dwar il-kampjun magħżul u rraġunaw li f'konformità mal-Artikolu 19 tar-Regolament bażiku, il-protezzjoni tal-informazzjoni kunfidenzjali trid titqies fid-dawl tad-drittijiet tad-difiża tal-partijiet interessati.

(30) Il-British and Irish Association of Fastener Distributors ("BIFAD"), f'isem il-membri Irlandiżi tagħha, qalet b'mod simili li ma ngħatatx biżżejjed żmien sabiex tipprovdi kummenti dwar il-kampjun proviżorju u li l-anonimat mogħti lill-kumpaniji magħżulin ma jippermettilhiex tivvaluta jekk il-kampjun intgħażilx b'mod raġonevoli u bbilanċjat. Talbet li tingħata aktar informazzjoni dwar il-produzzjoni, il-kapaċitajiet, il-firxa ta' prodotti u s-swieq moqdijin ta' kull kumpanija.

(31) Rigward il-perjodu ta' żmien mogħti għall-kummenti dwar il-kampjun proviżorju, il-partijiet interessati ngħataw sebat ijiem mill-bidu tal-investigazzjoni li ġew estiżi b'sebat ijiem oħrajn fid-dawl taċ-ċirkostanzi speċjali ta' dan il-każ, li tqies li kien biżżejjed ukoll meta wieħed iqis l-iskadenzi stretti applikabbli għall-investigazzjonijiet anti-dumping. Il-Kummissjoni tinnota li l-partijiet interessati kollha li kkooperaw b'mod attiv fl-investigazzjoni pprovdew kummenti f'dan il-perjodu ta' żmien. Għalhekk, l-allegazzjoni li l-partijiet ma kellhomx biżżejjed żmien sabiex jikkummentaw dwar il-kampjun proviżorju ġiet miċħuda.

(32) Rigward l-anonimat tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun, fit-18 ta' Diċembru 2020, tressqet talba sabiex it-trattament anonimu mogħti lill-ilmentatur u lis-sostenituri fl-istadju ta' qabel il-bidu jenħtieġ li jiġi estiż għall-investigazzjoni. Billi l-kampjunar huwa parti mill-investigazzjoni, it-trattament kunfidenzjali kopra wkoll l-eżerċizzju ta' kampjunar. Barra minn hekk, fit-8 ta' Jannar 2021, il-produtturi tal-Unjoni magħżulin fil-kampjun talbu l-anonimat speċifikament matul l-investigazzjoni.

(33) Billi tat l-anonimat lill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun, il-Kummissjoni bbilanċjat kif xieraq ir-riskju ta' ritaljazzjoni, minn naħa waħda, u d-drittijiet tal-partijiet interessati, min-naħa l-oħra, u kkonkludiet li kien hemm riskju kbir ħafna ta' ritaljazzjoni li kien jiġġustifika l-għoti ta' kunfidenzjalità lill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun fir-rigward tal-identità tagħhom. Għalhekk, l-argumenti f'dan ir-rigward ġew miċħudin.

(34) Fir-rigward tat-talba sabiex tiġi pprovduta aktar informazzjoni dwar il-produzzjoni, il-kapaċitajiet u l-firxiet ta' prodotti mmanifatturati, il-Kummissjoni qieset li d-divulgazzjoni ta' tali informazzjoni għal kull kumpanija tkun tippermetti lill-partijiet interessati jidentifikaw lill-produtturi tal-Unjoni kkonċernati. Madankollu, huwa nnotat li, fid-dawl tat-tqabbil għoli bejn il-prezzijiet tal-Unjoni u l-prezzijiet tal-esportazzjoni, il-biċċa l-kbira tat-tipi tal-prodott immanifatturati mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun ġew iddivulgati lill-produtturi esportaturi fil-kampjun permezz tal-kalkoli dettaljati tat-twaqqigħ tal-prezz u tal-bejgħ taħt il-prezz. Huwa nnotat ukoll li l-metodoloġija sabiex jintgħażel il-kampjun ġiet iddivulgata kif xieraq lill-partijiet interessati u ma wasal l-ebda kumment dwar il-metodoloġija bħala tali. Għalhekk, din it-talba ġiet miċħuda.

(35) Matul l-investigazzjoni, wieħed mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun informa lill-Kummissjoni li ma kienx se jkun jista' jwieġeb għall-kwestjonarju sħiħ tal-Kummissjoni. Produttur ieħor tal-Unjoni fil-kampjun ma kienx f'pożizzjoni li jipprovdi assigurazzjoni suffiċjenti dwar id-*data* pprovduta għall-verifika. Għalhekk, dawn il-produtturi tal-Unjoni ġew eskluży mill-kampjun.

(36) Sabiex tiżgura li l-kampjun jibqa' rappreżentattiv f'termini tal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 17, il-Kummissjoni ddeċidiet li tirrevedi l-kampjun tal-produtturi tal-Unjoni billi tissostitwixxi l-kumpaniji msemmijin hawn fuq bl-akbar żewġ produtturi li jmiss f'termini ta' volumi u ta' bejgħ, filwaqt li tqis ukoll il-firxa ġeografika u t-taħlita wiesgħa tat-tip ta' prodott. Kif iddikjarat fin-nota mal-fajl tal-15 ta' Lulju 2021, il-Kummissjoni qagħdet fuq l-informazzjoni pprovduta mill-produtturi tal-Unjoni matul il-faži wieqfa, li tintuża wkoll għal skopijiet ta' kampjunar. Barra minn hekk, il-Kummissjoni fittxet informazzjoni disponibbli pubblikament u vverifikat is-siti web tal-kumpaniji kkonċernati. Il-Kummissjoni kkuntattjat lill-kumpaniji u stednithom jikkooperaw billi jimlew kwestjonarju. Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità li jikkummentaw.

(37) Il-Kummissjoni rċeviet kummenti mis-CCCME, mill-EFDA u minn produttur esportatur wieħed, Celo Suzhou Precision Fasteners Ltd ("Celo Suzhou").

(38) Is-CCCME u l-EFDA allegaw li ma ngħatax biżżejjed żmien lill-partijiet interessati sabiex jipprovdu kummenti dwar il-kampjun emendat. Il-Kummissjoni nnotat li la s-CCCME u lanqas l-EFDA ma talbu estensjoni tal-iskadenza u li t-tnejn li huma ppreżentaw kummenti dettaljati dwar il-kampjun emendat tal-produtturi tal-Unjoni; għalhekk, l-allegazzjoni tagħhom ma ntlaqgħetx.

(39) Iż-żewġ partijiet tennew ma kellux jingħata l-anonimat lill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun, iżda, minkejja dan ma pprovdewx argumenti ulterjuri. Għalhekk, għar-raġunijiet stabbiliti fil-premessa (32), dawn l-allegazzjonijiet ġew miċħudin.

(40) Barra minn hekk, is-CCCME argumentat li partijiet interessati oħrajn ġew ittrattati b'mod diskriminatorju peress li ġew imposti fuqhom skadenzi stretti, filwaqt li l-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun ġodda kienu ngħataw skadenza sabiex iwieġbu għall-kwestjonarju li tintemm kważi 6 xhur wara l-iskadenza mogħtija lill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun oriġinali. Barra minn hekk, meta jitqies li l-Kummissjoni kellha biżżejjed żmien sabiex tanalizza l-kwestjonarji li rċeviet sa din l-iskadenza estiża, ma kellha l-ebda raġuni sabiex timponi skadenza ħafna iqsar għall-partijiet interessati sabiex jikkummentaw dwar il-kampjun il-ġdid.

(41) Il-Kummissjoni nnotat li l-produtturi tal-Unjoni, l-importaturi u l-produtturi esportaturi kollha fil-kampjun ġew ittrattati b'mod ugwali u ngħataw 30 jum flimkien ma' estensjonijiet ġustifikati, jekk applikabbli sabiex iwieġbu l-kwestjonarji minn meta ġew mgħarrfin li kienu ġew inklużi fil-kampjun. Għalhekk, l-allegazzjoni tas-CCCME li xi produtturi tal-Unjoni fil-kampjun kien ikollhom aktar minn 6 xhur sabiex iwieġbu għall-kwestjonarju hija qarrieqa. Il-Kummissjoni tinnota wkoll li kampjun jiġi ffinalizzat biss wara apprezzament tal-kummenti riċevuti mill-partijiet interessati u, għalhekk, l-iskadenza għall-kummenti dwar il-kampjun hija stabbilita mill-Kummissjoni skont dan, filwaqt li jitqiesu l-iskadenzi ġenerali tal-investigazzjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet l-allegazzjoni ta' trattament diskriminatorju.

(42) Is-CCCME u l-EFDA allegaw ukoll li l-Kummissjoni ma kinitx informat lill-partijiet interessati dwar l-irtirar tal-kooperazzjoni mill-produtturi tal-Unjoni kkonċernati fil-ħin u li missha nnotifikat ukoll lill-partijiet interessati bl-emenda tal-kampjun tal-produtturi tal-Unjoni fi stadju aktar bikri. Is-CCCME rreferiet għall-Artikolu 6(7) tar-Regolament bażiku, li jistipula li l-partijiet interessati jistgħu "jispezzjonaw l-informazzjoni kollha magħmula disponibbli minn kwalunkwe parti għal investigazzjoni". L-EFDA qalet li l-Kummissjoni ħadet deċiżjoni finali dwar

il-kampjun tal-produtturi tal-Unjoni mingħajr ma qieset b'mod adegwat il-kummenti tal-partijiet interessati li jkun evidenzjati mill-fatt li l-produtturi tal-Unjoni magħżulin addizzjonalment kienu diġà ntbagħtulhom kwestjonarji qabel ma waslu t-tali kummenti.

(43) Barra minn hekk, is-CCCME u l-EFDA ssuġġerew li, minflok ma jiġi emendat il-kampjun tal-produtturi tal-Unjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tibbaża s-sejbiet fuq il-fatti disponibbli f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku u ttemm l-investigazzjoni. Is-CCCME nnotat li f'każ li l-produtturi esportaturi ma jibqgħux jikkooperaw matul investigazzjoni, jiġu applikati l-fatti disponibbli f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku u li, għalhekk, jenħtieġ li jingħata l-istess trattament lill-produtturi tal-Unjoni. Alternattivament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tipprovdi aktar informazzjoni dwar il-metodoloġija tal-għażla tal-kumpaniji addizzjonali għall-kampjun tal-produtturi tal-Unjoni u b'mod partikolari dwar kif dawk il-kumpaniji ġew identifikati, kif ukoll dwar l-impatt fuq ir-rappreżentattività tal-kampjun finali. F'dan ir-rigward, iż-żewġ partijiet allegaw ukoll li l-Kummissjoni għażlet il-kumpaniji addizzjonali biss fuq il-bażi tal-informazzjoni pprovduta mill-ilmentatur mingħajr ma rċeviet xi input minn partijiet interessati oħrajn.

(44) Rigward id-dikjarazzjoni ta' divulgazzjoni insuffiċjenti, il-Kummissjoni tinnota li żiedet l-informazzjoni rilevanti kollha fil-fajl fi żmien suffiċjenti sabiex il-partijiet interessati setgħu jikkummentaw. Il-Kummissjoni qieset il-kummenti kollha li rċeviet u indirizzathom b'mod adegwat. Id-dikjarazzjoni li kumpaniji addizzjonali ntgħażlu biss fuq il-bażi tal-informazzjoni pprovduta mill-ilmentatur hija fattwalment żbaljata kif deskritt ukoll fil-premessa (36).

(45) Fuq talba tagħhom, il-Kummissjoni pprovdiet informazzjoni addizzjonali lill-EFDA u lis-CCCME rigward il-kampjun rivedut inkluż l-impatt fuq ir-rappreżentattività tal-kampjun. Is-CCCME tenniet it-talba tagħha għad-divulgazzjoni ta' informazzjoni addizzjonali rigward is-sehem preċiż tal-produzzjoni u tal-bejgħ ta' elementi tal-irbit standard u mhux standard tal-produtturi tal-Unjoni magħżulin fil-kampjun u kjarifika dwar il-kriterji u l-metodoloġija użati għall-għażla tal-produtturi addizzjonali tal-Unjoni. Is-CCCME talbet ukoll id-divulgazzjoni tal-komunikazzjoni bejn l-ilmentatur u l-Kummissjoni dwar l-għażla tal-produtturi addizzjonali tal-Unjoni.

(46) Fir-rigward tal-pretensjoni sabiex tintemm l-investigazzjoni minħabba nuqqas ta' kooperazzjoni, il-Kummissjoni tenfasizza li l-Artikolu 17(4) tar-Regolament bażiku speċifikament jippermetti li f'każ ta' nuqqas ta' kooperazzjoni minn xi partijiet jew mill-partijiet kollha magħżulin f'kampjun li x'aktarx jaffettwa materjalment l-eżitu tal-investigazzjoni, jista' jintgħażel kampjun ġdid. Fir-rigward tal-pretensjoni ta' diskriminazzjoni fil-konfront tal-produtturi esportaturi, il-Kummissjoni tinnota li f'każ li produttur esportatur fil-kampjun ma jibqax jikkoopera f'investigazzjoni, dan l-esportatur jiġi eskluż mill-kampjun u l-informazzjoni pprovduta tiġi injorata. Meta jkun għadu possibbli, il-Kummissjoni tissostitwixxi wkoll tali produttur esportatur fil-kampjun. Dan l-istess approċċ ġie segwit ukoll fir-rigward tal-produtturi tal-Unjoni inkwistjoni. Għalhekk, kulma ntqal f'dan ir-rigward ġie miċħud.

(47) Rigward it-talba għal aktar informazzjoni, il-Kummissjoni tirreferi għall-premessa (36) li tistabbilixxi l-kriterji użati għall-għażla tal-produtturi addizzjonali tal-Unjoni kif ukoll il-metodoloġija applikata. Is-sehem preċiż tal-produzzjoni u tal-bejgħ tal-elementi tal-irbit standard u mhux standard tal-produtturi tal-Unjoni bħala tali ma kienx kriterju għall-għażla tal-kampjun, u l-produzzjoni tal-elementi tal-irbit standard lanqas ma kienet l-uniku kriterju għall-għażla fil-kampjun. Kif stabbilit fil-premessa (110), it-tipi kollha tal-prodott tqiesu bħala prodott uniku. L-industrija tal-Unjoni pproduċiet u biegħet elementi tal-irbit standard u mhux standard, kif ukoll il-produtturi esportaturi esportaw għall-industrija tal-Unjoni elementi tal-irbit standard u mhux standard u kien hemm trikkib fl-applikazzjonijiet tal-użu aħħari. Barra minn hekk, meta jintgħażlu l-kumpaniji li għandhom jiġu inklużi fil-kampjun, din l-informazzjoni ma tkunx disponibbli. Il-komunikazzjoni bejn l-ilmentatur u l-Kummissjoni ġiet iddivulgata f'konformità mal-Artikolu 6(7) tar-Regolament bażiku, filwaqt li ġie rrispettat l-Artikolu 19(1), li jipprevedi li l-informazzjoni pprovduta b'mod kunfidenzjali jenħtieġ li tiġi ttrattata bħala tali mill-awtoritajiet. F'konformità mal-Artikolu 19 tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni għamlet disponibbli għall-partijiet interessati sommarju mhux kunfidenzjali tal-informazzjoni pprovduta b'mod kunfidenzjali. Għalhekk, it-talbiet ġew miċħudin.

(48) Celo Suzhou qalet li l-kampjun tal-produtturi esportaturi missu qies it-tipi tal-prodott esportati sabiex il-prezzijiet tal-esportazzjoni jkunu komparabbli mal-prezzijiet tal-bejgħ tal-produtturi magħżulin fil-kampjun tal-industrija tal-Unjoni. Kif innotat fil-premessa (36), il-Kummissjoni għażlet kampjun li żgura taħlita wiesgħa tal-prodott. Minħabba l-livell għoli ta' tqabbil li nstab f'dan il-każ (aktar minn 90 %), il-Kummissjoni kkonkludiet li l-kampjun tal-produtturi tal-Unjoni kien jinkludi t-tipi tal-prodott l-aktar esportati lejn l-Unjoni. Għalhekk, il-pretensjoni ġiet miċħuda.

(49) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, il-kampjun finali li kien jikkonsisti f'sitt produtturi tal-Unjoni tqies li kien rappreżentattiv tal-industrija tal-Unjoni.

(50) Wara d-divulgazzjoni finali, l-EFDA tenniet li ma setgħetx tipprovdi kummenti sinifikattivi dwar il-kampjun tal-produtturi tal-Unjoni minħabba li l-identità tal-produtturi tal-Unjoni nżammet kunfidenzjali. Tenniet ukoll li l-Kummissjoni naqset milli tinforma lill-partijiet interessati dwar l-emenda tal-kampjun matul l-investigazzjoni u li l-Kummissjoni kienet iddeċidiet dwar il-kumpaniji addizzjonali li kellhom jiġu inklużi fil-kampjun sa minn qabel ma għarrfet lill-partijiet interessati u ma tathom l-opportunità li jikkummentaw. L-EFDA u s-CCCME tennew li l-informazzjoni kienet nieqsa mill-fajl mhux kunfidenzjali u li l-Kummissjoni ma ddivulgatx il-volum totali tal-produzzjoni u tal-bejgħ tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun. Is-CCCME tenniet it-tħassib tagħha dwar ir-reviżjoni tal-kampjun u allegat li ma kien ikun hemm l-ebda spjegazzjoni għaliex tnejn mill-produtturi tal-Unjoni ħarġu mill-kampjun.

(51) Rigward l-affermazzjoni dwar l-anonimat tal-produtturi tal-Unjoni, din diġà ġiet indirizzata fil-premessi (16) sa (21). Bl-istess mod, l-affermazzjoni dwar id-divulgazzjoni insuffiċjenti fir-rigward tal-għażla tal-kampjun diġà kienet ġiet indirizzata fil-premessa (44) u hekk ukoll l-affermazzjoni dwar il-kompletezza tal-fajl mhux kunfidenzjali li ġiet indirizzata fil-premessa (47). Il-Kummissjoni ddivulgat ukoll ir-raġunijiet għar-reviżjoni tal-kampjun fil-premessa (35), u barra minn hekk din l-informazzjoni kienet ukoll fil-fajl mhux kunfidenzjali qabel id-divulgazzjoni. Billi ma ġie pprovdut l-ebda argument ieħor f'dan ir-rigward, dawn l-allegazzjonijiet ġew miċħudin. Rigward il-volum totali tal-produzzjoni u tal-bejgħ tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun, dan ma kienx parti mill-analiżi minħabba li huwa indikatur makroekonomiku u, għalhekk, ma kien hemm l-ebda raġuni sabiex tiġi pprovduta informazzjoni bħal din lill-partijiet interessati. B'mod partikolari, fil-premessa (352) il-Kummissjoni indikat kemm il-kumpaniji fil-kampjun kienu jirrappreżentaw mill-produzzjoni totali tal-Unjoni u l-partijiet interessati setgħu fi kwalunkwe każ jiddeduċu għall-volum tal-produzzjoni totali tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun.

(52) L-EFDA qalet ukoll li l-Kummissjoni pprovdiet informazzjoni kontradittorja dwar in-numru ta' produtturi tal-Unjoni fil-kampjun u r-rappreżentattività tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun. L-EFDA tenniet ukoll it-tħassib tagħha dwar il-proċedura tal-għażla tal-kampjun u l-informazzjoni pprovduta lill-partijiet interessati f'dan ir-rigward.

(53) Rigward in-numru ta' kumpaniji fil-kampjun, id-dokument ta' divulgazzjoni ġenerali tabilħaqq kien fih żball klerikali f'żewġ paragrafi li indika li fil-kampjun ġew inklużi erba' produtturi tal-Unjoni, minflok sitta. Dan l-iżball ġie rrettifikat immedjatament malli l-Kummissjoni ġiet avżata b'dan. In-numru korrett tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun ġie kkomunikat lill-partijiet interessati matul l-investigazzjoni f'nota mqiegħda fil-fajl mhux kunfidenzjali. Fir-rigward tar-rappreżentattività tal-kampjun, il-Kummissjoni kkonfermat li ċ-ċifri kollha pprovduti mill-Kummissjoni kienu korretti u, għalhekk, il-pretensjoni tal-EFDA hija bla bażi. Filwaqt li ċ-ċifra fid-dokument ta' divulgazzjoni ġenerali (9,5 %) kienet tindika r-rappreżentattività fir-rigward tal-produzzjoni totali tal-Unjoni, iċ-ċifra pprovduta lill-EFDA fuq talba matul l-investigazzjoni (18 %) kienet tindika r-rappreżentattività fir-rigward tal-volum tal-produzzjoni totali tal-produtturi tal-Unjoni li ppreżentaw irwieħhom qabel il-bidu u pprovdew l-informazzjoni neċessarju għall-eżerċizzju ta' kampjunar. Din iċ-ċifra ġiet ikkomunikata lill-EFDA fuq talba diversi xhur qabel id-divulgazzjoni u, għalhekk, qabel id-determinazzjoni tal-volum tal-produzzjoni totali fl-Unjoni.

(54) B'referenza għall-proċedura segwita, il-Kummissjoni tfakkar li kif stabbilit fil-premessa (46), f'konformità mal-Artikolu 17(4) tar-Regolament bażiku, hija kellha temenda l-kampjun tal-produtturi tal-Unjoni minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni taż-żewġ kumpaniji inizjalment inklużi fil-kampjun. Rigward il-konsultazzjoni mal-partijiet interessati u l-aspetti ta' divulgazzjoni matul dan il-proċess, dan diġà ġie spjegat fid-dettall fil-premessi (28) sa (47) aktar 'il fuq. L-emenda tal-kampjun preliminari magħżul fil-bidu kienet ibbażata fuq il-kummenti li waslu mingħand il-partijiet interessati bħala parti mill-proċess ta' kampjunar deskritt fin-Notifika ta' bidu.

(55) Is-CCCME u l-EFDA finalment qalu li d-dokument ta' divulgazzjoni ġenerali kien fih informazzjoni kontradittorja dwar il-metodoloġija għar-reviżjoni tal-kampjun tal-produtturi tal-Unjoni u li l-informazzjoni fid-dokument ta' divulgazzjoni ġenerali, kienet tikkontradixxi wkoll il-komunikazzjoni mibgħuta mill-Kummissjoni lill-produtturi tal-Unjoni magħżulin ġodda. B'mod partikolari, is-CCCME allegat li s-sehem tal-produzzjoni u l-volum tal-bejgħ tal-elementi tal-irbit standard u mhux standard kien kriterju ewlieni sabiex jintgħażel il-kampjun tal-produtturi tal-Unjoni, kif allegatament muri mill-komunikazzjoni msemmija qabel lill-produtturi tal-Unjoni magħżulin ġodda. Dawn l-allegazzjonijiet kienu fattwalment żbaljati. Il-Kummissjoni ma indikatx lil xi waħda mill-partijiet interessati, inklużi l-produtturi tal-Unjoni magħżulin ġodda, li s-sehem tal-produzzjoni u l-volum tal-bejgħ tal-elementi tal-irbit standard u mhux standard ikun kriterju ewlieni għall-għażla tal-kampjun. Il-Kummissjoni tinnota li din id-*data*

normalment ma tkunx disponibbli f'dak il-livell ta' dettall fl-istadju tal-kampjunar. L-istess jgħodd għal din l-investigazzjoni. Dan ma jeskludix li madankollu kien possibbli għall-Kummissjoni, fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli, li tiddetermina fuq bażi globali, jekk produttur tal-Unjoni kienx jipproduċi elementi tal-irbit standard jew mhux standard, kif spjegat fil-premessa (36). Għalhekk, dawn l-allegazzjonijiet ġew miċħudin.

(56) Fuq bażi aktar ġenerali, l-EFDA elementi tal-irbit li l-kampjun tal-produtturi tal-Unjoni ma kienx rappreżentattiv peress li wieħed miż-żewġ produtturi tal-elementi tal-irbit standard magħżulin fil-kampjun kien SME u, għalhekk, id-*data* tat-tieni wieħed biss ikollha impatt imdaqqas. Din id-dikjarazzjoni ma kinitx sostanzjata aktar. Il-Kummissjoni tinnota li tliet kumpaniji magħżulin fil-kampjun kienu SMEs filwaqt li t-tlieta l-oħrajn ma kinux. Il-Kummissjoni nnotat ukoll li l-kampjun żgura taħlita tal-prodott rappreżentattiva kif stabbilit fil-premessa (36) u tqies b'mod ġenerali rappreżentattiv għall-industrija tal-Unjoni. Għalhekk, din l-allegazzjoni ġiet miċħuda.

1.8.2. *Kampjunar tal-importaturi*

(57) Sabiex tiddeċiedi jekk il-kampjunar kienx neċessarju u, jekk iva, sabiex tagħżel kampjun, il-Kummissjoni talbet lil importaturi mhux relatati jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fin-Notifika ta' Bidu.

(58) Tmienja u għoxrin importatur mhux relatati ppreżentaw l-informazzjoni mitluba u qablu li jiġu inklużi fil-kampjun. F'konformità mal-Artikolu 17(1) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni għażlet kampjun ta' ħames importaturi fuq il-bażi tal-akbar volum ta' importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat. F'konformità mal-Artikolu 17(2) tar-Regolament bażiku, il-partijiet interessati ġew ikkonsultati dwar l-għażla tal-kampjun.

(59) L-EIFI qal li tnejn mill-importaturi mhux relatati magħżulin, li jappartjenu għall-istess grupp, ikunu relatati ma' produttur tal-molol fiċ-Ċina u kienu wkoll qed jilliċenzjaw, permezz ta' kumpanija relatata fl-Unjoni, il-produzzjoni ta' ċerti elementi tal-irbit fiċ-Ċina. Għalhekk, ma setgħux jitqiesu bħala importaturi mhux relatati. L-EIFI qal ukoll li dawn il-kumpaniji kienu wkoll relatati ma' produtturi tal-Unjoni tal-elementi tal-irbit. Fl-aħħar nett, l-EIFI nnota li peress li dawn iż-żewġ importaturi kienu relatati, fi kwalunkwe każ wieħed minnhom biss jenħtieġ li jibqa' fil-kampjun, u l-ieħor kellu jiġi ssostitwit minn importatur ieħor li jikkoopera fl-Unjoni. Bi tweġiba għas-sottomissjoni tal-EIFI, l-EFDA qalet li jkun rilevanti biss jekk importatur ikunx relatat ma' produttur li jkun qed jesporta wkoll lejn l-Unjoni sabiex jiġi eskluż mill-kampjun. L-EFDA argumentat li minħabba n-numru ta' tipi tal-prodott importati mill-importaturi inkwistjoni u d-diversi segmenti forniti fl-Unjoni, dawn kellhom jibqgħu fil-kampjun.

(60) L-importaturi inkwistjoni ċaħdu li kellhom xi kuntatti kummerċjali mal-produttur Ċiniż inkwistjoni, jew li importaw il-prodott ikkonċernat minn din il-kumpanija, jew li kienu relatati ma' kwalunkwe produttur esportatur ieħor tal-elementi tal-irbit fiċ-Ċina. L-investigazzjoni ma kkonfermatx id-dikjarazzjonijiet magħmula mill-EIFI u l-informazzjoni li l-EIFI ssottometta b'appoġġ ta' din l-affermazzjoni lanqas ma wriet li l-importaturi inkwistjoni kienu tabilħaqq relatati ma' xi wieħed mill-produtturi esportaturi. Barra minn hekk, il-fatt li l-importaturi kienu relatati ma' xulxin ma kienx ikkunsidrat bħala argument validu sabiex jiġu eskluż mill-kampjun. Il-kampjun kien jinkludi tliet importaturi mhux relatati oħrajn magħżulin fuq il-bażi tal-akbar volum ta' importazzjoni u firxa fi Stati Membri differenti. Il-kampjun kien jirrappreżenta 9 % tal-importazzjonijiet totali ta' elementi tal-irbit miċ-Ċina u, għalhekk, tqies li kien rappreżentattiv biżżejjed. Għalhekk, l-allegazzjonijiet tal-EIFI f'dan ir-rigward ġew miċħudin.

1.8.3. *Kampjunar tal-produtturi esportaturi*

(61) Sabiex tiddeċiedi jekk il-kampjunar kienx neċessarju u, jekk iva, sabiex tagħżel kampjun, il-Kummissjoni talbet lill-produtturi esportaturi magħrufa kollha fiċ-Ċina sabiex jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fin-Notifika ta' Bidu. Barra minn hekk, il-Kummissjoni talbet lill-Missjoni tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għall-Unjoni Ewropea tidentifika u/jew tikkuntattja lil produtturi esportaturi oħrajn, jekk ikun hemm, li jistgħu jkunu interessati li jipparteċipaw fl-investigazzjoni.

(62) Tnejn u disgħin produttur esportatur jew grupp ta' produtturi esportaturi miċ-Ċina pprovdew l-informazzjoni mitluba u qablu li jiġu inklużi fil-kampjun. Tliet produtturi esportaturi argumentaw li, peress li kienu jipproduċu tip ta' prodott speċifiku li ma jkunx komparabbli ma' tipi oħrajn ta' prodotti esportati miċ-Ċina, jenħtieġ li jiġu inklużi fil-kampjun għal rappreżentattività aħjar.

(63) F'konformità mal-Artikolu 17(1) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni għażlet tliet produtturi esportaturi/gruppi ta' produtturi esportaturi, li jirrappreżentaw l-akbar volum ta' esportazzjonijiet, li jista' jiġi investigat b'mod raġonevoli fiż-żmien disponibbli. Peress li l-produtturi esportaturi li talbu li jiġu inklużi fil-kampjun minħabba t-tip ta' prodott speċifiku ma kinux fost dawk bl-ogħla volumi ta' esportazzjonijiet, ma ntgħażlux fil-kampjun propost. F'konformità mal-Artikolu 17(2) tar-Regolament bażiku, il-produtturi esportaturi kollha magħrufin ikkonċernati u l-awtoritajiet tal-pajjiż ikkonċernat ġew informati u mistiedna jikkummentaw.

(64) Grupp wieħed ta' produtturi esportaturi mhux inklużi fil-kampjun talab li jiġi inkluż bl-argument li (i) kien wieħed mill-akbar esportaturi tal-elementi tal-irbit; (ii) l-inklużjoni tagħhom tkun tipprovdi stampa aktar akkurata tal-industrija taċ-Ċina tal-elementi tal-irbit u, (iii) għalhekk, tkun tagħti wkoll stampa aktar preċiża dwar kif ġew iddeterminati l-prezzijiet finali għall-Unjoni. Fuq din il-bażi, il-grupp ta' produtturi esportaturi argumenta li l-prezzijiet tal-importazzjoni bbażati fuq il-kampjun ma jkunux rappreżentattivi u, għalhekk, il-valur CIF fil-fruntiera tal-UE sabiex jiġi kkalkolat marġni preċiż ta' twaqqigħ tal-prezz u ta' bejgħ taħt il-prezz ibbażat fuq dawn il-prezzijiet ma jkunx akkurat. Fl-aħħar nett, il-kumpanija rreferiet għan-numru ogħla ta' produtturi tal-Unjoni magħżulin fil-kampjun tal-produtturi tal-Unjoni. Fl-aħħar nett, dan il-grupp ta' produtturi esportaturi afferma li ż-żieda ta' kumpanija oħra mal-kampjun ma twaqqafx lill-Kummissjoni milli tlesti l-investigazzjoni fi ħdan it-termini statutorji.

(65) L-ewwel nett, fuq il-bażi tal-volum tal-esportazzjoni rrapportat mill-kumpanija, l-inklużjoni tal-grupp ta' produtturi esportaturi kkonċernat ma tkunx iżżid b'mod sinifikanti r-rappreżentattività tal-kampjun. It-tieni, fir-rigward tal-allegazzjonijiet relatati mal-organizzazzjoni tal-industrija domestika Ċiniża, l-iffissar tal-prezzijiet tal-esportazzjoni lejn l-Unjoni u d-determinazzjoni tal-valur CIF fil-fruntiera tal-UE, il-kumpanija ma pprovdiet l-ebda evidenza li l-inklużjoni tagħha żżid b'mod sinifikanti r-rappreżentattività tal-kampjun. Fl-istess ħin, minħabba l-istruttura tal-kumpanija tagħha, l-inklużjoni tagħha kienet iżżid piż addizzjonali sinifikanti għall-investigazzjoni. It-tielet, peress li l-kampjun magħżul tqies rappreżentattiv, seta' jiġi stabbilit valur CIF affidabbli fil-fruntiera tal-UE, kif ukoll kalkoli akkurati tat-twaqqigħ tal-prezz u tal-bejgħ taħt il-prezz. Fl-aħħar nett, in-numru speċifiku ta' kumpaniji magħżulin fil-kampjun tal-produtturi tal-Unjoni huwa irrilevanti għall-għażla tal-kampjun ta' produtturi esportaturi. Il-Kummissjoni mhijiex obbligata tagħżel l-istess numru ta' kumpaniji fuq iż-żewġ naħat u l-eżerċizzju ta' kampjunar huwa limitat preċiżament sabiex jippermetti lill-Kummissjoni tinvestiga numru raġonevoli ta' kumpaniji sal-iskadenzi sabiex tlesti l-investigazzjoni. Għalhekk, l-argumenti li saru minn dan il-grupp ma ntlaqgħux.

(66) Grupp ieħor ta' produtturi esportaturi argumenta li kellhom jiġu inklużi fil-kampjun, peress li l-grupp kollu jikkonsisti f'numru kbir ta' produtturi u ta' kummerċjanti fiċ-Ċina u fl-Unjoni, li għandhom kapaċitajiet konsiderevoli ta' manifattura u ta' provvista li jaffettwaw is-suq domestiku tiegħu u s-suq tal-Unjoni.

(67) Madankollu, iż-żieda ta' dan il-grupp ta' produtturi esportaturi mal-kampjun kienet iżżid piż addizzjonali sinifikanti għall-investigazzjoni, mingħajr ma tbiddel il-livell ta' rappreżentattività tal-kampjun propost b'mod sinifikanti. Barra minn hekk, kien hemm produtturi esportaturi oħrajn b'volumi ta' esportazzjoni akbar mill-grupp ta' kumpaniji inkwistjoni li pprovdew informazzjoni għall-kampjunar. Minħabba li l-kampjun intgħażel abbażi tal-volum ta' esportazzjoni lejn l-Unjoni kif imsemmi fil-premessa (63), l-inklużjoni fil-kampjun ta' dan il-grupp ta' produtturi għalhekk ma kinitx iġġustifikata. Għalhekk, l-argument li sar ma ntlaqax.

(68) It-tielet produttur esportatur qal li l-kumpaniji magħżulin fil-kampjun ilkoll kienu produtturi tal-boltijiet, u li għalhekk il-kampjun propost ma kienx rappreżentattiv tal-produtturi Ċiniżi tal-viti. Bħala produttur tal-viti, din il-kumpanija talbet li tiġi inkluża fil-kampjun. Qalet ukoll li s-sejbiet għandhom isiru separatament għaż-żewġ tipi tal-prodott, jiġifieri viti fuq naħa waħda u boltijiet fuq in-naħa l-oħra.

(69) Dan it-tħassib ġie rifless mis-CCCME, li argumentat li l-kampjun ma kienx rappreżentattiv f'termini ta' volum u f'termini ta' tipi tal-prodott koperti.

(70) Kif spjegat fil-premessa (63), il-kampjun intgħażel abbażi tal-akbar volum esportat lejn l-Unjoni, filwaqt li t-tipi tal-prodott speċifiċi prodotti mill-kumpaniji magħżulin ma kinux kriterju. Kif stabbilit fil-premessa (110), it-tipi kollha ta' elementi tal-irbit tqiesu bħala prodott uniku wieħed għall-fini ta' din l-investigazzjoni. Għalhekk, kif stabbilit fil-premessa (398), sejbiet separati għal tipi tal-prodott individwali ma kinux ġustifikati. Barra minn hekk, il-produttur esportatur ma pprovda l-ebda evidenza li tappoġġa l-affermazzjoni tiegħu li s-sejbiet jenħtieġ li jsiru separatament

għall-boltijiet minn naħa u għall-viti min-naħa l-oħra. Fl-aħħar nett, kien hemm produtturi esportaturi oħrajn li kkooperaw b'volumi ta' esportazzjoni akbar minn tal-produttur esportatur ikkonċernat li pprovdew informazzjoni għall-kampjunar u l-inklużjoni ta' dan tal-aħħar fil-kampjun, għalhekk, ma kinitx iġġustifikata. Għalhekk, l-argumenti ta' dan il-produttur esportatur ma ntlaqgħux.

(71) Fl-aħħar nett, l-EIFI qal li wieħed mill-produtturi esportaturi magħżulin missu tneħħa mill-kampjun, peress li huwa kummerċjant aktar milli manifattur tal-elementi tal-irbit u fi kwalunkwe każ is-suq ewlieni tiegħu kien l-Istati Uniti tal-Amerka ("l-Istati Uniti") u mhux l-Unjoni.

(72) It-tliet produtturi esportaturi kollha magħżulin fil-kampjun ikkonfermaw li l-volum tal-esportazzjonijiet lejn l-Unjoni, kif irrapportat u użat mill-Kummissjoni fl-għażla tal-kampjun, kien tal-produzzjoni tagħhom stess. Il-fatt li wieħed mill-produtturi esportaturi magħżulin kien qed jesporta l-elementi tal-irbit lejn l-Istati Uniti, anki jekk fi kwantitajiet akbar milli lejn l-Unjoni, huwa irrilevanti. Għalhekk, l-argumenti tal-EIFI ġew miċħudin.

(73) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonfermat il-kampjun propost oriġinarjament.

(74) Wara r-reviżjoni tal-kampjun tal-produtturi tal-Unjoni matul l-investigazzjoni, Celo Suzhou Precision Fasteners Co. Ltd. qalet li l-kampjun tal-produtturi esportaturi kellu jiġi estiż billi jiżdiedu l-produtturi esportaturi Ċiniżi ta' elementi tal-irbit mhux standard. Din il-kumpanija argumentat li r-reviżjoni tal-kampjun tal-produtturi tal-Unjoni kellha żżid ir-rappreżentattività tagħha f'termini tat-taħlita ta' prodotti u li tali kriterju ma tqiesx meta ntgħażel il-kampjun tal-produtturi esportaturi. Il-produttur esportatur inkwistjoni nnota wkoll li l-esportazzjonijiet tiegħu ta' elementi tal-irbit lejn l-Unjoni kienu jkunu rappreżentattivi għal firxa speċifika ta' prodotti u li kien diġà pprovda tweġiba sħiħa għall-kwestjonarju fil-kuntest tat-talba tiegħu għal eżami individwali li jenħtieġ li titqies mill-Kummissjoni. Tali azzjoni ma ddewwimx l-investigazzjoni b'mod sinifikanti.

(75) Kif spjegat fil-premessa (63), it-tliet produtturi esportaturi/il-grupp magħżul fil-kampjun kien jirrappreżenta l-akbar volum ta' esportazzjonijiet, li seta' jiġi investigat b'mod raġonevoli fi ħdan iż-żmien disponibbli. Il-fatt li l-kampjun tal-produtturi tal-Unjoni ġie rivedut ma kellu l-ebda impatt fuq il-kampjun tal-produtturi esportaturi li jkun jiġġustifika r-reviżjoni tiegħu. Għalhekk, din il-pretensjoni ġiet miċħuda.

(76) Wara d-divulgazzjoni finali, Celo Suzhou Precision Fasteners Co. Ltd. tenniet li l-kampjun tal-produtturi esportaturi ma kienx rappreżentattiv biżżejjed f'termini ta' tipi tal-prodott u talbet li l-Kummissjoni (i) missha qieset mhux biss il-volum tal-esportazzjonijiet, iżda wkoll il-firxiet ta' prodotti esportati; u (ii) li l-Kummissjoni kellha tinkludi lil Celo Suzhou Precision Fasteners Co. Ltd. fil-kampjun peress li tkun rappreżentattiva għal ċerta firxa ta' prodotti.

(77) Il-parti tenniet ukoll dak li qalet kif stabbilit fil-premessa (74) u affermat li l-approċċ tal-Kummissjoni għall-għażla tal-kampjun tal-produtturi tal-Unjoni, u l-ħtieġa li jkunu rrappreżentati fih it-tipi differenti ta' elementi tal-irbit, huwa f'kontradizzjoni diretta mal-argument tagħha li, fl-għażla tal-kampjun tal-produtturi esportaturi, it-tipi speċifiċi tal-prodott ma kinux kriterju.

(78) Dak li ntqal hawn fuq diġà ġie indirizzat fil-premessa (75). Tabilħaqq, il-kampjun tal-produtturi tal-Unjoni ntgħażel fuq il-bażi tal-akbar produtturi f'termini ta' volumi u ta' bejgħ, filwaqt li tqiesu wkoll il-firxa ġeografika (diversi Stati Membri) u t-taħlita wiesgħa tat-tipi tal-prodott. L-għażla tal-kampjun tal-produtturi esportaturi kienet ibbażata fuq l-akbar volumi li l-Kummissjoni setgħet tinvestiga. L-għażla tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun żgurat tqabbil wiesa' mat-tranżazzjonijiet tal-esportazzjoni tal-produtturi esportaturi fil-kampjun u, għalhekk, ma kienx hemm bżonn li jiġu eżaminati wkoll it-tipi speċifiċi tal-prodott għal għażla bħal din. Peress li ma ngħatat l-ebda informazzjoni ġdida f'dan ir-rigward, dawn ġew miċħudin.

1.9. **Eżami individwali u talbiet għal trattament ta' operatur ġdid**

(79) Seba' produtturi esportaturi tal-elementi tal-irbit talbu eżami individwali skont l-Artikolu 17(3) tar-Regolament bażiku billi mlew il-kwestjonarju għall-produtturi esportaturi disponibbli online ([6]). Minħabba dan in-numru kbir ta' talbiet, l-għoti ta' eżami individwali kien ikun ta' piż bla bżonn u kien iżomm lill-Kummissjoni milli tlesti l-investigazzjoni preżenti fi żmien xieraq. Għalhekk, il-Kummissjoni ma laqgħet l-ebda waħda mit-talbiet imressqin.

(80) Kif imsemmi fil-premessi (48) u (74), wara r-reviżjoni tal-kampjun tal-produtturi tal-Unjoni, wieħed mill-produtturi esportaturi (Celo Suzhou Precision Fasteners Co. Ltd) qal li t-talba tiegħu għal eżami individwali jenħtieġ li titqies sabiex tiżdied ir-rappreżentattività tal-kampjun tal-produtturi esportaturi. L-affermazzjoni dwar ir-rappreżentattività tal-kampjun tal-produtturi esportaturi diġà ġiet indirizzata fil-premessa (75).

(81) Fir-rigward tat-talba għal eżami individwali, is-sitwazzjoni ta' dan il-produttur esportatur ma kinitx differenti b'mod sinifikanti mis-sitwazzjoni tal-produtturi esportaturi l-oħrajn li talbu eżami individwali li jkun jiggarantixxi trattament differenti. Għalhekk, il-Kummissjoni ikkonkludiet li ma kien hemm l-ebda raġuni oġġettiva li tiġġustifika li tintlaqa' t-talba għal eżami individwali ta' dan il-produttur esportatur.

(82) Wara d-divulgazzjoni finali, dan il-produttur esportatur tenna li jenħtieġ li jingħatalu eżami individwali u asserixxa li l-Kummissjoni ma spjegatx ir-raġunijiet għaliex tqies diskriminatorju li taċċetta t-tali talba. B'appoġġ għal dan l-argument, il-produttur esportatur enfasizza li huwa kien jipproduċi tip tekniku speċifiku ta' element ta' rbit mhux komparabbli ma' tipi oħrajn ta' prodotti u li l-prezz tal-esportazzjoni tiegħu ma kienx se jsir f'livelli ta' dumping kif diġà stabbilit minn investigazzjoni anti-dumping preċedenti li kienet tikkonċerna l-istess prodott li joriġina miċ-Ċina, f'liema każ ġew imposti miżuri fl-2009 ([7]).

(83) Kif stabbilit fil-premessa (398), sejbiet separati għal tipi tal-prodott individwali ma kinux ġustifikati. Għalhekk, l-eżami tat-talba għal eżami individwali ta' dan il-produttur esportatur fuq il-bażi tal-fatt li huwa kien jipproduċi u jesporta tip speċifiku tal-prodott, filwaqt li tali kriterju ma ġiex ikkunsidrat fir-rigward tal-produtturi esportaturi li jifdal li talbu eżami individwali, kien ikun diskriminatorju, minbarra li jkun ta' piż għall-Kummissjoni sabiex tikkonkludi l-investigazzjoni fil-ħin. Ir-referenza għas-sejbiet tal-investigazzjoni preċedenti li ma stabbilietx dumping fir-rigward tal-bejgħ ta' dan l-esportatur lejn l-Unjoni, hija irrilevanti, peress li dawn kienu bbażati fuq informazzjoni li tappartjeni għal perjodu ta' investigazzjoni differenti. Għalhekk, l-argumenti ta' dan il-produttur esportatur ma ntlaqgħux.

(84) Produttur esportatur fir-RPĊ (Ningbo Londex Industrials Co. jew "Londex") talab li jiġi ttrattat bħala operatur ġdid, peress li beda jesporta l-prodott ikkonċernat biss wara l-perjodu ta' investigazzjoni. Il-Kummissjoni nnotat li hija l-prattika stabbilita li trattament bħal dan jista' jitqies biss abbażi ta' Regolament li jimponi miżuri definittivi u tad-dispożizzjonijiet rilevanti tiegħu. Barra minn hekk, huwa mfakkar li l-Kummissjoni għażlet kampjun tal-produtturi esportaturi u, kif stabbilit fil-premessi preċedenti, l-ebda talba għall-kalkolu tal-marġnijiet tad-dumping individwali ma ġiet aċċettata minħabba li kienet ikkunsidrata impenjattiva wisq mingħajr ġustifikazzjoni. Dan huwa minnu wkoll għall-eżami ta' talba għal trattament ta' operatur ġdid li kienet tinkludi eżami dettaljat tal-istruttura tal-kumpanija u tal-bejgħ tal-esportazzjoni tagħha. Għalhekk, din it-talba ġiet miċħuda.

(85) Wara d-divulgazzjoni finali, Londex tenniet li kellha tibbenefika minn trattament ta' operatur ġdid u tiżdied mal-lista ta' produtturi esportaturi li kkooperaw. Hija argumentat li peress li ppreżentat ruħha matul l-investigazzjoni u minħabba li l-esportazzjonijiet seħħew qabel it-tmiem tal-investigazzjoni, il-Kummissjoni ma tkun marbuta bl-ebda proċedura speċifika. Il-valutazzjoni sempliċi ta' jekk il-kumpanija esportatx il-prodott ikkonċernat matul il-perjodu ta' investigazzjoni għalkemm wara l-perjodu ta' investigazzjoni tkun biżżejjed, li min-naħa tagħha, ma tistax titqies bħala impenjattiva wisq mingħajr ġustifikazzjoni. Approċċ bħal dan ikun iġġustifikat ukoll fl-interess tal-ekonomija amministrattiva. Barra minn hekk, il-Kummissjoni diġà għażlet approċċ bħal dan f'każijiet preċedenti. B'mod simili, Londex argumentat li l-produtturi esportaturi li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun ma kienu soġġetti għall-ebda eżami tal-istruttura tal-kumpanija jew tal-bejgħ tal-esportazzjoni tagħha.

([6]) Dan il-kwestjonarju kif ukoll dawk għall-produtturi, għall-importaturi u għall-utenti tal-Unjoni kienu disponibbli fuq http://trade.ec.europa.eu/tdi/case_details.cfm?ref=ong&id=2504&sta=1&en=20&page=1&c_order=date&c_order_dir=Down

([7]) Ir-Regolament (KE) Nru 91/2009 tal-26 ta' Jannar 2009 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq ċerti qfieli tal-ħadid jew tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (ĠU L 29, 31.1.2009, p. 1).

(86) Il-Kummissjoni nnotat li f'investigazzjonijiet preċedenti ([8]), imsemmijin minn Londex b'kuntrast ma' dak li ntqal, il-Kummissjoni eżaminat jekk kinux issodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 11(4) tar-Regolament bażiku. L-ebda wieħed mill-argumenti mressqin ma seta' jreġġa' lura l-konklużjonijiet stabbiliti fil-premessa (81) li, għalhekk, ġew miċħudin.

1.10. **Tweġibiet għall-kwestjonarji**

(87) Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarju dwar l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti fiċ-Ċina fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku lill-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("GTĊ"). Il-GTĊ ma pprovda l-ebda tweġiba għall-kwestjonarju.

(88) Il-Kummissjoni għamlet il-kwestjonarji disponibbli online fil-jum tal-bidu ([9]) u talbet lill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun, lill-importaturi mhux relatati inklużi fil-kampjun, u lill-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun fiċ-Ċina sabiex jimlew il-kwestjonarji rilevanti. Barra minn hekk, il-Kummissjoni talbet lill-EIFI jipprovdi informazzjoni dwar l-indikaturi tad-dannu makroekonomiċi li jappartjenu għall-industrija kollha tal-Unjoni.

(89) Il-Kummissjoni rċeviet tweġibiet għall-kwestjonarju mingħand erba' produtturi tal-Unjoni fil-kampjun, mill-EIFI li lmenta, mill-ħames importaturi mhux relatati inklużi fil-kampjun, minn żewġ utenti u mit-tliet produtturi esportaturi/gruppi ta' produtturi esportaturi.

(90) Kif imsemmi fil-premessa (35), tnejn mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun ġew eskluży mill-kampjun matul l-investigazzjoni u, għalhekk, it-tweġibiet tagħhom għall-kwestjonarju ma tqisux. Iż-żewġ produtturi tal-Unjoni kkonċernati ġew issostitwiti minn żewġ produtturi oħrajn tal-Unjoni. Iż-żewġ kumpaniji pprovdew tweġiba għall-kwestjonarju.

(91) Il-Kummissjoni fittxet l-informazzjoni kollha li qieset neċessarja għal determinazzjoni tad-dumping, tad-dannu li jirriżulta u tal-interess tal-Unjoni. Fid-dawl tat-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19 u tal-miżuri ta' konfinament stabbiliti minn diversi Stati Membri kif ukoll minn diversi pajjiżi terzi matul il-biċċa l-kbira tal-investigazzjoni, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet il-Kummissjoni ma setgħetx twettaq żjarat ta' verifika skont l-Artikolu 16 tar-Regolament bażiku. Minflok, il-Kummissjoni kkontroverifikat mill-bogħod l-informazzjoni kollha meqjusa neċessarja għad-determinazzjonijiet tagħha f'konformità man-Notifika tagħha dwar il-konsegwenzi tat-tifqigħa tal-COVID-19 fuq l-investigazzjonijiet anti-dumping u antisussidji ([10]). Il-Kummissjoni setgħet twettaq żjara ta' verifika fuq il-post waħda.

(92) Il-Kummissjoni wettqet kontroverifiki mill-bogħod ("RCC") tal-kumpaniji/partijiet li ġejjin:

Produtturi tal-Unjoni

— Kumpanija 15 (L-Italja)

— Kumpanija 20 (Franza)

— Kumpanija 33 (Il-Ġermanja, SME)

— Kumpanija 37 (L-Italja, SME)

— Kumpanija 61 (Il-Polonja, SME)

— Kumpanija 4 (Il-Kroazja)

([8]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1050/2002 tat-13 ta' Ġunju 2002 li jimponi dazju definittiv kontra d-dumping u jiġbor definittivament id-dazju proviżorju impost fuq importi ta' diski kompatti li wieħed jista' jirrekordja fuqhom li joriġinaw fit-Tajwan (ĠU L 160, 18.6.2002, p. 2) u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1412/2002 tad-29 ta' Lulju 2002 li jimponi dazju anti-dumping proviżorju fuq importazzjonijiet ta' ħjut tal-filament imsawrin tal-poliester (PTY) li joriġinaw mill-Indja (ĠU L 205, 2.8.2002, p. 50).

([9]) *Ibid.*

([10]) In-Notifika dwar il-konsegwenzi tat-tifqigħa ta' COVID-19 fuq investigazzjonijiet anti-dumping u antisussidji (ĠU C 86, 16.3.2020, p. 6).

Importaturi

— F. Reyher NCHFG (Il-Ġermanja)

— Vipa S.P.A. (L-Italja)

Produtturi esportaturi fiċ-Ċina

— Jiangsu Yongyi Fastener Co., Ltd. (“Jiangsu”);

— Ningbo Jinding Fastening Piece Co., Ltd. (“Ningbo Jinding”);

— Wenzhou Junhao Industry Co., Ltd. (“Wenzhou”)

(93) Il-Kummissjoni wettqet żjara ta’ verifika fuq il-post fil-bini tal-kumpanija li ġejja:

Produtturi tal-Unjoni

— Kumpanija 42 (Il-Ġermanja, SME)

(94) L-investigazzjoni tad-dumping u tad-dannu kopriet il-perjodu mill-1 ta’ Lulju 2019 sat-30 ta’ Ġunju 2020 (“il-perjodu ta’ investigazzjoni” jew “PI”). L-eżami tax-xejriet rilevanti għall-valutazzjoni tad-dannu kopra l-perjodu mill-1 ta’ Jannar 2017 sat-tmiem tal-perjodu ta’ investigazzjoni (“il-perjodu taħt kunsiderazzjoni”).

1.11. **Seduti ta’ Smigħ**

(95) Il-partijiet interessati kellhom l-opportunità jitolbu seduta ta’ smigħ mal-Kummissjoni u/jew mal-Uffiċjal tas-Seduta fil-proċedimenti kummerċjali f’konformità mal-Artikoli 6(5) u 6(6) tar-Regolament bażiku. Il-Kummissjoni organizzat seduti ta’ smigħ ma’ diversi produtturi esportaturi, mas-CCCME u mal-EFDA, kif ukoll mal-EIFI li lmenta. Saret ukoll seduta ta’ smigħ waħda f’konformità mal-Artikolu 6(6) tar-Regolament bażiku, bejn partijiet b’interessi avversi, f’dan il-każ il-produttur esportatur Jiangsu Yongyi Fastener Co., Ltd u l-EIFI.

1.12. **Ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni**

(96) Dan il-każ inbeda fil-21 ta’ Diċembru 2020, jiġifieri matul il-perjodu ta’ tranżizzjoni miftiehem bejn ir-Renju Unit u l-UE li matulu r-Renju Unit baqa’ soġġett għad-dritt tal-Unjoni. Dan il-perjodu ntemm fil-31 ta’ Diċembru 2020. Konsegwentement, mill-1 ta’ Jannar 2021, il-kumpaniji u l-assoċjazzjonijiet mir-Renju Unit ma baqgħux jikkwalifikaw bħala partijiet interessati f’dan il-proċediment.

(97) Permezz ta’ nota mal-fajl tal-każ fl-14 ta’ Jannar 2021, il-Kummissjoni stiednet lill-operaturi tar-Renju Unit li qiesu li kienu għadhom jikkwalifikaw bħala partijiet interessati sabiex jikkuntattjawha. L-ebda kumpanija ma ppreżentat ruħha.

1.13. **Nuqqas ta’ impożizzjoni ta’ miżuri proviżorji**

(98) Għar-raġunijiet stabbiliti fil-premessi (35) u (36), il-kampjun tal-produtturi tal-Unjoni kellu jiġi rrivedut billi żewġ produtturi tal-Unjoni li kienu inklużi fil-kampjun għall-bidu ġew sostitwiti minn żewġ produtturi oħrajn tal-Unjoni. Il-Kummissjoni baqgħtet kwestjonarju lil dawn il-produtturi fejn stednithom jimlewh sal-iskadenza stabbilita fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament bażiku. Madankollu, dan il-perjodu ta’ żmien ma ppermettiex lill-Kummissjoni tasal għal konklużjonijiet proviżorji sat-terminu stabbilit fl-Artikolu 7(1) tar-Regolament bażiku. Għalhekk, il-Kummissjoni iddeċidiet li ma timponix miżuri proviżorji u li tkompli l-investigazzjoni.

(99) Fl-20 ta’ Lulju 2021, f’konformità mal-Artikolu 19a(2) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni informat lill-partijiet interessati bl-intenzjoni tagħha li ma timponix miżuri proviżorji.

(100) Is-CCCME talbet li l-Kummissjoni toħroġ “dokument ta’ informazzjoni” li jiġbor fil-qosor il-progress tal-investigazzjoni u l-konklużjonijiet preliminari bbażati fuq l-informazzjoni disponibbli fil-fajl, sabiex il-partijiet interessati jkunu jistgħu jikkummentaw dwaru.

(101) Ir-Regolament bażiku ma jipprevedi l-ebda divulgazzjoni ta' tali dokument ta' informazzjoni. Fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni ma waslet għall-ebda konklużjoni preliminari fi ħdan l-iskadenzi stabbiliti fl-Artikolu 7(1) tar-Regolament bażiku u, għalhekk, din it-talba ġiet miċħuda.

2. IL-PRODOTT IKKONĊERNAT U L-PRODOTT SIMILI

2.1. Prodott ikkonċernat

(102) Il-prodott ikkonċernat huwa ċerti elementi tal-irbit tal-ħadid jew tal-azzar, għajr tal-azzar inossidabbli, jiġifieri viti tal-injam (esklużi coach screws), viti self-tapping, viti oħrajn u boltijiet bl-irjus (bl-iskorfini jew bil-woxers tagħhom jew mingħajrhom, iżda esklużi viti u boltijiet għall-iffissar ta' materjal tal-kostruzzjoni ta' binarji tal-ferrovija), u woxers li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, attwalment ikklassifikati taħt il-kodiċijiet NM 7318 12 90, 7318 14 91, 7318 14 99, 7318 15 58, 7318 15 68, 7318 15 82, 7318 15 88, ex 7318 15 95 (kodiċijiet TARIC 7318 15 95 19 u 7318 15 95 89), ex 7318 21 00 (kodiċijiet TARIC 7318 21 00 31, 7318 21 00 39, 7318 21 00 95 u 7318 21 00 98) u ex 7318 22 00 (kodiċijiet TARIC 7318 22 00 31, 7318 22 00 39, 7318 22 00 95 u 7318 22 00 98). Il-kodiċijiet NM u TARIC huma mogħtijin biss bħala informazzjoni.

(103) L-elementi tal-irbit huma magħmulin mill-ħadid jew mill-azzar tal-karbonju u ddefiniti mill-karatteristiċi fiżiċi u tekniċi tagħhom u mill-klassijiet tas-saħħa/tal-ebusija differenti. Il-kategoriji usa' huma viti, woxers u boltijiet.

(104) Il-viti huma prodotti tal-qfil b'kamin estern fuq ix-xikel. Dawn jistgħu jew jitwaħħlu fl-injam (viti tal-injam) jew fuq folji tal-metall (viti self-tapping) waħidhom, jew flimkien ma' skorfina u ma' woxers sabiex jiffurmaw bolt. Il-viti jista' jkollhom varjetà ta' forom ta' rjus (koppla, sokit, ċatti, ovali, eżagonali, eċċ.), tulijiet u dijametri tax-xikel. Ix-xikel jista' jkun kompletament jew parzjalment bil-kamin. Il-viti huma ġeneralment iddefiniti mit-tip ta' slot ipprovdut fir-ras sabiex jippermetti l-operazzjoni tal-invitar (eż. slott wieħed, slott imdaħħal salib, eċċ.).

(105) Il-woxers huma elementi tal-irbit b'toqba interna li tippermetti li jgħaddu, dejjem użati flimkien ma' vit u ma' skorfina.

(106) Il-boltijiet huma partijiet tal-qfil iffurmati minn vit, minn skorfina u minn woxer wieħed jew aktar.

(107) L-elementi tal-irbit jistgħu jkunu standard ("elementi tal-irbit standard") jew magħmulin abbażi ta' tpinġijiet tal-klijenti ("elementi tal-irbit mhux standard"). Fl-istess standards nazzjonali jew internazzjonali, jenħtieġ li l-elementi tal-irbit jikkonformaw mal-istess karatteristiċi fiżiċi u tekniċi bażiċi fosthom b'mod partikolari s-saħħa, it-tolleranza, il-finitura u l-kisja.

(108) Wara d-divulgazzjoni finali, l-EFDA u s-CCCME kkontestaw id-definizzjoni ta' elementi tal-irbit "mhux standard" ta' hawn fuq. L-EFDA u s-CCCME allegaw li l-Kummissjoni b'mod żbaljat introduċiet il-kunċett ta' elementi tal-irbit "mhux standard" fi stadju avvanzat tal-proċediment u qalu li d-definizzjoni fil-premessa ta' hawn fuq ma tikkorrispondix għad-definizzjoni ta' "elementi tal-irbit speċjali" mogħtija lill-partijiet interessati fil-kwestjonarju, b'mod aktar preċiż fl-istruzzjonijiet sabiex jinħolqu numri ta' kontroll tal-prodott ("PCN"). Barra minn hekk huma tennew li l-elementi tal-irbit prodotti b'rekwiżiti li huma aktar stretti minn dawk ta' standard industrijali jenħtieġ li jitqiesu bħala elementi tal-irbit "speċjali" jew "mhux standard" (ara l-premessa (368)). Huma tennew ukoll li ċerti rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni tal-produzzjoni kif imsemmijin fil-premessa (371) jenħtieġ li jitqiesu bħala li jikklassifikaw l-elementi tal-irbit kollha prodotti permezz ta' tali proċessi ta' produzzjoni awtomatikament bħala "speċjali" u allegaw li l-industrija tal-Unjoni nnifisha taqbel ma' tali approċċ, b'kuntrast ma' dak li kkonkludiet il-Kummissjoni fil-premessa (375).

(109) Il-Kummissjoni ma qablitx mal-affermazzjoni li l-kunċett ta' elementi tal-irbit "mhux standard" ġie introdott fi stadju avvanzat tal-proċediment u li mhuwiex konformi mal-istruzzjonijiet mogħtijin fil-kwestjonarji. Elementi tal-irbit mhux standard u elementi tal-irbit speċjali huma l-istess, jiġifieri elementi tal-irbit li ma jaqgħux eżattament fi ħdan ċerta norma industrijali. Dan huwa wkoll konformi mal-kwestjonarju li jirreferi għall-elementi tal-irbit speċjali bħala "diverġenti minn standards rikonoxxuti internazzjonalment". Il-Kummissjoni użat dawn it-termini b'mod interkambjabbli u ma rċeviet l-ebda kumment jew talba għal kjarifiki f'dan ir-rigward. Il-Kummissjoni fakkret li l-allegazzjoni li l-elementi tal-irbit prodotti b'rekwiżiti li kienu aktar stretti minn dawk ta' standard tal-industrija jenħtieġ li jitqiesu bħala elementi tal-irbit "mhux standard" diġà ġiet indirizzata fil-premessa (373). Fl-aħħar nett, fir-rigward taċ-ċertifikazzjoni tal-produzzjoni, il-Kummissjoni tikkonferma li din bħala tali ma tikklassifikax element

tal-irbit bħala mhux standard, għalkemm, fil-prattika jista' jkun li l-elementi tal-irbit prodotti skont rekwiżiti bħal dawn tabilħaqq ikunu elementi tal-irbit mhux standard. L-industrija tal-Unjoni ma topponix din il-fehma, kif iddikjarat ħażin mill-EFDA u mis-CCCME. Għalhekk, l-allegazzjonijiet kollha ta' hawn fuq f'dan ir-rigward ġew miċħudin. L-elementi tal-irbit jintużaw sabiex jorbtu mekkanikament żewġ elementi jew aktar fil-kostruzzjoni, fl-inġinerija, jew f'applikazzjonijiet oħrajn. Jintużaw f'varjetà wiesgħa ta' setturi industrijali, kif ukoll mill-konsumaturi.

(110) Fuq il-bażi tal-karatteristiċi fiżiċi u tekniċi bażiċi u tal-użi finali tagħhom, l-elementi tal-irbit kollha jitqiesu li jikkostitwixxu prodott wieħed għall-fini ta' dan il-proċediment.

2.2. **Prodott simili**

(111) L-investigazzjoni wriet li dawn il-prodotti li ġejjin għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi, kimiċi u tekniċi bażiċi kif ukoll l-istess użi bażiċi:

— il-prodott ikkonċernat u

— il-prodott manifatturat u mibjugħ fl-Unjoni mill-industrija tal-Unjoni.

(112) Il-Kummissjoni ddeċidiet li, għalhekk, dawk il-prodotti huma prodotti simili skont l-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

2.3. **Pretensjonijiet rigward l-ambitu tal-prodott**

2.3.1. *Viti/konnetturi tal-injam strutturali (jew viti tal-lag tal-injam)*

(113) Diversi partijiet interessati affermaw li l-viti tal-injam strutturali jenħtieġ li jiġu esklużi mill-ambitu tal-prodott.

(114) Żewġ produtturi esportaturi u żewġ importaturi ([11]) argumentaw li l-viti tal-injam strutturali kellhom karatteristiċi u użi finali simili bħall-coach screws (mhux koperti mill-ambitu tal-prodott) u li kienu biss tipi tal-prodott derivati minn dawn tal-aħħar, bi prestazzjoni mekkanika aħjar u meqjusin bħala alternattiva għall-coach screws. Huma qalu li l-viti tal-injam strutturali kienu jintużaw esklussivament fil-kostruzzjonijiet tal-injam u ma kinux interkambjabbli ma' elementi tal-irbit oħrajn, filwaqt li kienu kompletament interkambjabbli mal-coach screws tradizzjonali. Isiru skont rekwiżiti speċifiċi għall-klijent u jeħtieġu ċertifikazzjoni ta' Valutazzjoni Teknika Ewropea ("ETA") sabiex jiġu kkummerċjalizzati fl-Unjoni. Barra minn hekk, jiġu prodotti bi proċess tal-produzzjoni speċifiku, bl-użu ta' materja prima differenti (jiġifieri azzar ta' kwalità ogħla) bi trattament u b'makkinarju speċifiċi u, għalhekk, għandhom kostijiet u prezzijiet ogħla.

(115) Wieħed mill-produtturi esportaturi msemmijin hawn fuq li jirreferi għall-miżuri anti-dumping imposti fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti roti tal-aluminju għall-użu fit-triq ([12]) issuġġerixxa li l-introduzzjoni ta' sistema ta' monitoraġġ tkun ittaffi kwalunkwe riskju ta' ċirkomvenzjoni meta jiġu esklużi viti tal-injam strutturali mill-ambitu tal-prodott. L-istess produttur esportatur afferma li, jekk il-Kummissjoni ma teskludix viti tal-injam strutturali mill-ambitu tal-prodott, jenħtieġ li s-sejbiet fir-rigward tad-dannu u tal-kawżalità jsiru separatament għal dawn it-tipi tal-prodott.

(116) Il-partijiet kollha ta' hawn fuq iddikjaraw li l-industrija tal-Unjoni ma pproduċietx viti tal-injam strutturali fi kwantitajiet suffiċjenti sabiex tissodisfa d-domanda fis-suq tal-Unjoni, u kien hemm ukoll numru limitat biss ta' produtturi esportaturi fiċ-Ċina li fornew viti tal-injam strutturali.

(117) Bl-istess mod, il-European Consortium of Anchor Producers ("ECAP") qal li l-viti għall-użu f'kostruzzjonijiet tal-injam li jissostitwixxu coach screws, u b'hekk għall-assemblaġġ ta' opri tqal tal-injam, jenħtieġ li jiġu esklużi mill-ambitu tal-prodott peress li għandhom karatteristiċi tekniċi, kimiċi u fiżiċi simili u użi finali simili għal dawk tal-coach screws.

(118) L-EIFI ma qabilx ma' dawn l-allegazzjonijiet billi argumenta li ma jkunx hemm kriterji oġġettivi sabiex issir distinzjoni bejn viti tal-injam strutturali u elementi tal-irbit oħrajn.

([11]) Wieħed minn dawn l-importaturi kien ukoll produttur ta' viti tal-injam strutturali fl-Unjoni.

([12]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 964/2010 tal-25 ta' Ottubru 2010 li jimponi dazju anti-dumping definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazju proviżorju impost fuq l-importazzjoni ta' ċerti roti tal-aluminju għall-użu fit-triq li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (ĠU L 282, 28.10.2010, p. 1).

(119) Il-Kummissjoni qieset li l-viti tal-injam strutturali ma jaqgħux taħt xi standard speċifiku tal-prodott u ma jistgħux jiġu distinti minn viti tal-injam oħrajn ([13]) li jaqgħu fl-ambitu tal-prodott. L-investigazzjoni żvelat ukoll li tal-anqas uħud mill-karatteristiċi speċjali deskritti ta' viti tal-injam strutturali jistgħu jinstabu wkoll f'elementi tal-irbit li jaqgħu fl-ambitu tal-prodott. Il-Kummissjoni kkunsidrat ukoll li l-markatura CE u ċ-ċertifikazzjoni tal-ETA sempliċement jikkonfermaw li l-viti tal-injam jistgħu jkunu elementi tal-irbit mhux standard, iżda dan il-fatt waħdu ma jiġġustifikax l-esklużjoni tagħhom mill-ambitu tal-prodott. Għalhekk, dawn l-allegazzjonijiet ġew miċħudin.

(120) Id-dikjarazzjoni li s-sejbiet fir-rigward tad-dannu u tal-kawżalità jenħtieġ li jsiru b'mod separat għall-viti tal-injam strutturali huma indirizzati fil-premessa (398); u l-allegazzjoni li dawk it-tipi tal-prodott mhumiex prodotti u mibjugħin mill-industrija tal-Unjoni fi kwantitajiet suffiċjenti hija indirizzata fil-premessi (531) u ta' wara.

(121) Wara d-divulgazzjoni finali, diversi partijiet tennew id-dikjarazzjoni tagħhom li l-viti tal-injam strutturali jenħtieġ li jiġu esklużi mill-ambitu tal-prodott peress li jkunu simili għall-coach screws u jkunu distingwibbli b'mod ċar minn elementi tal-irbit oħrajn, b'mod partikolari viti għall-injam.

(122) Żewġ importaturi ta' viti tal-injam strutturali (wieħed minnhom kien ukoll produttur fl-Unjoni) argumentaw li l-viti tal-injam strutturali huma r-riżultat ta' żvilupp tal-prodott ta' coach screws li rriżultaw f'forma differenti tal-irjus, u b'hekk ma jikkorrispondux għad-deskrizzjoni fin-nota ta' spjegazzjoni għall-kodiċi NM 7318 11 li skont din jiġu importati l-coach screws, u li tistabbilixxi li l-coach screws ivarjaw mill-viti tal-injam, fost l-oħrajn, minħabba ras eżagonali jew ras kwadra. Dawn il-partijiet argumentaw li, madankollu, il-forma tal-irjus ma kellhiex titqies bħala fattur deċiżiv meta ssir distinzjoni bejn viti tal-injam strutturali u viti tal-injam oħrajn. Argumentaw li l-coach screws huma ddefiniti skont in-nota ta' spjegazzjoni tal-kodiċi NM 7318 11 bħala li jintużaw "għall-assemblaġġ ta' travi u għal opri tal-injam tqal simili" li tkun tikkorrispondi għall-użu ta' "Viti u vireg bil-kamin għall-użu fil-kostruzzjoni tal-injam" fid-Dokument Ewropew ta' Valutazzjoni (EDA) li japplika għal konnetturi tal-injam strutturali ([14]).

(123) Dawn il-partijiet argumentaw ukoll li l-istandard applikabbli għall-coach screws DIN 1052 (preċedentement DIN 571) jippermetti ċ-ċertifikazzjoni *ad-hoc* ta' viti tal-injam strutturali u b'hekk jirrikonoxxi l-ħruġ ta' viti tal-injam strutturali fis-suq bħala alternattiva għall-coach screws. Bl-istess mod, l-istandard Ewropew EN 1995 Eurocode 5 li jirregola d-disinn tal-istrutturi tal-injam jippermetti li konnetturi tal-injam strutturali ċċertifikati jintużaw fi strutturi tal-injam anke jekk ma jaqgħux taħt id-definizzjoni ta' coach screws.

(124) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, dawn il-partijiet argumentaw li jkun ċar li l-fattur deċiżiv sabiex issir distinzjoni bejn viti tal-injam strutturali u viti tal-injam oħrajn ikun l-użu aħħari, u għalhekk jenħtieġ li jitqiesu bħala coach screws.

(125) Fl-aħħar, peress li l-coach screws u l-viti tal-injam strutturali jappartjenu għall-istess familja ta' prodotti, l-inklużjoni ta' viti tal-injam strutturali fl-ambitu tal-prodott tkun diskriminatorja.

(126) Żewġ produtturi esportaturi qalu li d-dijametru tax-xikel biss jenħtieġ li jitqies bħala karatteristika distintiva, aktar milli l-forma tal-irjus, minħabba li din il-karatteristika tiddetermina l-użu aħħari tal-prodott. Huma qalu li l-elementi tal-irbit li jaqgħu fl-ambitu tal-investigazzjoni għandhom dijametru tax-xikel li huwa anqas minn 5 mm. Dawn il-partijiet enfasizzaw ukoll li l-industrija tirrikonoxxi speċifikament viti tal-injam strutturali bħala sostituti tal-coach screws.

(127) Il-partijiet kollha ta' hawn fuq qalu li l-fatt li viti tal-injam strutturali huma kklassifikati taħt il-kodiċi NM għal "viti tal-injam oħrajn (kodiċi NM 7318 12), li jaqgħu fl-ambitu tal-investigazzjoni jkun irrelevanti, peress li l-kodiċijiet NM jingħataw biss bħala indikazzjoni meta jiġi ddefinit l-ambitu tal-prodott u mhumiex vinkolanti f'dan ir-rigward.

(128) Fl-aħħar, dawn il-partijiet tennew li ma jkunx hemm biżżejjed kapaċità fl-Unjoni sabiex jiġi pprovdut dan it-tip ta' prodott, li ma kien hemm l-ebda sors alternattiv ta' provvista minn pajjiżi terzi oħrajn u li ma jkunx fl-interess tal-Unjoni li jiġu imposti miżuri anti-dumping fuq viti tal-injam strutturali.

([13]) Attwalment ikklassifikati taħt il-kodiċi NM 7318 12 90. Il-kodiċijiet NM jingħataw biss għall-fini ta' informazzjoni.

([14]) EDA 130118-01-0603. L-EDA hija speċifikazzjoni teknika armonizzata żviluppata mill-Organizzazzjoni Ewropea għall-Approvazzjonijiet Tekniċi (EOTA) bħala l-bażi għall-Valutazzjonijiet Tekniċi Ewropej (ETAs)

(129) L-ebda waħda mill-affermazzjonijiet ta' hawn fuq ma ddevalwat is-sejbiet stabbiliti fil-premessa (119). B'mod partikolari, l-ebda parti ma kkontestat il-fatt li ma hemm l-ebda standard tal-prodott għall-viti tal-injam strutturali u kull parti rrikkonoxxiet li l-viti tal-injam ma jikkorrispondux għad-deskrizzjoni tal-coach screws ikklassifikati taħt il-kodiċi NM 7318 11. Il-fatt li viti tal-injam strutturali jistgħu jiġu ċċertifikati sabiex jissodisfaw ir-rekwiżiti tekniċi li għandhom jintużaw għal konnessjonijiet f'kostruzzjonijiet tal-injam bħala tali ma tqiesx raġuni suffiċjenti sabiex dan it-tip ta' prodott jiġi eskluż mill-ambitu tal-investigazzjoni, peress li kellu karatteristiċi fiżiċi u tekniċi li jikkoinċidu ma' prodotti oħrajn li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni kif stabbilit fil-premessa (119). Fuq il-bażi ta' dan, jenħtieġ li d-dikjarazzjonijiet li l-viti tal-injam strutturali jiġu esklużi mill-ambitu tal-investigazzjoni kurrenti ġew irrifjutati.

(130) L-argumenti relatati ma' provvista insuffiċjenti fl-Unjoni huma indirizzati skont id-determinazzjoni tal-interess tal-Unjoni fil-premessi (538) sa (540).

2.3.2. *Viti u boltijiet għat-twaħħil ta' materjal tal-kostruzzjoni ta' binarji tal-ferrovija*

(131) Produttur wieħed tal-Unjoni tal-viti u tal-boltijiet użati fil-ferroviji talab li dawn jiġu inklużi fl-ambitu tal-prodott tal-investigazzjoni. Madankollu, il-Kummissjoni nnotat li dawn il-prodotti ma kinux koperti mill-ilment f'dan il-każ u, għalhekk, l-industrija tal-Unjoni ma pprovdiet l-ebda evidenza ta' dumping u ta' dannu li jirriżulta li tiġġustifika investigazzjoni. Għalhekk, l-allegazzjoni ġiet miċħuda.

2.3.3. *elementi tal-irbit forġati bis-sħana*

(132) Wieħed mill-produtturi esportaturi fil-kampjun qal li jenħtieġ li l-elementi tal-irbit manifatturati bi proċess ta' forġa sħuna ("elementi tal-irbit forġati bis-sħana") jiġu esklużi mill-ambitu tal-prodott bl-argument li kellhom proċessi tal-produzzjoni u strutturi tal-kostijiet differenti li jirriżultaw f'karatteristiċi fiżiċi u f'użi finali differenti minn elementi tal-irbit manifatturati bi proċess ta' forġa kiesħa ("elementi tal-irbit forġati bil-kesħa"), użat b'mod predominanti mill-industrija tal-Unjoni. Dan il-produttur esportatur argumenta li l-elementi tal-irbit forġati bis-sħana jkunu ġeneralment ta' daqs akbar minn elementi tal-irbit forġati bil-kesħa u jintużaw prinċipalment fl-industrija ferrovjarja u/jew fil-bini tal-magni. L-elementi tal-irbit li jirriżultaw minn dan il-proċess ma jiġux prodotti affattu, jew jiġu prodotti fi kwantitajiet limitati biss, mill-industrija tal-Unjoni. Barra minn hekk, ma jkunx ekonomikament vijabbli li wieħed jaqleb għal proċessi ta' forġa sħuna, b'dawn tal-aħħar li huma aktar intensivi fil-manodopera u fl-enerġija u għandhom proporzjon oġħla ta' konsum tal-azzar. Talab laqgħa kontenzjuża bil-preżenza tal-EIFI f'konformità mal-Artikolu 6(6) tar-Regolament bażiku li saret fis-27 ta' Ottubru 2021.

(133) L-EIFI ssottometta li jenħtieġ li l-ambitu tal-prodott ma jiġix iddefinit abbażi ta' proċessi tal-produzzjoni differenti. Indika n-nomenklatura doganali tal-UE li ma tiddistingwix bejn prodotti bbażati fuq proċessi tal-produzzjoni differenti, iżda fuq karatteristiċi fiżiċi, tekniċi u kimiċi. L-EIFI qal li l-industrija tal-Unjoni għandha kapaċità ta' produzzjoni sostanzjali ta' forġa sħuna u li kien hemm trikkib sinifikanti tad-dimensjonijiet tal-elementi tal-irbit li jistgħu jiġu prodotti biż-żewġ teknoloġiji.

(134) Il-Kummissjoni qablet li l-fatt li prodott jista' jiġi prodott permezz ta' proċessi tal-produzzjoni differenti fih innifsu mhuwiex rilevanti għad-definizzjoni tal-ambitu tal-prodott ta' investigazzjoni. Konsegwentement, it-tipi kollha ta' prodotti li jaqgħu taħt id-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat fil-premessa (102) huma koperti minn din l-investigazzjoni, kemm jekk prodotti bi proċessi ta' forġa sħuna kif ukoll bi proċessi ta' forġa kiesħa. L-investigazzjoni stabbiliet li l-industrija tal-Unjoni kellha kapaċità ta' produzzjoni sostanzjali u kapaċitajiet żejda sabiex tipproduċi elementi tal-irbit bil-proċess ta' forġa sħuna. L-investigazzjoni żvelat ukoll li kien hemm applikazzjonijiet li jikkoinċidu bejn l-elementi tal-irbit prodotti biż-żewġ proċessi. Għalhekk, it-talba għall-esklużjoni tal-elementi tal-irbit forġati bis-sħana ġiet miċħuda.

(135) Wara d-divulgazzjoni finali, il-produttur esportatur tenna t-talbiet tiegħu sabiex l-elementi tal-irbit forġati bis-sħana jiġu esklużi mill-ambitu tal-investigazzjoni. B'mod partikolari, huwa kkontesta l-affidabbiltà tad-*data* tal-EIFI pprovduta u afferma li l-Kummissjoni aċċettat din id-*data* mingħajr ma vverifikatha u mingħajr ma wieġbet għall-pretensjonijiet legali u fattwali pprovduti mill-produtturi esportaturi f'dan ir-rigward. Dan il-produttur esportatur qal li ma kien hemm l-ebda bażi ġuridika li l-elementi tal-irbit forġati bis-sħana nżammu fl-ambitu tal-prodott.

(136) L-argumenti pprovduti mill-produttur esportatur f'dan ir-rigward kienu (i) li l-kodiċijiet NM huma indikattivi biss meta jiġi ddeterminat l-ambitu tal-prodott f'investigazzjoni anti-dumping u li, għalhekk, l-investigazzjoni teħtieġ li tistabbilixxi jekk ċertu prodott li jaqa' taħt l-istess kodiċi NM għandux l-istess karatteristiċi tekniċi u użi finali u, għalhekk, jikkawżax dannu lill-industrija tal-Unjoni; (ii) li l-importazzjonijiet ta' elementi tal-irbit forġati bis-sħana ma jikkawżawx dannu lill-industrija tal-Unjoni peress li fl-Unjoni ma hemmx produzzjoni jew hemm biss produzzjoni limitata ta' elementi tal-irbit forġati bis-sħana; u l-produzzjoni ma tiżdiedx peress li ma jkunx ekonomikament vijabbli li wieħed jaqleb għall-produzzjoni tal-elementi tal-irbit forġati bis-sħana; f'dan ir-rigward, huwa irrilevanti wkoll li jkun hemm trikkib ta' prodotti li jkunu prodotti bil-proċess ta' forġa sħuna minn naħa waħda u l-proċess ta' forġa kiesħa min-naħa l-oħra; u (iii) li l-kodiċi NM 7318 11 00 ("coach screws") u l-kodiċi NM 7318 15 20 ("Viti u boltijiet oħrajn, bl-iskorfini jew bil-washers tagħhom jew le"; "Għall-irbit ta' materjal tal-kostruzzjoni ta' ferroviji") jagħraf id-differenza bejn l-elementi tal-irbit forġati bis-sħana meta mqabblin mal-elementi tal-irbit forġati bil-kesħa u, għalhekk, il-kodiċijiet NM tabilħaqq iqisu proċessi tal-produzzjoni differenti.

(137) Sabiex ikompli jissostanzja dak li kien qed jgħid, il-produttur esportatur identifika diversi tipi tal-prodott esportati minnu li setgħu jiġu prodotti biss bi proċessi ta' forġa sħuna u li, għalhekk, fil-każ tagħhom, ma kien hemm l-ebda trikkib ma' proċessi ta' forġa kiesħa. Tenna li dawk kellhom użi finali differenti minn elementi tal-irbit prodotti bi proċessi ta' forġa kiesħa u kienu jinbiegħu f'kanali ta' distribuzzjoni differenti.

(138) Fir-rigward tal-pretensjonijiet li l-investigazzjoni trid turi li l-prodotti importati għandhom karatteristiċi fiżiċi u tekniċi u użi aħħarin simili u kkawżaw dannu għall-industrija tal-Unjoni, din hija kwistjoni ta' definizzjoni tal-prodott simili aktar milli tal-prodott ikkonċernat.

(139) Fir-rigward tal-argumenti pprovduti mill-produttur esportatur u miġburin fil-premessa (136), il-Kummissjoni tfakkar kif stabbilit fil-premessa (134) li prodott jista' jiġi prodott b'diversi proċessi ta' produzzjoni li, għalhekk, mhumiex fattur determinanti meta jiġi ddefinit l-ambitu tal-prodott. Il-fatt li hemm kodiċijiet NM differenti għal coach screws u għal viti għall-injam ma tqiesx bħala prova li d-differenzi fil-proċessi ta' produzzjoni ġew ikkunsidrati fin-nomenklatura tan-NM; għall-kuntrarju, il-proċess tal-produzzjoni mhuwiex imsemmi b'mod espliċitu fil-kodiċijiet NM, filwaqt li n-noti ta' spjegazzjoni għall-kodiċi NM 7318 11 jirreferu b'mod espliċitu għad-differenzi fil-karatteristiċi tekniċi u fiżiċi.

(140) Rigward l-argument miġbur fil-premessa (137), huwa mfakkar li, kif stabbilit fil-premessa (134), l-industrija tal-Unjoni kellha kapaċità tal-produzzjoni u kapaċitajiet ta' riżerva sostanzjali sabiex tipproduċi t-tipi kollha ta' elementi tal-irbit, inklużi elementi tal-irbit forġati bis-sħana. Kanali ta' distribuzzjoni differenti bħala tali ma tqisux rilevanti, dment li l-qafla taqa' fi ħdan id-deskrizzjoni tal-prodott. Għalhekk, dawn l-argumenti ġew irrifjutati.

(141) L-istess produttur esportatur talab seduta ta' smigħ mal-Uffiċjal tas-seduta li saret fit-17 ta' Novembru 2021 fejn tenna d-dikjarazzjoni tiegħu li l-elementi tal-irbit forġati bis-sħana jenħtieġ li jiġu eskluż mill-ambitu tal-prodott u talab spjegazzjonijiet dwar għaliex il-coach screws kienu ġew eskluż mill-ambitu tal-produzzjoni. Il-parti interessata qieset li jkun diskriminatorju li l-ebda spjegazzjoni ma kellha tingħata mill-ilmentatur f'dan ir-rigward. Il-Kummissjoni fakkret li f'konformità mal-ġurisprudenza tad-WTO, l-awtorità tal-investigazzjoni għandha diskrezzjoni fid-definizzjoni tal-prodott li jkun qed jiġi investigat u li l-ilmentaturi huma liberi li jiddefinixxu l-ambitu tal-prodott mingħajr il-ħtieġa ta' xi ġustifikazzjoni partikolari. Għalhekk, peress li l-coach screws qatt ma ġew inklużi fl-ambitu tal-prodott, ma kinux "eskluż" minnu. Madankollu, ladarba l-investigazzjoni kienet inbdiet, il-partijiet interessati kellhom jipprovdu ġustifikazzjoni jekk huma jgħidu li ċerti tipi tal-prodott li jaqgħu fl-ambitu tal-investigazzjoni jenħtieġ li jiġu "eskluż" (kif xieraq) mill-impożizzjoni tal-miżuri. Peress li ż-żewġ sitwazzjonijiet huma differenti, ma kien hemm l-ebda diskriminazzjoni. Għalhekk, din l-allegazzjoni ġiet miċħuda.

2.3.4. *Kits tal-hardware*

(142) Produttur esportatur wieħed qal li jenħtieġ li l-kits tal-hardware jiġu eskluż mill-ambitu tal-prodott, peress li kien fihom kemm il-prodott ikkonċernat kif ukoll prodotti oħrajn barra mill-ambitu tal-investigazzjoni. Il-kits tal-hardware jinbiegħu f'pakketti differenti minn dawk tal-elementi tal-irbit (bħal kaxex żgħar tal-karti, kaxxi bi twieqi tal-PVC, eċċ.). Flimkien mal-prodotti li mhumiex inklużi fl-ambitu, il-pakketti jirrappreżentaw parti kbira mill-kostijiet u mill-prezz tal-bejgħ tagħhom, filwaqt li l-kostijiet u l-prezzijiet tal-prodott ikkonċernat inklużi fil-kits tal-hardware mhumiex distingwibbli mill-bqija. Barra minn hekk, il-kits tal-hardware huma ddestinati prinċipalment għal użi domestiċi, filwaqt li l-elementi tal-irbit prodotti mill-industrija tal-Unjoni huma ddestinati għal użi industrijali. Il-kits tal-hardware jitqassmu permezz ta' kanali tal-bejgħ differenti, jiġifieri bejjiegħa bl-imnut, filwaqt li l-elementi tal-irbit ddestinati għall-użu industrijali jinbiegħu permezz tad-distributuri. Fl-aħħar nett, dan il-produttur esportatur qal li l-produtturi tal-Unjoni lmentaturi ma kinux jipproduċu u jbigħu kits tal-hardware.

(143) Il-Kummissjoni tinnota li kwalunkwe importazzjoni ta' tali kits li, skont ir-regoli ta' klassifikazzjoni tariffarja, ikunu kklassifikati taħt id-definizzjoni tal-prodott fil-premessa (102), dment li jżommu l-karattru ta' dan il-prodott, hija koperta mill-investigazzjoni u mill-miżuri anti-dumping potenzjali. Barra minn hekk, l-investigazzjoni żvelat li l-industrija tal-Unjoni tipproduċi u tbigħ elementi tal-irbit għas-settur tad-do-it-yourself ("DIY"), li prinċipalment jinbiegħ fil-forma ta' kits tal-hardware. Bosta produtturi tal-Unjoni għandhom il-linji tal-imballaġġ awtomatiċi tagħhom stess, filwaqt li oħrajn jesternalizzaw l-imballaġġ lil fornituri tas-servizzi mhux relatati fl-Unjoni. Għalhekk, ma hemm l-ebda raġuni għall-esklużjoni ta' kits tal-hardware.

2.3.5. *Ankraġġi u konnessjonijiet strutturali għall-konkrit, għall-ġebel, għall-injam u għall-azzar*

(144) L-ECAP qal li jenħtieġ li ċerti prodotti ma jaqgħux fi ħdan l-ambitu tal-investigazzjoni, peress li dawn għandhom użi aħħarin bażiċi differenti u jgħaddu minn proċessi differenti ta' markatura CE. Dawn il-prodotti huma "ankraġġi" tal-ħadid jew tal-azzar u "konnessjonijiet strutturali għall-konkrit, għall-ġebel, għall-injam u għall-azzar" u b'mod partikolari (i) viti għat-tisqif jew self-drilling b'aċċessorji, (ii) konnessjonijiet strutturali għall-injam u (iii) ankraġġi tal-metall, ankraġġi bil-kamin tal-konkrit u ankraġġi jew plaggs tan-najlon. L-ECAP irrefera għar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 602/2011 ([15]). Huma qalu li, skont dan ir-Regolament, ċerti prodotti "li jkun fih bolt b'washer miegħu, komma li tespandi u tissikka, u skorfina, kollha magħmula mill-azzar li ma jissaddadx" għandhom jiġu kklassifikati taħt il-kodiċi NM 7318 19 00. B'analoġija, jenħtieġ li anki l-ankraġġi tal-ħadid jew tal-azzar jiġu kklassifikati taħt l-istess kodiċi NM, hekk kif jafferma li l-loġika u l-prinċipju tar-Regolament (UE) Nru 602/2011 jenħtieġ li japplikaw għall-ankraġġi tal-kostruzzjoni tal-materjali u tal-forom kollha. Għalhekk, l-ECAP afferma li jenħtieġ li l-ankraġġi tal-ħadid u tal-azzar ma jaqgħux fl-ambitu tal-prodott.

(145) L-ECAP irrefera għal diversi Dokumenti Ewropej ta' Valutazzjoni ("EAD") għall-prodotti msemmijin hawn fuq. L-EADs huma speċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati għall-prodotti tal-kostruzzjoni żviluppati mill-Organizzazzjoni Ewropea għall-Valutazzjoni Teknika ("EOTA") għal każijiet li fihom prodott ma jkunx kopert kompletament minn standards Ewropej armonizzati. L-ECAP ma pprovdiex aktar dettalji, informazzjoni jew evidenza dwar sa liema punt dawn id-dokumenti jkunu juru li l-prodotti deskritti fihom ma jaqgħux taħt id-definizzjoni tal-ambitu kurrenti tal-prodott. Madankollu, il-fatt li ċerti prodotti jaqgħu taħt EAD speċifiku ma jfissirx li ma jkunux koperti mid-definizzjoni tal-prodott tal-investigazzjoni kurrenti.

(146) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 602/2011 jirrigwarda prodotti tal-azzar inossidabbli, li mhumiex koperti minn din l-investigazzjoni. Fi kwalunkwe każ, dan ir-Regolament jispeċifika biss li ċertu prodott li jinkludi bolt b'washer, anchor sleeve li tespandi u u skorfina ma jistgħux jitqiesu bħala "oġġetti kompożiti" għal skopijiet doganali peress li l-komponenti flimkien jikkostitwixxu prodott wieħed, jiġifieri bolt li jespandi. Fi kwalunkwe każ, kwalunkwe importazzjoni ta' boltijiet li, skont ir-regoli ta' klassifikazzjoni tariffarja, jiġu kklassifikati skont id-definizzjoni tal-prodott fil-premessa (102), hija koperta mill-investigazzjoni u mill-miżuri anti-dumping potenzjali. Għalhekk, dawn l-allegazzjonijiet ġew miċħudin.

(147) Il-Kummissjoni tenfasizza li skont it-Taqsima 2 tan-Notifika ta' Bidu, l-elementi tal-irbit tal-ħadid u tal-azzar biss (għajr tal-azzar inossidabbli) huma koperti mill-investigazzjoni. Għalhekk, il-prodotti magħmulin mill-azzar inossidabbli, mill-plastik jew min-nylon ma jaqgħux fl-ambitu ta' din l-investigazzjoni.

(148) Produttur wieħed tal-ankraġġi mill-Unjoni u l-produttur esportatur relatat tiegħu fiċ-Ċina qalu, b'mod simili għall-ECAP, li l-viti tal-ankraġġi tal-konkrit jenħtieġ li jiġu esklużi mill-ambitu tal-prodott tal-investigazzjoni. Huma argumentaw li l-viti tal-ankraġġi tal-konkrit huma prodotti speċifiċi u speċjalizzati ħafna li għandhom l-istess skop bħall-ankraġġi tal-metall, li huwa li jitwaħħlu elementi strutturali mal-konkrit fis-settur tal-kostruzzjoni. B'appoġġ għal dan l-argument, il-partijiet interessati enfasizzaw li l-prodott ġie żviluppat f'konformità mal-Linja Gwida Ewropea dwar l-Approvazzjoni Teknika ("ETAG") għal "Metal Anchors for Use in Concrete" (ETAG001) tal-EOTA bl-objettiv li jissostitwixxi (parzjalment) l-ankraġġi tal-metall. Dawn il-partijiet enfasizzaw li l-ankraġġi ma ssemmewx speċifikament fl-ilment u li l-produtturi tal-ankraġġi ma kinux irrappreżentati mill-EIFI li lmenta. Bħall-ECAP, huma enfasizzaw li l-ankraġġi kellhom jiġu kklassifikati taħt il-kodiċi NM 7318 19 00 mhux kopert mill-avviż ta' bidu.

(149) Wara d-divulgazzjoni finali, din il-kumpanija tenniet li jenħtieġ li l-viti tal-ankraġġi tal-konkrit jiġu esklużi mill-ambitu tal-prodott mingħajr, madankollu, ma pprovdiet argumenti jew informazzjoni ġdida f'dan ir-rigward. Għalhekk, din id-dikjarazzjoni ġiet miċħuda.

([15]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 602/2011 tal-20 ta' Ġunju 2011 dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda (ĠU L 163, 23.6.2011, p. 8).

(150) Dawn il-partijiet argumentaw ukoll li l-viti tal-ankraġġi tal-konkrit, minħabba l-ispeċifiċitajiet tagħhom, mhumiex interkambjabbli ma' elementi tal-irbit oħrajn, bħal viti, boltijiet u woxers, filwaqt li huma f'kompetizzjoni u huma interkambjabbli ma' ankraġġi tal-feles jew ma' ankraġġi kmiem.

(151) Għall-istess raġunijiet stabbiliti hawn fuq fil-premessa (146), id-dikjarazzjoni dwar ċertifikati speċifiċi ġiet miċħuda. Rigward l-interkambjabbiltà ma' tipi oħrajn ta' prodotti, il-Kummissjoni għandha diskrezzjoni wiesgħa sabiex tistabbilixxi l-ambitu tal-prodott ta' investigazzjoni (il-prodott ikkonċernat). Ma hemm l-ebda rekwiżit fir-Regolament bażiku li l-prodott ikkonċernat jinkludi biss tipi tal-prodott li huma interkambjabbli u f'kompetizzjoni. Dawn l-elementi jirreferu għad-definizzjoni tal-prodott simili.

(152) Fl-aħħar nett, il-produttur ta' ankraġġi tal-Unjoni msemmi fil-premessa (148) argumenta li l-produttur esportatur relatat tiegħu fiċ-Ċina huwa l-uniku wieħed b'ċertifikazzjoni uffiċjali tal-UE (Valutazzjoni Teknika Ewropea jew "ETA") maħruġa mill-EOTA għall-viti tal-ankraġġi tal-konkrit u, għalhekk, l-uniku wieħed li jesporta dan il-prodott lejn l-Unjoni. Għalhekk, l-impatt tal-esklużjoni ta' dan il-prodott ikun limitat. Enfasizza wkoll li fi kwalunkwe każ, ma kienx hemm esportazzjonijiet ta' viti tal-ankraġġ tal-konkrit matul il-PI, u b'hekk ma setgħux jikkawżaw xi dannu lill-industrija tal-Unjoni.

(153) Peress li din il-parti ma pprovdiet l-ebda evidenza b'appoġġ tad-dikjarazzjonijiet tagħha, il-Kummissjoni ddeċidiet li tirrifjuta din id-dikjarazzjoni mingħajr ma tanalizzaha fis-sustanza.

(154) Wara d-divulgazzjoni finali, Simpson Strongtie, grupp internazzjonali li jimmanifattura ankraġġi tal-konkrit fiċ-Ċina u jqassamhom permezz ta' kumpaniji relatati fl-Unjoni kkummenta li l-ankri bil-kamin tal-konkrit jenħtieġ li jiġu esklużi mill-ambitu tal-prodott. Huma ġġustifikaw l-intervent tardiv tagħhom fil-proċediment wara li qiesu bħala fatt li dan it-tip ta' prodott kien diġà ġie eskluż. Huma pprovdew karatteristiċi tekniċi tal-ankraġġi bil-kamin tal-konkrit tagħhom prodotti fiċ-Ċina u affermaw li dawn ma jikkompetux mal-prodott l-ieħor ikkonċernat jew mal-prodott simili.

(155) Is-sottomissjoni tardiva ta' din il-kumpanija ma setgħetx tiġi kkunsidrata. L-ambitu tal-prodott ġie ddefinit fin-Notifika ta' bidu inklużi l-kodiċijiet NM li skont dawn jiġu importati l-elementi tal-irbit. Il-Kummissjoni ma indikatx li l-viti tal-ankraġġi tal-konkrit kienu se jiġu esklużi mill-ambitu tal-prodott; għalhekk, il-partijiet interessati ma kellhom l-ebda raġuni għaliex jemmnu li ma kinux inklużi fl-ambitu. Għar-raġunijiet stabbiliti fil-premessa preċedenti, il-pretensjonijiet tal-partijiet interessati sabiex jiġu esklużi l-viti tal-ankraġġi tal-konkrit ġew miċħudin.

2.3.6. *Confirmat screws (jew self-drive dowels)*

(156) Produttur esportatur wieħed talab li l-confirmat screws (jew self-drive dowels) jiġu esklużi mill-ambitu tal-prodott. Dan il-produttur esportatur iddikjara li minħabba l-użi aħħarin speċifiċi tagħhom, jiġifieri, l-aċċessorji ta' konnessjoni għall-assemblaġġ ta' skrivaniji, ta' armarji, ta' mwejjed jew ta' xkafef (materjali tal-injam ipproċessat) fl-industrija tal-għamara, il-karatteristiċi fiżiċi u tekniċi tal-confirmat screws kienu uniċi u kienu jvarjaw b'mod sinifikanti minn dawk ta' elementi tal-irbit oħrajn. Dan il-produttur esportatur afferma wkoll li jekk il-Kummissjoni tiddeċiedi li ma teskludix il-confirmat screws mill-ambitu tal-prodott, jenħtieġ li s-sejbiet fir-rigward tad-dannu u tal-kawżalità jsiru separatament għal dawn it-tipi tal-prodott.

(157) L-investigazzjoni stabbiliet li l-confirmat screws kellhom karatteristiċi fiżiċi u tekniċi bażiċi u użi finali simili għal tipi oħrajn ta' elementi tal-irbit inklużi fl-ambitu tal-prodott. Għalhekk, ma hemm l-ebda raġuni għaliex dan it-tip ta' prodott għandu jiġi eskluż mill-investigazzjoni. Għalhekk, din id-dikjarazzjoni ġiet miċħuda.

(158) L-allegazzjoni li jenħtieġ li d-dannu u l-kawżalità jiġu vvalutati separatament għal dan it-tip ta' prodott hija indirizzata fil-premessa (398).

2.3.7. *Pole screws*

(159) Utent wieħed tal-pole screws fl-Unjoni qal li dawn tal-aħħar jenħtieġ li jiġu esklużi mill-ambitu tal-prodott peress li jintużaw biss f'applikazzjoni speċifika waħda, jiġifieri f'konnetturi interċellolari tal-batteriji industrijali, u ma kinux prodotti minn xi produttur tal-Unjoni. Din il-kumpanija argumentat li l-pole screws kienu viti speċjali u mhux biss kellhom parti tal-azzar iżda wkoll ras tal-plastik u kolla tal-kamini. Madankollu, l-investigazzjoni żvelat li l-pole screws kellhom karatteristiċi fiżiċi u tekniċi bażiċi u użi finali simili għal tipi oħrajn ta' elementi tal-irbit inklużi fl-ambitu tal-prodott. Għalhekk, ma hemm l-ebda raġuni għaliex dan it-tip ta' prodott għandu jiġi eskluż mill-investigazzjoni, u, għalhekk, din il-pretensjoni ġiet miċħuda.

(160) Wara d-divulgazzjoni finali, dan l-utent tenna li l-pole screws jintużaw esklussivament bħala konnetturi elettriċi taċ-ċelloli tal-batteriji, u jservu bħala tali fil-batteriji industrijali għall-iżolament u għall-protezzjoni kontra l-aċidu u l-fwar tal-aċidu. Għalhekk, il-pole screws mhumiex interkambjabbli ma' elementi tal-irbit komuni. B'appoġġ għall-argument tagħhom, huma pprovdew komunikazzjoni tal-awtoritajiet doganali Ġermaniżi bid-data tas-7 ta' Marzu 2016 li l-pole screws ma jaqgħux fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 91/2009 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq ċerti qfieli tal-ħadid jew tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 924/2012 ([16]). Peress li l-investigazzjoni kurrenti tkopri l-istess ambitu tal-prodott, il-kumpanija argumentat li l-pole screws lanqas ma jenħtieġ li jitqiesu li jaqgħu fl-ambitu tal-investigazzjoni attwali.

(161) Il-komunikazzjoni ppreżentata mill-utent inkwistjoni ma kinitx tinkludi deċiżjoni motivata tal-awtoritajiet doganali, li tinkludi raġunijiet fattwali u legali li mmotivaw tali deċiżjoni u jekk kinitx ibbażata fuq informazzjoni vinkolanti dwar it-tariffi. Il-Kummissjoni lanqas ma setgħet tivverifika l-awtentiċità tad-dokument ipprovdut. Barra minn hekk, waslet ukoll qabel l-investigazzjoni kurrenti u, għalhekk, ma setgħetx titqies li kellha impatt fuq l-ambitu tal-prodott. Għalhekk, dawn l-argumenti ġew irrifjutati.

2.3.8. *Elementi tal-irbit mhux standard użati fl-industrija tal-karozzi*

(162) Is-CCCME ddikjarat li jenħtieġ li l-elementi tal-irbit mhux standard użati fl-industrija tal-karozzi jiġu eskluż mill-ambitu tal-investigazzjoni, bl-argument li dawn ma jkunux esportati mill-produtturi esportaturi Ċiniżi, jew biss fi kwantitajiet limitati ħafna. Alternattivament, jenħtieġ li l-analiżi tad-dannu u tal-kawżalità titwettaq separatament għal kull segment tas-suq, jiġifieri elementi tal-irbit standard u mhux standard.

(163) L-elementi tal-irbit mhux standard użati fl-industrija tal-karozzi jaqgħu taħt id-definizzjoni tal-prodott fil-premessa (102) u, għalhekk, huma koperti minn din l-investigazzjoni. L-investigazzjoni wriet li l-esportazzjonijiet miċ-Ċina kienu jinkludu esportazzjonijiet ta' elementi tal-irbit mhux standard maħsubin għall-industrija tal-karozzi u li kien hemm diversi produtturi ta' elementi tal-irbit tal-karozzi fiċ-Ċina. Għalhekk, id-dikjarazzjoni li dawn it-tipi tal-prodott jiġu eskluż mill-ambitu tal-investigazzjoni ġiet miċħuda.

(164) Wara d-divulgazzjoni finali, is-CCCME qalet li l-Kummissjoni ma wettqet l-ebda analiżi speċifika tal-karatteristiċi uniċi tal-elementi tal-irbit tal-karozzi li tkun tiġġustifika l-esklużjoni ta' dawn il-prodotti mill-ambitu tal-investigazzjoni. Huma sostnew li l-elementi tal-irbit tal-karozzi huma kompletament distinti minn elementi tal-irbit oħrajn f'termini ta' standards u ta' rekwiżiti industrijali.

(165) Fir-rigward ta' dak li kienet qalet diġà qabel id-divulgazzjoni finali, is-CCCME ma pprovdiet l-ebda spjegazzjoni ulterjuri dwar il-karatteristiċi tekniċi u fiżiċi li kienet qed tirreferi għalihom u li tkun tiddistingwi dawk it-tipi ta' elementi tal-irbit minn tipi oħrajn. Is-sempliċi dikjarazzjoni li dawk l-elementi tal-irbit ma kinux interkambjabbli ma' elementi tal-irbit oħrajn inklużi fl-ambitu tal-prodott tqieset insuffiċjenti sabiex tiġġustifika l-esklużjoni. Ta' min jinnota li fl-industrija tal-karozzi jintużaw elementi tal-irbit ta' diversi tipi u mhux biss tip wieħed. Fi kwalunkwe każ, kif diġà stabbilit fil-premessa (151), fir-rigward tal-interkambjabbiltà ma' tipi oħrajn tal-prodott, il-Kummissjoni għandha diskrezzjoni wiesgħa sabiex tistabbilixxi l-ambitu tal-prodott ta' investigazzjoni. Ma hemm l-ebda rekwiżit fir-Regolament bażiku li l-prodott ikkonċernat jinkludi biss tipi tal-prodott li huma interkambjabbli u f'kompetizzjoni. Għalhekk, il-pretensjonijiet tal-GTĊ f'dan ir-rigward ġew miċħudin.

(166) Id-dikjarazzjoni li l-analiżi tad-dannu u tal-kawżalità jenħtieġ li titwettaq abbażi ta' segmenti differenti tas-suq hija indirizzata fil-premessi (394) u (398).

([16]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 924/2012 tal-4 ta' Ottubru 2012 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 91/2009 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq ċerti qfieli tal-ħadid jew tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (ĠU L 275, 10.10.2012, p. 1).

3. **DUMPING**

3.1. **Proċedura għad-determinazzjoni tal-valur normali skont l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku**

(167) L-evidenza disponibbli fil-bidu tal-investigazzjoni indikat l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti fiċ-Ċina skont it-tifsira tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku. Għalhekk, il-Kummissjoni qieset li kien xieraq li tibda l-investigazzjoni wara li kkunsidrat l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku.

(168) Sabiex tiġbor id-*data* neċessarja għall-applikazzjoni possibbli tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni stiednet lill-produtturi esportaturi kollha fil-pajjiż ikkonċernat jipprovdu informazzjoni dwar l-inputs użati għall-produzzjoni tal-elementi tal-irbit. Tnejn u disgħin produttur esportatur ippreżentaw l-informazzjoni rilevanti.

(169) Kif imsemmi hawn fuq fil-premessa (87), il-Kummissjoni talbet ukoll lill-GTĊ sabiex iwieġeb kwestjonarju dwar l-allegata eżistenza ta' distorsjonijiet fir-RPĊ. Madankollu, il-GTĊ ma pprovdiex tweġiba għall-kwestjonarju kif mitlub.

(170) Barra minn hekk, il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati kollha jippreżentaw il-fehmiet tagħhom, jissottomettu informazzjoni u jipprovdu evidenza ta' sostenn dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku fi żmien 37 jum mid-data tal-pubblikazzjoni tan-Notifika ta' Bidu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(171) Fil-punt 5.3.2 tan-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni informat lill-partijiet interessati li fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli f'dak l-istadju, pajjiżi rappreżentattivi xierqa possibbli skont l-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku jistgħu jkunu l-Brażil u t-Turkija jekk jiġu kkonfermati l-kundizzjonijiet tal-applikazzjoni ta' dik id-dispożizzjoni. Il-Kummissjoni ddikjarat ukoll li kienet se teżamina pajjiżi rappreżentattivi possibbilment xierqa oħrajn f'konformità mal-kriterji stabbiliti fl-ewwel inċiż tal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku.

(172) Fil-5 ta' Frar 2021, il-Kummissjoni ħarġet l-Ewwel Nota dwar is-sorsi għad-determinazzjoni tal-valur normali ("in-Nota tal-5 ta' Frar " jew "l-Ewwel Nota") li permezz tagħha hija informat lill-partijiet interessati dwar is-sorsi rilevanti li hija kellha l-intenzjoni li tuża għad-determinazzjoni tal-valur normali. F'dik in-nota, il-Kummissjoni pprovdiet lista tal-fatturi kollha tal-produzzjoni, bħall-materja prima, il-manodopera u l-enerġija użati fil-produzzjoni tal-elementi tal-irbit. Barra minn hekk, il-Kummissjoni identifikat il-Brażil, ir-Russja, it-Tajlandja u t-Turkija bħala pajjiżi rappreżentattivi xierqa possibbli. Il-Kummissjoni tat lill-partijiet interessati kollha l-opportunità li jikkummentaw. Il-Kummissjoni rċeviet kummenti mill-EIFI li lmenta, minn żewġ produtturi esportaturi fil-kampjun, mis-CCCME u mill-EFDA.

(173) Fl-4 ta' Mejju 2021, wara li analizzat il-kummenti li rċeviet, il-Kummissjoni ħarġet it-Tieni nota dwar is-sorsi għad-determinazzjoni tal-valur normali ("in-Nota tal-4 ta' Mejju" jew "it-Tieni Nota"). F'dik in-nota, il-Kummissjoni stabbiliet lista proviżorja ta' fatturi tal-produzzjoni u informat lill-partijiet interessati bl-intenzjoni tagħha li tuża lit-Tajlandja bħala l-pajjiż rappreżentattiv skont l-ewwel inċiż tal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku. Informat ukoll lill-partijiet interessati li kienet se tistabbilixxi l-kostijiet tal-bejgħ, ġenerali u amministrattivi ("SG&A") u l-profitti bbażati fuq *data* finanzjarja disponibbli faċilment miksuba mill-bażi tad-*data* Dun & Bradstreet ([17]) ("D&B"). Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati jikkummentaw. Waslu kummenti mingħand l-ilmentatur, produttur esportatur wieħed fil-kampjun, is-CCCME u l-EFDA.

(174) Wara li analizzat il-kummenti u l-informazzjoni li rċeviet dwar it-Tieni Nota, il-Kummissjoni kkonkludiet li t-Tajlandja kienet għażla xierqa bħala pajjiż rappreżentattiv li minnu jinkisbu prezzijiet u kostijiet mingħajr distorsjoni għad-determinazzjoni tal-valur normali. Ir-raġunijiet sottostanti għal dik l-għażla huma deskritti aktar fid-dettall fil-premessi (220) u f'dawk segwenti.

([17]) Dun & Bradstreet, https://globalfinancials.com/index-admin.html

3.2. **L-applikazzjoni tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku**

(175) Kif diġà ssemma fil-premessi (87) u (169), il-GTĊ ma pprovda l-ebda tweġiba għall-kwestjonarju dwar l-eżistenza ta' distorsjonijiet ([18]). Il-Kummissjoni informat lill-GTĊ permezz ta' Note Verbale fit-2 ta' Ġunju 2021 li, għalhekk, kellha l-intenzjoni li tagħmel użu mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku u li tuża l-fatti disponibbli fir-rigward tal-informazzjoni koperta mill-kwestjonarju. Il-Kummissjoni stiednet lill-GTĊ jissottometti kummenti dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku. Ma wasal l-ebda kumment.

(176) Kif imsemmi fil-premessa (61), fil-bidu, sabiex jiġi deċiż jekk il-kampjunar kienx neċessarju u, jekk iva, sabiex jintgħażel kampjun, il-Kummissjoni talbet lill-produtturi esportaturi magħrufin kollha fiċ-Ċina sabiex jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fin-Notifika ta' Bidu. Barra minn hekk, il-Kummissjoni talbet lill-Missjoni tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għall-Unjoni Ewropea sabiex tidentifika u/jew tikkuntattja lil produtturi esportaturi oħrajn, jekk hemm, li jistgħu jkunu interessati li jipparteċipaw fl-investigazzjoni. Ippreżentaw irwieħhom 92 produttur esportatur jew grupp ta' produtturi esportaturi li jirrappreżentaw 51 % tal-esportazzjonijiet totali tal-elementi tal-irbit mir-RPĊ lejn l-Unjoni matul il-PI kif stmat mill-ilmentatur fuq il-bażi tal-istatistika tal-Eurostat. Il-Kummissjoni qieset li dan il-livell ta' kooperazzjoni kien baxx.

(177) Il-Kummissjoni informat lill-Missjoni tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għall-Unjoni Ewropea permezz ta' Note Verbale dwar dan, filwaqt li enfasizzat li minħabba din il-kooperazzjoni baxxa, hija kellha l-ħsieb li tagħmel użu mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku fir-rigward tal-marġni għall-pajjiż kollu (jiġifieri d-dazju residwu). Il-Kummissjoni stiednet lill-Missjoni tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għall-Unjoni Ewropea tippreżenta l-kumment tagħha dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku.

(178) L-EFDA qalet li jenħtieġ li livell ta' kooperazzjoni ma jitqiesx bħala baxx minħabba li:

(a) l-industrija taċ-Ċina tal-elementi tal-irbit tikkonsisti fil-biċċa l-kbira f'kumpaniji żgħar u f'SMEs, li iffaċċjaw diffikultajiet, minħabba r-riżorsi limitati tagħhom, sabiex jikkonformaw mar-rekwiżiti kollha u jsegwu d-diversi passi proċedurali li huma neċessarji sabiex jipparteċipaw fl-investigazzjoni;

(b) il-produtturi esportaturi Ċiniżi tal-elementi tal-irbit, li fil-biċċa l-kbira tal-każijiet għandhom biss ftit impjegati jew l-ebda impjegat li huma profiċjenti biżżejjed bl-Ingliż sabiex jimlew il-formoli kumplessi li huma mitlubin fl-investigazzjonijiet anti-dumping;

(c) il-produtturi esportaturi Ċiniżi tal-elementi tal-irbit ma setgħux jifhmu kif tista' tinbeda investigazzjoni anti-dumping, filwaqt li diversi produtturi tal-Unjoni kienu jixtru l-elementi tal-irbit minn fornituri Ċiniżi u saħansitra komplew jagħmlu dan wara l-perjodu ta' investigazzjoni;

(d) il-Kummissjoni qed tagħmel sforzi sinifikanti sabiex tħeġġeġ u tiffaċilita l-parteċipazzjoni tal-SMEs fl-Unjoni f'investigazzjonijiet anti-dumping, filwaqt li l-produtturi esportaturi Ċiniżi żgħar huma ttrattati bl-istess mod bħal produtturi esportaturi kbar, li joħloq inugwaljanza konsiderevoli bejn l-SMEs fl-Unjoni u f'pajjiżi terzi f'termini tal-kapaċità tagħhom li jipparteċipaw f'investigazzjonijiet ta' rimedju kummerċjali u jinfurzaw id-drittijiet tad-difiża tagħhom. Għalhekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrimedja din is-sitwazzjoni billi tqis il-livell ta' kooperazzjoni tal-esportaturi Ċiniżi bħala għoli biżżejjed.

(179) Il-Kummissjoni nnotat li, fil-bidu tal-investigazzjoni (l-eżerċizzju ta' waqfien u/jew ta' kampjunar), jintalab l-istess ammont ta' informazzjoni mill-produtturi esportaturi u tal-Unjoni. Din l-informazzjoni hija prinċipalment limitata għad-dettalji ta' kuntatt tal-kumpanija, tal-bejgħ u tal-kwantitajiet tal-produzzjoni tagħha u tal-kumpaniji relatati. Il-kooperazzjoni hija stabbilita fuq il-bażi ta' din it-tweġiba inizjali. Għalhekk, il-kumpaniji kollha (inklużi l-SMEs) fl-Unjoni u fil-pajjiż esportatur jiġu ttrattati bl-istess mod. Għaldaqstant, l-allegazzjonijiet tal-parti ma ntlaqgħux.

(180) Matul l-RCCs, il-Kummissjoni ma setgħet tivverifika l-konsum reali tal-manodopera għall-ebda wieħed mit-tliet produtturi esportaturi fil-kampjun. Il-Kummissjoni informat lil kull wieħed mit-tliet produtturi esportaturi fil-kampjun permezz ta' ittra fit-3 ta' Ġunju 2021 li kienet biħsiebha tagħmel użu mill-fatti disponibbli f'konformità mad-dispożizzjoni tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku fir-rigward tal-konsum tal-manodopera.

([18]) Il-kwestjonarju dwar l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti skont it-tifsira tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament (UE) 2016/1036 għall-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina

(181) Ningbo Jinding qieset li l-informazzjoni dwar is-sigħat tax-xogħol attwali ma kinitx neċessarja u li l-Kummissjoni jenħtieġ li tibbaża fuq is-sigħat tax-xogħol standard. Argumentat li s-sigħat tax-xogħol standard jistgħu jintużaw sabiex jiġu vvalutati l-kostijiet lavorattivi, speċjalment fin-nuqqas ta' kwalunkwe obbligu legali li jiġu rreġistrati s-sigħat tax-xogħol attwali. Dan il-produttur esportatur qal li aġixxa bl-aħjar mod possibbli, u għalhekk il-Kummissjoni ma setgħetx tinjora d-*data* tal-manodopera pprovduta, peress li xorta tippermetti "konklużjoni raġonevolment preċiża". Żied jgħid li s-sigħat tax-xogħol standard kienu l-aktar fatti xierqa disponibbli, peress li l-ebda sors ieħor ma seta' possibbilment ikun aktar xieraq għaċ-ċirkostanzi partikolari tal-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat minn Ningbo Jinding.

(182) Wenzhou qalet li l-jiem ta' xogħol reali (aktar tard ikkonvertiti f'sigħat tax-xogħol bin-numru standard ta' sigħat tax-xogħol kull jum) kienu indikati fuq l-iskedi tal-pagi ta' kull xahar, u li s-sigħat tax-xogħol standard kull jum kif limitati mil-liġi tax-xogħol taċ-Ċina jenħtieġ li jitqiesu bħala *data* affidabbli li għandha tintuża fil-konverżjoni tal-jiem ta' xogħol attwali għal sigħat tax-xogħol. Barra minn hekk, il-fatt li l-kumpanija ma kinitx tirreġistra s-sigħat tax-xogħol reali għall-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat ma setax jitqies bħala nuqqas ta' kooperazzjoni, u għalhekk ma kienx raġonevoli li jiġi applikat l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku għall-kostijiet lavorattivi ta' Wenzhou.

(183) Il-Kummissjoni ma qablitx. Is-sempliċi eżistenza tal-liġi li tiddelimita n-numru standard ta' sigħat li ħaddiem jista' jaħdem mhijiex evidenza suffiċjenti sabiex turi s-sigħat reali maħdumin. Matul l-investigazzjoni, il-Kummissjoni ma sabet l-ebda evidenza li l-liġi Ċiniża dwar ix-xogħol ġiet irrispettata jew infurzata, u li l-jiem ta' xogħol attwali rrapportati mill-produtturi esportaturi kienu riflessi fir-remunerazzjoni li fil-fatt tħallset lill-persunal.

(184) Barra minn hekk, ma nstabet l-ebda evidenza li l-jiem ta' xogħol attwali kkonvertiti f'sigħat tax-xogħol bin-numru standard ta' sigħat tax-xogħol kienu jkopru s-sigħat maħdumin relatati mal-proċess tal-manifattura tal-prodott ikkonċernat, peress li ma ġiet ipprovduta l-ebda evidenza dwar fuq liema bażi ġew stabbiliti s-sigħat standard għall-produzzjoni tal-elementi tal-irbit.

(185) Barra minn hekk, iż-żewġ produtturi esportaturi li kkonvertew il-jiem ta' xogħol tagħhom bin-numru standard ta' sigħat tax-xogħol kull jum kellhom kważi d-doppju tar-rata tal-produttività tax-xogħol ([19]) tagħhom meta mqabblin mal-produttur esportatur li rreġistra s-sigħat tax-xogħolreali. Il-produttività għolja tax-xogħol normalment tindika użu ogħla u aktar effettiv tal-forza tax-xogħol rifless f'numru akbar ta' sigħat tax-xogħol attwali. Għalhekk, f'dan il-każ, is-sigħat tax-xogħol standard ma setgħux jintużaw għall-valutazzjoni tal-kost lavorattiv tal-prodott ikkonċernat.

(186) Fuq din il-bażi, id-dikjarazzjonijiet tal-produtturi esportaturi ġew miċħudin u l-Kummissjoni użat l-aħjar fatti disponibbli fir-rigward tal-konsum tal-manodopera f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku.

3.3. **Valur normali**

(187) F'investigazzjonijiet reċenti dwar is-settur tal-azzar fir-RPĊ ([20]), il-Kummissjoni sabet li kien hemm distorsjonijiet sinifikanti skont it-tifsira tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku. L-azzar huwa l-materja prima ewlenija użata għall-produzzjoni tal-elementi tal-irbit, u għaldaqstant is-settur tal-elementi tal-irbit huwa qrib ħafna tas-settur tal-azzar. F'din l-investigazzjoni l-Kummissjoni kkonkludiet li, abbażi tal-evidenza disponibbli, l-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku kienet xierqa wkoll.

([19]) Kg ta' elementi tal-irbit prodotti għal kull impjegat.

([20]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/635 tas-16 ta' April 2021 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti pajpijiet u tubi wweldjati tal-ħadid jew tal-azzar bil-karbonju li joriġinaw mill-Belarussja, mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mir-Russja wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 132, 19.4.2021, p. 145), u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/508 tas-7 ta' April 2020 li jimponi dazju anti-dumping provviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti pjanċi u kojls tal-azzar inossidabbli llaminati bis-sħana li joriġinaw mill-Indoneżja, mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mit-Tajwan (ĠU L 110, 8.4.2020, p. 3).

(188) Fl-investigazzjonijiet preċedenti dwar is-settur tal-azzar, il-Kummissjoni sabet li hemm intervent sostanzjali tal-gvern fir-RPĊ li rriżulta f'distorsjoni tal-allokazzjoni effettiva tar-riżorsi f'konformità mal-prinċipji tas-suq ([21]). B'mod partikolari, il-Kummissjoni kkonkludiet li fis-settur tal-azzar, li huwa l-materja prima ewlenija għall-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat, mhux biss għad hemm grad sostanzjali ta' sjieda mill-GTĊ fis-sens tal-ewwel inċiż tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku ([22]), iżda l-GTĊ huwa wkoll f'pożizzjoni li jinterferixxi mal-prezzijiet u mal-kostijiet permezz tal-preżenza tal-Istat fid-ditti fis-sens tat-tieni inċiż tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku ([23]). Il-Kummissjoni sabet ukoll li l-preżenza u l-intervent tal-Istat fis-swieq finanzjarji, kif ukoll fil-provvista tal-materja prima u tal-inputs, iħallu effett ta' distorsjoni addizzjonali fuq is-suq. Tabilħaqq, b'mod ġenerali, is-sistema tal-ippjanar fir-RPĊ tirriżulta fil-konċentrazzjoni tar-riżorsi f'setturi ddeżinjati bħala strateġiċi jew inkella bħala politikament importanti mill-GTĊ, aktar milli fl-allokazzjoni tagħhom f'konformità mal-forzi tas-suq ([24]). Barra minn hekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-liġijiet Ċiniżi dwar il-falliment u l-proprjetà ma jaħdmux kif suppost fis-sens tar-raba' inċiż tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku, u b'hekk jiġu ġġenerati distorsjonijiet b'mod partikolari meta jiġu miżmuma ħajjin ditti insolventi u meta jiġu allokati d-drittijiet għall-użu tal-art fir-RPĊ ([25]). Bl-istess mod, il-Kummissjoni sabet distorsjonijiet tal-kostijiet tal-pagi fis-settur tal-azzar fis-sens tal-ħames inċiż tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku ([26]), kif ukoll distorsjonijiet fis-swieq finanzjarji fis-sens tas-sitt inċiż tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku, b'mod partikolari fir-rigward tal-aċċess għall-kapital għall-atturi korporattivi fir-RPĊ ([27]).

(189) Bħal fl-investigazzjonijiet preċedenti rigward is-settur tal-azzar fir-RPĊ, f'din l-investigazzjoni l-Kummissjoni eżaminat jekk kienx xieraq li jintużaw il-prezzijiet u l-kostijiet domestiċi fir-RPĊ, minħabba l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti skont it-tifsira tal-punt (b) tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku. Il-Kummissjoni għamlet dan abbażi tal-evidenza disponibbli fil-fajl, inkluża l-evidenza li tinsab fl-ilment, kif ukoll fir-rapport tal-pajjiż dwar ir-RPĊ (minn hawn' il quddiem "ir-Rapport") ([28]), li jiddependi fuq sorsi disponibbli għall-pubbliku. Dik l-analiżi kopriet l-eżami tal-interventi sostanzjali mill-gvern fl-ekonomija tar-RPĊ b'mod ġenerali, iżda anki s-sitwazzjoni speċifika tas-suq fis-settur rilevanti, inkluż il-prodott ikkonċernat. Il-Kummissjoni kompliet tissupplimenta dawn l-elementi evidenzjarji bir-riċerka tagħha stess dwar id-diversi kriterji rilevanti sabiex tikkonferma l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti fir-RPĊ, kif misjub ukoll mill-investigazzjonijiet preċedenti tagħha f'dan ir-rigward.

(190) Minbarra r-Rapport, l-ilment elenka xi fatturi addizzjonali li jindikaw il-preżenza ta' distorsjonijiet fis-settur tal-elementi tal-irbit. L-ewwel nett, elenka l-problema tal-kapaċità żejda fis-suq tal-vireg tal-wajer. It-tieni, l-ilment irrefera għall-intervent mill-Istat fl-enerġija u fl-elettriku. Barra minn hekk, l-ilment semma distorsjonijiet fis-setturi tal-karozzi u tal-kostruzzjoni fiċ-Ċina (żewġ utenti importanti tal-elementi tal-irbit), kif muri miż-żewġ pubblikazzjonijiet mill-Kamra tal-Kummerċ tal-Unjoni Ewropea fiċ-Ċina: Business in China – Position Papers tal-2018/2019 u tal-2019/2020. L-ilment isemmi wkoll iż-żewġ rapporti mħejjija minn Think!Desk China Research & Consulting: Ir-Rapport Finali "Assessment of the normative and policy framework governing the Chinese economy and its

([21]) Ara l-premessi 149-150 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/635 u l-premessi 158-159 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/508.

([22]) Ara l-premessi 115-118 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/635 u l-premessi 122-127 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/508

([23]) Ara l-premessi 119-122 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/635 u l-premessi 128-132 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/508: Filwaqt li d-dritt għall-ħatra u għat-tneħħija ta' persunal kruċjali tal-maniġment fl-SOEs mill-awtoritajiet rilevanti tal-Istat, kif previst fil-leġiżlazzjoni Ċiniża, jista' jitqies li jirrifletti d-drittijiet ta' sjieda korrispondenti, iċ-ċelloli tas-CCP fl-intrapriżi, kemm dawk tal-Istat kif ukoll dawk privati, jirrappreżentaw kanal importanti ieħor li permezz tiegħu l-Istat jista' jinterferixxi fid-deċiżjonijiet kummerċjali. Skont il-liġi tal-kumpaniji tar-RPĊ, f'kull kumpanija għandha tiġi stabbilita organizzazzjoni tas-CCP (li jkollha mill-anqas tliet membri tas-CCP kif speċifikat fil-Kostituzzjoni tas-CCP) u l-kumpanija għandha tipprovdi l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-attivitajiet tal-organizzazzjoni tal-partit. Fil-passat, dan ir-rekwiżit jidher li mhux dejjem ġie segwit jew infurzat b'mod strett. Madankollu, minn tal-inqas mill-2016, is-CCP saħħaħ il-pretensjonijiet tiegħu ta' kontroll fuq id-deċiżjonijiet kummerċjali fl-SOEs bħala kwistjoni ta' prinċipju politiku. Huwa rrapportat ukoll li s-CCP jeżerċita pressjoni fuq il-kumpaniji privati sabiex ipoġġu l-"patrijottiżmu" l-ewwel u qabel kollox u sabiex isegwu d-dixxiplina tal-partit. Fl-2017, ġie rrapportat li kienu jeżistu ċelloli tal-partiti f'70 % ta' madwar 1,86 miljun kumpanija privata, li rriżulta fi pressjoni dejjem akbar sabiex l-organizzazzjonijiet tas-CCP ikollhom l-aħħar kelma fuq id-deċiżjonijiet kummerċjali fil-kumpaniji rispettivi tagħhom. Dawn ir-regoli għandhom applikazzjoni ġenerali fl-ekonomija Ċiniża kollha, fis-setturi kollha, inkluż għall-produtturi tal-elementi tal-irbit tal-ħadid jew tal-azzar, u l-fornituri tal-inputs tagħhom.

([24]) Ara l-premessi 123-129 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/635 u l-premessi 133-138 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/508.

([25]) Ara l-premessi 130-133 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/635 u l-premessi 139-142 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/508.

([26]) Ara l-premessi 134-135 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/635 u l-premessi 143-144 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/508.

([27]) Ara l-premessi 136-145 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/635 u l-premessi 145-154 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/508.

([28]) Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar Distorsjonijiet Sinifikanti fl-Ekonomija tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għall-finijiet tal-Investigazzjonijiet għad-Difiża tal-Kummerċ, l-20 ta' Diċembru 2017, SWD(2017) 483 final/2

impact on international competition", u l-Abbozz tar-Rapport Finali "The China Iron and Steel Association – Government Partner and Information Hub", li juru distorsjonijiet minħabba l-kontroll tal-gvern fuq is-settur tal-ħadid u tal-azzar, inklużi l-elementi tal-irbit. Fl-aħħar nett, l-ilment indika l-fatt li fl-investigazzjoni preċedenti l-Kummissjoni diġà sabet distorsjonijiet fis-suq tal-azzar fiċ-Ċina.

(191) Kif indikat fil-premessa (169), il-GTĊ la kkummenta u lanqas ma pprovda evidenza li tappoġġa jew li tirribatti l-evidenza eżistenti fil-fajl tal-każ, inkluż ir-Rapport u l-evidenza addizzjonali li ġiet ipprovduta mill-ilmentatur, dwar l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti u/jew dwar l-adegwatezza tal-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku fil-każ inkwistjoni.

(192) Speċifikament fis-settur tal-azzar, li huwa l-materja prima ewlenija għall-produzzjoni tal-elementi tal-irbit, għad hemm grad sostanzjali ta' sjieda mill-GTĊ. Ħafna mill-akbar produtturi tal-azzar huma proprjetà tal-Istat. Xi wħud huma msemmija speċifikament fil-"Pjan ta' Aġġustament u ta' Titjib tal-Industrija tal-Azzar għall-2016-2020". Pereżempju, Shanxi Taiyuan Iron & Steel Co. Ltd. ("Tisco"), li hija proprjetà tal-Istat Ċiniż, issemmi fuq is-sit web tagħha li hija "superġgant tal-ħadid u tal-azzar", li "żviluppat f'kumpless straordinarju tal-ħadid u tal-azzar fuq skala kbira, li huwa integrat man-negozju tal-estrazzjoni tal-ħadid, u tal-produzzjoni, l-ipproċessar, il-konsenja u n-negozjar tal-ħadid u tal-azzar" ([29]). Baosteel hija intrapriża ewlenija oħra tal-Istat Ċiniż li hija involuta fil-manifattura tal-azzar u hija parti miċ-China Baowu Steel Group Co. Ltd. li ġiet ikkonsolidata reċentement (l-eks Baosteel Group and Wuhan Iron & Steel) ([30]). Filwaqt li l-qasma nominali bejn in-numru ta' SOEs u ta' kumpaniji bi sjieda privata hija stmata li hija kważi ugwali, mill-ħames produtturi Ċiniżi tal-azzar ikklassifikati mal-ewwel 10 fost l-akbar produtturi tal-azzar fid-dinja, erbgħa huma SOEs ([31]). Fl-istess ħin, filwaqt li fl-2016 l-akbar għaxar produtturi kienu jirrappreżentaw biss madwar 36 % tal-output totali tal-industrija, il-GTĊ stabbilixxa l-mira fl-istess sena li jikkonsolida bejn 60 % u 70 % tal-produzzjoni tal-azzar f'madwar għaxar intrapriżi fuq skala kbira sal-2025 ([32]). Din l-intenzjoni ttenniet mill-GTĊ f'April tal-2019, fejn dan ħabbar il-ħruġ ta' linji gwida dwar il-konsolidazzjoni tal-industrija tal-azzar ([33]). Tali konsolidazzjoni tista' tinvolvi fużjonijiet furzati ta' kumpaniji privati profittabbli ma' SOEs bi prestazzjoni batuta ([34]). Peress li s-settur tal-elementi tal-irbit huwa frammentat ħafna u ħafna mill-produtturi huma SOEs, huwa impossibbli li jiġi stabbilit il-proporzjon eżatt tal-produtturi tal-elementi tal-irbit tal-istat vs dawk privati, madankollu l-investigazzjoni wriet li xi produtturi tal-elementi tal-irbit huma SOEs, pereżempju Zhoushan 7412 Factory.

(193) Fir-rigward tal-fatt li l-GTĊ jinsab f'pożizzjoni li jinterferixxi mal-prezzijiet u mal-kostijiet permezz tal-preżenza tal-Istat f'ditti fis-sens tat-tieni inċiż tal-Artikolu 2 (6a) (b) tar-Regolament bażiku, l-investigazzjoni ma eżaminatx kumpaniji individwali, peress li s-setturi tal-elementi tal-irbit huma frammentati ħafna u jikkonsistu l-aktar minn SOEs SMEs. Madankollu l-eżistenza ta' konnessjonijiet personali bejn il-produtturi tal-prodott ikkonċernat u s-CCP ġiet stabbilita fil-livell tal-assoċjazzjonijiet tal-industrija. L-assoċjazzjonijiet tal-industrija tal-elementi tal-irbit jenfasizzaw ir-rabta personali tagħhom mas-CCP, pereżempju l-Istatuti ta' Assoċjazzjoni tal-Ningbo Fasteners Industry Association jirrikjedu li: "Il-President, il-Viċi President u s-Segretarju Ġenerali ta' din l-assoċjazzjoni jeħtiġilhom jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin: (1) Jaderixxu mal-linja, mal-prinċipji, mal-politiki tal-partit, u jkunu ta' kwalità politika tajba" ([35]).

([29]) TISCO, "Company profile", http://en.tisco.com.cn/CompanyProfile/20151027095855836705.html (ikkonsultat l-aħħar fit-2 ta' Marzu 2020)

([30]) Baowu, "Company profile", http://www.baowugroup.com/en/contents/5273/102759.html (ikkonsultat l-aħħar fis-6 ta' Mejju 2021)

([31]) Ir-Rapport – Il-Kapitolu 14, p. 358: 51 % kumpaniji privati u 49 % SOEs f'termini ta' produzzjoni u 44 % SOEs u 56 % kumpaniji privati f'termini ta' kapaċità.

([32]) Disponibbli fuq: www.gov.cn/zhengce/content/2016-02/04/content_5039353.htm (ikkonsultat l-aħħar fis-6 ta' Mejju 2021); https://policycn.com/policy_ticker/higher-expectations-for-large-scale-steel-enterprise/?iframe=1&secret=c8uthafuthefra4e (ikkonsultat l-aħħar fis-6 ta' Mejju 2021), u www.xinhuanet.com/english/2019-04/23/c_138001574.htm (ikkonsultat l-aħħar fis-6 ta' Mejju 2021).

([33]) Disponibbli fuq http://www.xinhuanet.com/english/2019-04/23/c_138001574.htm (ikkonsultat l-aħħar fis-6 ta' Mejju 2021) u http://www.jjckb.cn/2019-04/23/c_137999653.htm (ikkonsultat l-aħħar fis-6 ta' Mejju 2021).

([34]) Kif kien il-każ tal-fużjoni bejn il-kumpanija privata Rizhao u l-SOE Shandong Iron and Steel fl-2009. Ara r-rapport ta' Beijing steel, p. 58, u s-sehem ta' maġġoranza akkwistat ta' China Baowu Steel Group f'Magang Steel f'Ġunju 2019, ara https://www.ft.com/content/a7c93fae-85bc-11e9-a028-86cea8523dc2 (ikkonsultat l-aħħar fis-6 ta' Mejju 2021).

([35]) http://www.fastener-cn.net/reception/association/constitution.jsp

(194) Kemm l-intrapriżi pubbliċi kif ukoll dawk privati fis-settur tal-elementi tal-irbit huma soġġetti għal superviżjoni u għal gwida tal-politika. L-eżempji li ġejjin juru x-xejra ta' hawn fuq ta' livell dejjem akbar ta' intervent mill-GTĊ fis-setturi tal-elementi tal-irbit u tal-azzar. Filwaqt li l-industrija tal-elementi tal-irbit hija frammentata ħafna u tikkonsisti l-aktar f'SMEs, l-investigazzjoni żvelat konnessjonijiet bejn il-parti u l-assoċjazzjonijiet tal-industrija tal-elementi tal-irbit, li jiġbru u jirrappreżentaw lill-produtturi tal-elementi tal-irbit. Pereżempju, Ningbo Fasteners Industry Association tiddikjara b'mod ċar fuq is-sit web tagħha: "Matul dawn l-aħħar ftit snin, l-assoċjazzjoni kienet qed tippromwovi u timplimenta linji gwida u politiki nazzjonali". L-irbit mill-qrib mal-gvern huwa enfasizzat ukoll fl-Istatuti ta' Assoċjazzjoni ta' din l-organizzazzjoni, pereżempju fl-Artikolu 3: "L-iskop ta' din l-assoċjazzjoni: li tikkonforma mal-kostituzzjoni, mal-liġijiet, mar-regolamenti u mal-politiki nazzjonali […], taqdi rwol bħala pont u ħolqa bejn il-gvern u l-membri sabiex jaċċelleraw il-progress teknoloġiku tal-industrija tal-elementi tal-irbit u tippromwovi l-iżvilupp tal-industrija tal-elementi tal-irbit. F'konformità mal-Kostituzzjoni tal-Partit Komunista Ċiniż, din l-assoċjazzjoni tistabbilixxi organizzazzjoni tal-partit u tassumi r-responsabbiltajiet li tiżgura direzzjoni politika, tgħaqqad il-mases, tippromwovi l-iżvilupp, tibni kultura avvanzata, taqdi l-iżvilupp tat-talenti, u ssaħħaħ l-awtokostruzzjoni." u wkoll fl-Artikolu 6.xviii: "Li twettaq kompiti oħrajn f'dati mill-gvern" ([36]). Skont is-sit web tal-Fergħa tal-Fasteners Branch taċ-China Machinery General Part Industry Association, l-industrija tal-elementi tal-irbit f'Ningbo tibbenefika minn diversi politiki ta' appoġġ u minn xogħol ta' appoġġ li sar mill-Gvern Muniċipali ta' Ningbo (anki f'Zhejiang) u mid-dipartimenti funzjonali fil-livelli kollha ([37]). Il-konnessjoni bejn l-industrija tal-elementi tal-irbit u s-CCP hija evidenti wkoll fil-Kontea ta' Haiyan (il-provinċja ta' Zhejiang): "Haiyan hija waħda mit-tliet bażijiet ewlenin tal-produzzjoni tal-elementi tal-irbit fil-pajjiż. Sabiex jiġi żgurat l-iżvilupp stabbli u ordnat tal-industrija tal-elementi tal-irbit, il-Kontea ta' Haiyan taderixxi mat-tmexxija tal-bini tal-Partit, […], tapprofondixxi l-"katina tal-industrija + il-bini tal-partiti", tiħem l-"interazzjoni ħamra", u tippromwovi b'mod komprensiv ix-xogħol u l-produzzjoni tal-intrapriżi li jipproduċu l-elementi tal-irbit. [..] Il-Kontea ta' Haiyan tilqa' bis-sħiħ ir-rwol […] tal-kumitat tal-Partit tal-Kontea. […] Għalhekk, Haiyan elenkat 15-il intrapriża ta' daqs differenti, […] bħala intrapriżi pilota ta' dimostrazzjoni, u tagħti garanzija finanzjarja sa 50 % tal-kost tar-rinnovazzjoni." U, barra minn hekk, "Haiyan tilqa' bis-sħiħ ir-rwol tal-organizzazzjoni provinċjali tal-partit tal-Assoċjazzjoni tal-Industrija tal-Elementi tal-Irbit (tal-kontea) fil-koordinazzjoni tal-partijiet kollha, billi tieħu t-tmexxija fit-tqabbil tad-domanda u tneħħi l-ostakli għall-informazzjoni. […]Milquta mill-epidemija, twaqqfet il-provvista oriġinali tal-materja prima tal-azzar tal-intrapriżi li jinsabu fil-park tal-etaż-żewġ ċentri ta' innovazzjoni fi Triq Qinshan. Wara li l-organizzazzjoni tal-Partit tal-Assoċjazzjoni tal-Industrija tal-elementi tal-irbit tal-Kontea ġiet informata dwar is-sitwazzjoni, hija kkoordinat minnufih l-intrapriżi li jipproduċu materja prima tal-azzar ta' livell għoli fil-Kontea sabiex tipprovdi lill-intrapriżi li jipproduċu l-elementi tal-irbit b'materja prima ta' standard baxx u tiżgura l-komplementarjetà. F'xahar wieħed biss, dawn l-intrapriżi kienu laħqu madwar RMB 100 miljun ([38])."

(195) Barra minn hekk, fis-settur tal-elementi tal-irbit hemm stabbiliti politiki li jiddiskriminaw favur il-produtturi domestiċi jew li b'xi mod ieħor jinfluwenzaw is-suq fis-sens tat-tielet inċiż tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku.

(196) Matul l-investigazzjoni setgħu jiġu identifikati diversi dokumenti ta' politika li jiggwidaw speċifikament l-iżvilupp tal-industrija tal-elementi tal-irbit. L-industrija tal-elementi tal-irbit hija elenkata fl-Avviż tal-Ministeru tal-Industrija u tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni dwar il-ħruġ tal-Katalogu ta' Gwida għall-Promozzjoni u għall-Applikazzjoni tal-Ewwel (Sett ta') Tagħmir Tekniku Ewlieni (Edizzjoni tal-2019) ([39]) kif ukoll fil-Katalogu ta' Gwida għall-Aġġustament tal-Istruttura Industrijali (2019 NDRC) ([40]) bħala industrija mħeġġa.

(197) Flimkien mad-dokumenti msemmijin hawn fuq fil-livell ċentrali, hemm numru ta' dokumenti ta' gwida fil-livell lokali, provinċjali jew muniċipali, li jiggwidaw u jappoġġaw l-iżvilupp tal-industrija tal-elementi tal-irbit. Pereżempju, il-Politiki ta' inċentiv tal-2019 għall-industrija tal-elementi tal-irbit fid-distrett ta' Hayan, jipprevedu li: "Haiyan huwa ċ-"Ċentru tal-elementi tal-irbit", u l-industrija tal-elementi tal-irbit hija wkoll waħda mill-industriji tradizzjonali importanti f'Haiyan. […] Sabiex […] tingħata spinta lill-innovazzjoni u lill-iżvilupp tal-industrija tal-elementi tal-irbit fil-kontea tagħna, il-kontea tagħna reċentement ħarġet il-"Politika ta' Azzjoni Speċjali ta' Tliet Snin għad-Diġitalizzazzjoni u għat-Trasformazzjoni Intelliġenti tal-Industrija tal-elementi tal-irbit fil-Kontea ta' Haiyan". L-ambitu tal-fondi speċjali relatati jkopri kumpaniji li jimplimentaw trasformazzjoni diġitali u intelliġenti fl-industrija tal-elementi tal-irbit" ([41]). Il-fond ta' sussidju għall-industrija tal-elementi tal-irbit f'Haiyan kompla jiżdied fl-2020 ([42]).

([36]) http://www.fastener-cn.net/reception/association/constitution.jsp
([37]) http://www.afastener.com/news/detail-1795.html
([38]) https://www.cnjxol.com/54/202006/t20200616_631931.shtml
([39]) Ara https://www.miit.gov.cn/cms_files/filemanager/oldfile/miit/n973401/n5082759/n5084605/c7592204/part/7592209.pdf, il-paġna 55 li telenka l-elementi tal-irbit b'saħħithom
([40]) Ara http://www.gov.cn/xinwen/2019-11/06/5449193/files/26c9d25f713f4ed5b8dc51ae40ef37af.pdf, il-paġna 29
([41]) http://www.haiyan.gov.cn/art/2019/12/6/art_1512856_40973400.html
([42]) http://www.jgjzh.com/html/news/xxdt/2020/0426/625.html

(198) Barra minn hekk, l-industrija tal-elementi tal-irbit tibbenefika minn gwida u minn intervent governattivi dwar il-materja prima ewlenija għall-manifattura tal-elementi tal-irbit, jiġifieri l-azzar. L-industrija tal-azzar titqies bħala industrija essenzjali mill-GTĊ ([43]). Dan huwa kkonfermat fil-bosta pjanijiet, direttivi u dokumenti oħrajn iffokati fuq l-azzar, li jinħarġu fil-livell nazzjonali, reġjonali u muniċipali, bħall-"Pjan għall-Aġġustament u t-Titjib tal-Industrija tal-Azzar għas-snin 2016 sal-2020", li kien validu matul il-perjodu PI. Dan il-Pjan kien jgħid li l-industrija tal-azzar hija "settur importanti u fundamentali tal-ekonomija Ċiniża, pedament nazzjonali" ([44]). Il-kompiti u l-objettivi ewlenin stabbiliti f'dan il-Pjan ikopru l-aspetti kollha tal-iżvilupp tal-industrija ([45]). It-13-il Pjan ta' Ħames Snin għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali ([46]), applikabbli matul il-PI, ippreveda appoġġ lill-intrapriżi li jipproduċu tipi ta' prodotti tal-azzar ta' livell għoli ([47]). Dan jiffoka wkoll fuq il-kisba ta' kwalità, ta' durabbiltà u ta' affidabbiltà tal-prodotti permezz tas-sostenn lill-kumpaniji li jużaw teknoloġiji relatati mal-produzzjoni tal-azzar nadif, l-irrumblar bi preċiżjoni u t-titjib fil-kwalità ([48]). Il-"Katalogu għall-Iggwidar tar-Ristrutturar tal-Industrija (il-Verżjoni tal-2011) (l-Emenda tal-2013)" ([49]) ("il-Katalogu") jelenka l-azzar bħala industrija mħeġġa.

(199) Kif jidher mill-eżempji msemmijin hawn fuq dwar l-azzar, li huwa materja prima importanti għall-produzzjoni tal-elementi tal-irbit, il-GTĊ jiggwida wkoll l-iżvilupp tas-settur tal-elementi tal-irbit f'konformità ma' firxa wiesgħa ta' għodod ta' politika u ta' direttivi u jikkontrolla virtwalment kull aspett fl-iżvilupp u fil-funzjonament tas-settur. Għalhekk, l-industrija tal-elementi tal-irbit tibbenefika minn gwida u minn intervent governattivi dwar il-materja prima ewlenija għall-manifattura tal-elementi tal-irbit, jiġifieri l-azzar.

(200) Minbarra dan ta' hawn fuq, il-produtturi tal-elementi tal-irbit huma wkoll benefiċjarji ta' sussidji mill-Istat, li jindika b'mod ċar l-interess tal-istat f'dan is-settur. Matul l-investigazzjoni, il-Kummissjoni stabbiliet li numru ta' programmi ta' inċentivi finanzjarji saru disponibbli għall-produtturi tal-elementi tal-irbit, inklużi l-Politiki ta' inċentiv tal-2019 għall-industrija tal-elementi tal-irbit fl-2019 fid-distrett ta' Haiyan: "Il-promozzjoni vigoruża tat-trasformazzjoni diġitali u intelliġenti tal-intrapriżi tal-elementi tal-irbit: Għall-applikazzjoni ta' sistemi ta' ġestjoni diġitali u ta' software ta' apparat ta' kontroll integrati, se jingħataw inċentivi finanzjarji speċjali skont is-sena ta' implimentazzjoni, […], L-intrapriżi li jimplimentaw trasformazzjoni diġitali u intelliġenti (jew xiri ġdid) u t-titjib tat-tagħmir tagħhom fl-2019 se jingħataw sussidju ta' darba sa 20 % tal-investiment attwali f'tagħmir ewlieni u sa massimu ta' RMB 2 miljun; fir-rigward tal-implimentazzjoni fl-2020, se jingħataw sussidju ta' darba sa 15 % tal-investiment reali f'tagħmir ewlieni u sa massimu ta' RMB 1,5 miljun; fir-rigward tal-implimentazzjoni fl-2021, se jingħataw sussidju ta' darba sa 12 % tal-investiment attwali f'tagħmir ewlieni u sa massimu ta' RMB 1 miljun yuan ([50])." Is-sussidji kienu disponibbli wkoll fl-2020: "Fuq il-bażi tal-fond speċjali pilota provinċjali ta' 20 miljun, jintużaw fondi pariġġ 1:1 fil-livell tal-kontea għat-trasformazzjoni u għat-titjib tal-industrija tal-elementi tal-irbit. Flimkien mal-"Politika ta' Azzjoni Speċjali tal-elementi tal-irbit ta' Tliet Snin", l-ammont inizjali tas-sussidju bażiku ta' 3 % jew ta' 6 % tal-investiment fi proġetti ta' trasformazzjoni tas-software tal-industrija żdied għal aktar minn 12 %, sa massimu ta' 20 %, […], il-proporzjon ta' sussidji għall-investiment fi proġetti puri ta' software fl-industrija tal-elementi tal-irbit qabeż it-30 %, b'massimu ta' 50 %. Sa issa, tħallsu aktar minn RMB 12-il miljun f'fondi speċjali għall-elementi tal-irbit, li minnhom jibbenefikaw aktar minn 30 intrapriża. […] Fir-rigward ta' proġetti ta' (investiment fi) trasformazzjoni teknoloġika, l-investiment f'tagħmir tal-produzzjoni jrid jaqbeż it-RMB 3 miljun ([51])."

(201) Fil-qosor, il-GTĊ għandu miżuri fis-seħħ sabiex jikkonvinċi lill-operaturi jikkonformaw mal-objettivi tal-ordni pubbliku li jiġu appoġġati l-industriji mħeġġin, inkluż il-produzzjoni tal-azzar bħala l-materja prima ewlenija użata fil-manifattura tal-elementi tal-irbit. Tali miżuri jimpedixxu l-forzi tas-suq milli joperaw b'mod ħieles.

([43]) Ir-Rapport, il-Parti III, il-Kapitolu 14, p. 346 ff.
([44]) L-Introduzzjoni għall-Pjan għall-Aġġustament u t-Titjib tal-Industrija tal-Azzar.
([45]) Ir-Rapport, il-Kapitolu 14, p. 347.
([46]) It-13-il Pjan ta' Ħames Snin għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (2016-2020), disponibbli fuq https://en.ndrc.gov.cn/newsrelease_8232/201612/P020191101481868235378.pdf (ikkonsultat l-aħħar fis-6 ta' Mejju 2021).
([47]) Ir-Rapport – il-Kapitolu 14, p. 349.
([48]) Ir-Rapport – il-Kapitolu 14, p. 352.
([49]) Il-Katalogu għall-Iggwidar tar-Ristrutturar tal-Industrija (il-Verżjoni tal-2011) (l-Emenda tal-2013) maħruġ bl-Ordni Nru 9 tal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Iżvilupp u għar-Riforma fis-27 ta' Marzu 2011, u emendat f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Iżvilupp u għar-Riforma dwar l-Emendar tal-Klawżoli Rilevanti tal-Katalogu għall-Iggwidar tar-Ristrutturar tal-Industrija (il-Verżjoni tal-2011) maħruġa bl-Ordni Nru 21 tal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Iżvilupp u għar-Riforma fis-16 ta' Frar 2013.
([50]) http://www.haiyan.gov.cn/art/2019/12/6/art_1512856_40973400.html
([51]) http://www.jgjzh.com/html/news/xxdt/2020/0426/625.html

(202) Din l-investigazzjoni ma żvelat l-ebda evidenza li l-applikazzjoni diskriminatorja jew l-infurzar inadegwat tal-liġijiet dwar il-falliment u l-proprjetà skont ir-raba' inċiż tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku fis-settur tal-elementi tal-irbit msemmi hawn fuq fil-premessa (188) ma jkun jaffettwa lill-manifatturi tal-prodott ikkonċernat.

(203) Is-settur tal-elementi tal-irbit huwa affettwat ukoll mid-distorsjonijiet tal-kostijiet tal-pagi fis-sens tal-ħames inċiż tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku, kif imsemmi wkoll hawn fuq fil-premessa (188). Dawk id-distorsjonijiet jaffettwaw lis-settur kemm direttament (waqt il-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat jew tal-inputs ewlenin), kif ukoll indirettament (waqt li jkun hemm aċċess għall-kapital jew għall-inputs minn kumpaniji soġġetti għall-istess sistema lavorattiva fir-RPĊ) ([52]).

(204) Barra minn hekk, ma tressqet l-ebda evidenza f'din l-investigazzjoni li turi li s-settur tal-elementi tal-irbit mhuwiex affettwat mill-intervent tal-gvern fis-sistema finanzjarja fis-sens tas-sitt inċiż tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku, kif imsemmi wkoll hawn fuq fil-premessa (188). Għalhekk, l-intervent sostanzjali mill-gvern fis-sistema finanzjarja jwassal sabiex il-kundizzjonijiet tas-suq jiġu affettwati b'mod serju fil-livelli kollha.

(205) Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tfakkar li sabiex jiġu prodotti l-elementi tal-irbit, huma meħtieġa numru ta' inputs. Meta l-produtturi tal-elementi tal-irbit jixtru/jikkuntrattaw dawn l-inputs, il-prezzijiet li dawn iħallsu (u li jiġu rreġistrati bħala l-kostijiet tagħhom) huma skoperti b'mod ċar għall-istess distorsjonijiet sistemiċi msemmijin qabel. Pereżempju, il-forniturі tal-inputs iħaddmu manodopera li tkun soġġetta għad-distorsjonijiet. Huma jistgħu jissellfu flus li huma soġġetti għad-distorsjonijiet fis-settur finanzjarju/l-allokazzjoni tal-kapital. Barra minn hekk, huma soġġetti għas-sistema ta' ppjanar li tapplika fil-livelli kollha tal-gvern u tas-setturi.

(206) B'konsegwenza ta' dan, mhux biss il-prezzijiet tal-bejgħ domestiku tal-elementi tal-irbit mhumiex xierqa għall-użu fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, iżda l-kostijiet tal-inputs kollha (inklużi l-materja prima, l-enerġija, l-art, il-finanzjament, il-manodopera, eċċ.) huma wkoll affettwati minħabba li l-formazzjoni tal-prezzijiet tagħhom hija affettwata minn intervent sostanzjali min-naħa tal-gvern, kif deskritt fil-Partijiet A u B tar-Rapport. Tabilħaqq, l-interventi mill-gvern deskritti fir-rigward tal-allokazzjoni tal-kapital, tal-art, tal-manodopera, tal-enerġija u tal-materja prima huma preżenti fir-RPĊ kollha. Dan ifisser, pereżempju, li input li minnu nnifsu kien prodott fir-RPĊ permezz tal-kombinament ta' firxa ta' fatturi ta' produzzjoni huwa espost għal distorsjonijiet sinifikanti. L-istess japplika għall-input tal-input u l-bqija.

(207) F'din l-investigazzjoni, la l-GTĊ u lanqas il-produtturi esportaturi ma ppreżentaw xi evidenza jew argument li juru l-kuntrarju.

(208) Fil-qosor, l-evidenza disponibbli wriet li l-prezzijiet jew il-kostijiet tal-prodott ikkonċernat, inklużi l-kostijiet tal-materja prima, tal-enerġija u tal-manodopera, mhumiex ir-riżultat tal-forzi tas-suq ħieles minħabba li dawn huma affettwati minn intervent sostanzjali min-naħa tal-gvern fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku kif muri mill-impatt attwali jew potenzjali ta' wieħed jew aktar mill-elementi rilevanti elenkati fih. Abbażi ta' dan, u fin-nuqqas ta' kwalunkwe kooperazzjoni mill-GTĊ, il-Kummissjoni kkonkludiet li mhuwiex xieraq li jintużaw prezzijiet u kostijiet domestiċi sabiex jiġi stabbilit il-valur normali f'dan il-każ. Konsegwentement, il-Kummissjoni pproċediet sabiex tibni l-valur normali esklużivament abbażi tal-kostijiet tal-produzzjoni u l-bejgħ li jirriflettu prezzijiet jew parametri referenzjarji mingħajr distorsjoni, jiġifieri, f'dan il-każ, abbażi tal-kostijiet korrispondenti tal-produzzjoni u l-bejgħ f'pajjiż rappreżentattiv xieraq, f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, kif diskuss fit-taqsima li ġejja.

(209) Wara l-iżvelar finali, il-GTĊ u s-CCCME ssottomettew kummenti li fihom, fost l-oħrajn, ikkontestaw il-legalità tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku, kif ukoll l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti deskritti mill-Kummissjoni. Il-kummenti huma indirizzati fid-dettall hawn taħt.

(210) Il-GTĊ issottometta, l-ewwel nett, fir-rigward tar-Rapport, li ma hemm l-ebda evidenza li r-Rapport ġie approvat jew li ntlaqa' mill-Kummissjoni, u għal din ir-raġuni hemm dubji dwar jekk ir-Rapport jistax jirrappreżenta l-pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni. Min-naħa fattwali, ir-Rapport huwa, skont il-GTĊ, miżrappreżentattiv, ixaqleb lejn naħa waħda u maqtugħ mir-realtà. Barra minn hekk, skont il-GTĊ, il-fatt li l-Kummissjoni ħarġet rapporti tal-pajjiżi għal ftit pajjiżi magħżulin biss iqajjem tħassib dwar it-trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit. Barra minn hekk, fil-fehma tal-GTĊ, jenħtieġ li l-Kummissjoni ma toqgħodx fuq l-evidenza fir-Rapport, peress li dan ma jkunx konformi mal-ispirtu ta' liġi ekwa u ġusta, peress li effettivament isarraf f'ġudizzju dwar il-każ qabel il-proċess.

([52]) Ara l-premessi 134-135 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/635 u l-premessi 143-144 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/508.

(211) B'mod simili, is-CCCME argumentat li l-Artikolu 2(6a) huwa applikat b'mod diskriminatorju kontra ċ-Ċina, u b'hekk jikser il-prinċipju tal-aktar nazzjon iffavorit peress li l-Kummissjoni ħarġet biss Rapporti speċifiċi għall-pajjiżi fil-każ taċ-Ċina u tar-Russja. Is-CCCME kkontestat ukoll il-valur probatorju tar-Rapport.

(212) It-tieni, il-GTĊ u s-CCCME argumentaw li l-kostruzzjoni tal-valur normali f'konformità mal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku hija inkonsistenti mal-ADA, b'mod partikolari mal-Artikolu 2.2. tal-ADA, li jipprovdi lista eżawrjenti ta' sitwazzjonijiet fejn jista' jiġi kkostruwit il-valur normali, bid-"distorsjonijiet sinifikanti" ma jkunux elenkati fost sitwazzjonijiet bħal dawn. Barra minn hekk, l-użu ta' *data* minn pajjiż rappreżentattiv xieraq huwa, skont il-GTĊ, inkonsistenti mal-Artikolu VI.1(b) tal-GATT u mal-Artikolu 2.2.1.1. tal-ADA, li jirrikjedu l-użu tal-kost tal-produzzjoni fil-pajjiż tal-oriġini meta jinbena l-valur normali.

(213) Barra minn hekk, is-CCCME fakkret li t-Taqsima 15 tal-Protokoll ta' Adeżjoni taċ-Ċina mad-WTO tippermetti derogi mill-metodoloġija standard fid-determinazzjoni tal-valur normali u l-komparabbiltà tal-prezzijiet skont l-Artikolu VI tal-GATT tal-1994 u tal-ADA, iżda dawn id-derogi kienu limitati fiż-żmien, peress li skadew fil-11 ta' Diċembru 2016. Skont is-CCCME, wara l-iskadenza jenħtieġ li l-Unjoni ma tiddevjax mill-metodoloġija standard fl-istabbiliment tal-valur normali tal-produtturi tal-pajjiż esportatur u mill-użu biss ta' prezzijiet u ta' kostijiet domestiċi tal-pajjiż esportatur, sakemm dispożizzjonijiet oħrajn tal-ftehimiet tad-WTO, inkluża l-ADA, ma jkunux jippermettu mod ieħor. Is-CCCME qalet li l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku, sa fejn jippermetti lill-Unjoni tuża *data* ta' pajjiż rappreżentattiv xieraq, imur kontra l-impenn tal-Unjoni skont il-ftehimiet tad-WTO, b'mod partikolari l-impenn tagħha fit-Taqsima 15 tal-Protokoll ta' Adeżjoni taċ-Ċina mad-WTO.

(214) It-tielet, il-GTĊ qal li l-prattiki investigattivi tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku huma inkonsistenti mar-regoli tad-WTO peress li l-Kummissjoni, bi ksur tal-Artikolu 2.2.1.1. tal-ADA, injorat ir-rekords tal-produttur Ċiniż mingħajr ma ddeterminat jekk dawk ir-rekords humiex konformi mal-prinċipji kontabilistiċi ġeneralment aċċettati fiċ-Ċina. F'dan ir-rigward, il-GTĊ fakkar li l-Korp tal-Appell f'DS473 u l-bord f'DS494 qalu li, skont l-Artikolu 2.2.1.1 tal-ADA, sakemm ir-rekords miżmumin mill-esportatur jew mill-produttur taħt investigazzjoni jkunu jikkorrespondu – fi ħdan limiti aċċettabbli – b'mod akkurat u affidabbli, għall-kostijiet attwali kollha mġarrbin mill-produttur jew mill-esportatur partikolari għall-prodott taħt kunsiderazzjoni, huma jistgħu jitqiesu li "jirriflettu b'mod raġonevoli l-ispejjeż assoċjati mal-produzzjoni u l-bejgħ tal-prodott ikkunsidrat", u jenħtieġ li l-awtorità investigattiva tuża tali rekords sabiex tiddetermina l-kostijiet tal-produzzjoni tal-produtturi investigati.

(215) Is-CCCME b'mod simili argumentat li l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament Bażiku huwa inkompatibbli mar-regoli tad-WTO peress li jipprovdi li l-kost u l-prezzijiet tal-produttur esportatur u fil-pajjiż esportatur iridu jiġu injorati minħabba distorsjonijiet sinifikanti. Is-CCCME fakkret li l-Korp tal-Appell tad-WTO fl-Unjoni Ewropea – Miżuri anti-dumping fuq il-bijodiżil mill-Arġentina, sab li l-Unjoni aġixxiet b'mod inkonsistenti mal-Artikolu 2.2.1.1 tal-ADA billi ma użatx ir-rekords miżmumin mill-produtturi investigati bħala bażi sabiex tikkalkola l-kost tal-produzzjoni tal-prodott taħt investigazzjoni. Is-CCCME ddikjarat b'mod partikolari li, fid-dawl ta' dik id-deċiżjoni, id-distorsjonijiet fl-Arġentina li kienu qed jikkawżaw differenza bejn il-prezzijiet domestiċi u dawk internazzjonali tal-materja prima ewlenija tal-prodott ikkonċernat ma kinux fihom infushom bażi suffiċjenti skont l-Artikolu 2.2.1.1 għall-konklużjoni li r-rekords tal-produttur ma kinux jirriflettu b'mod raġonevoli l-kostijiet tal-materja prima assoċjata mal-produzzjoni u mal-bejgħ tal-prodott ikkonċernat, jew sabiex jiġu injorati dawk il-kostijiet meta jinħadem il-valur normali tal-prodott ikkonċernat.

(216) Fir-rigward tal-argument dwar l-istatus tar-Rapport skont il-leġiżlazzjoni tal-UE, il-Kummissjoni fakkret li l-Artikolu 2(6a)(c) tar-Regolament bażiku ma jippreskrivix format speċifiku għar-rapporti dwar distorsjonijiet sinifikanti, u lanqas dik id-dispożizzjoni ma tiddefinixxi mezz għall-pubblikazzjoni. Ir-rapport huwa dokument tekniku bbażat fuq il-fatti li jintuża biss fil-kuntest ta' investigazzjonijiet għad-difiża tal-kummerċ. Għalhekk, ir-rapport inħareġ b'mod xieraq bħala dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni, minħabba li huwa purament deskrittiv u ma jesprimix fehmiet, preferenzi jew ġudizzji politiċi. Dan ma jaffettwax il-kontenut tiegħu, jiġifieri s-sorsi oġġettivi ta' informazzjoni dwar l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti fl-ekonomija Ċiniża rilevanti għall-fini tal-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a)(c) tar-Regolament bażiku. Fir-rigward tar-rimarki li jgħidu li r-Rapport huwa unilaterali u miżrappreżentattiv, il-Kummissjoni nnotat li r-Rapport huwa dokument komprensiv ibbażat fuq evidenza oġġettiva estensiva, li tinkludi leġiżlazzjoni, regolamenti u dokumenti uffiċjali oħrajn ta' politika ppubblikati mill-GTĊ,

rapporti ta' partijiet terzi minn organizzazzjonijiet internazzjonali, studji akkademiċi u artikli minn akkademiċi, u sorsi indipendenti affidabbli oħrajn. Ir-Rapport ilu disponibbli pubblikament minn Diċembru 2017 u b'hekk kwalunkwe parti interessata kellha biżżejjed opportunità sabiex tirribatti, tissupplimenta jew tikkummenta dwaru u dwar l-evidenza li fuqha huwa bbażat. Il-Kummissjoni nnotat ukoll f'dan ir-rigward li filwaqt li indikat id-difetti tar-Rapport f'termini purament ġeneriċi u astratti, il-GTĊ żamm lura milli qatt jipprovdi xi konfutazzjoni dwar is-sustanza u l-evidenza li jinsabu fir-rapport. B'reazzjoni għall-allegazzjonijiet tal-GTĊ dwar il-ksur tat-trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit, il-Kummissjoni fakkret li, kif previst mill-Artikolu 2(6a)(c) tar-Regolament bażiku, għandu jiġi prodott rapport tal-pajjiż għal kwalunkwe pajjiż biss meta l-Kummissjoni jkollha indikazzjonijiet fondati sewwa tal-eżistenza possibbli ta' distorsjonijiet sinifikanti f'pajjiż speċifiku jew f'settur speċifiku f'dak il-pajjiż. Mad-dħul fis-seħħ tad-dispożizzjonijiet il-ġodda tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku f'Diċembru 2017, il-Kummissjoni kellha tali indikazzjonijiet ta' distorsjonijiet sinifikanti għaċ-Ċina. F'Ottubru 2020 ([53]), il-Kummissjoni ppubblikat ukoll rapport dwar id-distorsjonijiet fir-Russja u, fejn xieraq, jistgħu jsegwu rapporti oħrajn. Barra minn hekk, il-Kummissjoni fakkret li r-rapporti mhumiex obbligatorji għall-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a). L-Artikolu 2(6a)(c) jiddeskrivi l-kundizzjonijiet sabiex il-Kummissjoni toħroġ rapporti tal-pajjiżi u, skont l-Artikolu 2(6a)(d), l-ilmentaturi mhumiex obbligati jużaw ir-rapport, u l-eżistenza ta' rapport tal-pajjiż lanqas ma hija kundizzjoni sabiex tinbeda investigazzjoni skont l-Artikolu 2(6a) f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(e). Skont l-Artikolu 2(6a)(e), evidenza suffiċjenti li turi distorsjonijiet sinifikanti fi kwalunkwe pajjiż miġjuba mill-ilmentaturi li jissodisfaw il-kriterji tal-Artikolu 2(6a)(b) hija biżżejjed biex tinbeda l-investigazzjoni fuq dik il-bażi. Għalhekk, ir-regoli li jikkonċernaw distorsjonijiet sinifikanti speċifiċi għall-pajjiż japplikaw għall-pajjiżi kollha mingħajr ebda distinzjoni, u irrispettivament mill-eżistenza ta' rapport tal-pajjiż. B'riżultat ta' dan, skont id-definizzjoni, ir-regoli dwar id-distorsjonijiet tal-pajjiżi ma jiksrux il-prinċipju tan-nazzjon l-aktar iffavorit.

(217) Rigward it-tieni u t-tielet argumenti tal-GTĊ u tas-CCCME dwar l-allegata inkompatibbiltà tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku mad-dritt tad-WTO, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2.2. u 2.2.1.1. tal-ADA, kif ukoll is-sejbiet f'DS473 u f'DS494, il-Kummissjoni tenniet il-fehma tagħha espressa fil-premessi (72) u (73) tar-Regolament proviżorju li l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku huwa kompletament konformi mal-obbligi tal-UE skont id-dritt tad-WTO. Barra minn hekk, fir-rigward tal-affermazzjoni li l-kunċett ta' distorsjonijiet sinifikanti inkluż fl-Artikolu 2(6a) tar-Regolament Bażiku mhuwiex elenkat fost is-sitwazzjonijiet li fihom huwa permissibbli li l-valur normali jinbena skont l-Artikolu 2.2 tal-ADA, il-Kummissjoni fakkret li d-dritt domestiku ma għandux bżonn juża l-istess termini eżatti bħall-Ftehimiet koperti sabiex ikun konformi ma' dawk il-Ftehimiet, u li hija tqis li l-Artikolu 2(6a) huwa kompletament konformi mar-regoli rilevanti tal-ADA (u, b'mod partikolari, mal-possibbiltajiet li valur normali jinbena kif previst fl-Artikolu 2.2 tal-ADA). Barra minn hekk, fir-rigward ta' DS494, il-Kummissjoni fakkret li kemm l-UE kif ukoll il-Federazzjoni Russa appellaw is-sejbiet tal-Bord, li mhumiex finali u, għalhekk, skont ġurisprudenza permanenti tad-WTO, ma għandhom l-ebda status legali fis-sistema tad-WTO, peress li dawn ma ġewx adottati mill-Korp għas-Soluzzjoni tat-Tilwim. Fi kwalunkwe każ, ir-Rapport tal-Bord f'dik it-tilwima kkunsidra speċifikament id-dispożizzjonijiet fl-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku bħala barra mill-kamp ta' applikazzjoni tat-tilwima. Fir-rigward ta' DS473, id-deċiżjoni rilevanti ma kinitx tikkonċerna l-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku, iżda ta' dispożizzjoni speċifika tal-Artikolu 2(5) tar-Regolament bażiku. Hija l-fehma tal-Kummissjoni li d-dritt tad-WTO kif interpretat mill-Bord tad-WTO u mill-Korp tal-Appell f'DS473 jippermetti l-użu ta' *data* minn pajjiż terz, b'aġġustament dovut meta tali aġġustament ikun neċessarju u sostanzjat. L-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti tagħmel il-kostijiet u l-prezzijiet fil-pajjiż esportatur mhux xierqa għall-ħdim tal-valur normali. F'dawn iċ-ċirkostanzi, l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku jipprevedi l-ħdim tal-kostijiet tal-produzzjoni u tal-bejgħ abbażi ta' prezzijiet jew valuri referenzjarji mingħajr distorsjoni, inklużi dawk f'pajjiż rappreżentattiv xieraq b'livell simili ta' żvilupp bħall-pajjiż esportatur. F'dan ir-rigward, sitwazzjoni li teżisti fir-rigward tas-suq għall-prodott simili jew għall-inputs tiegħu (bħal dik li nstabet fiċ-Ċina) tista' ssarraf f'sitwazzjoni li fiha l-bejgħ domestiku tal-esportatur tal-prodott simili ma jippermettix paragun xieraq mal-bejgħ tal-esportazzjoni tal-prodott taħt kunsiderazzjoni mill-esportatur.

(218) Fir-rigward tal-impenji skont it-Taqsima 15 tal-Protokoll ta' Adeżjoni taċ-Ċina mad-WTO, il-Kummissjoni tfakkar li fil-proċeduri anti-dumping li jikkonċernaw il-prodotti miċ-Ċina, il-partijiet tat-Taqsima 15 tal-Protokoll li ma skadewx ikomplu japplikaw meta jiġi ddeterminat il-valur normali, kemm fir-rigward tal-istandard tal-ekonomija tas-suq kif ukoll fir-rigward tal-użu ta' metodoloġija li mhijiex ibbażata fuq tqabbil strett mal-prezzijiet jew mal-kostijiet Ċiniżi.

(219) Konsegwentement, il-Kummissjoni ċaħdet l-argumenti tal-GTĊ u tas-CCCME.

([53]) Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni SWD(2020) 242 final, 22.10.2020, disponibbli fuq https://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2020/october/tradoc_158997.pdf.

3.4. **Pajjiż rappreżentattiv**

3.4.1. *Kummenti ġenerali*

(220) L-għażla tal-pajjiż rappreżentattiv skont l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku kienet ibbażata fuq il-kriterji li ġejjin:

(1) Livell ta' żvilupp ekonomiku simili għaċ-Ċina. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni użat pajjiżi b'introjtu nazzjonali gross *per capita* simili għaċ-Ċina fuq il-bażi tal-bażi tad-*data* tal-Bank Dinji ([54]);

(2) Il-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat f'dak il-pajjiż;

(3) Id-disponibbiltà tad-*data* pubblika rilevanti fil-pajjiż rappreżentattiv;

(4) Fejn kien hemm aktar minn pajjiż rappreżentattiv wieħed possibbli, tingħata preferenza, fejn xieraq, lill-pajjiż b'livell adegwat ta' protezzjoni soċjali u ambjentali.

(221) Kif imsemmi fil-premessi (172) u (173), il-Kummissjoni għamlet disponibbli żewġ noti mal-fajl dwar is-sorsi għad-determinazzjoni tal-valur normali li fuqu l-partijiet interessati ġew mistidnin jikkummentaw: in-Nota tal-5 ta' Frar ("L-Ewwel Nota") u n-Nota tal-4 ta' Mejju ("It-Tieni Nota"). Dawn in-noti ddeskrivew il-fatti u l-evidenza li fuqhom huma bbażati l-kriterji rilevanti u indirizzaw il-kummenti li waslu mill-partijiet dwar dawk l-elementi u dwar is-sorsi rilevanti. Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-fatti u l-evidenza u l-konklużjonijiet jistgħu jinġabru fil-qosor kif ġej.

3.4.2. *Livell ta' żvilupp ekonomiku simili għaċ-Ċina*

(222) Fl-Ewwel Nota, il-Kummissjoni identifikat 55pajjiż b'livell simili ta' żvilupp ekonomiku bħaċ-Ċina. Fil-perjodu ta' investigazzjoni, il-Bank Dinji kklassifika lil dawn il-pajjiżi bħala pajjiżi b'"introjtu medju superjuri" fuq bażi tal-introjtu nazzjonali gross. Madankollu, produzzjoni mdaqqsa tal-prodott taħt investigazzjoni kienet magħrufa li sseħħ biss fi tmienja minn dawn il-pajjiżi, jiġifieri fil-Brażil, fil-Kolombja, fl-Indoneżja, fil-Malażja, fil-Messiku, fir-Russja, fit-Turkija u fit-Tajlandja.

3.4.3. *Disponibbiltà tad-data pubblika rilevanti fil-pajjiż rappreżentattiv*

(223) Fl-Ewwel Nota, il-Kummissjoni pprovdiet informazzjoni dwar *data* rilevanti disponibbli faċilment, b'mod partikolari informazzjoni finanzjarja ta' kumpaniji li jipproduċu l-prodott taħt investigazzjoni fil-Brażil, fir-Russja, fit-Turkija u fit-Tajlandja, u dwar l-importazzjonijiet f'dawn il-pajjiżi tal-materja prima għall-produzzjoni tal-prodott taħt investigazzjoni. Fit-Tieni Nota, il-Kummissjoni kkonfermat id-disponibbiltà tal-informazzjoni finanzjarja ta' kumpanija waħda li tipproduċi l-prodott taħt investigazzjoni fil-Malażja, kif identifikat mill-partijiet interessati. Ma nstabet l-ebda kumpanija li tipproduċi l-prodott taħt investigazzjoni b'informazzjoni finanzjarja faċilment disponibbli fil-Kolombja, fl-Indoneżja u fil-Messiku.

(224) Fit-Tieni Nota, il-Kummissjoni kkunsidrat li, skont il-bażi tad-*data* tal-Global Trade Atlas ("GTA"), aktar minn 75 % tal-importazzjonijiet tal-wajer tal-azzar illigat (SA 722790) fil-Brażil u fil-Malażja, kienu jinkisbu mir-RPĊ u mill-pajjiżi mhux tad-WTO elenkati fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2015/755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([55]). Il-wajer tal-azzar illigat jirrappreżenta aktar minn 45 % fil-kost tal-produzzjoni tal-elementi tal-irbit. Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-valur tal-importazzjoni tal-wajer tal-azzar illigat x'aktarx kien imminat u mhux rappreżentattiv meta mqabbel ma' pajjiżi rappreżentattivi oħrajn disponibbli bħat-Turkija jew it-Tajlandja. Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-Brażil u l-Malażja kellhom sett ta' *data* faċilment disponibbli ta' kwalità aktar baxxa għal valur mingħajr distorsjoni u ma kinux ikkunsidrati bħala pajjiżi rappreżentattivi xierqa skont it-tifsira tal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku.

(225) Fit-Tieni Nota, il-Kummissjoni eskludiet lir-Russja mill-kunsiderazzjoni tagħha bħala pajjiż rappreżentattiv xieraq skont it-tifsira tal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, minħabba li l-partijiet interessati kollha qablu li r-Russja ma kinitx pajjiż rappreżentattiv xieraq għal din l-investigazzjoni.

([54]) World Bank Open Data – Upper Middle Income - https://data.worldbank.org/income-level/upper-middle-income

([55]) Ir-Regolament (UE) 2015/755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 dwar regoli komuni għall-importazzjonijiet minn ċerti pajjiżi terzi (ĠU L 123, 19.5.2015, p. 33).

(226) Fit-Tieni Nota, il-Kummissjoni nnutat li t-Tajlandja kienet l-akbar suq li jipproduċi elementi tal-irbit standard u mhux standard meta mqabbla mal-pajjiżi rappreżentattivi potenzjali l-oħrajn kollha, u kbira d-doppju tat-Turkija f'termini ta' valur tal-produzzjoni u ta' domanda interna. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Kummissjoni nnotifikat l-intenzjoni tagħha li tuża t-Tajlandja bħala l-pajjiż rappreżentattiv xieraq u li tuża d-*data* finanzjarja disponibbli għas-sitt kumpaniji fit-Tajlandja elenkati fit-Tieni Nota, f'konformità mal-ewwel inċiż tal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku.

3.4.4. *Kummenti tal-partijiet interessati*

(227) Wara t-Tieni Nota, l-EIFI qal li t-Tajlandja ma kinitx pajjiż rappreżentattiv xieraq fuq il-bażi tal-argumenti li ġejjin:

— Allegatament hemm evidenza ta' prattiki kummerċjali inġusti mit-Tajlandja. B'appoġġ għal din id-dikjarazzjoni, l-EIFI rrefera għad-*data* pprovduta fl-ilment u ppreżenta kwotazzjonijiet ta' diversi atturi fit-Tajlandja li rrapportaw prattiki kummerċjali inġusti. Barra minn hekk, l-EIFI qal li ħafna produtturi Tajlandiżi kellhom profittabilità baxxa.

— It-Tajlandja allegatament ma tissodisfax ir-rekwiżit ta' livell adegwat ta' protezzjoni soċjali u ambjentali kif stabbilit fl-Artikolu 2(7) tar-Regolament bażiku.

(228) L-allegati prattiki kummerċjali inġusti mit-Tajlandja ma ġew ikkonfermati minn ebda investigazzjoni anti-dumping li kienet għaddejja u, għalhekk, ma ġewx ikkunsidrati aktar. Fir-rigward tal-livell ta' protezzjoni soċjali u ambjentali fit-Tajlandja, f'konformità mal-ewwel inċiż tal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, dan jiġi evalwat biss f'każ li jkun hemm aktar minn pajjiż rappreżentattiv potenzjali wieħed disponibbli. Billi dan ma kienx il-każ fl-investigazzjoni preżenti, kif spjegat fid-dettall f'din it-taqsima, l-argumenti tal-EIFI f'dan ir-rigward ġew miċħudin.

(229) Is-CCCME argumentat li numru ta' produtturi tal-elementi tal-irbit fit-Tajlandja kienu proprjetà ta' manifatturi tal-karozzi Ġappuniżi. Dawk il-produtturi prinċipalment jipproduċu elementi tal-irbit mhux standard għall-industrija tal-karozzi fil-Ġappun u, għal dan l-għan, jimpurtaw materja prima ta' kwalità għolja mill-kumpaniji relatati tagħhom fil-Ġappun. Għalhekk, il-prezz medju tal-importazzjoni fit-Tajlandja jirrifletti dawn l-importazzjonijiet bi prezz ogħla u ma jkunx rappreżentattiv għall-kost tal-produtturi Ċiniżi li prinċipalment kienu qed jimmanifatturaw elementi tal-irbit standard bl-użu ta' materja prima orħos. Barra minn hekk, is-CCCME qalet li l-prezzijiet tal-importazzjoni mill-Ġappun ma jkunux distakkati peress li kienu prinċipalment riżultat ta' tranżazzjonijiet bejn kumpaniji relatati. Fuq il-bażi ta' dawn l-argumenti, is-CCCME talbet li jekk it-Tajlandja tintuża bħala pajjiż rappreżentattiv, jenħtieġ li d-*data* tal-importazzjoni tiġi aġġustata billi jitnaqqsu l-importazzjonijiet mill-Ġappun mill-importazzjonijiet totali. Din ġiet appoġġata mill-produttur esportatur fil-kampjun Ningbo Jinding u mill-EFDA.

(230) Is-CCCME ma pprovdiet l-ebda evidenza dwar l-iskala tal-importazzjonijiet Ġappuniżi lejn it-Tajlandja ta' materja prima ddestinata għall-produzzjoni ta' elementi tal-irbit mhux standard użati speċifikament fl-industrija tal-karozzi. Bl-istess mod, ma ġiet ipprovduta l-ebda evidenza li kienu qed isiru importazzjonijiet minn partijiet relatati jew li l-prezzijiet tal-importazzjoni kienu distorti. Is-sempliċi differenza fil-prezz bejn l-importazzjonijiet Ġappuniżi u importazzjonijiet oħrajn minn pajjiżi terzi fit-Tajlandja ma kinitx ikkunsidrata suffiċjenti sabiex jiġi konkluż li l-prezzijiet tal-importazzjoni mill-Ġappun kienu distorti.

(231) L-EIFI argumenta li l-informazzjoni u l-argumenti mressqin mis-CCCME u mill-EFDA wrew li t-Tajlandja ma kinitx pajjiż rappreżentattiv xieraq. Madankollu, huma enfasizzaw li l-produtturi esportaturi Ċiniżi jipproduċu u jesportaw it-tipi kollha ta' elementi tal-irbit lejn l-Unjoni, b'mod partikolari l-elementi tal-irbit mhux standard ukoll.

(232) Fuq il-bażi tal-GTA, il-Kummissjoni analizzat il-prezzijiet tal-esportazzjonijiet Ġappuniżi tal-erba' materji primi ewlenin (jiġifieri 7228 30 (Żbarri u vireg tal-azzar illigat (għajr tal-azzar inossidabbli), mhux maħdumin aktar ħlief illaminati bis-sħana, miġbudin jew maħruġin bis-sħana), 7227 90 (Żbarri u vireg tal-azzar illigat (għajr tal-azzar inossidabbli), illaminati bis-sħana, f'koljaturi mkebbin bl-addoċċ), 7213 99 (Żbarri u vireg, irrumblati bis-sħana, f'koljaturi mkebbin b'mod irregolari, tal-ħadid jew tal-azzar mhux illigat, N.E.S.O.I.), 7213 91 (Żbarri u vireg, irrumblati bis-sħana, f'koljaturi mkebbin b'mod irregolari, tal-ħadid jew tal-azzar mhux illigat, ta' sezzjoni trażversali ċirkolari b'dijametru ta' anqas minn 14-il mm)). Matul il-PI, it-Tajlandja kienet wieħed mill-ħames swieq ewlenin tal-esportazzjoni tal-Ġappun, li jirrappreżenta 17 % tal-esportazzjonijiet totali tagħha ta' dawn il-materjali, filwaqt li l-ħamsa ewlenin (eskluża ċ-Ċina) kienu jirrappreżentaw aktar minn 60 %. Il-prezz medju tal-esportazzjoni lejn it-Tajlandja kien 17 % ogħla milli lejn il-ħames pajjiżi ewlenin (prezz ta' EUR 0,90/kg għat-Tajlandja u ta' EUR 0,77/kg għall-ħames pajjiżi tal-esportazzjoni ewlenin l-oħrajn). Fuq il-bażi ta' din l-informazzjoni, ma jistax jiġi konkluż li l-prezzijiet tal-esportazzjoni Ġappuniżi lejn it-Tajlandja huma għoljin b'mod mhux raġonevoli u mhux rappreżentattivi.

(233) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni ċaħdet l-argument imressaq mill-partijiet interessati li l-prezzijiet tal-importazzjoni tal-fatturi tal-produzzjoni fit-Tajlandja ma kinux rappreżentattivi jew raġonevoli.

(234) Is-CCCME, l-EFDA u produttur esportatur wieħed fil-kampjun qalu li l-Malażja kienet l-aktar pajjiż terz rappreżentattiv xieraq, fuq il-bażi tal-argumenti li ġejjin:

— Il-Malażja prinċipalment tipproduċi elementi tal-irbit standard; għalhekk, it-taħlita tal-prodotti tagħha hija simili għal dik taċ-Ċina.

— Id-*data* finanzjarja disponibbli għal produttur Malażjan wieħed, jiġifieri Chin Well Fasteners Co. Sdb. Bhd. tkopri eżattament il-PI b'kuntrast mad-*data* disponibbli fil-bażi tad-*data* tad-D&B għall-produtturi Tajlandiżi li jkopru jew is-sena 2019 jew is-sena 2020. Barra minn hekk, l-ebda sena ma hija rappreżentattiva għall-PI peress li d-*data* għall-2019 ma kinitx ġiet affettwata mill-pandemija tal-COVID-19, filwaqt li d-*data* għall-2020 kienet ġiet affettwata bis-sħiħ minnha.

— Għall-produttur Malażjan inkwistjoni, il-kontijiet awditjati b'noti ta' akkumpanjament u r-rapport tal-awditjar huma disponibbli u d-*data* tista' tiġi distinta għal kull segment tan-negozju, filwaqt li d-*data* tad-D&B jaf tmur lil hinn mill-prodott ikkonċernat jew mis-segment tan-negozju rilevanti. Għalhekk, id-*data* finanzjarja mill-bażi tad-*data* tad-D&B hija anqas affidabbli.

— Is-CCCME kkontestat li l-prezzijiet tal-importazzjoni għal fatturi ewlenin tal-produzzjoni fil-Malażja ma kinux rappreżentattivi. Jiġifieri, il-volumi ta' importazzjoni ta' wajer tal-azzar illigat fil-Malażja (taħt il-kodiċi SA 722790) huma ogħla mill-volumi ta' importazzjoni kkombinati taħt l-istess kodiċi SA fil-Brażil u fir-Russja, inklużi l-importazzjonijiet Ċiniżi u minn pajjiżi mhux tad-WTO. Il-prezz medju tal-importazzjoni fil-Malażja mingħajr l-importazzjonijiet Ċiniżi u minn pajjiżi mhux tad-WTO huwa simili għall-prezz tal-importazzjoni fit-Turkija. Peress li jenħtieġ li l-prezzijiet tal-importazzjoni fit-Turkija ma jitqisux bħala distorti (peress li ma hemm l-ebda importazzjoni miċ-Ċina jew minn pajjiżi mhux tad-WTO), minn dan isegwi li lanqas il-prezz tal-importazzjoni fil-Malażja ma jista' jitqies bħala distort jew mhux rappreżentattiv.

(235) Il-Kummissjoni sabet li l-importazzjonijiet fil-Malażja taħt il-kodiċi SA 722790 minn sorsi mingħajr distorsjoni (jiġifieri sorsi għajr iċ-Ċina u pajjiżi mhux tad-WTO) kienu aktar baxxi mill-volumi ta' importazzjoni lejn pajjiżi rappreżentattivi potenzjali oħrajn u meqjusin anqas affidabbli f'termini ta' prezzijiet. Għalhekk, għall-kuntrarju ta' dak li qalet is-CCCME, l-importazzjonijiet taħt il-kodiċi SA 722790 lejn it-Tajlandja ammontaw għal madwar 187 000 tunnellata u, għalhekk, kienu kważi 12-il darba ogħla mill-volumi tal-importazzjonijiet lejn il-Malażja li ammontaw għal 16 000 tunnellata.

(236) Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma sabet l-ebda kumpanija fil-Malażja li kellha *data* finanzjarja disponibbli għall-2019. Rigward Chin Well Fasteners Co. Sdn. Bhd. issuġġerita mill-partijiet interessati, ir-rapport annwali tal-kumpanija azzjonarja tagħha (Chin Well Holdings Berhad) tabilħaqq kien disponibbli fuq is-sit web tal-kumpanija. Madankollu, ir-rapport annwali kien jinkludi d-dikjarazzjonijiet tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Grupp u tal-kumpanija azzjonarja fit-30 ta' Ġunju 2020 ([56]). Fuq il-bażi ta' dan ir-rapport ([57]), il-Grupp kellu l-attivitajiet li ġejjin:

(1) il-produzzjoni tal-elementi tal-irbit f'Penang, il-Malażja u l-Provinċja ta' Dong Nai, il-Vjetnam;

(2) l-attivitajiet kummerċjali f'vireg tal-azzar, f'viti, fi skorfini, f'boltijiet u fi prodotti oħrajn tal-qfil;

(3) il-manifattura ta' wajer iggalvanizzat ta' preċiżjoni, ta' wajer tal-ittemprar, ta' wajer pont, ta' wajer miġbud iebes, ta' wajer tal-PVC, ta' virga tonda mgħawġa u ta' malji xibka;

(4) il-parteċipazzjoni ta' investiment.

(237) Għalhekk, ir-rapport tal-introjtu tal-Grupp kien jinkludi attivitajiet oħrajn minbarra l-produzzjoni tal-elementi tal-irbit fil-Malażja, b'mod partikolari l-produzzjoni tal-elementi tal-irbit fil-Vjetnam. Għalhekk, il-Kummissjoni qieset li ma kienx xieraq li jintuża r-rapport annwali ta' Chin Well Holdings Berhad għall-fini ta' din l-investigazzjoni. Għalhekk, l-argumenti tal-partijiet interessati kkonċernati f'dan ir-rigward ġew miċħudin.

([56]) https://disclosure.bursamalaysia.com/FileAccess/apbursaweb/download?id=203916&name=EA_DS_ATTACHMENTS, Annual report 2020, Report on the Audit of the Financial Statements, p. 54.

([57]) https://disclosure.bursamalaysia.com/FileAccess/apbursaweb/download?id=203916&name=EA_DS_ATTACHMENTS, Annual report 2020, Report on the Audit of the Financial Statements, p. 10.

(238) L-EIFI u l-EFDA pproponew lit-Tajwan bħala pajjiż rappreżentant xieraq, u argumentaw li kien wieħed mill-akbar produtturi ta' elementi tal-irbit madwar id-dinja.

(239) Kif innotat fil-premessa (220), f'konformità mal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku, wieħed mill-kriterji sabiex jintgħażel il-pajjiż rappreżentattiv kien livell ta' żvilupp ekonomiku simili għaċ-Ċina. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni użat pajjiżi b'introjtu nazzjonali gross *per capita* simili għaċ-Ċina fuq il-bażi tal-bażi tad-*data* tal-Bank Dinji. Peress li t-Tajwan ma kienx fost dawn il-pajjiżi, il-proposta li saret mill-partijiet interessati ġiet miċħuda.

(240) Is-CCCME u l-EFDA ddikjaraw ukoll li l-partijiet interessati ma setgħux jeżerċitaw id-drittijiet tad-difiża tagħhom kif xieraq minħabba li ma setgħux iwettqu tfittxijiet fil-bażijiet tad-*data*, bħal GTA u D&B fin-nuqqas ta' abbonament. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma pprovdiet l-ebda estratt mill-bażi tad-*data* ta' D&B u lanqas deskrizzjoni tal-metodoloġija użata minn D&B sabiex tikseb id-*data* rilevanti. B'riżultat ta' dan, il-partijiet interessati ma ngħatawx id-*data* li fuqha hija bbażata d-determinazzjoni ta' pajjiż rappreżentattiv xieraq.

(241) Il-Kummissjoni indirizzat dan it-tħassib billi pprovdiet fil-fajl tal-każ miftuħ l-estratti mill-bażi tad-*data* ta' D&B dwar il-kumpaniji fit-Tajlandja u mill-bażi tad-*data* tal-GTA dwar l-importazzjonijiet tal-fatturi ewlenin tal-produzzjoni lejn il-Malażja (peress li dawn kienu neqsin fl-Ewwel Nota) ([58]). L-estratt mill-bażi tad-*data* ta' D&B kien jinkludi links għas-sit web ta' D&B li jirreferi għall-metodoloġija ġenerali, jiġifieri ġabra tal-Karta Bilanċjali, Profitt/Telf u l-proporzjonijiet ewlenin minn numru ta' kumpaniji madwar id-dinja, għal kull pajjiż, inklużi l-ispjegazzjonijiet ta' dawn il-proporzjonijiet ewlenin.

(242) Fl-aħħar nett, is-CCCME u l-EFDA argumentaw li mis-sitt kumpaniji fit-Tajlandja elenkati fit-Tieni Nota li d-*data* finanzjarja tagħhom kienet maħsuba sabiex tintuża għad-determinazzjoni tal-SG&A u l-profitt għall-valur normali maħdum, bosta ma kinux adattati għar-raġunijiet li ġejjin:

— Kumpanija minnhom (Topy Thailand) kienet tipproduċi l-aktar prodotti li ma kinux il-prodott ikkonċernat. Il-kwantitajiet żgħar tal-prodott ikkonċernat manifatturati kienu elementi tal-irbit mhux standard għall-industrija tal-karozzi. Barra minn hekk, l-SG&A kienu baxxi ħafna, li jissuġġerixxi li l-kumpanija ma kinitx tbigħ lil klijenti mhux relatati u, għalhekk, il-prezzijiet tal-bejgħ u l-marġni ta' profitt ma kinux affidabbli.

— Kumpanija oħra (TR Formac) ma kellhiex impjant tal-produzzjoni fit-Tajlandja.

— Kumpanija oħra (S.J. Screwthai) kienet tipproduċi varjetà kbira ta' prodotti li ma kinux il-prodott ikkonċernat (eż. boltijiet tal-ankraġġ) u dehret li kienet iffukata fuq elementi tal-irbit mhux standard.

— Kumpanija oħra (Thaisin Metals Industries Co., Ltd.) dehret li kienet iffukata fuq elementi tal-irbit mhux standard.

(243) L-EIFI qabel mal-valutazzjoni minn dawn il-partijiet u nnota li għal xi whud mill-kumpaniji elenkati, l-SG&A u l-profitt kienu baxxi wisq (jiġifieri marġni ta' profitt taħt il-profitt minimu fil-mira ta' 6 % kif stabbilit mill-Artikolu 7(2c) tar-Regolament bażiku).

(244) Il-Kummissjoni rrieżaminat l-informazzjoni disponibbli għas-sitt kumpaniji fit-Tajlandja u fuq il-bażi tas-siti web tagħhom ikkonfermat li:

— Topy Thailand kienet tipproduċi woxers, li jaqgħu fl-ambitu tal-prodott, fost prodotti oħrajn li ma kinux koperti minn din l-investigazzjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni żammet lil din il-kumpanija fl-analiżi.

— TR Formac ma kellhiex impjant tal-produzzjoni fit-Tajlandja. Għalhekk, il-Kummissjoni eskludiet lil din il-kumpanija mill-analiżi.

([58]) Referenza tad-dokument t21.003886 tas-17/05/2021.

— S.J. Screwthai kienet manifattur tal-boltijiet tal-ankraġġ, u kienet tipproduċi wkoll viti, ankraġġi tal-konkrit u woxers. Kif spjegat fil-premessa (151), l-ankraġġi, b'mod partikolari meta kkombinati ma' boltijiet jew ma' viti, jaqgħu fl-ambitu ta' din l-investigazzjoni. Il-kumpanija kienet tipproduċi wkoll diversi tipi oħra ta' elementi tal-irbit (pereżempju viti u woxers). Il-Kummissjoni żammet lil din il-kumpanija fl-analiżi.

— Thaisin Metals Industries Co., Ltd. kienet produttur tal-viti tal-boltijiet, li tipproduċi wkoll self-tapping screws, machine screws, boltijiet eżagonali u socket hex caps għal varjetà ta' setturi. Peress li kien hemm diversi tipi ta' elementi tal-irbit prodotti minn din il-kumpanija, inklużi elementi tal-irbit mhux standard, il-Kummissjoni żammet lil din il-kumpanija fl-analiżi.

(245) Ma ġiet ipprovduta l-ebda evidenza sostanzjata dwar għaliex il-livell tal-SG&A tal-kumpaniji Tajlandiżi kien baxx wisq. Barra minn hekk, il-livell minimu ta' profitt imsemmi mill-EIFI kien il-livell ta' profittabilità li l-industrija tal-Unjoni tista' tistenna b'mod raġonevoli f'kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni fl-Unjoni, qabel iż-żieda tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-pajjiż li qed jiġi investigat (profitt fil-mira) u mhuwiex rilevanti fid-determinazzjoni ta' pajjiż rappreżentattiv xieraq.

(246) Fuq il-bażi tal-analiżi ta' hawn fuq, il-Kummissjoni ddeċidiet li tuża t-Tajlandja bħala l-pajjiż rappreżentattiv xieraq u li tuża d-*data* finanzjarja ta' ħames kumpaniji ([59]) għall-valur normali maħdum f'konformità mal-Artikolu 2 (6a) (a) tar-Regolament bażiku.

3.4.5. *Livell ta' protezzjoni soċjali u ambjentali*

(247) Wara li ġie stabbilit li t-Tajlandja kienet il-pajjiż rappreżentattiv xieraq, fuq il-bażi tal-elementi kollha msemmijin hawn fuq, ma kienx hemm bżonn li titwettaq valutazzjoni tal-livell ta' protezzjoni soċjali u ambjentali f'konformità mal-aħħar sentenza tal-ewwel inċiż tal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku.

3.4.6. *Konklużjoni*

(248) Fid-dawl tal-analiżi ta' hawn fuq, il-Kummissjoni ddeċidiet li tikkunsidra lit-Tajlandja bħala l-pajjiż rappreżentattiv xieraq għall-fini tal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku.

3.5. **Sorsi użati sabiex jiġu stabbiliti kostijiet mingħajr distorsjoni għall-fatturi ta' produzzjoni**

(249) Fuq il-bażi tal-informazzjoni ppreżentata mill-partijiet interessati u informazzjoni rilevanti oħra disponibbli fil-fajl, il-Kummissjoni stabbiliet, fl-Ewwel Nota, lista inizjali ta' fatturi ta' produzzjoni bħal materjali, enerġija u manodopera użati għall-produzzjoni tal-prodott taħt investigazzjoni.

(250) F'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni identifikat ukoll sorsi li għandhom jintużaw sabiex jiġu stabbiliti prezzijiet u valuri referenzjarji mingħajr distorsjoni. Is-sors ewlieni li l-Kummissjoni pproponiet li jintuża kien jinkludi l-GTA. Fl-aħħar nett, fl-istess nota, il-Kummissjoni identifikat il-kodiċijiet ta' fatturi ta' produzzjoni tas-Sistema Armonizzata (SA) li abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-partijiet interessati, inizjalment tqiesu li ntużaw għall-analiżi tal-GTA.

(251) Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati jikkummentaw u jipproponu informazzjoni pubblikament disponibbli dwar valuri mingħajr distorsjoni għal kull wieħed mill-fatturi ta' produzzjoni msemmijin f'dik in-Nota.

(252) Sussegwentement, fit-Tieni Nota, il-Kummissjoni aġġornat il-lista ta' fatturi ta' produzzjoni abbażi tal-kummenti tal-partijiet u tal-informazzjoni ppreżentata mill-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun fit-tweġiba għall-kwestjonarju.

(253) Meta titqies l-informazzjoni kollha ppreżentata mill-partijiet interessati, il-fatturi ta' produzzjoni u s-sorsi tagħhom li ġejjin ġew identifikati fir-rigward tat-Tajlandja sabiex jiġi ddeterminat il-valur normali f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku:

([59]) Bangkok Fastenings Co. Ltd., Topy Fasteners (Thailand) Ltd, Thai Sin Metal Industries Co. Ltd., S.J Screwthai Co. Ltd., Sangthong Salakphan Co. Ltd.

Tabella 1

Fatturi ta' produzzjoni u sorsi ta' informazzjoni

Nru	Fattur ta' Produzzjoni ("FOP")	Kodiċi fil-klassifikazzjoni tariffarja Tajlandiża	Valur mingħajr distorsjoni
	Materja Prima		
1	Żbarri U Vireg, Irrumblati Bis-Sħana, F'Koljaturi Mkebbin Irregolarment, Tal-Ħadid Jew tal-Azzar Mhux Illigat, B'Sezzjoni Trażversali Ċirkolari b'Dijametru Ta' Anqas Minn 14-il Mm, minbarra dawk użati għall-produzzjoni ta' stikek tal-issaldjar u tar-rinforz tal-konkrit	7213 91 90	4,00 CNY/kg
2	Żbarri U Vireg, Irrumblati Bis-Sħana, F'Koljaturi Mkebbin Irregolarment, Tal-Ħadid Jew tal-Azzar Mhux Illigat, minbarra dawk użati għall-produzzjoni ta' stikek tal-issaldjar	7213 99 90	7,00 CNY/kg
3	Żbarri U Vireg Tal-Azzar Illigat (Minbarra tal-Azzar Inossidabbli), Irrumblati Bis-Sħana, F'Koljaturi Mkebbin Bl-Addoċċ, Nesoi	7227 90 00	6,00 CNY/kg
4	Żbarri u vireg oħrajn, mhux maħdumin aktar ħlief irrumblati bis-sħana, miġbudin jew maħruġin bis-sħana	7228 30 90	7,93 CNY/kg
5	Żjut tal-Petroleum, Żjut Minerali Bituminużi (Għajr Mhux Maħdumin) u Prodotti Li Fihom 70 % Skont il-Piż Jew Aktar Ta' Dawn Iż-Żjut, Mhux Bijodiżil Jew Skart	2710 19	2,43 CNY/L
6	Metanol (alkoħol metiliku)	2905 11	0,52 CNY/kg
7	Palits, Palits Kaxxa U Bordijiet Oħrajn tat-Tagħbija; Kullari tal-Palits;	4415 20	4,99 CNY/kg
8	Kartun, kaxxi u kontenituri, tal-karta jew tal-kartun immewweġ	4819 10	15,96 CNY/kg
9	Xkejjer u Boroż (Inklużi Koni), Tal-Polimeri Tal-Etilen	3923 21	32,47 CNY/kg
10	Żingu, Mhux Illigat, Li Fih 99.9 % Jew Aktar Skont il-Piż Taż-Żingu, Mhux Maħdum	7901 11	17,12 CNY/kg
11	Karta u kartun immewġin, imtaqqbin jew le	4808 10	8,14 CNY/kg
	Manodopera		
12	Pagi tal-ħaddiema fis-settur tal-manifattura	[MHUX APPLIKABBLI]	23,63 CNY/siegħa
	Enerġija		
13	Gass naturali	[MHUX APPLIKABBLI]	2,77 CNY/m^3
14	Elettriku	[MHUX APPLIKABBLI]	Ivarja minn 0,737 sa 1,019 CNY/kWh ([60])
15	Ilma	[MHUX APPLIKABBLI]	7,27 CNY/m^3

([60]) Speċifiku għall-kumpanija u fuq il-bażi tal-konsum rispettiv fl-eqqel sigħat u fis-sigħat kwieti.

3.5.1. *Materja prima użata fil-proċess ta' produzzjoni*

(254) Sabiex tistabbilixxi l-prezz mingħajr distorsjoni tal-materja prima, il-Kummissjoni użat bħala bażi l-prezz medju ponderat tal-importazzjoni (CIF) għall-pajjiż rappreżentattiv, kif irrapportat fil-GTA, mill-pajjiżi terzi kollha minbarra r-RPĊ u mill-pajjiżi elenkati fl-Anness 1 tar-Regolament (UE) 2015/755 ([61]). Il-Kummissjoni ddeċidiet li teskludi l-importazzjonijiet mir-RPĊ peress li kkonkludiet li ma kienx xieraq li jintużaw prezzijiet u kostijiet domestiċi fiċ-Ċina minħabba l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku (il-premessi (187) sa (208)). Fin-nuqqas ta' kwalunkwe evidenza li turi li l-istess distorsjonijiet ma kinux jaffettwaw bl-istess mod il-prodotti maħsubin għall-esportazzjoni, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-istess distorsjonijiet affettwaw l-esportazzjonijiet. Fejn xieraq, il-prezz medju ponderat tal-importazzjoni ġie aġġustat għad-dazji tal-importazzjoni. Wara li ġew esklużi l-importazzjonijiet mir-RPĊ u mill-pajjiżi mhux Membri tad-WTO lejn it-Tajlandja, il-volum tal-importazzjonijiet ta' materja prima minn pajjiżi terzi oħrajn baqa' rappreżentattiv (ivarja minn 27,1 % sa 99,9 %).

(255) Għal numru żgħir ta' fatturi ta' produzzjoni, il-kostijiet attwali mġarrbin mill-produtturi esportaturi li kkooperaw kienu jirrappreżentaw sehem negliġibbli mill-kostijiet totali tal-materja prima fil-PI. Billi l-valur użat għal dawk ma kellu l-ebda impatt sinifikanti fuq il-kalkoli tal-marġni tad-dumping, irrispettivament mis-sors użat, il-Kummissjoni ttrattat dawk il-fatturi ta' produzzjoni bħala oġġetti tal-konsum kif spjegat fil-premessi (268) u (269). Dan l-istess approċċ ġie segwit għall-fwar, użat minn wieħed mill-produtturi esportaturi fil-kampjun. Filwaqt li l-fwar irrappreżenta parti negliġibbli tal-kostijiet tal-produzzjoni tiegħu, ġeneralment ma jkunx komodità nnegozjata internazzjonalment jew ikkwotata pubblikament. Bħala tali, ma setax jinstab faċilment parametru referenzjarju xieraq għad-dispożizzjoni.

(256) Il-Kummissjoni esprimiet il-kost tat-trasport imġarrab mill-produttur esportatur fil-kampjun għall-provvista ta' materja prima bħala perċentwal tal-kost effettiv ta' materja prima bħal din u mbagħad applikat l-istess perċentwal għall-kost mingħajr distorsjoni tal-istess materja prima sabiex jinkiseb il-kost mingħajr distorsjoni tat-trasport. Il-Kummissjoni qieset li, fil-kuntest ta' din l-investigazzjoni, il-proporzjon bejn il-materja prima tal-produttur esportatur u l-kostijiet tat-trasport irrapportati jista' jintuża b'mod raġonevoli bħala indikazzjoni sabiex jiġu stmati l-kostijiet mingħajr distorsjoni tal-materja prima meta tiġi kkonsenjata lill-fabbrika tal-kumpanija.

(257) Fil-kummenti tagħha dwar it-Tieni Nota, is-CCCME argumentat li l-Kummissjoni ma għandhiex tinkludi dazji tal-importazzjoni fuq materja prima mħallsa fil-pajjiż rappreżentattiv meta jinħadem il-valur normali, minħabba li (i) ma kien hemm l-ebda bażi ġuridika sabiex isir dan, u li (ii) il-produtturi esportaturi Ċiniżi prinċipalment iġibu materja prima domestikament fiċ-Ċina. Il-parti argumentat li, skont l-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, f'każ li l-Kummissjoni tiddependi fuq pajjiż rappreżentattiv, il-kostijiet li wieħed jiddependi fuqhom iridu jkunu *"l-kostijiet korrispondenti tal-produzzjoni u l-bejgħ f'pajjiż rappreżentattiv xieraq"*. Madankollu, il-kostijiet korrispondenti fiċ-Ċina ma jkunux jinkludu d-dazji tal-importazzjoni. Barra minn hekk, is-CCCME argumentat li d-*data* tal-GTA hija bbażata fuq il-prezzijiet CIF u, għalhekk, diġà tinkludi kostijiet addizzjonali bħat-trasport internazzjonali, l-assigurazzjoni, u l-kostijiet tal-immaniġġjar, li ma jiġġarrbux fil-każ ta' xiri domestiku mill-produtturi esportaturi Ċiniżi.

(258) Il-Kummissjoni qieset li, skont l-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, jenħtieġ li l-valur normali jirrifletti l-prezz mingħajr distorsjoni tal-materja prima fil-pajjiż rappreżentattiv (f'dan il-każ, it-Tajlandja) bħala l-indikatur rilevanti sabiex jinħadem il-valur normali fil-pajjiż tal-oriġini. Għalhekk, jenħtieġ li jirrifletti l-prezz li produttur tal-elementi tal-irbit jħallas fit-Tajlandja għall-materja prima kkonsenjata f'bieb il-fabbrika. Jekk ma jiżdidux id-dazji tal-importazzjoni, il-parametru referenzjarju li jirriżulta ma jkunx jirrifletti l-prezz mingħajr distorsjoni fis-suq Tajlandiż, iżda sempliċiment il-prezz CIF medju fil-pajjiżi li jesportaw il-materja prima inkwistjoni. Dan ikun jikser l-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku u, għalhekk, dawn il-pretensjonijiet ġew miċħudin.

([61]) L-Artikolu 2(7) tar-Regolament bażiku jistabbilixxi li l-prezzijiet domestiċi f'dawk il-pajjiżi ma jistgħux jintużaw għall-fini tad-determinazzjoni tal-valur normali.

3.5.2. *Manodopera*

(259) Sabiex tistabbilixxi l-parametru referenzjarju għall-kostijiet lavorattivi, il-Kummissjoni użat l-aktar statistika riċenti ppubblikata mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika Tajlandiż ([62]), li pprovdiet informazzjoni aktar dettaljata dwar il-pagi u l-benefiċċji mhux relatati mal-pagi f'setturi ekonomiċi differenti għal kull trimestru mill-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol ("ILO"). L-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika Tajlandiż jippubblika informazzjoni dettaljata dwar il-pagi f'setturi ekonomiċi differenti fit-Tajlandja. Il-Kummissjoni stabbiliet il-parametru referenzjarju fuq il-bażi tas-settur tal-Industrija tal-Manifattura u tal-informazzjoni misjuba f'dokument imħejji minn KPMG dwar it-taxxi u l-imposti fit-Tajlandja ([63]). Il-Kummissjoni użat din l-informazzjoni sabiex tistabbilixxi t-taxxa tas-sigurtà soċjali mħallsa mill-impjegatur. Il-Kummissjoni kkalkolat salarju fis-siegħa fil-manifattura, li miegħu żdiedu l-kostijiet lavorattivi relatati addizzjonali mġarrbom mill-impjegatur.

(260) Kif imsemmi fil-premessa (183), matul l-RCCs, il-Kummissjoni ma setgħetx tivverifika s-sigħat attwali li l-persunal fit-tliet produtturi esportaturi fil-kampjun ħadem fuq il-prodott ikkonċernat. Għalhekk, il-konsum tal-manodopera fit-tliet produtturi esportaturi kollha fil-kampjun kien ibbażat fuq l-aħjar fatti disponibbli f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku. Madankollu, għal wieħed minn dawn il-produtturi esportaturi, il-Kummissjoni setgħet tiġbor l-informazzjoni dwar id-differenza bejn is-sigħat attwali rrapportati u s-sigħat attwali maħdumin mill-persunal tiegħu. Il-medja tas-sigħat tax-xogħol għal kull kilogramma tal-prodott taħt investigazzjoni mmanifatturat intużat għat-tliet produtturi esportaturi kollha bħala l-aħjar fatti disponibbli.

3.5.3. *Elettriku*

(261) Sabiex tistabbilixxi l-prezz referenzjarju għall-elettriku, il-Kummissjoni użat il-kwotazzjoni tal-prezz tal-elettriku għall-intrapriżi kummerċjali, industrijali u statali disponibbli fuq is-sit web tal-Awtorità tal-Elettriku Metropolitana ([64]), 4.2 Tariffa tal-ħin tal-użu (Tariffa TOU). Il-parametru referenzjarju ġie stabbilit fuq il-bażi tal-prezz tal-elettriku ppubblikat għax-xahar ta' fatturazzjoni ta' Novembru 2018 u tar-rata ta' inflazzjoni annwali applikabbli ([65]). Il-Kummissjoni użat id-*data* dwar il-prezzijiet tal-elettriku industrijali fil-faxxa ta' konsum korrispondenti 4.2.3: Anqas minn 12-il kV.

(262) Il-parametru referenzjarju ġie stabbilit għal kull produttur esportatur fil-kampjun abbażi tal-konsum rispettiv fl-eqqel sigħat u fis-sigħat kwieti, meta disponibbli. L-użu li rriżulta ġie allokat għar-rati tal-eqqel sigħat u tas-sigħat kwieti. Jekk produttur esportatur fil-kampjun ma jagħmilx distinzjoni bejn il-konsum fl-eqqel sigħat u fis-sigħat kwieti, ġew applikati r-rati fl-eqqel sigħat.

(263) It-tariffa tad-domanda ġiet stabbilita, f'kW, fuq il-bażi tan-numru ta' impjegati mħaddmin fil-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat sabiex jinkiseb numru medju ta' sigħat tax-xogħol bl-għan li jiġi pprovdut kost fiss. Ir-rata medja ponderata għall-konsum kemm fl-eqqel sigħat kif ukoll fis-sigħat kwieti ġiet stabbilita bħala parametru referenzjarju rispettiv għal kull produttur esportatur fil-kampjun.

3.5.4. *Gass*

(264) Sabiex tistabbilixxi l-parametru referenzjarju għall-gass, il-Kummissjoni użat il-prezzijiet tal-gass għall-kumpaniji (utenti industrijali) fit-Tajlandja ppubblikati mill-Uffiċċju tal-Politika tal-Enerġija u tal-Ippjanar tal-Ministeru tal-Enerġija ([66]). Il-prezzijiet varjaw skont il-volum ta' konsum. Il-Kummissjoni użat il-prezzijiet korrispondenti mit-Tabella 7.2-4: Il-Konsum Finali tal-Enerġija *Per Capita*. Il-Kummissjoni użat bħala parametru referenzjarju l-aktar *data* reċenti relatata mal-2019.

(265) Il-Kummissjoni kkonvertiet il-konsum minn 1 000 Tunnellata żejt ekwivalenti għal metru kubu ([67]) sabiex tistabbilixxi l-parametru referenzjarju tal-gass naturali.

(266) Kemm għall-elettriku kif ukoll għall-gass, il-Kummissjoni użat prezzijiet fil-livell nett (mingħajr VAT).

([62]) http://www.nso.go.th/sites/2014en/Pages/Statistical%20Themes/Population-Society/Labour/Labour-Force.aspx
([63]) https://home.kpmg/xx/en/home/insights/2011/12/thailand-other-taxes-levies.html
([64]) http://www.mea.or.th/en/profile/109/114
([65]) https://www.bot.or.th/English/MonetaryPolicy/MonetPolicyComittee/MPR/Monetary%20Policy%20Report/MPR_EN_March2020.pdf p. 19.
([66]) http://www.eppo.go.th/index.php/en/en-energystatistics/energy-economy-static
([67]) https://www.convert-me.com/en/convert/energy/mcmsgas/mcmsgas-to-toe.html?u=toe&v=8452000

3.5.5. *Ilma*

(267) Il-prezz tal-ilma fit-Tajlandja huwa ppubblikat mill-Awtorità Provinċjali tas-Servizzi tal-Ilma ([68]). Sabiex tistabbilixxi l-prezz referenzjarju għall-ilma, il-Kummissjoni użat ir-rata medja fir-reġjuni kollha li għalihom l-informazzjoni rilevanti kienet disponibbli għall-pubbliku.

3.5.6. *Oġġetti tal-konsum/kwantitajiet negliġibbli*

(268) Minħabba n-numru kbir ta' fatturi ta' produzzjoni tal-prodotturi esportaturi inklużi fil-kampjun, xi materja prima li kellha biss piż negliġibbli fil-kost totali tal-produzzjoni tal-produttur esportatur, kif ukoll fuq livell tat-tip ta' prodott ġiet raggruppata taħt oġġetti tal-konsum.

(269) Il-Kummissjoni kkalkolat il-perċentwal tal-oġġetti tal-konsum fuq il-kost totali tal-materja prima u applikat dan il-perċentwal għall-kost ikkalkolat mill-ġdid tal-materja prima meta użat il-prezzijiet mingħajr distorsjoni stabbiliti.

3.5.7. *SG&A u profitt*

(270) Skont l-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, "[*i*]*l-valur normali maħdum għandu jinkludi ammont raġonevoli u mingħajr distorsjoni għal kostijiet amministrattivi, tal-bejgħ u ġenerali u għal profitti*".

(271) Sabiex tistabbilixxi ammont mhux distort u raġonevoli għall-SG&A u għall-profitti, il-Kummissjoni użat l-SG&A u l-profitt tal-ħames kumpaniji fit-Tajlandja, li kienu ġew identifikati bħala li jipproduċu elementi tal-irbit kif konkluż fil-premessa (246). Għalhekk, kif spjegat f'din il-premessa, il-Kummissjoni użat iċ-ċifri relatati mad-*data* finanzjarja tal-2019 u tal-2020 peress li dik kienet l-aktar *data* reċenti disponibbli għall-Kummissjoni. Il-ħames kumpaniji użati kienu dawn li ġejjin:

(1) Topy Fasteners (Thailand) Limited;

(2) Thaisin Metal Industries Company Limited;

(3) Bangkok Fastening Company Limited;

(4) S.J Screwthai Company Limited;

(5) Sangthong Salakphan Company Limited.

3.5.8. *Kalkolu tal-valur normali*

(272) Abbażi tal-prezzijiet u l-valuri referenzjarji mingħajr distorsjoni deskritti hawn fuq, il-Kummissjoni ħadmet il-valur normali għal kull tip ta' prodott fuq bażi ex-works f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku.

(273) Sabiex tistabbilixxi l-kostijiet mingħajr distorsjoni tal-manifattura għal kull entità legali li timmanifattura u tesporta l-prodott ikkonċernat, il-Kummissjoni ssostitwiet, għal kull produttur esportatur, fatturi ta' produzzjoni mixtrijin kemm minn partijiet relatati kif ukoll minn partijiet mhux relatati bil-fatturi ta' produzzjoni identifikati fit-Tabella 1.

(274) L-ewwel, il-Kummissjoni stabbiliet il-kostijiet mingħajr distorsjoni tal-manifattura bbażati fuq il-fatturi ta' produzzjoni mixtrijin minn kull waħda mill-kumpaniji. Imbagħad applikat il-kostijiet unitarji mingħajr distorsjoni għall-konsum reali tal-fatturi individwali ta' produzzjoni ta' kull wieħed mill-prodotturi esportaturi fil-kampjun.

(275) It-tieni, sabiex tasal għall-kostijiet totali mingħajr distorsjoni tal-manifattura, il-Kummissjoni żiedet l-ispejjeż ġenerali tal-manifattura. L-ispejjeż ġenerali tal-manifattura mġarrbin mill-prodotturi esportaturi fil-kampjun żdiedu bil-kostijiet tal-materja prima u tal-oġġetti konsumabbli msemmijin fil-premessi (268) u (269) u sussegwentement ġew espressi bħala sehem tal-kostijiet tal-manifattura effettivament imġarrab minn kull wieħed mill-prodotturi esportaturi fil-kampjun. Dan il-perċentwal ġie applikat għall-kostijiet tal-manifattura mingħajr distorsjoni.

([68]) https://en.pwa.co.th/contents/service/table-price

(276) Fl-aħħar, il-Kummissjoni żiedet l-SG&A u l-profitt, iddeterminati fuq il-bażi tal-ħames kumpaniji Tajlandiżi (ara l-premessi (486) u (487)). L-SG&A espressi bħala perċentwal tal-kostijiet tal-manifattura u applikati għall-kost totali mingħajr distorsjoni tal-manifattura, kienu jammontaw għal 12,4 %. Il-profitt espress bħala perċentwal tal-kostijiet tal-oġġetti mibjugħin ("COGS") u applikat għall-kostijiet totali tal-manifattura mingħajr distorsjoni, kien jammonta għal 6,2 %.

(277) Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni ħadmet il-valur normali għal kull tip ta' prodott fuq bażi *ex-works* f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku.

3.6. **Prezz tal-esportazzjoni**

(278) It-tliet produtturi esportaturi fil-kampjun esportaw lejn l-Unjoni direttament lil klijenti indipendenti u, għalhekk, il-prezz tal-esportazzjoni tagħhom ġie stabbilit fuq il-bażi tal-prezz tal-esportazzjoni effettivament imħallas jew li jista' jitħallas, f'konformità mal-Artikolu 2(8) tar-Regolament bażiku.

3.7. **Tqabbil**

(279) Il-Kummissjoni qabblet il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni tal-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun fuq bażi *ex-works*. Fejn iġġustifikat mill-ħtieġa li jiġi żgurat tqabbil ġust, il-Kummissjoni aġġustat il-valur normali u/jew il-prezz tal-esportazzjoni għad-differenzi li jaffettwaw il-prezzijiet u l-komparabbiltà tal-prezzijiet, f'konformità mal-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku. Fuq il-bażi taċ-ċifri reali tal-kumpanija li kkooperat, saru aġġustamenti għat-tariffi tal-immaniġġjar, għall-kostijiet tal-ġarr, tal-assigurazzjoni, tal-ippakkjar u tal-kreditu u għat-tariffi bankarji.

3.8. **Marġnijiet tad-dumping**

(280) Għall-produtturi esportaturi fil-kampjun, il-Kummissjoni qabblet il-valur normali medju ponderat ta' kull tip ta' prodott simili mal-prezz tal-esportazzjoni medju ponderat tat-tip korrispondenti tal-prodott ikkonċernat sabiex tikkalkola l-marġni tad-dumping, f'konformità mal-Artikolu 2(11) u (12) tar-Regolament bażiku.

(281) Għall-produtturi esportaturi li kkooperaw iżda li mhumiex fil-kampjun, il-Kummissjoni kkalkolat il-marġni tad-dumping medju ponderat stabbilit għall-produtturi esportaturi fil-kampjun, f'konformità mal-Artikolu 9(6) tar-Regolament bażiku.

(282) Kif stabbilit fil-premessa (176), il-livell ta' kooperazzjoni mill-produtturi esportaturi fiċ-Ċina tqies baxx. Għalhekk, għall-produtturi esportaturi l-oħrajn kollha fiċ-Ċina, il-Kummissjoni qieset li kien xieraq li jiġi stabbilit il-marġni tad-dumping fuq il-bażi tal-ogħla marġni tad-dumping stabbilit għat-tip ta' prodott l-aktar rappreżentattiv mibjugħ mill-produtturi esportaturi fil-kampjun. Għalhekk, il-Kummissjoni qieset li kien xieraq li l-marġni tad-dumping għall-pajjiż kollu applikabbli għall-produtturi esportaturi l-oħra kollha li ma kkooperawx jiġi stabbilit fil-livell ta' 86,5 %.

(283) Il-marġnijiet tad-dumping definittivi, filwaqt li jitqiesu l-kummenti mill-partijiet interessati wara d-divulgazzjoni finali indirizzata fit-taqsima 3.9 hawn taħt, espressi bħala perċentwal tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju mhux imħallas, huma kif ġej:

Kumpanija	Marġini tad-dumping definittiv
Jiangsu Yongyi Fastener Co., Ltd.	22,1 %
Ningbo Jinding Fastening Piece Co., Ltd.	46,1 %
Wenzhou Junhao Industry Co., Ltd.	48,8 %
Kumpaniji oħrajn li kkooperaw	39,6 %
Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	86,5 %

3.9. **Kummenti mill-partijiet interessati wara d-divulgazzjoni finali**

3.9.1. *Status tas-CCCME*

(284) L-EIFI tenna li s-CCCME ma tistax titqies bħala organizzazzjoni rappreżentattiva u jenħtieġ li ma tingħatax l-istatus ta' parti interessata fl-investigazzjoni kurrenti minħabba r-raġunijiet li ġejjin:

(a) is-CCCME ma tistax tkun organizzazzjoni rappreżentattiva għall-finijiet tar-Regolament bażiku u l-ordni pubbliku tal-UE, minħabba li ma tirrappreżentax l-interessi tal-membri tagħha fis-sens maħsub mir-Regolament bażiku. Pjuttost, hija korp li jirrappreżenta lir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina. L-EIFI qal li s-CCCME hija entità bl-objettiv iddikjarat li tirrettifika u tirregola l-ordni ekonomiku tas-suq nazzjonali. It-taqsima tas-sit web tas-CCCME ddedikata għall-kwalifika għas-sħubija torbot is-CCCME mal-Ministeru tal-Kummerċ u mal-Kunsill tal-Istat;

(b) hija kwistjoni ta' ordni pubbliku tal-UE kemm fir-rigward tar-Regolament bażiku kif ukoll fir-rigward tad-dritt tal-kompetizzjoni tal-UE li l-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi jikkonformaw mal-ordni pubbliku tal-UE u b'mod partikolari mad-dritt tal-kompetizzjoni tal-UE. Entità bħas-CCCME, li l-iskop tagħha huwa li tipprevjeni l-kompetizzjoni, kemm fis-swieq domestiċi kif ukoll fis-swieq tal-esportazzjoni, ma tistax, skont id-definizzjoni tagħha stess, tkun assoċjazzjoni rappreżentattiva għall-finijiet tad-dritt tal-UE. Jiġifieri, l-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi fl-UE huma marbutin bid-dritt tal-kompetizzjoni. Il-biċċa l-kbira tal-assoċjazzjonijiet, meta jiltaqgħu, ikollhom dispożizzjonijiet fis-seħħ sabiex jiżguraw li l-membri tagħhom ma jinvolvux irwieħhom f'imġiba antikompetittiva meta jiddiskutu kwistjonijiet ta' interess għall-industrija kollha kemm hi. Dan ma jistax jinkludi diskussjonijiet dwar il-volumi u l-prezzijiet u s-swieq, filwaqt li s-CCCME tfittex li tikkontrolla l-kompetizzjoni u tikkoordina t-tweġibiet tal-produtturi esportaturi fil-proċediment kurrenti,

(c) barra minn hekk, is-CCCME konxjament tippermetti lill-Kummissjoni tikkunsidra lil Shanghai Foreign Trade (Pudong) Co. Ltd. bħala produttur esportatur, meta fil-fatt hija kummerċjant u mhux suppost tidher fil-lista ta' produtturi esportaturi oħrajn li kkooperaw.

(285) Is-CCCME ssottomettiet lill-Kummissjoni 20 prokura ([69]) maħruġin mill-produtturi tal-elementi tal-irbit fiċ-Ċina li jagħtu s-setgħa lis-CCCME sabiex tirrappreżentahom fl-investigazzjoni kurrenti. Din l-informazzjoni kienet disponibbli kif xieraq sabiex tiġi eżaminata mill-partijiet interessati. Ir-raġunijiet imressqin mill-EIFI ma jixħtux f'dubju li s-CCCME għandha s-setgħa li tirrappreżenta lill-produtturi f'din l-investigazzjoni u, għalhekk, din it-talba hija miċħuda. Għalhekk, il-Kummissjoni qieset li s-CCCME kienet parti interessata sa fejn kienet tirrappreżenta lil dawk il-produtturi speċifiċi tal-elementi tal-irbit fiċ-Ċina.

3.9.2. *Għażla tal-pajjiż rappreżentattiv*

(286) Is-CCCME u l-EFDA tennew l-affermazzjoni tagħhom li l-Malażja hija l-aktar pajjiż terz rappreżentattiv xieraq skont it-tifsira tal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku minflok it-Tajlandja, għal diversi raġunijiet. Fost l-oħrajn, huma qalu li l-kumpaniji fil-Malażja prinċipalment jipproduċu elementi tal-irbit standard u, għalhekk, it-taħlita tal-prodotti tagħhom hija simili għal dik tal-produtturi Ċiniżi.

(287) Fir-rigward tal-prezz tal-importazzjoni tal-wajer tal-azzar illigat (SA 722790), il-materja prima għall-produzzjoni tal-elementi tal-irbit lejn il-Malażja, is-CCCME qalet li huwa rappreżentattiv, peress li huwa simili ħafna għal-livell tal-prezz tal-importazzjoni lejn pajjiżi oħrajn, bħat-Turkija jew l-UE, filwaqt li l-prezzijiet tal-importazzjoni tal-istess materja prima lejn it-Tajlandja (jekk jiġu inklużi l-importazzjonijiet Ġappuniżi) mhumiex konformi mal-prezz tal-importazzjoni f'dawn il-pajjiżi l-oħrajn u, għalhekk, ma jistgħux jitqiesu bħala rappreżentattivi.

(288) Is-CCCME qalet ukoll li fir-rigward tal-volum tal-importazzjonijiet tal-istess materja prima (wajer tal-azzar illigat (SA 722790)) lejn il-Malażja, f'termini relattivi, il-maġġoranza tal-importazzjonijiet kemm lejn il-Malażja kif ukoll lejn it-Tajlandja huma miċ-Ċina u minn pajjiżi mhux tad-WTO. Għalhekk, l-analiżi kwantitattiva relattiva ma tistax tkun raġuni valida għaliex il-Kummissjoni għażlet it-Tajlandja minflok il-Malażja. Il-fatt li l-volum tal-importazzjonijiet li jifdal tal-wajer tal-azzar illigat (wara li jitnaqqsu l-importazzjonijiet miċ-Ċina u minn sorsi oħrajn mhux tad-WTO)

([69]) Is-sottomissjoni t21.000687.

huwa aktar baxx fil-Malażja milli fit-Tajlandja ma jrendihx mhux rappreżentattiv, peress li xorta jammonta għal 16 000 tunnellata li jistgħu jitqiesu bħala suffiċjenti sabiex jitqiesu bħala rappreżentattivi. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma rnexxilhiex tipprovdi xi evidenza li turi li l-prezz tal-importazzjoni fil-Malażja mhuwiex rappreżentattiv fuq dik il-bażi, jew li l-prezz tal-importazzjoni fit-Tajlandja jkun aktar rappreżentattiv sempliċiment minħabba kwantità akbar ta' importazzjoni.

(289) Is-CCCME żiedet li mhuwiex ġustifikat li l-Kummissjoni ffokat biss fuq il-volumi tal-importazzjonijiet tal-wajer tal-azzar illigat (SA 722790) sabiex teskludi lill-Malażja, filwaqt li l-importazzjonijiet ta' materja prima oħra (SA 721391, SA 721399, u SA 722830) flimkien jirrappreżentaw madwar l-istess perċentwal tal-kost totali tal-produzzjoni tal-produtturi tal-elementi tal-irbit Ċiniżi. Fil-fatt, meta jittieħdu flimkien l-erba' materji primi kollha, 70 % tal-importazzjonijiet fil-Malażja huma minn pajjiżi li la huma r-RPĊ u lanqas pajjiżi mhux Membri tad-WTO, filwaqt li fit-Tajlandja 54 % biss tal-importazzjonijiet ta' dawn l-erba' materji primi jiġu minn sorsi oħrajn li la huma r-RPĊ u lanqas pajjiżi mhux Membri tad-WTO.

(290) Kif spjegat fil-premessa (224), aktar minn 75 % tal-importazzjonijiet tal-wajer tal-azzar illigat (SA 722790) fil-Malażja kienu jinkisbu mir-RPĊ u minn pajjiżi mhux tad-WTO. Barra minn hekk, kif iddikjarat fil-premessa (235), l-importazzjonijiet lejn it-Tajlandja tal-istess materja prima kienu kważi tnax-il darba akbar. Il-Kummissjoni qieset li dawn il-fatti waħedhom huma biżżejjed sabiex jiġi konkluż li l-importazzjonijiet mill-Malażja huma anqas adattati f'termini ta' prezzijiet mill-importazzjonijiet mit-Tajlandja, peress li jidhru li kienu affettwati mill-kompetizzjoni mal-importazzjonijiet mir-RPĊ u minn pajjiżi mhux tad-WTO li, flimkien, kienu jirrappreżentaw aktar minn 80 % tal-importazzjonijiet kollha ta' din il-materja prima fil-Malażja). Tabilħaqq, fit-Tieni Nota l-Kummissjoni ddikjarat li l-prezz tal-importazzjoni minn sorsi oħrajn fil-Malażja kien allinjat mal-prezz baxx ħafna tal-importazzjoni mir-RPĊ u minn pajjiżi oħrajn mhux tad-WTO. Dan il-prezz ta' 4,43 CNY/tunnellata kien eqreb għall-prezz tal-importazzjoni mir-RPĊ u minn pajjiżi oħrajn mhux tad-WTO (3,9 CNY/tunnellata) milli għall-prezz tal-importazzjoni lejn it-Turkija (4,93 CNY/tunnellata), kif qalet il-parti.

(291) Barra minn hekk, fuq il-bażi tad-*data* tal-produtturi esportaturi fil-kampjun fir-RPĊ, it-tliet materji primi ewlenin l-oħrajn kollettivament (SA 721391, SA 721399, u HS 722830) kienu jirrappreżentaw sehem aktar baxx fil-kost tal-produzzjoni tal-qfieli minn wajer tal-azzar illigat (SA 722790) b'tal-anqas 10 %. Madankollu, il-Kummissjoni żvelat ukoll il-piż relattiv tal-importazzjonijiet ta' dawn il-materji primi l-oħrajn mir-RPĊ u minn pajjiżi mhux tad-WTO fit-Tieni Nota, li kien ogħla fil-Malażja milli fit-Tajlandja, ħlief għal wieħed minnhom (SA 721391). Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Malażja ma tqisitx bħala pajjiż rappreżentattiv xieraq skont it-tifsira tal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku. Għalhekk, it-taħlita tal-prodott tal-elementi tal-irbit prodotti fil-Malażja ma ġietx analizzata u l-pretensjonijiet li saru f'dan ir-rigward ġew miċħudin.

(292) Is-CCCME affermat ukoll li n-nuqqas ta' *data* ta' D&B għall-produtturi Malażjani huwa lakuna fl-analiżi tal-Kummissjoni, jiġifieri, il-Kummissjoni qatt ma pprovdiet *data* ta' D&B għall-Malażja lill-partijiet interessati, hekk kif għamlet għall-pajjiżi identifikati fl-Ewwel Nota. Minkejja l-fatt li s-CCCME enfasizzat fil-kummenti tagħha dwar it-Tieni Nota l-importanza li wieħed joqgħod fuq il-kontijiet finanzjarji awditjati tal-kumpaniji meta mqabblin mad-*data* ta' D&B, il-Kummissjoni ma tidher li għamlet l-ebda tentattiv sabiex tfittex *data* bħal din għall-Malażja jew għat-Tajlandja.

(293) L-EFDA nnotat li l-allegat nuqqas ta' *data* finanzjarja għall-kumpaniji Malażjani huwa dovut għan-nuqqas ta' azzjoni tal-Kummissjoni stess, peress li l-Kummissjoni pprovdiet estrazzjonijiet ta' D&B għal diversi pajjiżi, iżda rrifjutat li tagħmel dan għall-Malażja. L-EFDA nnotat ukoll li ma hemm l-ebda possibbiltà li D&B ma fiha l-ebda informazzjoni dwar il-produtturi tal-elementi tal-irbit Malażjani u pprovdiet li s-sit web ta' D&B tabilħaqq jelenka ħamsa u tmenin kumpanija taħt wieħed mill-kodiċijiet NACE rilevanti għall-prodott taħt investigazzjoni.

(294) Il-produttur esportatur fil-kampjun Ningbo Jinding kiseb il-kontijiet finanzjarji awditjati ta' 11-il produttur tal-elementi tal-irbit Malażjani mir-reġistru Malażjan u ssuġġerixxa tlieta minnhom (li kienu profittabbli) lill-Kummissjoni.

(295) Is-CCCME żiedet li d-*data* li l-Kummissjoni issa għandha disponibbli dwar il-kontijiet finanzjarji awditjati tal-kumpaniji Malażjani hija ħafna aktar affidabbli mid-*data* ta' D&B għall-kumpaniji Tajlandiżi, minħabba li:

(a) ir-rapporti finanzjarji awditjati huma dettaljati, komprensibbli u jipprovdu spjegazzjonijiet dwar id-*data* finanzjarja u l-interpretazzjoni tagħha, filwaqt li r-rapporti aċċessibbli permezz ta' D&B spiss ikunu ġenerali, niqsin mid-dettall jew minn analiżi tad-*data* sors. Barra minn hekk, il-bażi tad-*data* ta' D&B kienet tinkludi kwalunkwe *data* disponibbli u "tistandardizza d-*data* ta' rapportar bażi", li żżid l-inċertezza dwar l-ambitu eżatt tad-*data*.

(b) hemm evidenza fattwali li d-*data* ta' D&B mhijiex affidabbli, hekk kif il-produttur esportatur fil-kampjun Ningbo Jinding wera fis-sottomissjonijiet preċedenti ([70]) li d-*data* tiegħu stess f'D&B ma tikkorrispondix għad-*data* fil-kontijiet awditjati tiegħu.

(296) Fir-rigward tad-*data* disponibbli għall-produtturi tal-elementi tal-irbit fil-Malażja, kif innotat fil-premessa (223), il-Kummissjoni kkonfermat id-disponibbiltà tal-informazzjoni finanzjarja ta' kumpanija waħda li tipproduċi l-prodott taħt investigazzjoni fil-Malażja fit-Tieni Nota. Għalhekk, li tiġi pprovduta *data* ta' D&B ta' din il-kumpanija ma kienx neċessarju, peress li xi partijiet interessati identifikaw ukoll din il-kumpanija u pprovdew il-kontijiet awditjati tal-grupp fil-fajl miftuħ għall-partijiet interessati kollha ta' dan il-każ. Ta' min jinnota wkoll li, f'konformità mal-prattika standard tagħha, il-Kummissjoni qed tuża l-bażijiet tad-*data* għad-dispożizzjoni tagħha (bħal Bloomberg u D&B) sabiex tidentifika l-produtturi fil-pajjiżi rappreżentattivi potenzjali kollha inklużi l-Malażja u t-Tajlandja. Fir-riċerka tagħha, il-Kummissjoni tfittex li tidentifika l-produtturi tal-prodott taħt investigazzjoni b'sett komplut ta' *data* finanzjarja rilevanti għall-PI sabiex tiddetermina l-SG&A u l-profitt għall-valur normali maħdum. Il-fatt li l-partijiet interessati sabu produtturi fil-Malasja skont il-kodiċijiet NACE rilevanti għall-prodott taħt investigazzjoni ma jikkonfermax li dawn huma tabilħaqq produtturi tal-prodott taħt investigazzjoni b'sett sħiħ ta' *data* finanzjarja rilevanti għall-PI. Filwaqt li l-Kummissjoni ma tiddubitax l-utilità tal-kontijiet awditjati, meta jkunu disponibbli, hija tinnota li s-CCCME naqset milli turi kif id-*data* tar-rapportar bil-bażi standardizzata fil-bażi tad-*data* ta' D&B iżżid l-inċertezza dwar l-ambitu eżatt tad-*data*. Id-differenzi fid-*data* ppreżentata bejn il-kontijiet awditjati ta' Ningbo Jinding u d-*data* tal-kumpanija f'D&B huma fil-fatt dovuti għall-fatt li l-informazzjoni dwar id-dħul inkluża f'D&B hija relatata mad-dħul stmat fl-2014, filwaqt li d-dħul fil-kontijiet awditjati ppreżentati huwa relatat mad-dħul attwali fl-2014. Fl-aħħar nett, il-kontijiet awditjati tat-tliet produtturi Malażjani pprovduti wara d-divulgazzjoni finali ma ġewx ikkunsidrati aktar, peress li, kif ġie konkluż fil-premessa (291), il-Malażja ma tqisitx bħala pajjiż rappreżentattiv xieraq skont it-tifsira tal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku. Għalhekk, l-allegazzjonijiet tal-partijiet ġew miċħudin.

(297) Is-CCCME u l-EFDA tennew it-talba tagħhom li jekk it-Tajlandja tintuża bħala pajjiż rappreżentattiv, jenħtieġ li d-*data* tal-importazzjoni għall-erba' materji primi ewlenin (SA 721391, SA 721399, SA 722790 u SA 722830) tiġi aġġustata billi jitnaqqsu l-importazzjonijiet mill-Ġappun mill-importazzjonijiet totali, peress li għandhom prezz għoli b'mod mhux raġonevoli. Il-pretensjoni kienet appoġġata mill-produttur esportatur fil-kampjun Wenzhou. B'mod partikolari, il-partijiet qalu li l-importazzjonijiet Ġappuniżi ta' vireg tal-wajer fit-Tajlandja jikkonċernaw prinċipalment gradi ta' kwalità għolja użati għall-elementi tal-irbit tal-karozzi. Dawn huma ħafna aktar għaljin mill-vireg tal-wajer ta' grad aktar baxx użati mill-produtturi esportaturi Ċiniżi fil-kampjun li prinċipalment jipproduċu elementi tal-irbit standard. Dawn il-partijiet qalu li t-Tajlandja għandha produzzjoni tal-karozzi b'saħħitha, li teħtieġ volumi sinifikanti ta' elementi tal-irbit prodotti b'virga tal-wajer ta' grad speċjali, filwaqt li hemm fornitur domestiku wieħed biss ta' tali grad speċjali fit-Tajlandja b'kapaċità limitata biss. Għalhekk jeħtieġ li jiġu importati ammonti sinifikanti ta' vireg tal-wajer ta' grad speċjali. Peress li ma hemm l-ebda produttur ieħor ta' vireg tal-wajer ta' grad speċjali fir-reġjun ASEAN ħlief fil-Ġappun (minbarra l-produttur domestiku msemmi qabel fit-Tajlandja), l-importazzjonijiet bilfors li kellhom isiru minn dak il-pajjiż.

(298) Dawn il-partijiet affermaw ukoll li l-prezzijiet tal-importazzjoni tal-erba' materji primi ewlenin mill-Ġappun lejn it-Tajlandja mhumiex rappreżentattivi, abbażi tal-fatt li l-prezzijiet tal-importazzjoni tagħhom ikunu ogħla mill-prezzijiet tal-importazzjoni jew mill-prezzijiet tas-suq domestiku għal dawn il-materjali fi swieq oħrajn (bħat-Turkija, l-UE, l-Istati Uniti, eċċ.). Is-CCCME żiedet li l-Kummissjoni ma misshiex analizzat il-prezzijiet tal-esportazzjoni Ġappuniżi lejn swieq differenti, iżda pjuttost qabblet il-prezzijiet tal-importazzjoni Ġappuniżi mal-prezzijiet tal-importazzjoni minn pajjiżi oħrajn lejn it-Tajlandja. Għalhekk, is-CCCME talbet li li l-Kummissjoni jew tiddependi fuq id-*data* Tajlandiża dwar l-importazzjonijiet bl-esklużjoni tal-importazzjonijiet Ġappuniżi, jew tiddependi fuq id-*data* dwar l-importazzjonijiet tal-ASEAN fit-Tajlandja, jew inkella tuża l-prezz domestiku Tajlandiż għal dawn il-materjali.

(299) Il-GTĊ appoġġa l-allegazzjoni li l-vireg tal-wajer importati mill-Ġappun jintużaw għall-produzzjoni ta' elementi tal-irbit maħsubin għall-industrija tal-karozzi fit-Tajlandja u li, għalhekk, il-livell tal-prezz tagħhom huwa anormalment għoli.. Peress li hemm biss ftit elementi tal-rbit għall-karozzi esportati mir-RPĊ lejn l-UE, il-parametru referenzjarju użat sabiex jiġi stabbilit il-valur normali ma jirriflettix il-kostijiet korrispondenti tal-vireg tal-wajer użati f'elementi tal-irbit esportati miċ-Ċina lejn l-UE.

(300) L-EFDA qalet ukoll li d-differenza bejn SA 721391 u SA 721399 hija sempliċiment id-dimensjoni tal-virga tal-wajer li, bħala tali, ma tistax tiġġustifika d-differenza sinifikanti fil-prezz medju tal-importazzjoni għal kull kodiċi SA. Qalet li din id-differenza fil-prezz x'aktarx li hija bbażata fuq il-fatt li, skont il-kodiċi SA 721391, l-importazzjonijiet mill-Ġappun kienu jirrappreżentaw biss 9 %, filwaqt li, taħt il-kodiċi SA 721399, kienu jirrappreżentaw 65 %. Wenzhou żiedet li l-prezz tax-xiri tagħha tal-materja prima skont SA 721391 u SA 721399 kien simili.

([70]) Is-sottomissjoni ta' Ningbo Jinding tas-6 ta' April 2021, t21.003137.

(301) L-ebda waħda mill-partijiet interessati msemmijin hawn fuq ma ssostanzjat il-pretensjonijiet tagħha rigward is-sehem tal-vireg tal-wajer ta' grad speċjali għall-produzzjoni ta' elementi tal-irbit mhux standard użati fl-industrija tal-karozzi fit-total tal-importazzjonijiet Ġappuniżi fit-Tajlandja, jew kif issir distinzjoni bejn il-materja prima ta' grad speċjali mill-erba' kodiċijiet SA, minkejja li l-elementi tal-irbit mhux standard kienu koperti wkoll minn din l-investigazzjoni u li għalihom tista' tintuża l-materja prima ta' grad speċjali. Fuq il-bażi tad-*data* kunfidenzjali ppreżentata minn waħda mill-partijiet, fl-2018 l-elementi tal-irbit għall-industrija tal-karozzi kienu jirrappreżentaw anqas minn 50 % tad-domanda ġenerali għall-elementi tal-irbit industrijali fit-Tajlandja, u b'hekk fit-Tajlandja kienet teżisti domanda għall-materja prima għal elementi tal-irbit standard kif ukoll għal elementi tal-irbit mhux standard. Fl-istess ħin, l-importazzjonijiet Ġappuniżi tal-erba' materji primi ewlenin fit-Tajlandja jirrappreżentaw madwar 33 % tal-importazzjonijiet totali ta' dawn il-materjali, filwaqt li l-partijiet ma kellhomx evidenza fis-sottomissjonijiet tagħhom dwar kemm minnhom kienu ddedikati għall-elementi tal-irbit mhux standard, jew għall-elementi tal-irbit affattu (peress li l-materjal kien jintuża għal prodotti oħrajn ukoll).

(302) F'termini tad-differenza fil-prezz bejn l-importazzjonijiet Ġappuniżi u l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn fit-Tajlandja, l-ewwel nett, il-prezzijiet tal-importazzjoni Tajlandiżi mill-Ġappun imqabblin mill-partijiet kienu jinkludu d-dazji, filwaqt li l-prezzijiet fi swieq oħrajn ma kinux jinkluduh. It-tieni, il-Kummissjoni qieset li t-tqabbil tal-prezzijiet bejn il-prezz medju tal-importazzjoni Ġappuniż lejn it-Tajlandja u l-livelli medji tal-prezzijiet fi swieq oħrajn, kif ipprovdut mill-partijiet interessati, ma kienx sinifikanti, peress li ma kienx iqabbel l-istess ħaġa. Filwaqt li l-prezzijiet Ġappuniżi għat-Tajlandja, kif affermat minn dawn il-partijiet, ma kinux jinkludu vireg tal-wajer ta' grad mhux speċjali, il-prezz medju fi swieq oħrajn kien jinkludihom it-tnejn - vireg tal-wajer ta' gradi speċjali u mhux speċjali, u għalhekk tqabbil bħal dan ma kienx iwassal għal riżultati sinifikanti u ġie miċħud. Għalhekk, għall-finijiet ta' tqabbil, il-Kummissjoni kkunsidrat il-prezzijiet tal-importazzjonijiet kollha lejn it-Tajlandja (inklużi l-vireg tal-wajer ta' grad speċjali u mhux speċjali) mal-prezzijiet importati jew domestiċi fi swieq oħrajn, kif sottomessi mill-partijiet. Tqabbil ibbażat fuq il-prezz medju tal-tal-vireg tal-wajer tal-gradi kollha skont il-kodiċijiet SA rispettivi wera li kienu jeżistu differenzi sinifikanti fil-prezzijiet biss għal żewġ tipi li ntużaw fi kwantitajiet iżgħar mill-produttur esportatur fil-kampjun. Għalhekk, is-sempliċi differenza fil-prezz ma kinitx materjali. Fl-aħħar nett, il-partijiet ma ssostanzjawx għaliex id-differenza fid-dimensjoni tal-vireg tal-wajer ma setax ikollha impatt sinifikanti fuq il-prezzijiet. Il-prezz tax-xiri ta' Wenzhou kien distort u, għalhekk, ma setax jiġi kkunsidrat.

(303) Meta jitqies li (i) il-partijiet ma ppreżentawx *data* aktar sostanzjata dwar kemm mill-materja prima importata mill-Ġappun kienet għal elementi tal-irbit mhux standard u kif issir distinzjoni bejn il-materja prima ta' grad speċjali mill-erba' kodiċijiet SA, li (ii) kien hemm domanda adegwata għall-materja prima għall-produzzjoni kemm tal-elementi tal-irbit standard kif ukoll dawk mhux standard fit-Tajlandja, u li (iii) id-differenza medja fil-prezz bejn l-importazzjonijiet fit-Tajlandja u l-prezz medju tal-vireg tal-wajer fi swieq oħrajn ma kinitx pertinenti, kif stipulat fil-premessa ta' hawn fuq, ma kienx hemm raġunijiet għall-konklużjoni li l-esportazzjonijiet mill-Ġappun lejn it-Tajlandja ma kinux rappreżentattivi u li, għalhekk, jenħtieġ li jiġu eskluži. Għalhekk, il-pretensjonijiet tal-partijiet f'dan ir-rigward ġew miċħudin.

(304) Is-CCCME tenniet ukoll li ma kellhiex tintuża d-*data* finanzjarja ta' ċerti produtturi Tajlandiżi għad-determinazzjoni tal-SG&A u tal-profitt. Jiġifieri, Topy Thailand, Thaisin Metals Industries Co., Ltd. u S.J Screwthai ma pproduċewx prodotti komparabbli ma' produtturi Ċiniżi, u għalhekk il-fokus differenti tal-prodott ta' dawn il-produtturi inevitabbilment fisser li l-kostijiet u d-*data* finanzjarja tagħhom kienu differenti ħafna u mhux komparabbli mal-produtturi Ċiniżi fil-kampjun.

(305) L-EFDA affermat ukoll li Topy Thailand ma kinitx tipproduċi l-prodott taħt investigazzjoni u, għalhekk, jenħtieġ li tiġi eskluża. Jiġifieri, il-woxers prodotti minn Topy Thailand, kif ibbażati fuq is-sit web tal-kumpanija tal-grupp fil-Ġappun, kienu woxers tat-tip thrust, li kienu kompletament differenti mill-woxers li kienu soġġetti għal din l-investigazzjoni. Barra minn hekk, id-*data* ta' Topy Thailand dehret li ma kinitx affidabbli, peress li l-profitt konsolidat tal-Grupp Topy fir-rapport annwali tal-2020 kien jikkorrispondi għal dak użat mill-Kummissjoni għal Topy Thailand.

(306) Is-CCCME affermat li d-*data* f'D&B u l-bażi tad-*data* Orbis ("Orbis") ([71]), hija kompletament inaffidabbli, b'mod ġenerali, u speċjalment għall-produtturi Tajlandiżi magħżulin, minħabba li kien hemm diskrepanzi fi ħdan iż-żewġ bażijiet tad-*data*. Is-CCCME affermat li d-*data* inkluża f'dawn il-bażijiet tad-*data* hija stima u qieset li ma jkunx xieraq li l-Kummissjoni toqgħod fuq tali stimi, peress li d-*data* finanzjarja tal-kumpaniji privati fit-Tajlandja mhijiex pubblika u, għalhekk, huwa impossibbli għal dawn il-bażijiet tad-*data* li jibbażaw fuq ċifri reali. Is-CCCME żiedet li D&B jew Orbis tista' tkun affidabbli biss f'każijiet li fihom ir-rapporti finanzjarji jkunu saru pubbliċi.

([71]) Bażi tad-data Orbis, ipprovduta minn Bureau Van Dijk (https://orbis.bvdinfo.com).

(307) Fir-rigward tal-produtturi fit-Tajlandja, l-allegazzjonijiet li huma ma kinux qed jipproduċu l-prodott taħt investigazzjoni ma kinux ikkonfermati mill-investigazzjoni. Kif innotat fil-premessa (244), kien hemm diversi tipi ta' elementi tal-irbit prodotti li waqgħu taħt il-prodott taħt investigazzjoni fit-taħlita tal-prodott ta' dawn il-kumpaniji. Is-sit web ta' Topy Thailand ([72]) wera wkoll li l-kumpanija kienet tipproduċi woxers standard li huma parti mill-prodott taħt investigazzjoni u mhux biss woxers tat-tip thrust, kif affermat. Għalhekk, il-Kummissjoni kkonfermat li l-kumpaniji magħżulin fit-Tajlandja kienu relatati direttament jew indirettament mal-manifattura u mal-bejgħ tal-prodott taħt investigazzjoni u l-pretensjonijiet kollha f'dan ir-rigward ġew miċħudin.

(308) Barra minn hekk, fir-rigward tad-dikjarazzjoni li d-*data* f'D&B ma kinitx affidabbli, kif stabbilit fil-premessi ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tinnota li l-profitt konsolidat tal-Grupp Topy huwa riżultat tad-dħul u tal-kost tal-grupp fir-rigward tal-partijiet barra mill-grupp u l-profitti intragrupp huma eliminati fil-kontijiet fil-livell tal-grupp. Meta wieħed iqis dan, l-ammont simili tal-profitt fil-livell ta' kumpanija waħda tal-grupp u tal-grupp kollu kemm hu mhuwiex stramb u ma jikkonfermax li d-*data* ta' D&B ta' Topy Thailand mhijiex affidabbli. Ir-rapport annwali tal-Grupp Topy sottomess mill-EFDA ma jsemmi l-ebda fatt ġdid peress li jipprovdi biss ċifri konsolidati tal-grupp u, għalhekk, ma jixħitx f'dubju l-prestazzjoni tal-entità Tajlandiża.

(309) Id-diskrepanzi bejn id-*data* ta' Orbis u ta' D&B jistgħu jkunu r-riżultat tad-deskrizzjoni differenti tal-partita finanzjarja miġbura mill-bażi tad-*data*, jew tal-livell differenti tar-rapport tal-kumpanija/tal-grupp, u għalhekk mhumiex prova li d-*data* mhijiex affidabbli. Barra minn hekk, din id-*data* tinġabar mill-kumpaniji u mhux neċessarjament tkun disponibbli għall-pubbliku. Il-parti naqset ukoll milli tipprova li Orbis u D&B kienu affidabbli biss f'każijiet li fihom ir-rapporti finanzjarji kienu saru pubbliċi. Għalhekk, l-argumenti li saru f'dan ir-rigward ġew miċħudin.

(310) Fl-aħħar nett, is-CCCME qalet li jekk il-Kummissjoni tuża d-*data* finanzjarja tal-kumpaniji Tajlandiżi, jeħtieġ li jsir aġġustament għall-marġnijiet ta' profitt sabiex jiġu riflessi l-kostijiet tal-materja prima bl-esklużjoni tal-importazzjonijiet mir-RPĊ u minn pajjiżi oħrajn mhux tad-WTO. F'dan ir-rigward, il-parti naqset milli turi kif aġġustament bħal dan ikun pertinenti għal dawn il-kumpaniji speċifiċi fit-Tajlandja u li l-esklużjoni tal-importazzjonijiet mir-RPĊ u minn pajjiżi oħrajn mhux tad-WTO kienet rilevanti għal dawn il-kumpaniji partikolari. Għalhekk, l-allegazzjoni ġiet miċħuda.

3.9.3. *Parametri referenzjarji użati għall-kalkolu tal-valur normali*

3.9.3.1. Il-parametru referenzjarju u l-kalkolu tal-kost tal-manodopera

(311) Fir-rigward tal-aħjar fatti disponibbli użati fir-rigward tal-konsum tal-manodopera f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, Jiangsu qalet li s-sigħat li l-Kummissjoni użat għall-kalkolu ma kinux il-ħin meta l-impjegat jidħol jew jitlaq mil-linja tal-produzzjoni, iżda l-ħin meta impjegat jidħol jew jitlaq mill-binja tal-fabbrika. Jenħtieġ li l-prinċipju ta' tmien sigħat tax-xogħol jiġi interpretat bħala s-sigħat massimi tax-xogħol f'jum ta' xogħol u l-aġġustamenti applikati mill-Kummissjoni ma kinux raġonevoli li wasslu għal riżultati assurdi. Il-Kummissjoni missha użat il-jum ta' xogħol ta' tmien sigħat, minħabba li hija minquxa fil-Konvenzjoni dwar is-Sigħat tax-Xogħol (Industrija) ([73]), li ġiet irratifikata mill-Istati Membri tal-UE. Barra minn hekk, iċ-Ċina tadotta l-prinċipju ta' tmien sigħat tax-xogħol u, għalhekk, jenħtieġ li t-tmien sigħat jiġu interpretati bħala s-sigħat massimi tax-xogħol f'jum ta' xogħol.

(312) Il-Kummissjoni kkunsidrat li l-ħin tad-dħul u tat-tluq lejn u mill-binja tal-fabbrika li tinsab f'Jiangsu kien raġonevoli sabiex jiġu kkalkolati s-sigħat tax-xogħol reali, peress li ma kien hemm l-ebda raġuni oħra għaliex impjegat ikun fil-binja tal-fabbrika għajr għax-xogħol attwali, jew dawn ir-raġunijiet l-oħrajn ma ngħatawx minn Jiangsu. Jenħtieġ li jiġi nnotat li n-numru medju ta' sigħat maħdumin kuljum, kif ikkalkolat mill-Kummissjoni, kien ogħla mill-istandard ta' tmien sigħat tax-xogħol, li kien raġonevoli minħabba l-fatt li s-sigħat tas-sahra kienu rreġistrati wkoll minn Jiangsu stess. Għalhekk, il-pretensjonijiet tal-parti f'dan ir-rigward ġew miċħudin.

([72]) http://www.topy.co.th/product_Washers.php

([73]) L-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni dwar is-Sigħat tax-Xogħol (Industrija), 1919 (Nru 1).

(313) Jiangsu affermat ukoll li l-Kummissjoni ma pprovdiet l-ebda spjegazzjoni dwar fuq liema bażi stabbiliet il-kost lavorattiv fis-siegħa, iżda sempliċiment ipprovdiet link għas-sors. Is-sigħat attwali maħdumin fil-ġimgħa għall-industrija tal-manifattura fit-Tajlandja huma ħafna itwal minn 40 siegħa fil-ġimgħa. Jiangsu ddikjarat li, fuq il-bażi tas-sors użat mill-Kummissjoni, madwar 67 % tal-impjegati fis-settur tal-manifattura fit-Tajlandja ħadmu minn 40 siegħa sa 49 siegħa. Barra minn hekk, l-att attwali effettiv dwar il-protezzjoni tax-xogħol fit-Tajlandja jipprevedi li s-sigħat massimi tax-xogħol f'ġimgħa huma 48 siegħa, li għalhekk tkun bażi aktar xierqa sabiex tiġi stabbilita l-kost tal-manodopera fis-siegħa.

(314) Sabiex tikkalkola l-kost tal-manodopera fis-siegħa, il-Kummissjoni użat erbgħin siegħa fil-ġimgħa (jiġifieri l-kost tal-manodopera fix-xahar fil-pajjiż rappreżentattiv kien diviż b'erba' ġimgħat, imbagħad diviż b'40 siegħa fil-ġimgħa), li huwa n-numru standard ta' sigħat maħdumin fil-ġimgħa (tmien sigħat kuljum immultiplikati b'ħamest ijiem ta' xogħol). Il-fatt li 67 % tal-impjegati fis-settur tal-manifattura fit-Tajlandja jaħdmu bejn 40 u 49 siegħa fil-ġimgħa ma jurix kemm-il impjegat jaħdmu 40 siegħa jew aktar minn 40 siegħa, filwaqt li l-att dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema fit-Tajlandja jipprovdi s-sigħat massimi tax-xogħol, iżda mhux dawk reali. Għalhekk, l-allegazzjoni tal-parti f'dan ir-rigward ġiet miċħuda.

(315) Ningbo Jinding qalet li l-Kummissjoni ma misshiex użat in-numru fiss ta' sigħat tax-xogħol għal kull kilogramma ta' elementi tal-irbit prodotti f'Jiangsu, minħabba li l-produttività ta' Jiangsu hija ferm ogħla minn dik ta' Ningbo Jinding, minħabba l-fatt li Jiangsu tuża l-forġa sħuna fil-proċess tal-produzzjoni. Din il-parti żiedet li jenħtieġ li l-applikazzjoni tal-fatti disponibbli mill-Kummissjoni tkun raġonevoli, b'mod partikolari, jenħtieġ li ma tirriżultax f'eżiti kompletament irraġonevoli, speċjalment meta l-applikazzjoni tal-fatti disponibbli ma tirriżultax minn nuqqas ta' kooperazzjoni, bħal fil-każ preżenti. L-EFDA appoġġat din l-istqarrija filwaqt li nnotat li l-Kummissjoni neħħet il-kostijiet lavorattivi u, għalhekk, il-marġnijiet tad-dumping.

(316) Ningbo Jinding tenniet ukoll it-talba tagħha li l-bażi tkun is-sigħat tax-xogħol standard, u qal li ġiet ipprovduta evidenza li l-liġi tax-xogħol tar-RPĊ li tiddefinixxi tmien sigħat tax-xogħol għal kull jum ta' xogħol tiġi rrispettata u infurzata mill-kumpanija. Barra minn hekk, ma hemm l-ebda evidenza fil-fajl li turi li l-liġijiet tax-xogħol Ċiniżi ma ġewx irrispettati jew infurzati u, għalhekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tippreżumi li kien hemm konformità mal-leġiżlazzjoni.

(317) Kif innotat fil-premessa (180), il-Kummissjoni ma setgħetx tivverifika l-konsum attwali tal-manodopera għal kwalunkwe wieħed mit-tliet produtturi esportaturi fil-kampjun u, għalhekk, kienet qed tuża l-fatti disponibbli f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku f'dan ir-rigward. Kif innotat fil-premessa (260), l-informazzjoni dwar id-differenza bejn is-sigħat attwali rrapportati u l-ħinijiet tad-dħul/tat-tluq misjubin f'Jiangsu ma kinitx tikkostitwixxi l-konsum attwali tas-sigħat tax-xogħol f'Jiangsu. Il-Kummissjoni użat biss ir-rekord tal-ħinijiet tad-dħul/tat-tluq bħala l-fatt disponibbli sabiex tistma s-sigħat tax-xogħol reali. B'riżultat ta' dan, ma kienx possibbli għall-Kummissjoni li tistabbilixxi d-differenza bejn is-sigħat tax-xogħol meħtieġa għal metodi differenti tal-produzzjoni (forġa sħuna u kiesħa) għal kwalunkwe produttur esportatur fil-kampjun, u l-parti li għamlet l-affermazzjoni lanqas ma pprovdiet evidenza dwar kif dawn jenħtieġ li jiġu stmati. Is-17-il siegħa tax-xogħol ikkalkolati fuq il-bażi tal-fatti disponibbli kienu simili għas-sigħat tax-xogħol standard meħtieġa fi wħud mid-dipartimenti tal-produzzjoni f'Ningbo Jinding, filwaqt li, barra minn hekk, ma kien hemm l-ebda evidenza li s-sigħat tas-sahra ma kinux fakultattivi.

(318) Barra minn hekk, kif innotat fil-premessa (183), matul l-investigazzjoni l-Kummissjoni sabet li l-ħin reali tax-xogħol ma kienx rifless fir-remunerazzjoni mħallsa lill-persunal. Għall-kuntrarju ta' dak li ġie affermat, il-kumpanija ma pprovdiet l-ebda evidenza li tirrelata s-sigħat tax-xogħol mar-remunerazzjoni u, għalhekk, ma setgħetx turi li s-sigħat tax-xogħol standard kienu tabilħaqq infurzati, iżda pprovdiet biss avviżi tal-kumpanija lill-persunal li jiddelimitaw in-numru massimu ta' sigħat. Għalhekk, il-Kummissjoni qieset li l-metodoloġija sabiex jiġu stabbiliti l-ħinijiet tax-xogħol attwali kienet raġonevoli u l-affermazzjonijiet tal-partijiet f'dan ir-rigward ġew miċħudin.

3.9.3.2. Parametru referenzjarju għall-kost tal-elettriku

(319) Wara d-divulgazzjoni finali, Jiangsu qalet li l-aġġustament tal-inflazzjoni użat mill-Kummissjoni għall-aġġustament tat-tariffa tal-elettriku minn Novembru 2018 ma mmaterjalizzax, peress li t-tariffa Tajlandiża tal-elettriku ma nbidlitx sabiex tirrifletti kwalunkwe inflazzjoni minn dak iż-żmien. Jiangsu affermat ukoll li l-Kummissjoni ma pprovdietx raġunijiet għaliex l-aġġustament huwa neċessarju. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma aġġustatx l-inflazzjoni għall-ilma u għall-gass naturali u ma pprovdiet l-ebda raġuni għal dan.

(320) Ningbo Jinding qalet li, peress li l-parametru referenzjarju għall-kost tal-elettriku ġie stabbilit fuq il-prezz għall-elettriku ppubblikat għax-xahar tal-fatturazzjoni ta' Novembru 2018, aġġustat bir-rata tal-inflazzjoni applikabbli għal nofs il-PI, ma kienx jirrifletti l-kost reali mħallas mill-konsumaturi tal-elettriku fit-Tajlandja matul il-PI. Il-parti indikat li l-kundizzjonijiet relatati mat-tariffi tal-elettriku elenkati fuq il-paġna web ([74]) minn fejn il-Kummissjoni ħadet il-prezz tal-elettriku li kien applikabbli matul il-PI jiddikjaraw li "[I]t-tariffi tal-elettriku imposti għal kull xahar li jinkludu t-tariffa bażi tal-elettriku skont it-tariffi ta' hawnhekk; u tariffa ta' aġġustament tal-enerġija". Għalhekk, il-Kummissjoni missha applikat tariffa ta' aġġustament tal-enerġija aktar milli aġġustament tal-inflazzjoni.

(321) Il-Kummissjoni rrieżaminat il-kundizzjonijiet għat-tariffi tal-elettriku fit-Tajlandja u kkonfermat li t-tariffa tal-aġġustament tal-enerġija (li tinkludi l-elementi tal-prezz li jinbidel) ġiet tabilħaqq aġġustata perjodikament mill-fornitur tal-elettriku fit-Tajlandja. Għalhekk, hija aġġustat il-parametru referenzjarju tal-elettriku użat bit-tariffa ta' aġġustament tal-enerġija, minflok l-aġġustament tal-inflazzjoni għat-tliet produtturi esportaturi fil-kampjun. Għall-kuntrarju tal-parametru referenzjarju tal-elettriku li kien ibbażat fuq il-kontijiet għax-xahar ta' Novembru 2018 u, għalhekk, kien jeħtieġ li jiġi aġġustat għall-PI kif spjegat hawn fuq, il-parametri referenzjarji għall-ilma u għall-gass naturali applikati mill-Kummissjoni diġà kienu relatati mal-PI, u għalhekk ma ġie applikat l-ebda aġġustament ulterjuri.

(322) Ningbo Jinding qalet ukoll li l-Kummissjoni applikat livell ta' vultaġġ mhux korrett għat-tariffi tal-elettriku mitlubin lil Ningbo Jinding matul il-PI peress li l-livell ta' vultaġġ attwali tal-kumpanija huwa ta' aktar minn 12-il kV. Il-Kummissjoni rrieżaminat u aġġustat il-parametru referenzjarju fir-rigward tal-livell ta' vultaġġ ta' Ningbo Jinding, kif ikkonfermat mill-evidenza miġbura fl-eżerċizzju tal-RCC, rilevanti għat-tariffi tal-elettriku mitlubin lil Ningbo Jinding matul il-PI.

3.9.3.3. Aġġustament tan-nol tal-ġarr fuq l-art u tad-dazji tal-importazzjoni applikati għall-parametru referenzjarju tal-materja prima

(323) Ningbo Jinding qalet li l-Kummissjoni kkalkolat b'mod żbaljat il-ġarr fuq l-art fuq il-bażi ta' perċentwal tal-valur tal-materja prima, filwaqt li l-ġarr tax-xirijiet tal-materja prima normalment jiġi ddeterminat fuq il-bażi tal-volum tax-xiri. Din il-parti nnotat li l-Kummissjoni nnifisha għandha prattika konsistenti li talloka l-kostijiet tat-trasport fuq il-volum, aktar milli fuq il-valur tal-materjal. Barra minn hekk, il-Kummissjoni kien missha kkunsidrat id-distanza reali tat-trasport lejn Ningbo Jinding.

(324) Wenzhou argumentat li huwa biżżejjed li jiġi żgurat li l-prezz tal-materja prima fuq bażi ex-works ma jkunx distort u li jenħtieġ li kwalunkwe żieda fil-kost tat-trasport tkun konsistenti mat-terminu attwali tal-konsenja tax-xiri tal-materja prima mill-produtturi esportaturi Ċiniżi. Konsegwentement, huwa biss il-kost attwali tat-trasport mill-forniturі lejn Wenzhou li jenħtieġ li jitqies minbarra l-prezz ex-works. Wenzhou qieset ukoll li ma kienx raġonevoli li l-kostijiet tat-trasport għall-materja prima kienu espressi bħala perċentwal tal-kost irrapportat tal-materja prima, filwaqt li l-kost reali tat-trasport jiġi kkalkolat abbażi tal-kwantità minflok il-valur.

(325) Ningbo Jinding qalet ukoll li, ma hemm l-ebda bażi sabiex jiżdied dazju tal-importazzjoni mal-prezz tal-materja prima, peress li Ningbo Jinding kienet tixtri l-materja prima tagħha fiċ-Ċina u ma kienet tħallas l-ebda dazju tal-importazzjoni. Barra minn hekk, id-*data* ta' GTA hija bbażata fuq il-prezzijiet CIF, u għalhekk tinkludi kostijiet addizzjonali bħat-trasport internazzjonali, l-assigurazzjoni, u l-kostijiet tal-immaniġġjar, li ma kinux applikabbli għax-xiri domestiku u, għalhekk, jenħtieġ li jitnaqqsu.

(326) Wenzhou Junhao tenniet ukoll il-kumment tagħha dwar l-ewwel nota li l-materja prima kollha għall-prodott taħt investigazzjoni ta' Wenzhou Junhao kienet tinxtara domestikament. Wenzhou Junhao argumentat li l-prezz tal-importazzjoni (CIF) lejn it-Tajlandja, li l-Kummissjoni ħadet bħala bażi sabiex tiddetermina prezz tal-materja prima mingħajr distorsjoni, jista' jinkludi spejjeż ta' konsenja ogħla minn materja prima mixtrija domestikament.

(327) Il-Kummissjoni qieset li, skont l-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, jenħtieġ li l-valur normali jirrifletti l-prezz mingħajr distorsjoni tal-materja prima fil-pajjiż rappreżentattiv (f'dan il-każ, it-Tajlandja) bħala l-indikatur rilevanti sabiex jinħadem il-valur normali fil-pajjiż tal-oriġini. Għalhekk, jenħtieġ li jirrifletti l-prezz li produttur tal-elementi tal-irbit jħallas fit-Tajlandja għall-materja prima kkonsenjata f'bieb il-fabbrika. Jekk ma jiżdidux il-kostijiet tat-

([74]) http://www.mea.or.th/en/profile/109/114

trasport internazzjonali jew id-dazji tal-importazzjoni, il-parametru referenzjarju li jirriżulta ma jkunx jirrifletti l-prezz mingħajr distorsjoni fis-suq Tajlandiż, iżda sempliċiment il-prezz CIF medju fil-pajjiżi li jesportaw il-materja prima inkwistjoni. Dan ikun jikser l-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku.

(328) Barra minn hekk, fin-nuqqas ta' kwalunkwe parametru referenzjarju għall-kost tat-trasport (għal kull kumpanija, għal kull tip ta' materja prima, għal kull kanal ta' trasport differenti, eċċ.), il-Kummissjoni użat il-proporzjon bejn il-kost tat-trasport u l-kost tal-materja prima tal-produttur esportatur. Dan il-proporzjon huwa applikat għall-parametru referenzjarju tal-materja prima, li konsegwentement jiġi mmoltiplikat bil-kwantità tal-materja prima kkonsmata mill-produttur esportatur. Metodoloġija bħal din tirrifletti l-istruttura tal-kostijiet tal-produttur esportatur, peress li l-proporzjon bejn il-kost tat-trasport u l-kost tal-materja prima jinżamm u jiġi applikat ulterjorment għall-parametru referenzjarju mingħajr distorsjoni.

(329) Għalhekk, l-allegazzjonijiet tal-partijiet fir-rigward tal-kalkolu tal-aġġustament għall-ġarr fuq l-art u d-dazji tal-importazzjoni applikati għall-parametru referenzjarju tal-materja prima ġew miċħuda.

3.9.4. *Kalkolu tal-valur normali*

(330) Wenzhou qalet li ma kellha ssir l-ebda distinzjoni bejn iż-żewġ tipi ta' vireg tal-wajer użati għall-produzzjoni ta' elementi tal-irbit, jiġifieri SA 721391 u SA 721399, peress li huma differenti fid-dijametru biss (aktar jew anqas minn 14-il mm) u l-prezz tagħhom huwa kważi ugwali, skont diversi sorsi pprovduti. Barra minn hekk, id-dijametru ta' aktar jew anqas minn 14-il mm mhuwiex indikatur distint fl-istruttura tal-PCN tal-prodott taħt investigazzjoni.

(331) F'dak li għandu x'jaqsam mal-materja prima, fil-kwestjonarju l-produtturi esportaturi ntalbu jidentifikaw kull tip ta' materja prima użata fil-produzzjoni tal-prodott taħt l-investigazzjoni fl-aktar kodiċi doganali akkurat (livell ta' tmien jew ta' għaxar ċifri). Imbagħad, il-materja prima speċifikata titqabbel, bl-aktar mod akkurat possibbli, mal-kodiċi doganali tal-parametru referenzjarju tal-istess materja prima fil-pajjiż rappreżentattiv. Meta tiġi speċifikata l-materja prima użata, il-prezz ta' din il-materja prima jew l-istruttura tal-PCN ikunu irrilevanti, peress li l-ebda wieħed minnhom ma jintuża sabiex jitqabbel mal-kodiċi doganali tal-parametru referenzjarju tal-istess materja prima fil-pajjiż rappreżentattiv. F'din l-investigazzjoni, Wenzhou identifikat iż-żewġ tipi ta' materja prima użata. Fuq din il-bażi, iż-żewġ tipi ta' materja prima użati minn Wenzhou tqabblu mal-parametru referenzjarju tal-istess materja prima fit-Tajlandja. Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet din l-allegazzjoni.

(332) Wenzhou qalet ukoll li l-SG&A użati sabiex jinħadem il-valur normali ġew iddeterminati fuq il-bażi ta' ħames kumpaniji Tajlandiżi mingħajr ma ġiet ipprovduta diżaggregazzjoni tal-SG&A tal-kumpaniji individwali. Barra minn hekk, l-ispejjeż tal-bejgħ dirett bħall-ispejjeż tat-trasport ma tnaqqsux mill-SG&A. Għalhekk, id-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni fid-divulgazzjoni finali li hija ħadmet il-valur normali għal kull tip ta' prodott fuq bażi ex-works mhijiex preċiża. Billi l-bejgħ tal-esportazzjoni ġie stabbilit fuq bażi ex-works mingħajr kost tat-trasport, jenħtieġ li dan il-kost jitnaqqas ukoll mill-valur normali f'konformità mal-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku.

(333) Kif indikat fil-premessa (276), il-Kummissjoni ħadmet il-valur normali għal kull tip ta' prodott fuq bażi ex-works f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, li jinkludi ammont raġonevoli ta' SG&A. Ma hemm l-ebda informazzjoni disponibbli li turi li l-SG&A tal-kumpaniji mit-Tajlandja użati mill-Kummissjoni kienu jinkludu spejjeż tat-trasport għall-konsenja lill-klijenti. Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet din l-allegazzjoni.

(334) L-EIFI qies li l-marġni tad-dumping stabbilit għal Jiangsu kien ibbażat fuq informazzjoni kontradittorja. Skont D&B, Jiangsu kellha biss 15-il impjegat, li jikkorrispondu għal-livell ta' impjegati tipikament f'kumpanija kummerċjali u mhumiex konformi mal-kwantitajiet tal-elementi tal-irbit prodotti minn Jiangsu. Barra minn hekk, il-prezz medju tal-esportazzjoni tal-elementi tal-irbit ta' Jiangsu fil-PI huwa aktar baxx mill-prezz medju globali tal-esportazzjoni mir-RPĊ fl-istess perjodu. Peress li l-kumpanija qalet li tipproduċi prinċipalment elementi tal-irbit bi proċessi tal-produzzjoni tal-forġa sħuna li jrendu kostijiet tal-input ogħla minn elementi tal-irbit prodotti bi proċessi tal-produzzjoni oħrajn, jenħtieġ li, madankollu, il-prezz tal-bejgħ tagħhom bħala medja jkun ogħla mill-prezz medju tal-esportazzjoni miċ-Ċina. Barra minn hekk, Jiangsu hija relatata ma' żewġ kumpaniji oħrajn fir-RPĊ li jipproduċu elementi tal-irbit li ma ġewx irrapportati fit-tweġiba għall-kwestjonarju, u, għalhekk, ikun hemm riskju għoli li dawn il-kumpaniji jidderieġu l-esportazzjonijiet tagħhom permezz ta' Jiangsu li tibbenefika mir-rati ta' dazju aktar baxxi.

(335) Kif innotat fil-premessa (92), il-Kummissjoni wettqet RCCs u kkonfermat id-*data* ppreżentata minn Jiangsu, inklużi n-numru ta' impjegati u l-prezz tal-esportazzjoni. Il-fatt li l-prezz medju tal-esportazzjoni ta' Jiangsu jista' jkun aktar baxx mill-prezz medju tal-esportazzjonijiet kollha mir-RPĊ jista' jkun minħabba d-devjazzjoni mill-medja, meta wieħed iqis in-numru ta' produtturi esportaturi fir-RPĊ u n-numru ta' tipi tal-prodott taħt investigazzjoni importat mir-RPĊ inklużi fil-kalkolu tal-prezz medju tal-esportazzjonijiet kollha mir-RPĊ. Bl-istess mod, l-investigazzjoni ma żvelat l-ebda kumpanija relatata li tipproduċi l-prodott ikkonċernat fiċ-Ċina. Għalhekk, l-allegazzjonijiet tal-EIFI f'dan ir-rigward ġew miċħudin.

3.9.5. *Produtturi esportaturi mhux fil-kampjun li kkooperaw*

(336) L-EFDA qalet li r-rata għall-esportaturi mhux fil-kampjun li kkooperaw tkun għolja wisq u tikser l-Artikolu 9(6) tar-Regolament bażiku. Dan minħabba li l-Kummissjoni użat il-fatti disponibbli fir-rigward tal-konsum tal-manodopera f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, u, għalhekk, missha injorat il-marġnijiet stabbiliti fiċ-ċirkostanzi msemmijin fl-Artikolu 18, meta kkalkolat il-marġni medju tad-dumping tal-kampjun. L-EFDA ssuġġeriet li jintuża l-marġni tad-dumping ta' Jiangsu sabiex jiġi ddeterminat il-marġni tad-dumping applikabbli għall-produtturi esportaturi mhux fil-kampjun li kkooperaw, peress li din kienet tkun l-unika kumpanija fejn il-fatti disponibbli ma jkunux intużaw.

(337) Il-Kummissjoni qieset li l-Artikolu 9(6) tar-Regolament bażiku japplika biss meta l-marġnijiet ikunu stabbiliti kompletament fiċ-ċirkostanzi msemmijin fl-Artikolu 18. Il-Kummissjoni nnotat li, skont il-premessa (260), il-Kummissjoni qagħdet parzjalment fuq il-fatti disponibbli f'konformità mal-Artikolu 18 tar-regolament bażiku fir-rigward tal-konsum tal-manodopera għat-tliet produtturi esportaturi fil-kampjun, inkluża Jiangsu. Għalhekk, minflok ma injorat il-marġnijiet kollha misjubin għall-esportaturi li kkooperaw, il-Kummissjoni sabet li kien xieraq li tibbaża fuq dawk il-marġnijiet kollha sabiex tistabbilixxi l-marġni tad-dumping għall-produtturi esportaturi mhux fil-kampjun li kkooperaw. Għaldaqstant, l-allegazzjoni tal-parti ġiet miċħuda.

3.9.6. *Livell ta' kooperazzjoni*

(338) L-EFDA tenniet li jenħtieġ li l-livell ta' kooperazzjoni mill-produtturi esportaturi jitqies bħala għoli, fid-dawl tan-natura frammentata tal-industrija tal-elementi tal-irbit li kienet tikkonsisti l-aktar f'SMEs li jesportaw permezz ta' negozjanti; id-diffikultajiet loġistiċi matul il-pandemija tal-COVID-19; ir-relazzjonijiet kummerċjali bejn il-produtturi esportaturi fir-RPĊ u l-ilmentatur; il-livell ta' kooperazzjoni tal-produtturi esportaturi ta' aktar minn 50 %, li huwa d-doppju tal-livell ta' kooperazzjoni tal-produtturi tal-Unjoni matul l-investigazzjoni preċedenti dwar il-elementi tal-irbit li madankollu *"kien jikkostitwixxi proporzjon kbir tal-industrija tal-Unjoni"* ([75]); l-approċċ tal-Kummissjoni f'dan il-każ fir-rigward tan-nuqqas ta' kooperazzjoni tal-produtturi tal-Unjoni u, fl-aħħar nett, l-approċċ ġenerali tal-Kummissjoni fir-rigward tal-SMEs fl-Unjoni, u b'mod partikolari l-kwestjonarji simplifikati maħsubin għall-SMEs.

(339) Kif spjegat fil-premessa (179), il-livell ta' kooperazzjoni tal-produtturi esportaturi huwa stabbilit fuq il-bażi tat-tweġibiet tal-produtturi esportaturi fiċ-Ċina għall-formola ta' kampjunar. L-informazzjoni mitluba hija limitata għal informazzjoni bażika dwar il-kumpaniji bħad-dettalji ta' kuntatt, il-bejgħ globali u l-kwantitajiet ta' produzzjoni kif ukoll il-kumpaniji relatati. Jenħtieġ li din l-informazzjoni tkun disponibbli faċilment u minnufih, għall-kumpaniji kollha inklużi l-SMEs. L-ebda wieħed mill-produtturi esportaturi ma ppreżenta ruħu u afferma diffikultajiet loġistiċi sabiex jipprovdi l-informazzjoni mitluba, u l-EFDA lanqas ma ssostanzjat din il-pretensjoni. Barra minn hekk, l-EFDA ma spjegatx sa liema punt l-allegati relazzjonijiet kummerċjali bejn il-produtturi esportaturi u l-ilmentatur suppost li kellhom impatt fuq id-determinazzjoni tal-livell ta' kooperazzjoni. Barra minn hekk, il-livell ta' kooperazzjoni tal-industrija tal-Unjoni fl-investigazzjoni anti-dumping preċedenti tqies irrilevanti fil-kuntest tal-investigazzjoni kurrenti. Id-dikjarazzjoni li l-produtturi tal-Unjoni li ma kkooperawx jiġu ttrattati b'mod differenti minn produtturi esportaturi li ma kkooperawx diġà hija indirizzata fil-premessa (46) u, barra minn hekk, ma tqisitx bħala element li għandu impatt fuq il-livell ta' kooperazzjoni tal-produtturi esportaturi. Fi kwalunkwe każ, il-kunċett tal-"proporzjon kbir" tal-industrija tal-Unjoni huwa irrilevanti meta jitqies il-livell ta' kooperazzjoni mill-produtturi esportaturi, peress li ż-żewġ kunċetti jirreferu għal sitwazzjonijiet kompletament differenti. Filwaqt li s-sehem il-kbir tal-industrija tal-Unjoni jirreferi għall-pożizzjoni fil-bidu, il-marġni tad-dumping għall-pajjiż kollu għandu l-għan li jevita li n-nuqqas ta' kooperazzjoni jiġi ppremjat b'mod inadatt. L-argument li l-SMEs fl-Unjoni jibbenefikaw minn kwestjonarji simplifikati, għall-kuntrarju tal-produtturi esportaturi, huwa irrilevanti fl-istadju tal-kampjunar. Għaldaqstant, l-allegazzjonijiet tal-parti ma ntlaqgħux.

([75]) Ir-Regolament (KE) Nru 91/2009.

(340) L-EFDA qalet ukoll, b'referenza għall-ġurisprudenza tad-WTO ([76]), li anki jekk il-Kummissjoni kkonkludiet li l-livell ta' kooperazzjoni kien baxx, hija ma tistax tkun punittiva fl-approċċ tagħha. F'dan ir-rigward, l-EFDA argumentat li l-livell tad-dazju għall-"produtturi esportaturi l-oħrajn kollha" ġie stabbilit fuq volum ta' esportazzjoni mhux rappreżentattiv ibbażat fuq tip ta' prodott wieħed biss.

(341) Meta tapplika l-fatti disponibbli f'konformità mal-Artikolu 18, il-Kummissjoni għandha diskrezzjoni wiesgħa dment li l-metodu applikat ikun raġonevoli. Barra minn hekk, f'konformità mal-Artikolu 18(6) tar-Regolament bażiku, meta tapplika l-fatti disponibbli, ir-riżultati tal-investigazzjoni jistgħu jkunu anqas favorevoli għal parti milli kieku tkun ikkooperat, sabiex jiġi evitat li n-nuqqas ta' kooperazzjoni jiġi ppremjat b'mod inadatt. F'dan il-każ, il-Kummissjoni kellha tibbaża l-kalkolu tal-livell ta' dazju għall-pajjiż kollu fuq il-fatti disponibbli fil-fajl. Il-metodoloġija kienet raġonevoli peress li kienet ibbażata fuq informazzjoni verifikata attwali mill-produtturi esportaturi fil-kampjun u l-kalkolu kien ibbażat fuq tip ta' prodott magħżul li kien l-aktar rappreżentattiv f'termini ta' volum ta' esportazzjonijiet ta' dak il-produttur esportatur. Id-dikjarazzjoni li dan it-tip ta' prodott speċifiku ma kienx esportat mill-produtturi esportaturi li ma kkooperawx ma kinitx issostanzjata mill-EFDA u ma setgħetx tiġi vverifikata. Għalhekk, dan l-argument ġie miċħud.

3.9.7. *Il-lista ta' produtturi esportaturi li kkooperaw*

(342) L-EIFI qal li xi whud mill-produtturi esportaturi, li kienu ngħataw l-istatus ta' produttur esportatur li kkoopera, ma kellhomx jitqiesu bħala tali minħabba li ma kinux produtturi, iżda negozjanti, tal-prodott ikkonċernat, jew ma kinux produtturi tal-prodott ikkonċernat. Għal xi whud mill-produtturi esportaturi, l-ismijiet irrapportati fil-formola tal-kampjunar ma kinux jikkorrispondu mal-ismijiet fuq in-numru tal-VAT irreġistrati ta' dik il-kumpanija, u oħrajn kellhom prezz tal-esportazzjoni lejn l-Unjoni anormalment baxx. L-EIFI ssottometta informazzjoni bbażata fuq sorsi disponibbli pubblikament biex isostni dak li kien qed jgħid.

(343) Il-Kummissjoni tinnota li l-informazzjoni pprovduta mill-EIFI waslet tard ħafna matul il-proċedura, filwaqt li l-istess lista ta' produtturi esportaturi li kkooperaw tqiegħdet fil-fajl tal-każ miftuħ għall-partijiet interessati kollha fis-6 ta' Jannar 2021 ([77]) u, għalhekk, ma setgħetx tiġi vverifikata aktar. Għalhekk, il-Kummissjoni ma setgħetx tiddetermina jekk ir-raġunijiet invokati mill-EIFI għat-tneħħija ta' ċerti kumpaniji mil-lista ta' produtturi esportaturi kinux ġustifikati u, għalhekk, dawn id-dikjarazzjonijiet kellhom jiġu miċħudin.

(344) Kumpanija kummerċjali fir-RPĊ, Changshu 5. Rich Trading Co., Ltd. ("Changshu Rich") qalet li kellha tiżdied mal-lista ta' produtturi esportaturi li kkooperaw flimkien mal-produttur relatat tagħha fiċ-Ċina, peress li kienet qed tikkoopera matul l-investigazzjoni. Il-Kummissjoni tinnota li l-ebda waħda minn dawn il-partijiet ma mliet il-formola ta' kampjunar sal-iskadenzi mogħtijin. Changshu Rich ipprovdiet biss tweġiba tal-kampjunar għall-importaturi mhux relatati fl-Unjoni, li ma kinitx iddedikata għall-partijiet fir-RPĊ u ngħatat biss wara l-iskadenzi mogħtijin. Għalhekk, it-talba għall-inklużjoni fil-lista ta' produtturi esportaturi li kkooperaw ġiet miċħuda. Produttur esportatur ieħor, li Changshu Rich irreferiet għalih bħala s-"sieħeb" tagħha, kien ipprovda l-formola ta' kampjunar sal-iskadenza pprovduta u, għalhekk, ġie inkluż fil-lista.

(345) Produttur esportatur ieħor, Bulten Fasteners (China) Co., Ltd. ("Bulten Fasteners") ukoll talab li jiġi inkluż fil-lista ta' produtturi esportaturi li kkooperaw, u argumenta li kien qed jikkoopera matul l-investigazzjoni billi pprovda l-informazzjoni dwar l-inputs maħsubin għall-produtturi esportaturi fir-RPĊ sal-iskadenza, kif mitlub fin-Notifika ta' bidu. Qal li r-rekwiżiti sabiex wieħed jitqies bħala parti li tikkoopera ma kinux ċari u billi pprovda l-informazzjoni dwar l-inputs, huwa kkonferma l-intenzjoni tiegħu li kien lest li jikkoopera u aġixxa *bona fide*.

(346) Il-Kummissjoni nnotat li Bulten Fasteners ma pprovdietx tweġiba tal-kampjunar kif mitlub fin-Notifika ta' Bidu u li kienet tinkludi wkoll qbil sabiex tkun fost il-kumpaniji kellhom jiġu inklużi fil-kampjun u investigati. Bħala wieħed mill-produtturi esportaturi msemmijin fl-ilment, din il-kumpanija rċiviet ukoll struzzjonijiet speċifiċi fil-bidu mill-Kummissjoni permezz ta' komunikazzjoni bilaterali, li ddikjarat b'mod ċar li l-għoti tal-informazzjoni għall-eżerċizzju ta' kampjunar ikun kundizzjoni għall-kunsiderazzjoni bħala parti li tikkoopera. Il-kumpanija lanqas ma pprovdiet kummenti dwar il-lista ta' produtturi esportaturi li kkooperaw imsemmija fil-premessa (345) li kienet fil-

([76]) WTO Panel Report, US – Anti-Dumping and Countervailing Duties (Korea), para. 7.36. u WTO Panel report, Kanada – Welded Pipe, para. 7.132 – 7.144.

([77]) In-Nota għall-fajl għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati fuq il-kampjun tal-produtturi esportaturi fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, t21.000202.

fajl sa mill-bidu tal-investigazzjoni, ladarba l-Kummissjoni għażlet il-kampjun tal-produtturi esportaturi. F'dan ir-rigward, Bulten Fasteners talbet li tinstema' mill-Uffiċjal tas-Seduta. Saret seduta fis-7 ta' Diċembru 2021 li matulha l-Uffiċjal tas-Seduta kkonkluda li d-drittijiet proċedurali ta' Bulten Fasteners ma kinux affettwati fil-proċediment, peress li kienet irċiviet informazzjoni mill-Kummissjoni li għaliha ma kinitx irreaġixxiet. Fuq il-bażi ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, għall-kuntrarju tal-produtturi esportaturi li ppreżentaw il-formola tal-kampjunar u li qablu espliċitament li jikkooperaw fl-investigazzjoni fil-ħin, Bulten Fasteners ma tistax titqies bħala produttur esportatur li kkoopera u t-talba ta' din il-parti ġiet miċħuda.

(347) Wara d-divulgazzjoni finali, il-Kummissjoni nnotat xi żbalji klerikali inklużi fil-lista ta' produtturi esportaturi li kkooperaw li ġew ikkoreġuti. Dawn il-korrezzjonijiet kienu bbażati fuq l-informazzjoni pprovduta mill-partijiet ikkonċernati fil-formola tal-kampjunar. Għalhekk, Shanghai Foreign Trade (Pudong) Co., Ltd. li ssottomettiet l-informazzjoni għall-kampjunar għall-produtturi relatati tagħha Shanghai Rongdun Industry Co., Ltd. u Shanghai Chunri New Energy Technology Co., Ltd., tneħħiet mil-lista u ġiet issostitwita mill-produtturi relatati tagħha. Bl-istess mod, BSC Corporation, negozjant li kien jesporta l-prodott manifatturat mill-kumpanija relatata tagħha Liaocheng BSC Metal, tneħħa mil-lista u ġie ssostitwit mill-produttur relatat tiegħu.

3.9.8. *Allegazzjonijiet oħrajn*

(348) Wara d-divulgazzjoni finali, l-utent tal-pole screws imsemmi fil-premessi (154) u (155) afferma li l-Kummissjoni injorat il-pretensjoni tiegħu li l-kompetitur ewlieni tiegħu fl-Indja jimmanifattura pole screws u jbigħhom fl-Unjoni b'livelli ta' prezzijiet simili għal dawk importati miċ-Ċina. L-utent argumenta li dan juri li l-prezzijiet tal-importazzjonijiet Ċiniżi mhumiex oġġett ta' dumping. L-utent qal wkoll li l-Kummissjoni missha qabblet il-prezzijiet tal-importazzjoni Indjani tal-pole screws mal-valur normali. Madankollu, peress li l-Kummissjoni naqset milli tagħmel dan, hija ma tistax tikkonkludi li l-importazzjonijiet Ċiniżi tal-pole screws kienu oġġett ta' dumping.

(349) L-ewwel nett, il-Kummissjoni tindika li l-ebda dikjarazzjoni tali ma ġiet ipprovduta qabel id-divulgazzjoni finali. Is-sempliċi dikjarazzjoni insostanzjata li l-livelli tal-prezzijiet tal-pole screws tal-manifatturi Indjani kienu fl-istess livell bħall-prezzijiet tal-bejgħ mill-ġdid Ċiniżi fis-suq tal-Unjoni ma timplikax minnha nfisha pretensjoni li l-prezzijiet tal-esportazzjonijiet Ċiniżi ma jkunux oġġett ta' dumping. It-tieni, il-marġnijiet tad-dumping stabbiliti kif imsemmi aktar 'il fuq fit-taqsima 3 huma bbażati fuq il-prezzijiet tal-esportazzjoni tal-prodott ikkonċernat kollu kemm hu u ma ġewx iddeterminati marġnijiet separati tad-dumping għal tipi differenti ta' prodotti. Kif stabbilit fid-dettall fit-taqsima 3, ġew stabbiliti marġnijiet sostanzjali tad-dumping meta tqabblu l-prezzijiet tal-esportazzjoni mill-produtturi esportaturi Ċiniżi mal-valur normali fuq il-bażi tad-*data* tal-pajjiż rappreżentattiv. L-ebda kumment dwar il-kalkolu tal-marġnijiet tad-dumping bħala tali ma ġie pprovdut minn dan l-utent u l-ebda wieħed mill-elementi użati għall-kalkolu ma ġie kkontestat minnu. It-tielet, huwa mfakkar li l-ambitu ta' din l-investigazzjoni huwa limitat għall-esportazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat miċ-Ċina u, għalhekk, il-Kummissjoni ma kienet taħt l-ebda obbligu jew saħansitra intitolata li tinvestiga l-allegat dumping minn importazzjonijiet mill-Indja. Għalhekk, din il-pretensjoni ġiet miċħuda.

4. **DANNU**

4.1. **Kummenti preliminari**

(350) Kif indikat fil-premessi (96) u (97), il-perjodu ta' tranżizzjoni għall-ħruġ tar-Renju Unit intemm fil-31 ta' Diċembru 2020 u r-Renju Unit ma baqax soġġett għad-dritt tal-Unjoni mill-1 ta' Jannar 2021. Minħabba li l-iskadenza sabiex jingħataw it-tweġibiet għall-kwestjonarju u informazzjoni oħra ħabtet wara l-perjodu ta' tranżizzjoni, il-Kummissjoni talbet lill-partijiet interessati jipprovdu informazzjoni fuq il-bażi tal-EU-27. Għalhekk, is-sejbiet dwar id-dannu, il-kawżalità u l-interess tal-Unjoni ġew ivvalutati fuq il-bażi tad-*data* tal-EU-27.

4.2. **Definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni u tal-produzzjoni tal-Unjoni**

(351) Il-prodott simili kien manifatturat minn aktar minn 70 produttur fl-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Huma jikkostitwixxu l-"industrija tal-Unjoni" skont it-tifsira tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament bażiku.

(352) Il-produzzjoni totali tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni kienet stabbilita għal 1 060 569 tunnellata. Il-Kummissjoni stabbiliet iċ-ċifra fuq il-bażi tad-*data* pprovduta mill-ilmentatur u mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun. Kif indikat fil-premessa (49), sitt produtturi tal-Unjoni kienu parti mill-kampjun finali. Dawn kienu jirrappreżentaw 9,5 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni tal-prodott simili.

4.3. **Konsum tal-Unjoni**

(353) Il-Kummissjoni stabbiliet il-konsum tal-Unjoni billi żiedet il-volum tal-bejgħ totali stmat tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni (ara t-tabella 6) mal-volum totali tal-importazzjoni kif identifikat mill-Eurostat (ara t-tabelli 3 u 12).

(354) Il-konsum tal-Unjoni żviluppa kif ġej:

Tabella 2

Il-konsum tal-Unjoni (f'tunnellati)

	2017	2018	2019	Il-perjodu ta' investigazzjoni
Il-konsum totali tal-Unjoni	2 134 778	2 093 096	1 959 386	1 748 012
Indiċi	*100*	*98*	*92*	*82*

Sors: EIFI u Eurostat

(355) Il-konsum tal-Unjoni naqas matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. B'mod ġenerali, il-konsum tal-Unjoni naqas bi 18 %, u għadda minn 2 134 778 tunnellata fl-2017 għal 1 748 012-il tunnellata fil-PI.

4.4. **L-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat**

4.4.1. *Il-volum u s-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat*

(356) Il-Kummissjoni stabbiliet il-volum tal-importazzjonijiet fuq il-bażi tad-*data* tal-Eurostat. Is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet ġie stabbilit fuq il-bażi tal-volum tal-importazzjonijiet u tal-konsum totali tal-Unjoni.

Tabella 3

Il-volum tal-importazzjonijiet (f'tunnellati) u s-sehem mis-suq

	2017	2018	2019	Il-perjodu ta' investigazzjoni
Il-volum tal-importazzjonijiet miċ-Ċina	135 287	171 152	207 946	209 033
Indiċi	*100*	*127*	*154*	*155*
Is-sehem mis-suq (%)	6	8	11	12
Indiċi	*100*	*129*	*167*	*189*

Sors: Eurostat

(357) Il-volum tal-importazzjonijiet miċ-Ċina żdied b'54 % bejn l-2017 u l-2019 u baqa' relattivament stabbli bejn l-2019 u l-PI. B'mod ġenerali, il-volum tal-importazzjonijiet żdied b'55 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

(358) Fid-dawl tat-tnaqqis fil-konsum tal-Unjoni, is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet Ċiniżi żdied b'mod stabbli bejn l-2017 u l-PI, u għadda minn 6 % għal 12 %.

(359) Wara d-divulgazzjoni finali, l-EIFI ssottometta li, fuq il-bażi tad-*data* statistika disponibbli għalih, jenħtieġ li l-volumi tal-importazzjonijiet u s-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet miċ-Ċina jkunu ogħla. L-EIFI kellu għad-dispożizzjoni tiegħu *data* statistika li kienet tinkludi l-importazzjonijiet ta' prodotti li kienu barra mill-ambitu tal-investigazzjoni u stima tal-volumi totali tal-importazzjoni fuq il-bażi tal-għarfien tas-suq. Madankollu, l-istatistika użata mill-Kummissjoni għad-determinazzjoni tal-volumi tal-importazzjoni fit-tabella 3 kienet ibbażata fuq il-volumi attwali tal-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat kif irreġistrati fil-livell tal-kodiċi TARIC li kien jinkludi biss il-prodott ikkonċernat. Għalhekk, il-volumi fit-tabella 3 jirriflettu l-volumi attwali tal-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Għalhekk, din l-allegazzjoni ġiet miċħuda.

(360) Wara d-divulgazzjoni finali, l-EFDA u s-CCCME talbu kjarifika dwar liema *data* ntużat sabiex jiġu stabbiliti l-volumi tal-importazzjonijiet lejn l-Unjoni. Wara li ngħatat din il-kjarifika, dawn il-partijiet talbu li tiġi ddivulgata wkoll *data* preċiża għal kull kodiċi TARIC. Minħabba raġunijiet ta' kunfidenzjalità, din id-*data* ma tistax tiġi ddivulgata u, għalhekk, din it-talba ġiet miċħuda.

4.4.2. *Il-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat u t-twaqqigħ tal-prezz*

(361) Il-Kummissjoni stabbiliet il-prezzijiet medji tal-importazzjonijiet fuq il-bażi tal-Eurostat billi ddividiet il-valuri totali tal-importazzjonijiet Ċiniżi bil-volum totali ta' dawk l-importazzjonijiet.

(362) Il-prezzijiet medji tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat żviluppaw kif ġej:

Tabella 4

Il-prezzijiet tal-importazzjonijiet (EUR/tunnellata)

	2017	2018	2019	Il-perjodu ta' investigazzjoni
RPĊ	1 375	1 529	1 518	1 473
Indiċi	*100*	*111*	*110*	*107*

Sors: Eurostat

(363) Il-prezzijiet tal-importazzjoni mill-pajjiż ikkonċernat żdiedu bi 11 % bejn l-2017 u l-2018 u naqsu fl-2019 b'1 % u fil-PI bi 3 % oħra. B'mod ġenerali, matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, il-prezzijiet tal-importazzjonijiet Ċiniżi żdiedu b'7 %. Madankollu, din iż-żieda, lanqas biss kienet viċin li tkopri ż-żieda fil-prezz tal-kost tal-materja prima li kienet ta' 30 % matul l-istess perjodu. Barra minn hekk, il-prezzijiet tal-importazzjonijiet baqgħu kostantement taħt il-prezzijiet tal-bejgħ tal-Unjoni kif imsemmijin fit-Tabella 8.

(364) Il-Kummissjoni ddeterminat it-twaqqigħ tal-prezz matul il-perjodu ta' investigazzjoni billi qabblet:

(1) il-prezzijiet tal-bejgħ medji ponderati għal kull tip ta' prodott tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun miġbura mingħand klijenti mhux relatati fis-suq tal-Unjoni, aġġustati għal livell *ex-works*; u

(2) il-prezzijiet medji ponderati korrispondenti għal kull tip ta' prodott tal-importazzjonijiet mit-tliet produtturi Ċiniżi li kkooperaw lill-ewwel klijent indipendenti fis-suq tal-Unjoni, stabbiliti fuq bażi ta' Kost, Assigurazzjoni u Nol (CIF), b'aġġustamenti xierqa għad-dazji doganali u għall-kostijiet ta' wara l-importazzjoni.

(365) It-tqabbil tal-prezzijiet sar fuq bażi ta' tip b'tip għat-tranżazzjonijiet fl-istess livell ta' kummerċ, b'aġġustament dovut fejn meħtieġ, u wara tnaqqis tar-rifużjonijiet u tal-iskontijiet. Ir-riżultat tat-tqabbil kien espress bħala persentaġġ tal-fatturat tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Dan wera marġni medju ponderat tat-twaqqigħ tal-prezz ta' bejn 28 % u 46 % permezz tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat fis-suq tal-Unjoni.

4.4.2.1. Pretensjonijiet dwar il-komparabbiltà tal-prezzijiet

(366) L-EFDA u s-CCCME qalu li l-elementi tal-irbit standard mhumiex interkambjabbli ma' elementi tal-irbit mhux standard u li ma jikkompetux ma' xulxin. Huma enfasizzaw li l-elementi tal-irbit mhux standard normalment ikunu jiswew aktar mill-elementi tal-irbit standard. Filwaqt li l-produtturi esportaturi Ċiniżi prinċipalment jesportaw elementi tal-irbit standard, l-industrija tal-Unjoni tipproduċi u tbigħ b'mod predominanti elementi tal-irbit mhux standard. Għalhekk, jenħtieġ li kwalunkwe tqabbil tal-prezzijiet ikun ibbażat fuq distinzjoni bir-reqqa bejn l-elementi tal-irbit standard u dawk mhux standard. Bl-istess mod, is-CCCME enfasizzat li t-tliet tipi tal-prodott ewlenin koperti minn din l-investigazzjoni, jiġifieri viti, boltijiet u woxers, huma differenti minn xulxin u dan jenħtieġ li jitqies kif xieraq fit-tqabbil tal-prezzijiet.

(367) B'mod simili, il-European DIY Retail Association ("EDRA") qalet li jenħtieġ li tqabbil tal-prezzijiet bejn il-prezz tal-bejgħ tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni u l-prezz tal-importazzjonijiet Ċiniżi jqis id-distinzjoni bejn l-elementi tal-irbit standard u dawk mhux standard. Wieħed mill-importaturi allega li l-kodiċijiet interni tal-prodotti tal-produtturi tal-industrija tal-Unjoni ma jiddistingwux bejn elementi tal-irbit standard u mhux standard u li, għalhekk, tqabbil bejn il-prezzijiet tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni u l-importazzjonijiet Ċiniżi ma jkunx adegwat.

(368) L-EFDA argumentat li l-elementi tal-irbit, anki f'każ li jiġu prodotti fuq il-bażi ta' standards rikonoxxuti internazzjonalment, jistgħu jikkonformaw ukoll ma' rekwiżiti addizzjonali speċifiċi tal-konsumatur, jiġifieri rekwiżiti li jvarjaw minn dawk stabbiliti fl-istandard; jew li ma jkunux indirizzati minn tali standard; jew li jkunu aktar stretti minn dawk iddefiniti fl-istandard. Jenħtieġ li dawn l-elementi tal-irbit jitqiesu bħala elementi tal-irbit mhux standard. Fuq l-istess nota, is-CCCME argumentat li mhux biss l-elementi tal-irbit li huma prodotti fuq il-bażi ta' disinni tal-klijenti li jenħtieġ li jitqiesu bħala elementi tal-irbit mhux standard, iżda wkoll dawk li jqisu rekwiżiti oħrajn tal-klijent, anki jekk qafla bħal din tkun kompletament konformi mal-istandards internazzjonali tal-prodotti.

(369) L-EFDA indikat ukoll differenza bejn l-"istandards tal-prodotti" u l-"istandards tal-ispezzjoni" u bejn l-istandards tal-prodotti "bażiċi" u l-istandards tal-prodotti "speċjali". Argumentat li filwaqt li l-elementi tal-irbit li jikkonformaw mal-istandards tal-prodotti bażiċi jistgħu jitqiesu bħala elementi tal-irbit standard, jenħtieġ li l-elementi tal-irbit li jikkonformaw mal-istandards tal-ispezzjoni u mal-istandards tal-prodotti speċjali jitqiesu bħala elementi tal-irbit mhux standard għall-fini ta' din l-investigazzjoni, peress li dawn ir-rekwiżiti jaqdu l-istess rwol bħar-rekwiżiti speċifiċi għall-klijenti.

(370) Barra minn hekk, l-EFDA u s-CCCME enfasizzaw li l-elementi tal-irbit prodotti mill-industrija tal-Unjoni spiss jiġu prodotti bil-kompożizzjonijiet tal-produzzjoni standard tagħha, filwaqt li huma għandhom rekwiżiti li jmorru lil hinn mill-istandards rikonoxxuti internazzjonalment. Jenħtieġ li dawn l-elementi tal-irbit jitqiesu bħala elementi tal-irbit mhux standard.

(371) Fl-aħħar nett, l-EFDA u s-CCCME rreferew għal rekwiżiti speċifiċi ta' ċertifikazzjoni f'ċerti industriji (prinċipalment l-industrija tal-karozzi). Dawn huma rekwiżiti ta' konformità għall-fornituri tal-elementi tal-irbit u jinkludu pereżempju l-obbligu ta' dokumentazzjoni tal-proċess tal-manifattura tal-elementi tal-irbit, ir-reġistrazzjoni ta' ċerta *data* u l-istadji ta' kontroll tal-kwalità ([78]). L-EFDA qalet li l-investimenti neċessarji fil-proċess tal-manifattura tal-fornituri sabiex jikkonformaw ma' dawn ir-rekwiżiti huma riflessi f'kostijiet u fi prezzijiet ogħla u, għalhekk, jenħtieġ li l-elementi tal-irbit prodotti taħt kundizzjonijiet bħal dawn jitqiesu bħala elementi tal-irbit mhux standard. Is-CCCME qalet li jenħtieġ li l-elementi tal-irbit kollha użati fl-industrija tal-karozzi jitqiesu bħala elementi tal-irbit mhux standard.

(372) Il-Kummissjoni nnotat li l-elementi tal-irbit standard huma deskritti fid-dettall mill-istandards tal-industrija, bħal, pereżempju, Deutsches Institut für Normung (DIN), l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni (ISO) jew l-istandards Ewropej (EN) abbozzati u miżmumin mill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN). Min-naħa l-oħra, l-elementi tal-irbit mhux standard huma dawk li juru differenzi fl-istandards rikonoxxuti mill-industrija u li spiss jikkonformaw mad-disinn u/jew mar-rekwiżiti ta' utent partikolari. Għalhekk, it-tpinġijiet tal-klijenti li jiddevjaw minn standard internazzjonali rikonoxxut jagħmlu qafla speċjali, jew mhux standard. Bl-istess mod, l-elementi tal-irbit li huma prodotti fuq linji ta' produzzjoni standard tqiesu bħala elementi tal-irbit speċjali meta ma jikkonformawx għalkollox ma' standard speċifiku tal-industrija rikonoxxut internazzjonalment.

([78]) Il-livell 3 jew ogħla tal-Proċess ta' Approvazzjoni tal-Parti tal-Produzzjoni ("PPAP") u tal-Approvazzjoni tal-Proċess tal-Produzzjoni u tal-Produzzjoni ("PPA") użat fl-industrija tal-karozzi.

(373) Il-Kummissjoni nnotat li, fil-fatt, l-affermazzjonijiet kollha li saru dwar liema tipi ta' qfieli jenħtieġ li jitqiesu bħala qfieli mhux standard, bl-eċċezzjoni ta' dawk imsemmijin fil-premessi (374) u (375) ma kinux ikkontestati mill-industrija tal-Unjoni u kienu wkoll jikkorrispondu għall-fehim li hekk kif qafla standard ma tikkonformax eżattament ma' standard ta' prodott tal-industrija, jenħtieġ li titqies bħala qafla mhux standard/speċjali.

(374) Rigward l-istandards tal-prodotti speċjali u l-istandards tal-ispezzjoni msemmijin fil-premessa (369), il-Kummissjoni qieset li sakemm qafla tiġi prodotta eżattament skont l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi ta' standard rikonoxxut internazzjonalment, jenħtieġ li titqies bħala qafla standard, u għalhekk il-pretensjonijiet li saru f'dan ir-rigward ġew miċħudin.

(375) Ir-rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni msemmijin fil-premessa (371) huma rekwiżiti ta' konformità speċifiċi għall-klijenti li jista' ma jkollhomx impatt dirett fuq ir-rekwiżiti tekniċi tal-qafla nnifisha kif stabbiliti fl-istandards rikonoxxuti internazzjonalment. Għalhekk, ir-rekwiżiti ta' konformità, sakemm ma jinterferux mal-karatteristiċi fiżiċi u tekniċi tal-qafla jew ma jikkostitwux disinn speċifiku mill-klijent, iżda jirreferu prinċipalment għal kwistjonijiet bħar-rekwiżiti ta' dokumentazzjoni fil-proċess tal-manifattura jew ir-reġistrazzjoni tal-kontrolli tal-kwalità, pereżempju, ma tqisux bħala kriterju għad-differenzjar tal-elementi tal-irbit standard u mhux standard u l-pretensjonijiet li saru f'dan ir-rigward ġew miċħudin.

(376) Is-CCCME argumentat ukoll li l-elementi tal-irbit jinbiegħu kważi esklussivament permezz ta' distributuri lill-utenti finali u li dan jenħtieġ li jitqies kif xieraq fit-tqabbil tal-prezzijiet li jenħtieġ li jsir fil-livell ta' kummerċ tad-distributuri. Kif imsemmi fil-premessa (278), il-bejgħ kollu tal-esportazzjoni sar direttament lil klijenti indipendenti fl-Unjoni u, għalhekk, il-prezzijiet imħallsin jew pagabbli ġew ikkunsidrati fil-paragun aktar milli l-prezzijiet tal-esportazzjonijiet maħdumin. Barra minn hekk, l-industrija tal-Unjoni biegħet il-biċċa l-kbira tal-bejgħ tagħha permezz tad-distributuri u t-tqabbil tal-prezzijiet bejn il-prezzijiet tal-importazzjonijiet u l-prezzijiet tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni saru fl-istess livell ta' kummerċ. Għalhekk, dan l-argument ma kienx rilevanti fl-investigazzjoni preżenti.

(377) Wara d-divulgazzjoni finali, l-EFDA, is-CCCME u l-Missjoni tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għall-Unjoni Ewropea affermaw li misshom saru aġġustamenti għall-kostijiet tal-kontroll tal-kwalità u tal-ġestjoni tad-dokumenti meta ġew ikkalkolati l-marġnijiet tat-twaqqigħ tal-prezz. L-EFDA u s-CCCME affermaw li l-industrija tal-Unjoni kienet soġġetta għal rekwiżiti speċifiċi ta' ċertifikazzjoni msemmijin fil-premessa (371), filwaqt li l-produtturi esportaturi Ċiniżi tipikament ma kellhomx rekwiżiti bħal dawn. L-EFDA u s-CCCME rreferew għall-Artikolu 3(2) tar-Regolament bażiku li l-valutazzjoni tad-dannu trid tkun ibbażata fuq eżami oġġettiv u fuq evidenza pożittiva (inkluż l-eżami tal-effett tal-prezz f'konformità mal-Artikolu 3(2) tar-Regolament bażiku) u għall-Artikolu 3.1 tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Anti-dumping li jirreferi għall-komparabbiltà tal-prezzijiet. Peress li r-rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni għandhom impatt sinifikanti fuq il-kostijiet u fuq il-prezzijiet, l-EFDA, is-CCCME u l-Missjoni tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina qalu li jenħtieġ li jsir aġġustament xieraq fil-kalkolu tal-marġni tat-twaqqigħ tal-prezz.

(378) Dawn il-partijiet irreferew għall-informazzjoni disponibbli pubblikament u għall-informazzjoni pprovduta minn wieħed mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun li turi li tal-anqas wieħed mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun kien soġġett għaċ-ċertifikazzjoni tal-PPAP, u, għalhekk, iddikjara b'mod żbaljat parti mill-produzzjoni tiegħu bħala elementi tal-irbit standard.

(379) Fir-rigward tad-dikjarazzjonijiet fir-rigward tal-informazzjoni pubblikament disponibbli għal wieħed mill-produtturi tal-Unjoni allegatament inklużi fil-kampjun, il-Kummissjoni nnotat li l-produtturi kollha tal-Unjoni fil-kampjun ingħataw l-anonimat u, għalhekk, kwalunkwe kumment dwar tali informazzjoni mhuwiex ġustifikat. Madankollu, il-Kummissjoni kkonfermat li l-investigazzjoni ma setgħetx tistabbilixxi differenzi sostanzjali fil-kostijiet bejn il-proċessi tal-produzzjoni skont ir-rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni u proċessi oħrajn tal-produzzjoni. Għalhekk, anki jekk aġġustament bħal dan ikun sostanzjat u ġustifikat, l-impatt tiegħu fuq il-marġni tat-twaqqigħ tal-prezz ikun negliġibbli, u għalhekk is-sejbiet tal-Kummissjoni dwar twaqqigħ tal-prezz sinifikanti jibqgħu applikabbli. Għalhekk, dawn il-pretensjonijiet ġew miċħudin.

(380) Rigward l-allegazzjoni li wieħed mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun iddikjara b'mod żbaljat l-elementi tal-irbit mhux standard bħala elementi tal-irbit standard, huwa mfakkar li, kif stabbilit fil-premessa (375), ir-rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni waħedhom ma jiddeterminawx jekk element tal-irbit għandux jitqies bħala mhux standard. Għaldaqstant, fl-istess premessa, il-Kummissjoni sabet li r-rekwiżiti ta' konformità, sakemm ma jinterferixxux mal-karatteristiċi fiżiċi u tekniċi tal-qafla jew ma jikkostitwixxux disinn speċifiku mill-klijent, iżda jirreferu

prinċipalment għal kwistjonijiet bħar-rekwiżiti ta' dokumentazzjoni fil-proċess tal-manifattura jew ir-reġistrazzjoni tal-kontrolli tal-kwalità, pereżempju, ma tqisux bħala kriterju għad-differenzjar tal-elementi tal-irbit standard u mhux standard. Il-Kummissjoni vverifikat li t-tipi tal-prodott tal-produtturi kollha tal-Unjoni fil-kampjun ġew irrapportati korrettament. Għalhekk, din l-allegazzjoni ġiet miċħuda.

(381) Wara d-divulgazzjoni finali, l-EFDA u s-CCCME allegaw li l-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni kien isir l-aktar permezz ta' distributuri relatati lill-utenti finali. Peress li l-produtturi esportaturi Ċiniżi jbigħu direttament lil distributuri mhux relatati fl-Unjoni, misshom saru aġġustamenti xierqa għad-differenzi fil-livell tal-kummerċ. Din l-allegazzjoni ma kinitx ibbażata fuq xi informazzjoni inkluża fil-fajl, u lanqas ma kienet issostanzjata b'xi evidenza. Matul l-investigazzjoni, l-EFDA u s-CCCME talbu informazzjoni addizzjonali dwar is-sehem tal-bejgħ tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun lid-distributuri li ġie pprovdut mill-Kummissjoni u li kkonferma s-sejbiet stabbiliti fil-premessa (376). Il-Kummissjoni tiċċara wkoll li l-bejgħ tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun li tqies fil-kalkoli tat-twaqqigħ tal-prezz sar lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni. Għalhekk, din l-allegazzjoni ġiet miċħuda.

4.5. **Sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni**

(382) F'konformità mal-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku, l-eżami tal-impatt tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping fuq l-industrija tal-Unjoni kien jinkludi evalwazzjoni tal-indikaturi ekonomiċi kollha li kellhom effett fuq l-istat tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

(383) Kif indikat fil-premessi (26) sa (49), għas-sejbien tad-dannu possibbli mġarrab mill-industrija tal-Unjoni ntuża l-kampjunar.

(384) Sabiex tiddetermina d-dannu, il-Kummissjoni għamlet distinzjoni bejn l-indikaturi tad-dannu makroekonomiċi u dawk mikroekonomiċi. Il-Kummissjoni evalwat l-indikaturi makroekonomiċi fuq il-bażi tad-*data* pprovduta mill-ilmentatur, kontroverifikata mad-*data* pprovduta mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun. Id-*data* makroekonomika kienet relatata mal-produtturi kollha tal-Unjoni.

(385) Wara d-divulgazzjoni finali, is-CCCME u l-EFDA qalu li l-Kummissjoni ma ddivulgatx il-volum tal-produzzjoni u tal-bejgħ tal-produtturi tal-Unjoni li pprovdew id-*data* inkluża fl-indikaturi makroekonomiċi. Matul l-investigazzjoni, fuq talba, il-Kummissjoni spjegat li din id-*data* ġiet ipprovduta fuq livell speċifiku tal-kumpanija u, għalhekk, kienet kunfidenzjali. L-EFDA qalet ukoll li l-Kummissjoni irrifjutat li tipprovdi informazzjoni dwar kif id-*data* ġiet estrapolata, filwaqt li dan ikun aspett kruċjali minħabba li parti żgħira biss tal-produtturi totali tal-Unjoni kienu pprovdew *data* makroekonomika.

(386) Is-sorsi użati u l-metodoloġija applikata mill-Kummissjoni sabiex tistabbilixxi d-*data* makroekonomika huma stabbiliti fil-premessa (384). Id-*data* makroekonomika nġabret minn produtturi individwali tal-Unjoni fl-Unjoni u ġiet ipprovduta lill-Kummissjoni permezz tal-ilmentatur. L-ammont totali għad-*data* makroekonomika ġie stmat mill-ilmentatur permezz tal-estrapolazzjoni tad-*data* bbażata fuq is-sehem ta' dawn il-produtturi fil-produzzjoni totali tal-Unjoni. L-ilmentatur ibbaża l-produzzjoni totali tal-Unjoni fuq l-informazzjoni disponibbli fi Prodcom. Id-*data* ppreżentata ġiet aġġustata fuq il-bażi ta' kontroverifika mwettqa mad-*data* pprovduta mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun. L-aġġustamenti qiesu biss xi inkonsistenzi fid-*data*, iżda ma biddlux b'mod sostanzjali d-*data* ppreżentata mill-ilmentatur.

(387) L-EFDA kkritikat ukoll li d-*data* ma kinitx ivverifikata biżżejjed mill-Kummissjoni u li s-sommarji mhux kunfidenzjali tad-*data* makroekonomika ġew ipprovduti biss jum qabel id-divulgazzjoni finali. Kif stabbilit fil-premessa (384), il-Kummissjoni wettqet kontroverifika tad-*data* pprovduta mal-informazzjoni disponibbli mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun u permezz ta' proċess dettaljat ta' deficjenza dwar it-tweġiba tal-EFI għall-kwestjonarju dwar l-indikaturi makro. In-natura tal-mistoqsijiet li tqajmu lill-EIFI tqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-partijiet fil-fajl miftuħ. Il-Kummissjoni kienet sodisfatta bl-akkuratezza tad-*data* u, għalhekk, qieset li kienet bażi xierqa għad-determinazzjoni tal-indikaturi makroekonomiċi. Għalhekk, l-allegazzjoni ta' verifika insuffiċjenti ġiet miċħuda. Is-sommarju mhux kunfidenzjali tal-kontribuzzjonijiet individwali tal-produtturi tal-Unjoni ġie ddivulgat fi żmien suffiċjenti sabiex jiġu pprovduti kummenti. Barra minn hekk, EFDA s-CCCME ngħataw estensjoni eċċezzjonali tal-iskadenza sabiex jipprovdu kummenti. Għalhekk, din l-allegazzjoni ġiet miċħuda.

(388) Il-Kummissjoni evalwat l-indikaturi mikroekonomiċi fuq il-bażi tad-*data* fit-tweġibiet għall-kwestjonarju mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

(389) Iż-żewġ settijiet ta' *data* nstabu li kienu rappreżentattivi tas-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni.

(390) L-indikaturi makroekonomiċi huma: il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni, l-użu tal-kapaċità, il-volum ta' bejgħ, is-sehem mis-suq, it-tkabbir, l-impjiegi, il-produttività, id-daqs tal-marġni tad-dumping u l-irkupru minn dumping tal-passat.

(391) L-indikaturi mikroekonomiċi huma: il-prezzijiet medji tal-bejgħ, il-kost unitarju, il-kostijiet lavorattivi, l-inventarji, il-profittabilità, il-fluss tal-flus, l-investimenti, ir-redditu fuq l-investimenti u l-kapaċità ta' ġenerazzjoni tal-kapital.

(392) Kif stabbilit fil-premessa (68), produttur esportatur minnhom qal li l-kampjun tal-produtturi esportaturi kien prinċipalment magħmul minn kumpaniji li jipproduċu boltijiet (għall-kuntrarju tal-produtturi tal-viti) u, għalhekk, ma jkunx rappreżentattiv għall-industrija Ċiniża u għall-esportazzjonijiet b'mod kumplessiv. Għalhekk, jenħtieġ li l-analiżi tad-dannu ssir separatament għall-viti, minn naħa waħda, u għall-boltijiet, min-naħa l-oħra.

(393) Barra minn hekk, kif stabbilit fil-premessi (115) u (156), produttur esportatur partikolari tal-viti tal-injam strutturali u produttur esportatur ta' confirmat screws qalu li dawn it-tipi tal-prodott ma kinux inklużi fl-ambitu ta' din l-investigazzjoni. Alternattivament, dawn il-partijiet interessati argumentaw li jenħtieġ li l-analiżi tal-ħsara ssir separatament għal dawn it-tipi tal-prodott.

(394) Kif imsemmi fil-premessa (162), is-CCCME talbet li l-indikaturi makroekonomiċi tad-dannu jinġabru u jiġu vvalutati separatament għall-elementi tal-irbit standard, minn naħa waħda, u għall-elementi tal-irbit mhux standard, min-naħa l-oħra, fuq il-bażi li l-industrija tal-Unjoni tipproduċi u tbigħ prinċipalment elementi tal-irbit mhux standard, filwaqt li l-produtturi esportaturi miċ-Ċina jipproduċu u jesportaw prinċipalment elementi tal-irbit standard.

(395) Wara d-divulgazzjoni finali, il-Missjoni tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għall-Unjoni Ewropea qalet li l-partijiet interessati ma kellhom l-ebda mezz sabiex jivverifikaw id-*data* aggregata tal-industrija tal-Unjoni użata għad-determinazzjoni tal-indikaturi makroekonomiċi minħabba l-anonimat mogħti lill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun.

(396) Kif stabbilit fil-premessi (16) sa (20), il-Kummissjoni qieset li t-talba għall-anonimat kienet issostanzjata kif xieraq u b'bażi soda. Għalhekk, kulma ntqal kontra dan it-trattament kunfidenzjali nċaħad. Għalhekk, il-Kummissjoni lanqas ma tista' tiddivulga l-informazzjoni għal kull isem ta' kumpanija li kkontribwiet għall-indikaturi makroekonomiċi tad-dannu. Il-metodoloġija hija spjegata fil-premessa (384). Għalhekk, l-allegazzjoni tal-Missjoni tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għall-Unjoni Ewropea ġiet miċħuda.

(397) Il-kummenti dwar ir-rappreżentattività tal-kampjun tal-produtturi esportaturi diġà kienu ġew indirizzati fil-premessa (70). Bl-istess mod, il-kummenti u d-dikjarazzjonijiet tal-partijiet interessati rigward l-ambitu tal-prodott tal-investigazzjoni diġà kienu ġew indirizzati fil-premessi minn (113) sa (166).

(398) Fir-rigward tad-dikjarazzjonijiet li jenħtieġ li l-analiżi tad-dannu titwettaq separatament għal kull tip tal-prodott, il-Kummissjoni tfakkar li l-premessa (110) ikkonkludiet li t-tipi kollha tal-prodott tqiesu bħala prodott uniku għall-fini ta' din l-investigazzjoni peress li kellhom l-istess karatteristiċi fiżiċi u tekniċi bażiċi u l-istess użi finali bażiċi. Għalhekk, kwalunkwe determinazzjoni ta' dumping, ta' dannu u ta' kawżalità kienet ibbażata fuq il-prodott kollu kemm hu. Ma ġiet ipprovduta l-ebda evidenza li kienet tiġġustifika analiżi separata għal kull tip tal-prodott. Għalhekk, dawn il-pretensjonijiet ġew miċħudin.

(399) Is-CCCME u l-EFDA ssottomettew li l-ponderazzjoni tal-indikaturi mikroekonomiċi tad-dannu tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun li kienu SMEs tkun tmur kontra r-Regolament bażiku u d-dispożizzjonijiet tad-WTO u, għalhekk, jenħtieġ li ma tiġix applikata. Argumentaw li metodoloġija bħal din iżżid artifiċjalment il-ponderazzjoni tad-*data* pprovduta mill-SMEs, filwaqt li tnaqqas artifiċjalment il-ponderazzjoni tad-*data* pprovduta minn kumpaniji kbar. Peress li l-Kummissjoni ma tatx ponderazzjoni lill-indikaturi tad-dannu, ma kienet neċessarja l-ebda analiżi ulterjuri ta' din id-dikjarazzjoni.

(400) Wara d-divulgazzjoni finali, is-CCCME u l-EFDA qalu li l-analiżi tad-dannu messha saret b'mod separat għall-elementi tal-irbit standard, minn naħa waħda, u għall-elementi tal-irbit mhux standard, min-naħa l-oħra. Qalu wkoll li kellha titwettaq analiżi separata tad-dannu għal kull waħda mill-kategoriji tal-prodott, jiġifieri viti tal-injam, viti self-tapping, boltijiet u woxers u f'dan ir-rigward irreferew għar-Rapport tal-Korp tal-Appell US- Hot-rolled Steel ([79]) u għar-Rapport tal-Korp China – HP-SSST ([80]) kif ukoll għall-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ([81]).

(401) Fir-rigward tal-elementi tal-irbit standard u mhux standard, is-CCCME u l-EFDA l-ewwel tennew li l-elementi tal-irbit speċjali u standard jappartjenu għal żewġ swieq separati, f'termini ta' karatteristiċi fiżiċi u ta' differenzi fil-kwalità kif ukoll ta' użi finali u li ma kinux interkambjabbli. It-tieni, tennew li l-produtturi esportaturi Ċiniżi jiffokaw fuq elementi tal-irbit standard, filwaqt li l-produtturi tal-Unjoni huma involuti l-aktar fil-manifattura ta' elementi tal-irbit speċjali. Is-CCCME u l-EFDA enfasizzaw li, fil-Kawża T-254/18, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat li "analiżi ta' kull segment tista' tkun iġġustifikata meta l-prodotti previsti mill-investigazzjoni mhumiex interkambjabbli u meta segment wieħed jew iktar jistgħu jiġu affettwati iktar minn oħrajn mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping".

(402) Kif stabbilit fil-premessi (109) u (110), l-elementi tal-irbit kollha kellhom karatteristiċi fiżiċi u tekniċi simili u l-istess użi finali bażiċi. Kif diġà ġie indikat fil-premessa (151), mhuwiex meħtieġ li t-tipi kollha tal-prodott ikunu kompletament interkambjabbli dment li t-tipi kollha jkollhom l-istess karatteristiċi fiżiċi u tekniċi bażiċi u l-istess użi finali bażiċi. Barra minn hekk, l-investigazzjoni żvelat kif stabbilit fil-premessa (47) li l-industrija tal-Unjoni kienet tipproduċi u tbigħ elementi tal-irbit standard u mhux standard, kif ukoll il-produtturi esportaturi kienu jesportaw lejn l-industrija tal-Unjoni elementi tal-irbit standard u mhux standard. L-investigazzjoni żvelat ukoll li kien hemm trikkib fl-applikazzjonijiet finali. L-industrija tal-Unjoni kienet tbigħ l-elementi tal-irbit għal varjetà ta' applikazzjonijiet u ta' setturi. Minkejja l-kooperazzjoni baxxa, il-Kummissjoni stabbiliet li l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping jikkompetu mal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fuq l-istess użi u applikazzjonijiet. Anke jekk il-preżenza ta' elementi tal-irbit speċjali fil-kampjun tal-esportaturi li kkooperaw kienet baxxa, l-evidenza fil-fajl uriet li l-produtturi esportaturi Ċiniżi għandhom kapaċitajiet li jipproduċu u jesportaw elementi tal-irbit mhux standard (pereżempju matul fieri, il-produtturi esportaturi Ċiniżi offrew firxa ta' elementi tal-irbit mhux standard u numru ta' produtturi Ċiniżi kienu qed jipproduċu elementi tal-irbit għall-industrija tal-karozzi). Il-kampjun tal-produtturi tal-Unjoni kien magħmul minn kumpaniji li jirrappreżentaw b'mod ugwali l-bejgħ kemm ta' elementi tal-irbit standard kif ukoll ta' elementi tal-irbit mhux standard. Fil-fatt, il-maġġoranza tal-kumpaniji fil-kampjun kienu qed jipproduċu kemm elementi tal-irbit standard kif ukoll elementi tal-irbit speċjali; kumpanija waħda biss kienet iffokata fuq elementi tal-irbit speċjali filwaqt li oħra fuq l-elementi tal-irbit standard. Għalhekk, kif imsemmi fil-premessa (36), il-kampjun tal-industrija tal-Unjoni żgura taħlita wiesgħa ta' tipi tal-prodott. It-tipi tal-prodott importati mill-produtturi esportaturi Ċiniżi kienu jaqblu sa aktar minn 90 % mat-tipi tal-prodott manifatturati u mibjugħin mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun u kienu jinkludu tqabbil tal-prezzijiet tal-elementi tal-irbit standard u mhux standard li wrew b'mod invarjabbli twaqqigħ u bejgħ taħt il-prezz sinifikanti. Minħajr preġudizzju għall-fatt li l-analiżi tad-dannu jeħtieġ li titwettaq fil-livell tal-industrija tal-Unjoni, il-Kummissjoni osservat li l-produtturi kollha tal-Unjoni, inklużi dawk li jipproduċu elementi tal-irbit speċjali irrispettivament mit-taħlita tal-prodott, kienu qed juru xejriet ta' tnaqqis fil-volum tal-produzzjoni u tal-bejgħ kif ukoll fil-marġnijiet tal-profitt. Dan wera li l-produtturi kollha tal-Unjoni magħżulin fil-kampjun kienu affettwati mill-importazzjonijiet miċ-Ċina. Barra minn hekk, kif stabbilit fil-premessa (552), hemm evidenza fil-fajl li l-produtturi tal-Unjoni ma setgħux jespandu l-produzzjoni u l-bejgħ tagħhom tal-elementi tal-irbit standard minħabba li l-importazzjonijiet Ċiniżi eżerċitaw pressjoni fuq il-prezzijiet fis-suq tal-Unjoni. Fil-livell makroekonomiku, il-biċċa l-kbira tal-produtturi tal-Unjoni li kienu qed jipprovdu *data* individwali kienu qed jipproduċu kemm l-elementi tal-irbit standard kif ukoll elementi tal-irbit speċjali. Id-deterjorament tal-indikaturi makroekonomiċi tad-dannu b'mod parallel maż-żieda fl-importazzjonijiet miċ-Ċina, kif ukoll ix-xejra 'l isfel tal-indikaturi mikroekonomiċi tal-produtturi kollha tal-Unjoni fil-kampjun, juru li kien hemm kompetizzjoni fis-suq bejn l-industrija tal-Unjoni u l-importazzjonijiet miċ-Ċina fil-livell tal-prodott simili u l-investigazzjoni ma kkonfermatx id-dikjarazzjonijiet kuntrarji għal dan. Minnu nnifsu, dan huwa prova tad-dannu materjali mġarrab mill-industrija tal-Unjoni. La s-CCCME u lanqas l-EFDA ma pprovdew xi informazzjoni jew evidenza addizzjonali li kienet tiġġustifika t-twettiq ta' analiżi separata għall-elementi tal-irbit standard, minn naħa waħda, u l-elementi tal-irbit mhux standard, min-naħa l-oħra. Għalhekk, dawn l-allegazzjonijiet ġew miċħudin.

(403) Rigward il-viti tal-injam, il-viti self-tapping, il-boltijiet u l-woxers, l-istess partijiet argumentaw li peress li dawn il-prodotti huma kklassifikati taħt subintestaturi NM differenti, dan jindika li kellhom kull karatteristika speċifika u ma kinux komparabbli ma' xulxin. L-EFDA argumentat ukoll li dan ikun ikkonfermat mill-fatt li produttur tal-viti tal-injam minnhom fl-Unjoni kien oppona l-ilment għar-raġuni li ma kien jara l-ebda impatt pożittiv tal-miżuri.

([79]) Ir-rapport tal-Korp tal-Appell, US – Hot-Rolled Steel, il-para. 204.

([80]) Ir-rapport tal-Korp tal-Appell, *China – HP-SSST*, il-para. 5.211.

([81]) Il-Kawża T-254/18, CCCME vs Il-Kummissjoni, is-sentenza tad-19 ta' Mejju 2021, ECLI:EU:T:2021:278, il-punt 377. Ara wkoll, il-Kawża T-35/01, *Shanghai Teraoka Electronic vs Il-Kunsill*, is-sentenza tat-28 ta' Ottubru 2004, EU:T:2004:317, u l-Kawża T-500/17, *Hubei Xinyegang Special Tube vs Il-Kummissjoni*, is-sentenza tal-24 ta' Settembru 2019, EU:T:2019:691.

(404) Il-konklużjonijiet stabbiliti fil-premessi (109) u (110) huma validi wkoll fir-rigward tal-kategoriji tal-prodott imsemmijin aktar 'il fuq. Ma ngħatat l-ebda evidenza li s-swieq ikunu segregati għal dawn il-kategoriji għajr il-fatt li kienu kklassifikati taħt kodiċijiet NM differenti. Madankollu, minnu nnifsu, dan ma jistax jitqies bħala evidenza suffiċjenti peress li, filwaqt li l-prodotti jistgħu jaqgħu taħt kodiċijiet NM differenti, xorta jistgħu jkunu qed jikkompetu ma' xulxin. Il-fatt li produttur partikolari tal-Unjoni oppona l-ilment bħala tali, mhuwiex prova u lanqas ma juri li hemm segmentazzjoni tas-suq skont it-tip ta' prodott. Għalhekk, dawn l-allegazzjonijiet ġew miċħudin.

4.5.1. *Indikaturi makroekonomiċi*

4.5.1.1. Il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità

(405) Il-produzzjoni totali tal-Unjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 5

Il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità

	2017	2018	2019	Il-perjodu ta' investigazzjoni
Il-volum tal-produzzjoni (tunnellati)	1 421 735	1 346 720	1 238 982	1 060 569
Indiċi	*100*	*95*	*87*	*75*
Il-kapaċità tal-produzzjoni (tunnellati)	2 317 772	2 256 337	2 247 276	2 310 557
Indiċi	*100*	*97*	*97*	*100*
L-użu tal-kapaċità (%)	61	60	55	46
Indiċi	*100*	*97*	*90*	*75*

Sors: L-EIFI, it-tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarju

(406) Matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, il-volum tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni naqas stabbilment b'25 % b'kollox.

(407) Il-kapaċità tal-produzzjoni baqgħet stabbli matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni għal madwar 2 300 000 tunnellata. Madankollu, l-użu tal-kapaċità naqas b'mod sinifikanti minħabba t-tnaqqis sinifikanti fil-volumi tal-produzzjoni, u naqas minn 61 % fl-2017 għal biss 46 % matul il-PI.

(408) Wara d-divulgazzjoni finali, l-EFDA osservat li l-indiċi fit-tabella 5 għall-kapaċità tal-produzzjoni u għall-użu tal-kapaċità matul il-PI huma ftit differenti mis-sommarju mhux kunfidenzjali tal-indikaturi makroekonomiċi kif sottomessi mill-EIFI u li dan ikun jindika li l-Kummissjoni għamlet aġġustamenti fid-*data* pprovduta mill-EIFI.

(409) Kif imsemmi fil-premessa (386), l-informazzjoni pprovduta mill-ilmentatur ġiet kontroverifikata mad-*data* ppreżentata mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun u xi korrezzjonijiet fuq din il-bażi wasslu għal indiċijiet ftit differenti.

4.5.1.2. Il-volum ta' bejgħ u s-sehem mis-suq

(410) Il-volum ta' bejgħ u s-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 6

Il-volum ta' bejgħ u s-sehem mis-suq

	2017	2018	2019	Il-perjodu ta' investigazzjoni
Il-volum tal-bejgħ fis-suq tal-Unjoni (tunnellati)	1 414 956	1 303 730	1 199 408	1 038 934
Indiċi	*100*	*92*	*85*	*73*
Is-sehem mis-suq (%)	66	62	61	59
Indiċi	*100*	*94*	*92*	*90*

Sors: L-EIFI, it-tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarju

(411) Il-volum tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni naqas b'27 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, b'mod ferm aktar mgħaġġel mit-tnaqqis fil-konsum li naqas bi 18 % matul l-istess perjodu.

(412) B'konsegwenza ta' dan, is-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni naqas minn 66 % fl-2017 għal 59 % matul il-PI, jiġifieri tnaqqis ta' 10 % jew ta' 7 punti perċentwali.

4.5.1.3. It-tkabbir

(413) F'kuntest ta' tnaqqis fil-konsum, l-industrija tal-Unjoni mhux biss tilfet il-volumi tal-bejgħ fl-Unjoni iżda anki s-sehem mis-suq.

4.5.1.4. L-impjiegi u l-produttività

(414) L-impjiegi u l-produttività żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 7

L-impjiegi u l-produttività

	2017	2018	2019	Il-perjodu ta' investigazzjoni
Għadd ta' impjegati (FTE)	22 004	20 960	21 060	21 134
Indiċi	*100*	*95*	*96*	*96*
Produttività (tunnellata/impjegat)	65	64	59	50
Indiċi	*100*	*99*	*91*	*78*

Sors: L-EIFI, it-tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarju

(415) L-impjiegi fl-industrija tal-Unjoni naqsu matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, minħabba t-tnaqqis fil-produzzjoni u fil-bejgħ. Dan irriżulta fi tnaqqis ta' 4 % fil-forza tax-xogħol, mingħajr ma jitqies kwalunkwe impjieg indirett.

(416) Peress li l-volum tal-produzzjoni naqas saħansitra aktar malajr min-numru ta' impjegati, il-produttività tal-industrija tal-Unjoni naqset bi 22 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

(417) Wara d-divulgazzjoni finali, is-CCCME u l-EFDA qalu li l-Kummissjoni ma pprovdietx informazzjoni ċara dwar kif dawn l-indikaturi ġew ikkalkolati.

(418) Matul l-investigazzjoni, fuq talba tal-partijiet imsemmijin hawn fuq, il-Kummissjoni ċċarat li l-indikaturi makroekonomiċi kienu bbażati fuq l-input individwali tal-produtturi tal-Unjoni rrappreżentati mill-EIFI li ġie kontroverifikat mid-*data* pprovduta mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun. Il-metodoloġija rigward l-indikaturi makroekonomiċi hija deskritta wkoll fil-premessa (384). Għalhekk, din l-allegazzjoni ġiet miċħuda.

4.5.1.5. Il-kobor tal-marġni tad-dumping u l-irkupru minn dumping fil-passat

(419) Il-marġnijiet tad-dumping stabbiliti matul din l-investigazzjoni kollha kienu ogħla b'mod sinifikanti mil-livell *de minimis*. L-impatt tal-kobor tal-marġnijiet reali tad-dumping fuq l-industrija tal-Unjoni kien sostanzjali, meta jitqiesu l-volum u l-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat.

4.5.2. *Indikaturi mikroekonomiċi*

4.5.2.1. Il-prezzijiet u l-fatturi li jaffettwaw il-prezzijiet

(420) Il-prezzijiet medji ponderati tal-bejgħ ta' unità tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 8

Il-prezzijiet tal-bejgħ fl-Unjoni

	2017	2018	2019	Il-perjodu ta' investigazzjoni
Prezz unitarju medju tal-bejgħ fl-Unjoni fis-suq totali (EUR/tunnellata)	2 467	2 664	2 810	2 738
Indiċi	100	108	114	111
Kost unitarju tal-produzzjoni (EUR/tunnellata)	2 354	2 482	2 673	2 709
Indiċi	100	105	114	115

Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarju mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun

(421) Il-prezzijiet tal-bejgħ għal kull unità tal-industrija tal-Unjoni żdiedu bi 11 % bejn l-2017 u l-PI. Din iż-żieda kienet ferm anqas miż-żieda fil-kost unitarju tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni (+ 15 %) matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. B'riżultat ta' dan, il-prezzijiet tal-bejgħ tal-Unjoni niżlu taħt il-kost unitarju tal-produzzjoni matul il-PI, minħabba l-pressjoni sinifikanti fuq il-prezzijiet eżerċitata mill-importazzjonijiet Ċiniżi li kienu qed iwaqqgħu l-prezz tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni b'37 % matul il-PI.

(422) Wara d-divulgazzjoni finali, is-CCCME u l-EFDA kkontestaw dawn iċ-ċifri u nnotaw li ma kienx ċar kif ġew stabbiliti l-kostijiet unitarji. Huma indikaw ukoll żball fit-tabella ddivulgata li ġie kkoreġut mill-Kummissjoni. Il-kostijiet unitarji ġew stabbiliti skont il-prattika tal-Kummissjoni bħala kostijiet sħaħ inklużi l-kost tal-manifattura u l-SG&A.

4.5.2.2. Il-kost lavorattiv

(423) Il-kostijiet lavorattivi medji tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 9

Il-kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat

	2017	2018	2019	Il-perjodu ta' investigazzjoni
Pagi medji għal kull impjegat (EUR)	42 341	44 784	44 016	39 891
Indiċi	*100*	*106*	*104*	*94*

Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarju mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun

(424) Matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, il-kost lavorattiv medju għal kull impjegat naqas b'6 %.

4.5.2.3. Inventarji

(425) Il-livelli tal-istokks tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 10

Inventarji

	2017	2018	2019	Il-perjodu ta' investigazzjoni
L-istokkijiet tal-għeluq (tunnellati)	39 021	40 191	45 398	41 638
Indiċi	*100*	*103*	*116*	*107*

Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarju mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun

(426) Il-livell tal-istokkijiet tal-għeluq żdied b'16 % bejn l-2017 u l-2019 u naqas b'9 % bejn l-2019 u l-PI. B'mod ġenerali, matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, il-volumi tal-istokkijiet tal-għeluq żdiedu b'7 %.

4.5.2.4. Il-profittabilità, il-fluss tal-flus, l-investimenti, ir-redditu fuq l-investimenti u l-kapaċità ta' ġenerazzjoni tal-kapital

(427) Il-profittabilità, il-fluss tal-flus, l-investimenti u r-redditu fuq l-investimenti tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 11

Il-profittabilità, il-fluss tal-flus, l-investimenti u r-redditu fuq l-investimenti

	2017	2018	2019	Il-perjodu ta' investigazzjoni
Il-profittabilità tal-bejgħ fl-Unjoni lil klijenti mhux relatati (% tal-fatturat mill-bejgħ)	6	5	4	- 1
Indiċi	*100*	*78*	*61*	*- 15*
Il-fluss tal-flus (EUR)	39 458 582	29 914 473	23 776 496	14 621 456
Indiċi	*100*	*76*	*60*	*37*

Investimenti (EUR)	26 709 539	20 090 697	17 534 570	11 400 254
Indiċi	*100*	*75*	*66*	*43*
Redditu fuq l-investimenti (%)	10	9	6	- 1
Indiċi	100	86	62	- 8

Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarju mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun

(428) Il-Kummissjoni stabbiliet il-profittabilità tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun billi esprimiet il-profitt nett qabel it-taxxa tal-bejgħ tal-prodott simili lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni bħala persentaġġ tal-fatturat ta' dak il-bejgħ.

(429) Il-profittabilità naqset kull sena bejn l-2017 u l-PI, meta saret negattiva. Din ix-xejra hija prinċipalment dovuta għall-fatt li l-industrija tal-Unjoni ma kinitx kapaċi tirrifletti ż-żieda fil-kost tal-produzzjoni fil-prezzijiet tal-bejgħ tagħha minħabba pressjoni minn importazzjonijiet oġġett ta' dumping li waqqgħu l-prezzijiet tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni b'medja ta' 37 %.

(430) Il-fluss tal-flus nett huwa l-kapaċità tal-produtturi tal-Unjoni li jiffinanzjaw l-attivitajiet tagħhom stess. Il-fluss tal-flus nett naqas b'mod stabbli matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, u bi tnaqqis globali ta' 63 %, prinċipalment minħabba d-deterjorament fil-profitt qabel it-taxxa, matul l-istess perjodu.

(431) Ir-redditu fuq l-investimenti huwa l-profitt f'perċentwal tal-valur kontabilistiku tal-investimenti. Dan naqas saħansitra aktar malajr mill-profittabilità u mill-fluss tal-flus, u naqas kull sena matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni u sar negattiv fil-PI, bħala effett tal-profittabilità negattiva. Matul l-istess perjodu, l-industrija tal-Unjoni naqqset b'aktar min-nofs il-livell tal-investimenti tagħha li rriżulta fi tnaqqis ta' 57 %. Il-ħila tal-industrija tal-Unjoni li tiġġenera l-kapital kienet affettwata b'mod sever mill-erożjoni tal-profittabilità kif ukoll tal-fluss tal-flus imġarrba matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

4.5.3. *Konklużjoni dwar id-dannu*

(432) L-indikaturi ewlenin kollha tad-dannu wrew xejra negattiva matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Il-volum tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni naqas b'25 % u l-volum tal-bejgħ tagħha naqas b'27 %. Bit-tnaqqis ta' 18 % fil-konsum, is-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni naqas b'10 % u laħaq id-59 % matul il-PI.

(433) Filwaqt li l-prezz tal-bejgħ żdied bi 11 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, dan ma kienx biżżejjed sabiex ipatti għaż-żieda fil-kost unitarju tal-produzzjoni (+ 17 %), li rriżulta f'erożjoni kontinwa tal-profittabilità matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Tali tnaqqis fil-prezzijiet wassal għal telf matul il-PI. Xejra simili ta' tnaqqis ġiet osservata għall-impjiegi, għall-kostijiet tal-manodopera medji, għall-investimenti, għar-redditu fuq l-investiment u għall-fluss tal-flus li naqsu matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

(434) Fuq il-bażi ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-industrija tal-Unjoni ġarrbet dannu materjali skont it-tifsira tal-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku.

(435) L-EFDA u s-CCCME qalu li l-industrija tal-Unjoni ma kienet qed iġġarrab l-ebda dannu u rreferew għal informazzjoni disponibbli pubblikament li tindika profittabilità pożittiva għal ċerti produtturi tal-Unjoni fl-2019, jew xejriet pożittivi f'xi whud mill-indikaturi tad-dannu.

(436) L-analiżi tad-dannu mwettqa mill-Kummissjoni kienet ibbażata fuq *data* aggregata tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun relatata mal-produzzjoni u mal-bejgħ tal-prodott simili fl-Unjoni għal indikaturi mikroekonomiċi, u fuq *data* li tappartjeni għall-industrija tal-Unjoni kollha għall-indikaturi makroekonomiċi. B'kuntrast ma' dan, l-informazzjoni pprovduta mill-EFDA u mis-CCCME kienet ibbażata fuq id-*data* disponibbli għall-pubbliku li tappartjeni biss għal produtturi individwali tal-Unjoni. Għalhekk, ma tqisitx rappreżentattiva. Bl-istess mod, l-analiżi tal-Kummissjoni kopriet l-indikaturi tad-dannu kollha fuq diversi snin (il-perjodu taħt kunsiderazzjoni), filwaqt li l-informazzjoni pprovduta mill-EFDA u mis-CCCME kienet tkopri sena finanzjarja waħda biss, jew ċerti indikaturi tad-dannu speċifiċi biss, bħall-profittabilità. Fl-aħħar nett, id-*data* miġbura mill-Kummissjoni kienet

relatata biss mal-prodott taħt investigazzjoni u kienet soġġetta għal verifika. Għalhekk, l-informazzjoni pprovduta mill-EFDA u mis-CCCME ma tqisitx adegwata sabiex tiġi ddeterminata s-sitwazzjoni tal-industrija kollha tal-Unjoni matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni u ma ddevalwatx is-sejbiet abbażi tad-*data* aktar preċiża vverifikata mill-Kummissjoni. Għalhekk, il-pretensjonijiet magħmulin mill-EFDA u mis-CCCME f'dan ir-rigward ġew miċħudin.

(437) Wara d-divulgazzjoni finali, is-CCCME u l-EFDA nnotaw li l-profittabilità tal-industrija tal-Unjoni rrapportata fit-Tabella 11 ma setgħetx tiġi rrikonċiljata mal-prezz tal-bejgħ ta' unità u mal-kost unitarju tal-produzzjoni rrapportati fit-Tabella 8. Kif stabbilit fil-premessa (422), il-Kummissjoni kkoreġiet l-iżball klerikali fil-kost tal-produzzjoni ta' unità. Madankollu, ix-xejra negattiva fil-profittabilità li għaddiet minn 6 % fl-2017 għal -1 % fil-PI kienet kkonfermata.

5. KAWŻALITÀ

(438) F'konformità mal-Artikolu 3(6) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-pajjiż ikkonċernat ikkawżawx dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni. F'konformità mal-Artikolu 3(7) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat ukoll jekk fatturi oħrajn magħrufin setgħux fl-istess ħin ikkawżaw dannu lill-industrija tal-Unjoni. Il-Kummissjoni żgurat li kwalunkwe dannu possibbli kkawżat minn fatturi oħrajn għajr l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-pajjiż ikkonċernat ma kienx attribwit għall-importazzjonijiet oġġett ta' dumping. Dawn il-fatturi huma l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn, it-tnaqqis fil-konsum tal-Unjoni, it-tibdil strutturali fl-industrija tal-karozzi, l-importazzjonijiet ta' elementi tal-irbit mill-industrija tal-Unjoni, l-iżvilupp tal-prezzijiet tal-materja prima u l-vantaġġi kompetittivi possibbli tal-produtturi esportaturi Ċiniżi, il-pandemija tal-COVID-19 u l-allegata ġestjoni ħażina mill-industrija tal-Unjoni.

5.1. Effetti tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping

(439) Id-deterjorament fis-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni kkoinċida maż-żieda sinifikanti fl-importazzjonijiet miċ-Ċina, li b'mod konsistenti waqqgħu l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni u rażżnu l-prezz tas-suq tal-Unjoni matul il-PI. Kif imsemmi fil-premessa (421), il-prezzijiet tal-importazzjonijiet tal-produtturi esportaturi fil-kampjun waqqgħu l-prezzijiet tal-Unjoni b'medja ta' 37 % matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

(440) Il-volum tal-importazzjonijiet miċ-Ċina żdied minn madwar 135 000 tunnellata fl-2017 għal madwar 209 000 fil-perjodu ta' investigazzjoni, żieda ta' 55 %. Is-sehem mis-suq żdied b'6 punti perċentwali minn 6 % fl-2017 għal 12 % fil-perjodu ta' investigazzjoni. Matul l-istess perjodu, il-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni naqas b'27 % u s-sehem mis-suq tagħha naqas minn 66 % għal 59 %, jiġifieri b'7 punti perċentwali.

(441) Il-prezzijiet tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping żdiedu b'7 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, anqas b'mod sinifikanti miż-żieda parallela fil-prezz tal-materja prima (prinċipalment vireg tal-wajer). Il-prezzijiet baxxi tal-importazzjonijiet wasslu għal pressjoni fuq il-prezzijiet fis-suq tal-Unjoni li kienu konsistentement taħt il-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Għalhekk, l-industrija tal-Unjoni ma kinitx kapaċi tgħolli l-prezzijiet tagħha għal livelli sostenibbli li wassal għal profittabilità li qed tonqos u għal telf matul il-PI.

(442) Fuq il-bażi ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-importazzjonijiet miċ-Ċina kkawżaw dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni. Dannu bħal dan kellu effetti kemm fuq il-volum kif ukoll fuq il-prezz.

(443) L-EFDA u s-CCCME li jirreferu għall-evidenza *prima facie* fl-ilment, affermaw li ċerti produtturi tal-Unjoni diġà kienu fetħu l-proċedimenti ta' falliment fl-2016 u fl-2017, jiġifieri qabel iż-żieda fl-importazzjonijiet Ċiniżi. Is-CCCME enfasizzat li l-miżuri anti-dumping fis-seħħ fuq l-importazzjonijiet tal-elementi tal-irbit li joriġinaw miċ-Ċina tneħħew biss f'Marzu 2016 ([82]) u l-ebda importazzjoni miċ-Ċina ma kienet qed tidħol fis-suq tal-Unjoni qabel dik id-data. Dan ikun juri li kwalunkwe dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni diġà kien jeżisti qabel iż-żieda fl-importazzjonijiet miċ-Ċina bejn l-2017 u l-PI. Għalhekk, kwalunkwe dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni ma jistax jiġi attribwit għall-importazzjonijiet Ċiniżi.

([82]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/278 tal-26 ta' Frar 2016 li jħassar id-dazju anti-dumping definittiv impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti qfieli tal-ħadid u tal-azzar li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, kif estiżi għall-importazzjonijiet ta' ċerti qfieli tal-ħadid u tal-azzar ikkunsinjati mill-Malasja, kemm jekk iddikjarati li joriġinaw mill-Malasja kif ukoll jekk le (ĠU L 52, 27.2.2016, p. 24)

(444) Barra minn hekk, l-EFDA, b'referenza għall-informazzjoni disponibbli pubblikament qalet li diversi produtturi tal-Unjoni kienu f'sitwazzjoni finanzjarja b'saħħitha minkejja l-importazzjonijiet Ċiniżi. Argumentat li peress li l-produtturi kollha tal-Unjoni kienu jiġu affettwati mit-tali importazzjonijiet bl-istess mod, kwalunkwe dannu materjali tal-industrija tal-Unjoni kollha kemm hi ma jistax jiġi attribwit għall-importazzjonijiet Ċiniżi, iżda bilfors li kien ikkawżat minn fatturi oħrajn.

(445) Dawn id-dikjarazzjonijiet ma ġewx ikkonfermati matul l-investigazzjoni. Kif spjegat fil-premessi (439) sa (441), kien hemm koinċidenza ċara fiż-żmien bejn iż-żieda fl-importazzjonijiet oġġett ta' dumping u d-deterjorament tal-industrija tal-Unjoni. Iż-żieda fl-importazzjonijiet kompliet ferm lil hinn mit-tħassir tal-miżuri li kienu fis-seħħ kontra l-importazzjonijiet Ċiniżi u, għalhekk, it-tali żieda ma tqisitx bħala sempliċi konsegwenza tat-tħassir. Il-Kummissjoni tinnota wkoll li s-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni kollha kemm hi ġiet ivvalutata u li s-sitwazzjoni tal-produtturi individwali tal-Unjoni tista' tvarja li, madankollu, ma tistax titqies bħala rappreżentattiva għall-industrija kollha tal-Unjoni. Għalhekk, dawn l-allegazzjonijiet ġew miċħudin.

(446) Wara d-divulgazzjoni finali, is-CCCME u l-EFDA talbu divulgazzjoni ulterjuri tal-iżvilupp tal-prezzijiet tal-vireg tal-wajer li fuq il-bażi tagħhom il-Kummissjoni waslet għall-konklużjonijiet ta' hawn fuq. Dawn il-partijiet ikkontestaw l-adegwatezza tas-sors użat u qalu li d-*data* hija relatata ma' perjodu differenti mill-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Il-Kummissjoni bbażat il-valutazzjoni tagħha fuq *data* disponibbli pubblikament ([83]) li turi l-livelli tal-prezzijiet tal-importazzjoni tal-vireg tal-wajer matul il-PI li kkonfermaw il-konklużjonijiet stabbiliti fil-premessa ta' hawn fuq. Għalhekk, din l-allegazzjoni ġiet miċħuda.

(447) Wara d-divulgazzjoni finali, is-CCCME u l-EFDA ddikjaraw li l-volumi u l-effett tal-prezzijiet tal-importazzjonijiet Ċiniżi ma kinux qed iħallu impatt fuq id-dannu materjali mġarrab mill-industrija tal-Unjoni. L-ewwel nett, huma qiesu li l-2017 mhijiex bażi xierqa sabiex tiġi ddeterminata żieda fil-volum tal-importazzjonijiet peress li l-miżuri anti-dumping fuq l-importazzjonijiet tal-elementi tal-irbit li joriġinaw miċ-Ċina ġew imposti fl-2009 ([84]) u baqgħu fis-seħħ sal-2016, u għalhekk il-volumi tal-importazzjonijiet Ċiniżi fl-2017 kienu għadhom ma komplewx u kienu baxxi b'mod mhux tas-soltu. Il-Kummissjoni tinnota li, fl-2017, l-importazzjonijiet Ċiniżi kienu jirrappreżentaw 6 % tal-konsum tal-Unjoni, li ma jistax jitqies bħala insinifikanti, u dan huwa t-tieni l-akbar sehem ta' esportazzjoni lejn is-suq tal-Unjoni wara t-Tajwan. Barra minn hekk, din ix-xejra ta' żieda mhijiex viżibbli biss bejn l-2017 u l-2018, iżda wkoll bejn l-2018 u l-2019, meta l-importazzjonijiet miċ-Ċina żdiedu b'madwar 50 %, li huwa bil-bosta l-aktar tkabbir sinifikanti meta mqabbla ma' pajjiżi terzi oħrajn.

(448) Dawn il-partijiet qalu wkoll li ż-żieda fil-prezz tal-importazzjonijiet Ċiniżi kienet fl-istess medda taż-żieda fil-prezz tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni. Kif muri fit-tabella 4, il-prezzijiet tal-importazzjonijiet Ċiniżi żdiedu b'7 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, filwaqt li, kif muri fit-tabella 8, il-prezzijiet tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni żdiedu bi 11 % matul l-istess perjodu. Huwa nnotat ukoll li l-prezzijiet tal-importazzjonijiet Ċiniżi kienu qed iwaqqgħu b'mod sostanzjali l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni u kien hemm pressjoni fuq il-prezzijiet fis-suq tal-Unjoni li ma ppermettietx lill-industrija tal-Unjoni żżid il-prezzijiet tagħha skont iż-żidiet fil-kostijiet tagħha (+ 15 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni). Għalhekk, is-sempliċi fatt li l-prezzijiet żdiedu fl-istess medda ma setax inaqqas il-valur tas-sejbiet stabbiliti fil-premessa (441) u l-pretensjonijiet ta' dawn il-partijiet f'dan ir-rigward ġew miċħudin.

(449) Kif imsemmi fil-premessa (152), produttur ta' ankraġġi fl-Unjoni argumenta li l-produttur esportatur relatat tiegħu miċ-Ċina huwa l-uniku wieħed b'ċertifikazzjoni uffiċjali tal-UE għall-viti tal-ankraġġi tal-konkrit u, għalhekk, huwa l-uniku wieħed li jesporta dan it-tip tal-prodott lejn l-Unjoni. Billi ma kienx jesporta dan il-prodott matul il-perjodu ta' investigazzjoni, ma setax jikkawża xi dannu lill-industrija tal-Unjoni.

(450) Kif stabbilit fil-premessi (115), (152) u (156), produttur esportatur wieħed ta' viti tal-injam strutturali, produttur esportatur wieħed ta' confirmat screws u grupp wieħed ta' produtturi esportaturi ta' viti tal-ankraġġi tal-konkrit qalu li dawn it-tipi tal-prodott ma kinux inklużi fl-ambitu ta' din l-investigazzjoni. Inkella, dawn il-partijiet interessati qalu li jenħtieġ li l-kawżalità tiġi ddeterminata separatament. Fil-każ ta' confirmat screws u ta' viti tal-injam tal-kostruzzjoni, il-partijiet argumentaw li ma kinux f'kompetizzjoni ma' xi tip tal-prodott manifatturat mill-industrija tal-Unjoni, filwaqt li fil-każ ta' viti tal-ankraġġi tal-konkrit, il-grupp ta' produtturi esportaturi afferma li ma esportax il-prodott matul il-perjodu ta' investigazzjoni u, għalhekk, ma setax jikkawża dannu għall-industrija tal-Unjoni.

([83]) https://www.schraubenverband.de/downloads. Taħt it-taqsima "Vormaterial": statistiki disponibbli pubblikament dwar l-evoluzzjoni tal-prezz tal-vireg tal-wajer mill-2008 sal-2021 (ara ċ-ċart) u matul l-aħħar 12-il xahar (ara t-tabella taħt il-grafika).

([84]) Ir-Regolament (KE) Nru 91/2009.

(451) Kif spjegat fil-premessa (110), it-tipi kollha tal-prodott tqiesu bħala prodott uniku għall-fini ta' din l-investigazzjoni peress li kellhom l-istess karatteristiċi fiżiċi u tekniċi bażiċi u l-istess użi finali bażiċi. Għalhekk, kif diġà spjegat fil-premessa (398), kwalunkwe determinazzjoni ta' dumping, ta' dannu u ta' kawżalità kienet ibbażata fuq il-prodott kollu kemm hu. Ma ġiet ipprovduta l-ebda evidenza li kienet tiġġustifika analiżi separata għal kull tip tal-prodott. Huwa irrilevanti wkoll jekk it-tipi kollha tal-prodott ġewx esportati matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Fl-aħħar nett, kif diġà ġie indikat fil-premessa (151), mhuwiex rilevanti li t-tipi kollha tal-prodott huma kompletament interkambjabbli dment li t-tipi kollha jkollhom l-istess karatteristiċi fiżiċi u tekniċi bażiċi u l-istess użi finali bażiċi. Għalhekk, dawn l-allegazzjonijiet ġew miċħudin.

(452) Is-CCCME argumentat li l-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni ma kienx jikkompeti mal-importazzjonijiet Ċiniżi, minħabba li l-produtturi esportaturi Ċiniżi fil-biċċa l-kbira jipproduċu u jesportaw elementi tal-irbit standard, filwaqt li l-industrija tal-Unjoni fil-biċċa l-kbira tipproduċi u tbigħ elementi tal-irbit mhux standard. Fuq il-bażi ta' dan, is-CCCME argumentat li kwalunkwe dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni ma jistax jiġi attribwit għall-importazzjonijiet tal-elementi tal-irbit Ċiniżi.

(453) L-investigazzjoni wriet li l-esportazzjonijiet miċ-Ċina kienu jinkludu esportazzjonijiet ta' elementi tal-irbit mhux standard u li kien hemm diversi produtturi ta' elementi tal-irbit mhux standard fiċ-Ċina. Barra minn hekk, diversi produtturi tal-Unjoni qed jipproduċu elementi tal-irbit standard, inklużi żewġ produtturi tal-Unjoni fil-kampjun. Għalhekk, kien hemm kompetizzjoni bejn l-importazzjonijiet miċ-Ċina u l-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni u din il-pretensjoni ġiet miċħuda.

(454) Wara d-divulgazzjoni finali, il-Missjoni tar-Repubblika taċ-Ċina għall-Unjoni Ewropea qalet li kważi l-esportazzjonijiet kollha miċ-Ċina kienu elementi tal-irbit standard, filwaqt li l-industrija tal-Unjoni kienet tipproduċi u tbigħ prinċipalment elementi tal-irbit mhux standard u li, għalhekk, ma jkun hemm l-ebda kompetizzjoni bejn l-importazzjonijiet Ċiniżi u l-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni. Għalhekk, l-analiżi tal-kawżalità ma tistax tkun ibbażata fuq il-prodott kollu kemm hu. Il-Missjoni tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għall-Unjoni Ewropea allegat li anqas minn 20 % tal-bejgħ magħmul mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun intuża sabiex jiġu kkalkolati l-marġnijiet tat-twaqqigħ tal-prezz li jikkonferma li ma hemm l-ebda relazzjoni kompetittiva bejn l-importazzjonijiet Ċiniżi u l-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni.

(455) Wara d-divulgazzjoni finali, l-EFDA u s-CCCME qalu li l-investigazzjoni kienet uriet effetti fuq il-prezzijiet (twaqqigħ tal-prezz) tal-importazzjonijiet Ċiniżi biss għal parti żgħira tal-industrija tal-Unjoni, jiġifieri għal dawk il-produtturi magħżulin fil-kampjun li kienu jipproduċu elementi tal-irbit standard. Min-naħa l-oħra, id-dannu ġie vvalutat għall-industrija kollha tal-Unjoni li, madankollu, hija ffokata fuq elementi tal-irbit mhux standard. Il-volum żgħir ta' importazzjonijiet Ċiniżi ta' elementi tal-irbit mhux standard jista' jiġi attribwit għall-importazzjonijiet tal-industrija tal-Unjoni. Għalhekk, kwalunkwe effett fuq il-prezzijiet fuq dawn l-importazzjonijiet irid jitqies bħala dannu kkawżat mill-industrija tal-Unjoni stess. Konsegwentement, kwalunkwe dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni ma jistax jiġi attribwit għall-importazzjonijiet oġġett ta' dumping miċ-Ċina. L-istess jgħodd għall-woxers, għall-viti u għall-boltijiet.

(456) Dawn l-argumenti u l-pretensjonijiet huma simili għal dawk imressqin fir-rigward tad-determinazzjoni tad-dannu stabbilita fil-premessi (400) u (401) u diġà ġew indirizzati bis-sħiħ fil-premessi (402) sa (404). Fir-rigward tal-kalkoli tat-twaqqigħ tal-prezz, il-Kummissjoni ma taqbilx mal-argumenti pprovduti. L-investigazzjoni wriet li hemm koinċidenza sostanzjali bejn it-tipi tal-prodott importati mill-produtturi esportaturi Ċiniżi fil-kampjun u dawk prodotti u mibjugħa mill-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni. Għalhekk, madwar 90 % tat-tipi tal-prodott esportati miċ-Ċina kienu wkoll prodotti u mibjugħin mill-industrija tal-Unjoni fil-kampjun fis-suq tal-Unjoni. Għalhekk, dan l-argument ukoll ġie miċħud.

5.2. **Effetti ta' fatturi oħrajn**

5.2.1. *Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn*

(457) Il-volum tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn żviluppa kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 12

L-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi

Pajjiż		2017	2018	2019	Perjodu ta' investigazzjoni
It-Tajwan	Volum (tunnellati)	286 454	292 726	261 244	236 636
	Indiċi	*100*	*102*	*91*	*83*

	Sehem mis-suq (%)	13	14	13	14
	Prezz medju	2 176	2 233	2 358	2 387
	Indiċi	*100*	*103*	*108*	*110*
Il-Vjetnam	Volum (tunnellati)	94 275	107 243	91 329	84 595
	Indiċi	*100*	*114*	*97*	*90*
	Sehem mis-suq (%)	4	5	5	5
	Prezz medju	1 428	1 530	1 632	1 591
	Indiċi	*100*	*107*	*114*	*111*
It-Turkija	Volum (tunnellati)	45 863	50 691	43 498	38 919
	Indiċi	*100*	*111*	*95*	*85*
	Sehem mis-suq (%)	2	2	2	2
	Prezz medju	2 700	2 706	2 615	2 654
	Indiċi	*100*	*100*	*97*	*98*
Pajjiżi terzi oħrajn	Volum (tunnellati)	157 942	167 555	155 962	139 895
	Indiċi	7 %	8 %	8 %	8 %
	Sehem mis-suq (%)	8	9	9	9
	Prezz medju	3 177	3 133	3 302	3 321
	Indiċi	*100*	*99*	*104*	*105*
Total tal-pajjiżi terzi kollha minbarra ċ-Ċina	Volum (tunnellati)	584 535	618 214	552 032	500 045
	Indiċi	*100*	*106*	*94*	*86*
	Sehem mis-suq (%)	27	30	28	29
	Prezz medju	2 367	2 394	2 525	2 534
	Indiċi	*100*	*101*	*107*	*107*

Sors: Eurostat

(458) L-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn kienu prinċipalment mit-Tajwan, mill-Vjetnam u mit-Turkija. Il-volum totali tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi terzi kollha minbarra ċ-Ċina naqas b'14 %, bejn l-2017 u l-PI, u għadda minn madwar 585 000 għal madwar 500 000 tunnellata. Is-sehem mis-suq korrispondenti żdied minn 27 % fl-2017 għal 29 % fil-PI, f'kuntest ta' tnaqqis fil-konsum fis-suq tal-Unjoni. B'mod ġenerali, il-prezzijiet medji tal-importazzjoni żdiedu b'7 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni u, bħala medja, kienu konsiderevolment ogħla mill-prezzijiet tal-importazzjonijiet miċ-Ċina (72 % ogħla fil-PI), b'mod allinjat mal-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni. L-unika eċċezzjoni kienet il-Vjetnam, li l-prezzijiet tiegħu kienu biss 8 % ogħla mill-importazzjonijiet Ċiniżi. Madankollu,

is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet Vjetnamiżi matul il-perjodu ta' investigazzjoni (5 %) kien ferm aktar baxx mis-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet Ċiniżi matul l-istess perjodu (12 %). Barra minn hekk, bejn l-2017 u l-perjodu ta' investigazzjoni, il-volumi tal-importazzjonijiet mill-Vjetnam naqsu b'10 %, filwaqt li l-volumi tal-importazzjonijiet Ċiniżi żdiedu b'55 %.

(459) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn ma kinux is-sors tad-dannu materjali mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.

(460) Fil-bidu, is-CCCME affermat li kien hemm koinċidenza fiż-żmien bejn iż-żieda fl-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn bejn l-2017 u l-2018 u d-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni u li, għalhekk, jenħtieġ li kwalunkwe dannu jiġi attribwit għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn minflok għal dawk miċ-Ċina.

(461) Dan l-argument ma jqisx l-iżvilupp tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni kollu iżda ffoka biss fuq sentejn ta' dan il-perjodu, filwaqt li s-sitwazzjoni dannuża tal-industrija tal-Unjoni ma tistax tkun limitata biss għall-2017 u għall-2018. Huwa wkoll f'kuntrast mas-sejbiet tal-investigazzjoni attwali li wriet li, matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, kien hemm żieda gradwali u sostanzjali ta' importazzjonijiet Ċiniżi oġġett ta' dumping li ħabtet ma' telf ta' bejgħ tal-industrija tal-Unjoni u żvilupp negattiv fl-indikaturi tad-dannu. Barra minn hekk, il-prezzijiet minn importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn kienu konsiderevolment ogħla mill-prezzijiet tal-importazzjonijiet Ċiniżi. Għalhekk, din il-pretensjoni ġiet miċħuda.

5.2.2. *Tnaqqis fil-konsum tal-Unjoni*

(462) Matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, il-konsum tal-Unjoni naqas bi 18 %. Għalhekk, il-Kummissjoni eżaminat jekk dan it-tnaqqis fil-konsum jistax inaqqas ir-rabta ta' kawżalità bejn l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping u d-dannu materjali mġarrab mill-industrija tal-Unjoni. Madankollu, kif muri fit-Tabella 3, minkejja t-tnaqqis fil-konsum, il-bejgħ tal-esportazzjonijiet Ċiniżi żdied b'mod stabbli matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni u, b'kollox, b'55 %. Din iż-żieda sarrfet f'żieda fis-sehem mis-suq minn 6 % għal 12 %, jiġifieri 6 punti perċentwali. B'mod parallel, u kif stabbilit fil-premessa (365), il-prezzijiet tal-importazzjonijiet Ċiniżi kienu qed iwaqqgħu l-prezzijiet tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni b'medja ta' 37 %. Kif muri fit-Tabella 6, is-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni naqas b'7 punti perċentwali matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, li kkorrisponda bejn wieħed u ieħor għall-gwadann tas-sehem mis-suq mill-importazzjonijiet Ċiniżi, filwaqt li s-sehem mis-suq ta' pajjiżi terzi oħrajn żdied b'2 punti perċentwali biss u naqas f'termini assoluti. Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni kkonkludiet li t-tnaqqis fil-konsum ma kkawżax id-dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni

5.2.3. *Tibdil strutturali fl-industrija tal-karozzi*

(463) Bosta partijiet interessati qalu li s-suq globali tal-karozzi kien qed jiċkien matul dawn l-aħħar snin u, barra minn hekk, għadda wkoll minn tibdil strutturali importanti. Huma qalu li dawn l-iżviluppi kienu prinċipalment dovuti għal xejra dejjem tiżdied lejn l-elettrifikazzjoni tal-vetturi lil hinn mill-magni li jaħdmu bid-diżil. Peress li l-magni bi trab tal-elettriku jeħtieġu elementi tal-irbit bi speċifikazzjoni aktar baxxa, kien hemm tnaqqis fid-domanda ta' elementi tal-irbit mhux standard. Din is-sitwazzjoni kompliet tiġi aċċentwata minn tnaqqis ġenerali fid-daqs tal-vetturi li kien jeħtieġ numru mnaqqas ta' elementi tal-irbit. Barra minn hekk, l-industrija tal-karozzi ġarrbet numru ta' konsolidazzjonijiet permezz ta' fużjonijiet u ta' akkwiżizzjonijiet kbar, li wasslu għal razzjonalizzazzjoni tal-prodott li, min-naħa tagħha, kellha impatt negattiv fuq id-domanda għall-elementi tal-irbit. Dawn il-partijiet qalu li dan l-iżvilupp affettwa b'mod partikolari l-industrija tal-Unjoni li fil-biċċa l-kbira tipproduċi elementi tal-irbit mhux standard għall-industrija tal-karozzi.

(464) L-investigazzjoni żvelat li, bejn l-2008 u l-PI, il-konsum mill-Unjoni tal-elementi tal-irbit maħsubin għall-industrija tal-karozzi ma qabiżx [25-32 %] tal-produzzjoni totali tal-Unjoni. Din l-istima kienet ibbażata fuq evidenza pprovduta mill-EIFI fuq il-bażi tad-*data* dwar il-volum totali tal-produzzjoni tal-Vetturi Ħfief (LV) u tal-elementi tal-irbit użati fil-produzzjoni tal-LV (inklużi l-vetturi elettriċi, ibridi u b'kombustjoni interna) matul il-perjodu bejn l-2008 u l-PI ([85]). Għalhekk, l-allegazzjoni li l-industrija tal-Unjoni kollha kemm hi qed tipproduċi b'mod predominanti għall-industrija tal-karozzi ma setgħetx tiġi kkonfermata mill-investigazzjoni kurrenti. Għall-kuntrarju, l-investigazzjoni wriet li l-produtturi tal-Unjoni kienu qed ifornu lil diversi setturi tal-industrija, inklużi dawk li jużaw elementi tal-irbit standard. Għalhekk, it-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku fl-industrija tal-karozzi ma affettwax l-industrija kollha tal-Unjoni f'termini ugwali, u parti kbira tal-produzzjoni tal-Unjoni ma ġietx affettwata affattu. Barra minn hekk, l-investigazzjoni wriet ukoll li t-tnaqqis fil-produzzjoni tal-LV lanqas ma kellu effett

([85]) HIS Markit Inc https://ihsmarkit.com/index.html u A2Mac1 https://portal.a2mac1.com/

negattiv awtomatiku fuq il-produtturi tal-Unjoni li jfornu lill-industrija tal-karozzi. B'mod partikolari, l-informazzjoni disponibbli wriet li l-produzzjoni ta' sistemi tal-motopropulsjoni għal karozzi kompletament elettriċi għadha relattivament baxxa filwaqt li kien hemm tkabbir sostanzjali fis-sistemi tal-motopropulsjoni ibridi. Madankollu, il-konsum tal-elementi tal-irbit fil-vetturi ibridi huwa ogħla mill-konsum tal-elementi tal-irbit fil-karozzi li jaħdmu bil-petrol. Għalhekk, filwaqt li parti mill-industrija tal-Unjoni setgħet ġiet affettwata b'mod negattiv mill-iżvilupp fl-industrija tal-karozzi, dan ma kienx il-każ għal parti kbira tal-industrija tal-Unjoni li ma tfornix lill-industrija tal-karozzi u, għalhekk, dan ma setax inaqqas ir-rabta ta' kawżalità bejn l-importazzjonijiet Ċiniżi oġġett ta' dumping u d-dannu materjali mġarrab mill-industrija kollha tal-Unjoni. Għaldaqstant, l-allegazzjonijiet f'dan ir-rigward ġew miċħudin.

5.2.4. *Importazzjonijiet mill-industrija tal-Unjoni*

(465) L-EFDA u wieħed mill-importaturi fil-kampjun qalu li l-industrija tal-Unjoni qed timporta elementi tal-irbit standard minn pajjiżi terzi oħrajn inkluża ċ-Ċina sabiex jistabbilixxu rwieħhom bħala negozjanti tal-elementi tal-irbit standard fl-Unjoni. Huma allegaw li l-importazzjonijiet ikunu neċessarji sabiex iżommu l-kapaċitajiet tal-produzzjoni tagħhom tal-elementi tal-irbit mhux standard li jħallu aktar qligħ mill-elementi tal-irbit standard. Barra minn hekk, importatur partikolari qal li dawn l-importazzjonijiet huma prinċipalment minn pajjiżi terzi oħrajn, sabiex jiġu evitati dazji anti-dumping fil-futur u, għalhekk, jippożizzjonaw lilhom infushom f'sitwazzjoni kompetittiva aħjar mill-importaturi tradizzjonali tal-elementi tal-irbit li l-forniturі tagħhom jinsabu primarjament iċ-Ċina.

(466) L-investigazzjoni ma kkonfermatx dawn l-allegazzjonijiet. L-importazzjonijiet ta' elementi tal-irbit miċ-Ċina mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun kienu jirrappreżentaw anqas minn 1 % tal-produzzjoni totali tagħhom ta' elementi tal-irbit; u l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn anqas minn 3 %. Barra minn hekk, kif imsemmi fil-premessa (458), l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn kellhom livelli ta' prezzijiet simili għal dawk tal-industrija tal-Unjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-importazzjonijiet ta' elementi tal-irbit miċ-Ċina jew minn pajjiżi terzi oħrajn ma kisrux ir-rabta ta' kawżalità bejn id-dannu materjali mġarrab mill-industrija tal-Unjoni u l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping miċ-Ċina.

(467) Wara d-divulgazzjoni finali, l-EFDA tenniet dak li ntqal fil-premessa (465) u allegat li l-importazzjonijiet ta' qfieli miċ-Ċina mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun kienu jirrappreżentaw 5 % tal-importazzjonijiet Ċiniżi totali u, għalhekk, għandhom jitqiesu bħala sinifikanti. L-EFDA allegat ukoll li l-konklużjonijiet stabbiliti fil-premessa (466) ma jinkludux l-importazzjonijiet mill-industrija tal-Unjoni permezz tad-distributuri, iżda biss l-importazzjonijiet diretti u, għalhekk, il-volum reali tal-importazzjonijiet mill-industrija tal-Unjoni fil-verità jkun ħafna ogħla minn dak indikat f'dik il-premessa. Sabiex issostni l-argument tagħha, l-EFDA ħadet l-eżempju ta' wieħed mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun li fit-tweġiba tiegħu għall-kwestjonarju rrapporta li kien jixtri elementi tal-irbit direttament jew permezz ta' distributuri miċ-Ċina.

(468) Id-dikjarazzjoni tal-EFDA li l-importazzjonijiet mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun kienu jirrappreżentaw 5 % tal-importazzjonijiet Ċiniżi totali matul il-PI hija fattwalment żbaljata u, għalhekk, ġiet miċħuda. Il-Kummissjoni bbażat is-sejbiet tagħha stabbiliti fil-premessa (466) fuq l-informazzjoni vverifikata tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun, inkluża dik imsemmija mill-EFDA fil-premessa ta' hawn fuq. Il-verifika tal-Kummissjoni inkludiet ukoll il-forniturі tal-produtturi tal-Unjoni, jiġifieri jekk ix-xiri sarx direttament minn fornitur Ċiniż jew permezz ta' distributur. Għalhekk, dak li qalet l-EFDA f'dan ir-rigward ġie miċħud u l-konklużjonijiet stabbiliti fil-premessa (466) ġew ikkonfermati.

5.2.5. *Vantaġġi kompetittivi tal-produtturi esportaturi Ċiniżi*

(469) Wieħed mill-importaturi fil-kampjun qal li l-produtturi Ċiniżi għandhom vantaġġi kompetittivi, bħall-aċċess għal prezzijiet aktar baxxi tal-materja prima, kostijiet lavorattivi aktar baxxi, rekwiżiti ambjentali legali anqas stretti u sussidji fuq l-esportazzjonijiet.

(470) Kif stabbilit fil-premessa (187) u f'dawk segwenti, l-allegati vantaġġi kompetittivi fir-realtà kienu distorsjonijiet sinifikanti fis-suq Ċiniż fir-rigward tal-prezzijiet u tal-kostijiet domestiċi u, għalhekk, il-valur normali għall-produttur esportatur fil-kampjun inħadem f'konformità mal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku. L-eżistenza ta' dawk id-distorsjonijiet fiċ-Ċina ma tistax titqies bħala fattur li jnaqqas ir-rabta ta' kawżalità bejn l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping u d-dannu materjali mġarrab mill-industrija tal-Unjoni. Għall-kuntrarju, dawn l-elementi jikkonfermaw li dawn id-distorsjonijiet iwasslu għal prezzijiet ta' esportazzjoni artifiċjalment baxxi u għal dumping. Għaldaqstant, l-allegazzjonijiet f'dan ir-rigward ġew miċħudin.

5.2.6. *Il-pandemija tal-COVID-19*

(471) L-EFDA argumentat li l-pandemija tal-COVID-19 li bdiet fl-ewwel nofs tal-2020 ikkawżat id-dannu materjali mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.

(472) Kif muri fit-Tabella 2, il-konsum tal-Unjoni kien diġà beda jonqos fl-2019, jiġifieri qabel il-pandemija tal-COVID-19. Dan it-tnaqqis kompla matul il-perjodu ta' investigazzjoni, li kopra l-ewwel nofs tal-2020. Madankollu, kif imsemmi fil-premessa (462), l-importazzjonijiet Ċiniżi żdiedu matul l-istess perjodu, kemm f'termini assoluti kif ukoll f'termini tas-sehem mis-suq, u ppenetraw is-suq tal-Unjoni bi prezzijiet oġġett ta' dumping li waqqgħu sostanzjalment il-prezzijiet tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni. Dan huwa f'kuntrast mal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn, li l-volumi tal-importazzjonijiet tagħhom naqsu f'termini assoluti u l-prezzijiet tal-importazzjoni tagħhom kienu b'mod ġenerali fl-istess medda bħal dawk tal-industrija tal-Unjoni.

(473) Kif muri fit-Tabella 3, l-importazzjonijiet Ċiniżi oġġett ta' dumping kienu diġà żdiedu b'mod stabbli fuq bażi ta' sena wara sena fil-perjodu 2017-2019 li wassal għal żieda ta' 54 % sal-2019, jiġifieri sal-bidu tal-pandemija tal-COVID-19. Fi kliem ieħor, id-dannu materjali kkawżat lill-industrija tal-Unjoni mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping diġà kien immaterjalizza meta faqqgħet il-COVID-19 kif muri mill-iżvilupp negattiv tal-biċċa l-kbira tal-indikaturi makroekonomiċi u mikroekonomiċi fil-perjodu 2017-2019.

(474) F'dan il-kuntest, ma jistax jiġi miċħud li l-pandemija tal-COVID-19, u t-tnaqqis sussegwenti fil-konsum, ikkontribwew sabiex tkompli taggrava s-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni li diġà kienet marret għall-agħar. Madankollu, dan l-iżvilupp ma jnaqqasx ir-rabta kawżali bejn id-dannu materjali misjub u l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping miċ-Ċina. Kif innotat aktar 'il fuq, l-industrija tal-Unjoni ġarrbet dannu materjali minn importazzjonijiet oġġett ta' dumping miċ-Ċina li żdiedu b'54 % matul il-perjodu ta' tliet snin qabel it-tifqigħa tal-pandemija u, għalhekk, huwa ċar li d-dannu materjali diġà kien seħħ qabel u seħħ irrispettivament mill-pandemija.

(475) Wara d-divulgazzjoni finali, is-CCCMC u l-EFDA tennew li l-pandemija tal-COVID-19 kienet il-kawża ewlenija għad-dannu materjali mġarrab mill-industrija tal-Unjoni matul il-PI, bl-argument li l-indikaturi ewlenin tad-dannu prinċipalment iddeterjoraw bejn l-2019 u l-PI, b'mod parallel mal-pandemija tal-COVID-19 filwaqt li l-importazzjonijiet Ċiniżi baqgħu l-istess u s-sehem mis-suq tagħhom żdied biss b'punt perċentwali 1 bejn l-2019 u l-PI. Dawn il-partijiet għamlu referenza wkoll għal dikjarazzjoni minn wieħed mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun fil-verżjoni miftuħa tat-tweġiba għall-kwestjonarju li tindika li l-pandemija tal-COVID-19 kellha impatt fuq in-negozju tagħhom; kif ukoll għal dikjarazzjoni tal-EIFI fil-korrispondenza tiegħu mal-Kummissjoni li ċertu tibdil fil-produzzjoni u fil-volum tal-bejgħ ikun attribwit għall-pandemija tal-COVID-19.

(476) L-ebda wieħed mill-argumenti pprovduti wara d-divulgazzjoni finali ma kkontradixxa jew naqqas il-valur tal-konklużjonijiet stabbiliti fil-premessi (472) sa (474), b'mod partikolari li l-pandemija tal-COVID-19, u t-tnaqqis segwenti fil-konsum, ikkontribwew sabiex tkompli taggrava s-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni li diġà kienet qed tiddeterjora. Il-Kummissjoni tinnota wkoll li l-volum tal-produzzjoni u tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni diġà kien iddeterjora bejn l-2018 u l-2019, jiġifieri qabel il-pandemija tal-COVID-19 meta l-importazzjonijiet Ċiniżi żdiedu bi 38 %. Għalhekk, il-Kummissjoni qieset li x-xejriet negattivi osservati bejn l-2019 u l-PI huma kontinwazzjoni tax-xejriet negattivi diġà osservati mill-2017 u li l-pandemija tal-COVID-19 sempliċiment aggravat din ix-xejra ċara eżistenti. Għalhekk, il-Kummissjoni kkonfermat il-konklużjonijiet espressi fil-premessa (474) u ċaħdet id-dikjarazzjonijiet kollha li saru f'dan ir-rigward.

5.2.7. *Ġestjoni ħażina mill-industrija tal-Unjoni*

(477) Wieħed mill-importaturi fil-kampjun qal li d-dannu tal-produtturi tal-Unjoni li huma attivi wkoll fil-produzzjoni u fil-bejgħ tal-elementi tal-irbit standard kien dovut għal deċiżjonijiet kummerċjali u ta' investimenti ħżiena u għal diffikultajiet strutturali interni u ma jistax jiġi attribwit għall-esportazzjonijiet Ċiniżi tal-elementi tal-irbit.

(478) Din l-allegazzjoni saret fuq bażi ġenerali ħafna, mingħajr aktar dettalji u mingħajr ma ġiet ipprovduta evidenza b'appoġġ tagħha. Għalhekk, ġiet miċħuda.

5.3. **Konklużjoni dwar il-kawżalità**

(479) Iż-żieda tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping miċ-Ċina ħabtet mat-tnaqqis fis-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni. L-importazzjonijiet Ċiniżi kisbu sehem sinifikanti mis-suq fil-kuntest ta' tnaqqis fil-konsum, għad-detriment tal-industrija tal-Unjoni li tilfet il-volum tal-bejgħ u s-sehem mis-suq. F'termini ta' prezzijiet, iż-żieda fis-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet Ċiniżi waqqgħu kontinwament dawk tal-prezzijiet tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni, ħolqu pressjoni sostanzjali fuq il-prezzijiet u żammew lill-industrija tal-Unjoni milli żżid il-prezzijiet tagħha għal livelli sostenibbli neċessarji sabiex jinkisbu marġnijiet ta' profitt raġonevoli.

(480) Ġew eżaminati wkoll fatturi oħrajn possibbli, iżda l-ebda wieħed minnhom ma seta' jnaqqas ir-rabta ta' kawżalità bejn l-importazzjoni oġġett ta' dumping u d-dannu materjali mġarrab mill-industrija tal-Unjoni. Il-Kummissjoni ddistingwiet u sseparat l-effetti tal-fatturi kollha magħrufin fuq is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni mill-effetti dannużi tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping.

(481) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping miċ-Ċina kkawżaw dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni u li fatturi oħrajn, meqjusin individwalment jew kollettivament, ma naqqsux ir-rabta ta' kawżalità bejn l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping u d-dannu materjali. Id-dannu huwa ċar b'mod partikolari fl-evoluzzjoni tal-produzzjoni, fl-użu tal-kapaċità, fil-volum tal-bejgħ fis-suq tal-Unjoni, fis-sehem mis-suq, fil-produttività, fil-profittabilità u fir-redditu fuq l-investimenti.

6. **LIVELL TAL-MIŻURI**

(482) Fuq il-bażi tal-konklużjonijiet li waslet għalihom il-Kummissjoni dwar id-dumping, id-dannu, il-kawżalità u l-interess tal-Unjoni, jenħtieġ li jiġu imposti miżuri definittivi sabiex jiġi evitat li jsir aktar dannu lill-industrija tal-Unjoni mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping.

(483) Sabiex tiddetermina l-livell tal-miżuri, il-Kummissjoni eżaminat jekk dazju aktar baxx mill-marġni tad-dumping ikunx biżżejjed sabiex jitneħħa d-dannu kkawżat mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping għall-industrija tal-Unjoni.

6.1. **Livell ta' eliminazzjoni tad-dannu (marġini tad-dannu)**

(484) L-ewwel il-Kummissjoni stabbiliet l-ammont ta' dazju neċessarju sabiex jiġi eliminat id-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni. F'dan il-każ, id-dannu jiġi eliminat jekk l-industrija tal-Unjoni tkun kapaċi tkopri l-kostijiet tal-produzzjoni tagħha, inklużi dawk il-kostijiet li jirriżultaw minn ftehimiet ambjentali multilaterali, u l-protokolli tagħhom, li għalihom l-Unjoni hija parti, u tal-Konvenzjonijiet tal-ILO elenkati fl-Anness Ia tar-Regolament bażiku, u setgħet tikseb profitt raġonevoli ("profitt fil-mira") billi tbigħ bi prezz fil-mira fis-sens tal-Artikoli 7(2c) u 7(2d) tar-Regolament bażiku.

(485) F'konformità mal-Artikolu 7(2c) tar-Regolament bażiku, sabiex jiġi stabbilit il-profitt fil-mira, il-Kummissjoni qieset il-livell ta' profittabilità qabel iż-żieda tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat u l-livell ta' profittabilità mistenni f'kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni. Marġni ta' profitt bħal dan ma jistax ikun anqas minn 6 %.

(486) Il-Kummissjoni stabbiliet profitt bażiku li jkopri l-kostijiet kollha f'kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni. Il-Kummissjoni ħadet il-profitti miksubin mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun qabel iż-żieda fl-importazzjonijiet miċ-Ċina. Dan il-marġni ta' profitt ġie stabbilit għal 5,9 %, li jikkorrispondi għal-livell ta' profitt miksub mill-industrija tal-Unjoni fl-2017. Billi dan kien anqas mill-minimu ta' 6 % meħtieġ mill-Artikolu 7(2c) tar-Regolament bażiku, dan il-marġni ta' profitt ġie ssostitwit b'6 %.

(487) Ma ntqalx li l-livell ta' investimenti, ta' riċerka u żvilupp (R&Ż) u ta' innovazzjoni tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni kien ikun ogħla f'kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni.

(488) Bl-istess mod, ma ntqal xejn dwar il-kostijiet futuri li jirriżultaw mill-Ftehimiet Ambjentali Multilaterali, u mill-protokolli tagħhom, li għalihom l-Unjoni hija parti u li l-industrija tal-Unjoni se ġġarrab matul il-perjodu tal-applikazzjoni tal-miżura skont l-Artikolu 11(2), f'konformità mal-Artikolu 7(2d) tar-Regolament bażiku.

(489) Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni kkalkulat prezz mhux dannuż tal-prodott simili għall-industrija tal-Unjoni billi applikat il-marġni ta' profitt fil-mira ta' 6 % għall-kost tal-produzzjoni tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

(490) Imbagħad, il-Kummissjoni ddeterminat il-livell tal-eliminazzjoni tad-dannu fuq il-bażi ta' tqabbil tal-medja ponderata tal-prezz tal-importazzjonijiet tal-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun fil-pajjiż ikkonċernat skont it-tip, kif stabbilit għall-kalkoli tat-twaqqigħ tal-prezz, mal-medja ponderata tal-prezz mhux dannuż tal-prodott simili mibjugħ mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun fis-suq ħieles tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Kwalunkwe differenza li tirriżulta minn dan it-tqabbil ġiet espressa bħala perċentwal tal-valur CIF medju ponderat tal-importazzjonijiet.

(491) Wara d-divulgazzjoni finali, tnejn mill-produtturi esportaturi fil-kampjun ikkontestaw il-kalkolu tal-prezz fil-mira. Huma qalu li xi wħud mit-tipi tal-prodott kienu jinbiegħu fi kwantitajiet żgħar ħafna mill-industrija tal-Unjoni u li, għalhekk, il-prezz medju ta' dawn it-tipi mhuwiex rappreżentattiv. Barra minn hekk, wieħed minn dawn l-esportaturi asserixxa li ċerti tipi tal-prodott mibjugħin mill-industrija tal-Unjoni ma kinux komparabbli ma' dawk esportati minnhom. L-istess produttur esportatur osserva li l-Kummissjoni missha ddivulgat l-aġġustamenti li saru skont l-Artikolu 7(2d) tar-Regolament bażiku u l-metodoloġija ta' kif ġew ikkalkolati.

(492) Filwaqt li l-kwantitajiet mibjugħin tat-tipi tal-prodott ikkonċernati kienu tabilħaqq baxxi, il-Kummissjoni osservat li l-kwantitajiet esportati tal-istess PCN mill-produttur esportatur Ċiniż ikkonċernat kienu baxxi wkoll u ma kien hemm l-ebda element fil-fajl li jwassal għall-konklużjoni li dawn il-prezzijiet ma kinux rappreżentattivi. Fi kwalunkwe każ, anki li kieku l-Kummissjoni kienet teskludi dawn it-tranżazzjonijiet ta' bejgħ mill-kalkoli tal-bejgħ taħt il-prezz, dan kien ikollu biss impatt minuri, u l-marġnijiet tal-bejgħ taħt il-prezz xorta waħda kienu jibqgħu ferm ogħla mill-marġnijiet tad-dumping ikkalkolati għal dawn il-produtturi esportaturi. Għalhekk, dawn l-allegazzjonijiet ġew miċħudin.

(493) Rigward l-aġġustamenti li saru skont l-Artikolu 7(2d) tar-Regolament bażiku, id-dokument ta' divulgazzjoni ġenerali kien fih żball u indika b'mod falz li t-tali aġġustamenti saru, minkejja l-fatt li, kif stabbilit fil-premessa (488), ma waslet l-ebda talba għal aġġustamenti bħal dawn. Għalhekk ma kienx hemm bżonn ta' divulgazzjoni ulterjuri.

(494) Il-livell ta' eliminazzjoni tad-dannu għal "kumpaniji oħrajn li kkooperaw" u għall-"kumpaniji l-oħrajn kollha" huwa definit bl-istess mod bħall-marġni tad-dumping għal dawn il-kumpaniji.

Kumpanija	Marġini tad-dumping definittiv	Marġni tad-dannu definittiv
Jiangsu Yongyi Fastener Co., Ltd.	22,1 %	79,0 %
Ningbo Jinding Fastening Piece Co., Ltd.	46,1 %	85,3 %
Wenzhou Junhao Industry Co., Ltd.	48,8 %	125,0 %
Kumpaniji oħrajn li kkooperaw	39,6 %	94,0 %
Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	86,5 %	196,9 %

7. **INTERESS TAL-UNJONI**

(495) F'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk setgħetx tikkonkludi b'mod ċar li ma kienx fl-interess tal-Unjoni li tadotta miżuri f'dan il-każ, minkejja d-determinazzjoni ta' dumping dannuż. Id-determinazzjoni tal-interess tal-Unjoni kienet ibbażata fuq apprezzament tal-interessi varji kollha involuti, inklużi dawk tal-industrija tal-Unjoni, tal-importaturi, tal-bejjiegħa bl-imnut fis-settur tad-do-it-yourself ("DIY") u tal-utenti.

7.1. **L-interess tal-industrija tal-Unjoni**

(496) L-impożizzjoni ta' miżuri se ttejjeb il-kundizzjonijiet tas-suq għall-produtturi tal-Unjoni li se jkunu jistgħu jtejbu l-pożizzjoni kompetittiva tagħhom fis-suq, u jirkupraw il-volum tal-bejgħ u s-sehem mis-suq mitlufin. Peress li titneħħa l-pressjoni fuq il-prezzijiet minn importazzjonijiet inġusti, l-industrija tal-Unjoni tkun tista' żżid il-prezzijiet tal-bejgħ tagħha u tilħaq profittabilità sostenibbli.

(497) In-nuqqas ta' miżuri jkollu effetti negattivi sinifikanti għall-industrija tal-Unjoni, peress li l-importazzjonijiet ikomplu jiżdiedu u jwasslu għal aktar tnaqqis fil-prezzijiet fl-Unjoni li jkollu impatt negattiv fuq il-produzzjoni u fuq il-volum tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni kif ukoll fuq is-sehem mis-suq. Imbagħad, dan ikun jaffettwa b'mod negattiv l-indikaturi finanzjarji tal-industrija tal-Unjoni u b'mod partikolari, is-sitwazzjoni li diġà qed tagħmel it-telf tkompli tiggrava b'konsegwenzi negattivi għall-investimenti u għall-impjiegi fl-Unjoni.

(498) Għalhekk, l-impożizzjoni ta' miżuri tkun ċarament fl-interess tal-industrija tal-Unjoni.

(499) L-EFDA u partijiet interessati oħrajn qalu li l-industrija tal-Unjoni ma tkunx tista' tibbenefika mill-impożizzjoni ta' dazji anti-dumping; u li fl-aħħar mill-aħħar produtturi minn pajjiżi terzi jżidu l-esportazzjonijiet tagħhom lejn l-Unjoni u, b'hekk, jibbenefikaw mill-miżuri anti-dumping kontra ċ-Ċina aktar mill-industrija tal-Unjoni.

(500) Il-Kummissjoni qieset li din l-allegazzjoni kienet spekulattiva, peress li ma kienet issostanzjata bl-ebda evidenza. Il-fatt waħdu li l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn jistgħu jiżdiedu bħala konsegwenza tal-miżuri anti-dumping mhuwiex sinjal li l-industrija tal-Unjoni ma tibbenefikax minn tali miżuri. F'dan ir-rigward, l-investigazzjoni attwali stabbiliet li l-volumi tal-importazzjoni minn pajjiżi terzi oħrajn ma żdidux matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, iżda naqsu b'mod sostanzjali, u li l-prezzijiet tal-importazzjoni minn dawn is-sorsi b'mod ġenerali ma kinux qed iwaqqgħu l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni. Fuq din il-bażi, l-informazzjoni fil-fajl issuġġeriet li dawn l-importazzjonijiet setgħu wkoll ġew affettwati b'mod negattiv mill-pressjoni fuq il-prezzijiet tal-importazzjonijiet Ċiniżi fis-suq tal-Unjoni, peress li l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping miċ-Ċina kienu bħala medja wkoll taħt il-prezzijiet tal-importazzjonijiet tal-pajjiżi terzi l-oħrajn u kienu qed jiżdiedu, filwaqt li l-volumi tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi naqsu. Huwa mfakkar li l-miżuri anti-dumping għandhom l-għan biss li jirrestawraw il-kundizzjonijiet ekwi fis-suq tal-Unjoni, u mhux li jirrestrinġu l-importazzjonijiet f'kundizzjonijiet tas-suq ekwu. Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet din l-allegazzjoni.

(501) Wara d-divulgazzjoni finali, il-produttur esportatur CELO Suzhou, qal li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiċħad eżami individwali lilu x'aktarx tikkawża dannu lill-manifatturi relatati tiegħu fl-Unjoni li kienu qed jimportaw tipi speċifiċi tal-prodott mill-kumpanija relatata tiegħu miċ-Ċina. Għalhekk, il-miżura ma tkunx fl-interess tal-industrija tal-Unjoni.

(502) L-interess tal-industrija tal-Unjoni huwa bbażat fuq id-*data* aggregata tal-industrija tal-Unjoni kollha kemm hi. Għalhekk, is-sitwazzjoni ta' produtturi individwali tal-Unjoni ma tistax titqies bħala tali, meta ma tkunx rappreżentattiva għall-industrija kollha tal-Unjoni. Għalhekk, dan l-argument ġie miċħud.

7.2. **L-interess tal-importaturi**

(503) Kif imsemmi fil-premessa (58), 28 importatur ikkooperaw fl-investigazzjoni u pprovdew l-informazzjoni mitluba fin-notifika ta' bidu għal skopijiet ta' kampjunar. Dawn kienu jirrappreżentaw 18 % tal-importazzjonijiet totali miċ-Ċina matul il-PI. Dawn l-importaturi importaw 46 % tal-elementi tal-irbit miċ-Ċina, filwaqt li kisbu 54 % minn pajjiżi terzi oħrajn.

(504) Il-Kummissjoni ħadet kampjun ta' ħames importaturi li pprovdew tweġibiet għall-kwestjonarju. Għall-kumpaniji fil-kampjun, l-importazzjonijiet miċ-Ċina rrappreżentaw bejn wieħed u ieħor 10 % u 50 % tal-importazzjonijiet totali tagħhom ta' elementi tal-irbit. Wieħed biss mill-importaturi fil-kampjun xtara aktar minn 90 % miċ-Ċina. Kollha ħlief wieħed kienu profittabbli matul il-PI, b'marġini ta' profitt ta' bejn [2 %-5 %] u [4 %-9 %]. Wieħed mill-importaturi kien ftit taħt il-livell ta' ekwilibriju matul il-PI.

(505) Il-Kummissjoni vvalutat l-impatt tad-dazji anti-dumping fuq il-profittabilità tal-importaturi fil-kampjun. Bis-suppożizzjoni li d-dazji jkunu assorbiti għalkollox, dawk l-importaturi li wrew marġini ta' profitt matul il-PI nstabu li baqgħu profittabbli, minkejja d-dazji. Din il-valutazzjoni kienet ibbażata fuq l-agħar xenarju possibbli, jiġifieri ma kkunsidratx li ż-żidiet fil-prezzijiet x'aktarx li jingħaddew kompletament jew tal-anqas parzjalment lill-klijenti, b'mod partikolari, fid-dawl tas-sejbiet fil-premessa (520) u f'dawk segwenti, li b'mod ġenerali, il-kost tal-elementi tal-irbit jirrappreżenta biss parti żgħira ħafna mill-kost totali tal-produzzjoni tal-utenti. Dan huwa minnu wkoll fir-rigward tal-importatur li kien diġà taħt il-livell ta' ekwilibriju matul il-PI, jiġifieri dan l-importatur se jkun jista' wkoll jgħaddi kwalunkwe żieda fil-prezz lil parti kbira lill-klijenti tiegħu. Għalhekk, id-dazji bħala tali mhumiex mistennijin li jkollhom effett negattiv sinifikanti fuq din il-kumpanija u b'hekk jaggravaw is-sitwazzjoni tagħha.

(506) Bosta partijiet interessati ddikjaraw li l-impożizzjoni ta' dazji anti-dumping twassal għal żidiet sinifikanti fil-prezzijiet għall-importaturi. Huma qalu wkoll li l-impożizzjoni ta' miżuri anti-dumping fil-passat irriżultat f'telf kbir għall-importaturi li jenħtieġ li jitqies fl-analiżi kurrenti. Importatur minnhom qal li ma kienx se jkun possibbli li l-prezz jiġi ttrasferit lill-klijenti, tal-anqas mhux fit-terminu qasir.

(507) Kif stabbilit fil-premessa (505), iż-żieda mistennija fil-prezz ma jkollhiex effetti negattivi serji fuq is-sitwazzjoni tal-importatur, peress li b'mod ġenerali, dawn jibqgħu profittabbli. L-allegazzjoni li l-importaturi ġarrbu telf fl-imgħoddi minħabba l-miżuri preċedenti ma setgħetx tiġi vverifikata u, barra minn hekk, ma tressqet l-ebda evidenza b'appoġġ ta' din l-allegazzjoni. Fl-aħħar nett, rigward il-pretensjoni li l-importaturi ma jkunux jistgħu jgħaddu ż-żieda fil-prezz lill-klijenti tagħhom, bl-istess mod, ma ġiet ipprovduta l-ebda evidenza. L-investigazzjoni żvelat li minħabba li s-sehem tal-elementi tal-irbit fil-kostijiet totali tal-utenti huwa ġeneralment baxx ħafna, huwa mistenni li ż-żidiet fil-prezzijiet tal-importaturi jingħaddew tal-anqas parzjalment lill-klijent aħħari. Għalhekk, dawn l-allegazzjonijiet ġew miċħudin.

(508) Wara d-divulgazzjoni finali, l-EFDA tenniet li l-impożizzjoni ta' dazji jkollha impatt serju fuq il-profittabilità tal-importaturi u twassal għal telf sinifikanti. Ikkontestat il-metodoloġija użata mill-Kummissjoni sabiex tivvaluta l-impatt fuq il-profittabilità fuq bażi aggregata u affermat li tali valutazzjoni jenħtieġ li ssir individwalment għal kull importatur fil-kampjun, u fir-rigward tal-fatturat u tal-profitt tal-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat miċ-Ċina biss. Barra minn hekk, l-EFDA qalet li l-impatt tad-dazji kellu jiġi vvalutat ukoll fuq il-fluss tal-flus. Fl-aħħar, ikkontestat li d-dazju jista' jingħadda lill-klijent finali.

(509) Il-Kummissjoni vvalutat il-profittabilità tal-importaturi fuq livell aggregat, b'mod simili għal dak li sar fil-livell tal-produtturi tal-Unjoni. Dan huwa kkunsidrat xieraq minħabba li s-sitwazzjoni tal-importaturi fl-Unjoni kollha kemm hi hija analizzata u mhux is-sitwazzjoni ta' kumpaniji individwali. Għalhekk, dan l-argument ġie miċħud.

(510) Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni kienet ibbażata fuq *data* speċifika attwali għall-kumpaniji pprovduta mill-importaturi fil-kampjun stess. B'kuntrast ma' dan, l-EFDA ma ssostanzjatx id-dikjarazzjonijiet ġenerali tagħha b'xi evidenza fattwali u, għalhekk, dawn ma setgħux jiġu vverifikati. Barra minn hekk, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-valutazzjoni tal-impatt tad-dazju għal kull kumpanija kienet aktar xierqa fuq livell globali tal-kumpaniji minħabba li kienet tikkorrispondi aħjar għar-realtajiet ekonomiċi. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tinnota li l-importaturi għażlu diversi sorsi ta' provvista u peress li d-dazji għandhom effett biss fuq wieħed minn dawn is-sorsi (iċ-Ċina), mhux l-importaturi kollha huma affettwati bl-istess mod. Analiżi ta' parti biss tal-operazzjoni ma tkunx konklużiva f'dan ir-rigward. Għalhekk, dawn l-allegazzjonijiet ġew miċħudin.

(511) Fir-rigward tad-dikjarazzjoni li l-Kummissjoni missha analizzat l-impatt fuq id-dazji fuq il-fluss tal-flus tal-importaturi, din id-dikjarazzjoni ma kienet sostnuta minn ebda evidenza fattwali. L-importaturi fil-kampjun lanqas ma taw xi informazzjoni dwar il-fluss tal-flus lill-Kummissjoni, u lanqas ma kien hemm xi evidenza fil-fajl li l-importaturi kien se jkollhom iżidu l-kwantitajiet tal-istokk tagħhom minħabba ħinijiet twal ta' konsenja b'impatt fuq il-fluss tal-flus, kif intqal. Għaldaqstant, din id-dikjarazzjoni ġiet miċħuda wkoll.

(512) L-EFDA qalet ukoll li l-importaturi ma jkunux jistgħu jgħaddu ż-żieda fil-kostijiet lill-klijenti tagħhom. Madankollu, l-EFDA ma pprovdiet l-ebda spjegazzjoni jew evidenza ulterjuri sabiex tqiegħed f'dubju s-sejbiet stabbiliti fil-premessa (520) li l-kost tal-elementi tal-irbit għall-utenti huwa ġeneralment baxx ħafna li jissuġġerixxi elastiċità limitata tal-prezzijiet tad-domanda għall-qfieli. Barra minn hekk, il-valutazzjoni fil-premessa (505) hija bbażata fuq is-suppożizzjoni li d-dazji jiġu assorbiti b'mod sħiħ mill-importaturi, jiġifieri li huma ma jgħaddux lanqas parzjalment il-kost miżjud tagħhom, li huwa improbabbli ħafna. Kif imsemmi fl-istess premessa, saħansitra b'din is-suppożizzjoni, l-impatt fuq l-importaturi, fuq il-bażi tal-informazzjoni pprovduta mill-importaturi fil-kampjun, kien mistenni li ma jkunx negattiv b'mod sinifikanti.

(513) Fl-aħħar nett, l-EFDA nnotat li l-Kummissjoni ma indirizzatx l-allegazzjoni li jkun hemm riskju akbar ta' ċirkomvenzjoni tal-miżuri anti-dumping minħabba d-differenza għolja bejn ir-rati tad-dazju. Peress li l-importaturi jkunu l-vittmi ewlenin ta' tali prattiki ta' ċirkomvenzjoni, il-miżuri anti-dumping ikunu kontra l-interess tal-importaturi.

(514) Il-Kummissjoni indirizzat ir-riskju ta' ċirkomvenzjoni fil-premessi (606) u ta' wara billi introduċiet klawżola ta' monitoraġġ speċjali li tippermetti l-osservazzjoni tax-xejriet kummerċjali u l-kontroazzjoni f'waqtha f'każ li l-prattiki ta' ċirkomvenzjoni jiġu kkonfermati. Għalhekk, din l-allegazzjoni ġiet miċħuda.

(515) Importatur partikolari argumenta li l-miżuri anti-dumping ikunu f'kontradizzjoni mal-miżuri meħudin mill-Kummissjoni Ewropea sabiex tappoġġa lill-kumpaniji affettwati mill-pandemija tal-COVID-19 u żied li jenħtieġ li l-Kummissjoni tqis iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali kkawżati mill-pandemija u l-impatt negattiv dirett fuq l-importaturi.

(516) Il-parti interessata inkwistjoni rreferiet biss f'termini ġenerali ħafna għall-miżuri meħudin wara l-pandemija tal-COVID-19 mingħajr ma pprovdiet aktar dettalji u mingħajr ma spjegat sa liema punt il-miżuri anti-dumping ikunu f'kontradizzjoni ma' dawk il-miżuri. Fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-ebda waħda minn dawk il-miżuri ma teskludi minnha nfisha li jittieħdu miżuri xierqa f'konformità mar-Regolament bażiku sabiex jiġi miġġieled id-dumping dannuż. L-investigazzjoni wriet ukoll kif stabbilit fil-premessa (471) u wara, li l-pandemija tal-COVID-19 ma kellhiex impatt fuq il-volumi tal-importazzjonijiet miċ-Ċina li komplew jiżdiedu matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni kollu f'livelli ta' dumping, li waqqgħu ħafna l-prezzijiet tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni. Għaldaqstant, din l-allegazzjoni ġiet miċħuda.

7.3. **L-interess tal-bejjiegħa bl-imnut – Is-settur do-it-yourself (DIY)**

(517) L-EDRA qalet li l-miżuri jkollhom impatt negattiv sinifikanti fuq is-settur tad-DIY. Qalet li s-settur tad-DIY prinċipalment jixtri elementi tal-irbit standard ta' livell baxx li mhumiex prodotti mill-industrija tal-Unjoni. Spjegat ukoll li l-elementi tal-irbit fis-settur tad-DIY kienu jinbiegħu f'imballaġġ żgħir (attraenti għall-konsumatur) li jikkostitwixxi parti kbira mill-prezz tal-bejgħ. Minħabba l-kost ferm ogħla tal-ippakkjar fl-Unjoni meta mqabbel mal-Asja, ma jkunx vijabbli għall-industrija tal-Unjoni li tipproduċi prodotti għas-settur tad-DIY. L-EFDA appoġġat dan li ntqal u argumentat ukoll li ż-żieda fil-prezz tkun tagħmel ħsara wkoll lill-kompetittività internazzjonali tal-bejjiegħa bl-imnut tad-DIY peress li ma jkunux jistgħu jkomplu jbigħu t-tikketti tagħhom stess lil pajjiżi terzi oħrajn.

(518) Kif imsemmi fil-premessa (142), produttur esportatur minnhom ta' kits tal-hardware destinati prinċipalment għal użi domestiċi qal ukoll li dan it-tip tal-prodott ma kienx prodott mill-industrija tal-Unjoni u kien distribwit permezz ta' kanali tal-bejgħ differenti, jiġifieri bejjiegħa bl-imnut, filwaqt li elementi tal-irbit maħsubin għall-użu industrijali prodotti mill-industrija tal-Unjoni kienu jinbiegħu permezz ta' distributuri.

(519) L-ebda waħda mill-allegazzjonijiet ta' hawn fuq ma kienet sostnuta b'evidenza. L-ebda wieħed mill-bejjiegħa bl-imnut fis-settur tad-DIY ma kkoopera fl-investigazzjoni billi pprovda tweġiba għall-kwestjonarju jew kwalunkwe informazzjoni oħra dwar il-prezzijiet u l-kostijiet jew il-profittabilità u l-fornituri. Għalhekk, il-Kummissjoni ma kinitx f'pożizzjoni li tanalizza l-impatt tal-miżuri fuq dan is-settur b'mod speċifiku. Min-naħa l-oħra, l-investigazzjoni żvelat li l-industrija tal-Unjoni kellha kapaċitajiet żejda sinifikanti u, għalhekk, tkun tista' żżid il-volum tal-produzzjoni tagħha b'mod sinifikanti. L-industrija tal-Unjoni hija magħmula minn produtturi ta' diversi tipi ta' elementi tal-irbit, inklużi elementi tal-irbit standard u hija kapaċi tipproduċi t-tipi kollha ta' elementi tal-irbit, inklużi dawk għas-settur tad-DIY. L-industrija tal-Unjoni affermat li kien hemm diversi produtturi u distributuri tal-Unjoni bil-linji tal-imballaġġ awtomatiċi tagħhom stess għal kwantitajiet kbar u hemm ukoll fornituri tas-servizzi fis-suq tal-Unjoni għal kwantitajiet medji żgħar. Id-dikjarazzjoni li ċerti prodotti tqassmu permezz ta' kanali tal-bejgħ differenti tqieset irrilevanti għall-kwistjoni dwar jekk l-industrija tal-Unjoni tkunx kapaċi tforni tipi speċifiċi ta' elementi tal-irbit. Għalhekk, kulma ntqal f'dan ir-rigward ġie miċħud.

7.4. **L-interess tal-utenti**

(520) Żewġ utenti ppreżentaw irwieħhom fl-investigazzjoni u pprovdew tweġiba għall-kwestjonarju. It-tnejn li huma kienu jipproduċu viti tal-ankraġġi bl-użu ta' elementi tal-irbit fil-proċessi tal-produzzjoni tagħhom. It-tweġiba taż-żewġ utenti kienet nieqsa b'mod sinifikanti u l-ebda waħda mill-kumpaniji ma wieġbet għat-talba tal-Kummissjoni sabiex tipprovdi informazzjoni addizzjonali. B'riżultat ta' dan, għal wieħed mill-utenti, il-Kummissjoni ma setgħetx tivvaluta l-impatt tad-dazji anti-dumping, filwaqt li għall-utent l-ieħor, minkejja n-nuqqas ta' informazzjoni, il-Kummissjoni osservat li din il-kumpanija rrapportat li l-kost tal-elementi tal-irbit fil-kost totali tagħha kien jirrappreżenta anqas minn 1 %. Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni kkonkludiet li d-dazji ma jkollhomx impatt sinifikanti.

(521) L-ECAP u l-assoċjazzjoni li tirrappreżenta l-manifatturi Ewropej tal-ankraġġi tal-metall u tal-plastik, Construction Fixing Europe ("CFE"), appoġġata mill-EFDA, qalu li d-dazji jkollhom impatt negattiv fuq il-produtturi tal-ankraġġi tal-metall u tal-plastik u fuq il-kompetittività tagħhom fl-Unjoni u madwar id-dinja. Il-produtturi tal-ankraġġi jimportaw elementi tal-irbit standard u jużawhom bħala prodotti nofshom lesti fil-proċess tal-produzzjoni tagħhom. CFE asseriet li t-tali elementi tal-irbit standard mhumiex prodotti fl-Unjoni.

(522) L-ebda wieħed mill-produtturi tal-ankraġġi ma kkoopera fl-investigazzjoni preżenti u ħadd minnhom ma wieġeb kwestjonarju maħsub għall-utenti. Għalhekk, ma kien hemm l-ebda evidenza jew informazzjoni oħra fil-fajl dwar il-kost tal-elementi tal-irbit fil-proċess tal-produzzjoni tal-ankraġġi, il-profittabilità tal-produtturi tal-ankraġġi, il-fornituri tagħhom u/jew l-impatt tad-dazji fuq il-profittabilità tagħhom. Dan huwa minnu wkoll għall-allegazzjoni li saret fir-rigward tal-kompetittività tal-produtturi tal-ankraġġi fl-Unjoni u fid-dinja kollha. Għalhekk, dawn l-allegazzjonijiet ġew miċħudin.

(523) Rigward l-allegazzjoni li dan it-tip ta' qafla standard ma kinitx prodotta mill-industrija tal-Unjoni, il-Kummissjoni tinnota li l-industrija tal-Unjoni qed tipproduċi elementi tal-irbit standard u għandha kapaċitajiet ta' riżerva sostanzjali sabiex tipproduċi t-tipi kollha ta' elementi tal-irbit. Għalhekk, din l-allegazzjoni ġiet miċħuda.

(524) L-EFDA qalet ukoll li d-dazji jkollhom impatt negattiv fuq is-setturi industrijali bħall-kostruzzjoni, il-ferroviji, u s-sorsi rinnovabbli kif ukoll fuq il-manifatturi tas-sajlos fis-settur agrikolu. Huma pprovdew xi asserzjonijiet dwar ir-rappreżentattività tal-elementi tal-irbit fil-kostijiet totali f'dawn is-setturi u argumentaw li jkun hemm effett negattiv fuq is-sitwazzjoni ekonomika tal-kumpaniji f'dan is-settur u fuq il-kompetittività tagħhom fl-Unjoni.

(525) L-ebda waħda minn dawn l-allegazzjonijiet ma kienet appoġġata b'xi evidenza. Barra minn hekk, l-ebda waħda mill-partijiet interessati li jirrappreżentaw xi wieħed minn dawk is-setturi ma ppreżentat ruħha jew ikkooperat matul l-investigazzjoni. Il-Kummissjoni osservat ukoll li fuq il-bażi tal-allegazzjonijiet magħmulin mill-EFDA, il-kost tal-elementi tal-irbit fil-prodotti finali ta' dawn l-industriji kien bejn 3 % u massimu ta' 12 %. Għalkemm dawn il-pretensjonijiet ma kienu sostnuti minn ebda evidenza jew issostanzjati mod ieħor, dan juri impatt limitat tad-dazji, b'mod partikolari meta wieħed iqis li lanqas ma ntwera sa liema punt dawn is-setturi speċifiċi kienu qed jużaw elementi tal-irbit importati miċ-Ċina. Għalhekk, l-allegazzjonijiet magħmulin mill-EFDA f'dan ir-rigward ma setgħux jiġu aċċettati.

(526) Fl-aħħar nett, manifattur wieħed ta' konnetturi interċellolari tal-batteriji industrijali, appoġġat mill-EFDA, enfasizza l-ispeċifiċità tal-elementi tal-irbit użati fil-proċess tal-produzzjoni tiegħu (pole screws) u li dawn ma jiġux prodotti mill-industrija tal-Unjoni. Qal ukoll li d-dazji jkollhom impatt negattiv fuq il-kompetittività tiegħu vis-à-vis produtturi ta' pajjiżi terzi ta' konnetturi interċellolari tal-batteriji industrijali. Din il-kumpanija qalet li l-pole screws ma kellhomx jiġu inklużi fl-ambitu tal-prodott.

(527) Id-dikjarazzjoni li l-pole screws jenħtieġ li jiġu esklużi mill-ambitu tal-prodott hija indirizzata fil-premessa (159). Il-kumpanija ma pprovdiet l-ebda evidenza ta' sostenn jew xi informazzjoni dwar l-impatt allegat tal-miżuri fuq is-sitwazzjoni finanzjarja tagħha. Fir-rigward tan-nuqqas ta' provvista fl-Unjoni, issir referenza għall-konklużjonijiet stabbiliti fil-premessi (530) u ta' wara. B'mod partikolari, instab li l-industrija tal-Unjoni għandha kapaċità ta' riżerva sinifikanti sabiex tipproduċi elementi tal-irbit speċjali u standard. Għalhekk, l-alegazzjonijiet li saru minn din il-kumpanija ġew miċħudin.

(528) Wara d-divulgazzjoni finali, din il-parti oġġezzjonat għas-sejbiet li l-industrija tal-Unjoni kellha biżżejjed kapaċitajiet ta' riżerva sabiex tipproduċi pole screws u qalet li l-industrija tal-Unjoni ma tistax tipproduċi pole screws. B'appoġġ għal din il-pretensjoni, il-kumpanija pprovdiet korrispondenza ma' ħames produtturi tal-Unjoni li kkonfermaw li ma setgħux jipprovdu pole screws. Dawn il-produtturi tal-Unjoni ma kinux ilmentaturi u ma ppreżentawx irwieħhom matul l-investigazzjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni ma kellha l-ebda informazzjoni disponibbli fil-fajl dwar l-attivitajiet ta' dawn il-kumpaniji u l-prodotti manifatturati. Fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli pubblikament, tnejn mill-ħames produtturi dehru li kienu speċjalizzati fi elementi tal-irbit għaċ-ċaċċiż tat-twieqi u għall-kostruzzjonijiet tal-magni u l-impjanti; għalhekk, ma jidhirx li huwa xi ħaġa mhux tas-soltu li ma jkunux jistgħu jipprovdu pole screws użati fil-batteriji industrijali. Għalhekk, l-informazzjoni pprovduta ma setgħetx titqies bħala konklużiva jew rappreżentattiva għall-industrija tal-Unjoni kollha kemm hi. Min-naħa l-oħra, l-industrija tal-Unjoni li tirrappreżenta l-produtturi tal-Unjoni li kkooperaw fl-investigazzjoni kkonfermat li dawn kellhom il-kapaċità li jipproduċu t-tipi kollha ta' elementi tal-irbit, inklużi pole screws. Għalhekk, din l-allegazzjoni ġiet miċħuda.

(529) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li ma kien hemm l-ebda effett negattiv sinifikanti tad-dazji anti-dumping fuq is-sitwazzjoni tal-utenti fl-Unjoni.

7.5. **Nuqqas ta' provvista ta' elementi tal-irbit**

(530) Bosta partijiet interessati ddikjaraw li l-industrija tal-Unjoni ma għandhiex biżżejjed kapaċitajiet sabiex tipproduċi elementi tal-irbit standard sabiex tissodisfa d-domanda fis-suq tal-Unjoni. L-EFDA u wieħed mill-importaturi fil-kampjun qalu li l-industrija tal-Unjoni ma tkunx tista' jew ma tkunx lesta li tipprovdi elementi tal-irbit standard u li ħafna utenti jiddependu fuq l-importazzjonijiet miċ-Ċina. Qalu wkoll li l-provvista minn pajjiżi terzi oħrajn hija limitata peress li l-produtturi esportaturi f'dawn il-pajjiżi ma jkollhomx kapaċitajiet suffiċjenti. Produttur esportatur wieħed żied li l-industrija tal-Unjoni żżomm lura milli tidħol għall-produzzjoni tal-massa tal-elementi tal-irbit standard minħabba l-investimenti li jkollhom isiru f'linji ta' produzzjoni kompletament awtomatizzati.

(531) Diversi partijiet qalu li ċerti tipi tal-prodott (viti tal-injam strutturali, confirmat screws, elementi tal-irbit tal-forġa sħuna, pole screws, kits tal-hardware u elementi tal-irbit użati fis-settur tad-DIY) ma kinux prodotti mill-industrija tal-Unjoni jew fi kwantitajiet limitati biss u, għalhekk, jekk jiġu imposti l-miżuri, ikun hemm nuqqas ta' dawn it-tipi tal-prodott fis-suq tal-Unjoni. F'xi każijiet, dawn il-partijiet qalu li l-industrija tal-Unjoni mhijiex mistennija li taqleb għall-produzzjoni ta' dawn it-tipi, u li jkun hemm ukoll nuqqas madwar id-dinja ta' dawn it-tipi u, għalhekk, lanqas ma jistgħu jinkisbu minn fornituri oħrajn.

(532) L-EDRA ddikjarat fuq bażi aktar ġenerali li s-suq tal-elementi tal-irbit ra żieda fid-domanda madwar id-dinja filwaqt li matul il-pandemija tal-COVID 19, il-manifatturi kienu qed jipproduċu anqas mill-kapaċitajiet tagħhom. Kwalunkwe tfixkil ulterjuri tas-suq bl-impożizzjoni ta' dazji anti-dumping ikompli jaggrava s-sitwazzjonijiet għall-bejjiegħa bl-imnut.

(533) Diversi partijiet interessati qalu wkoll li kien hemm nuqqas ta' kontejners marittimi għal vjeġġi mill-Asja u li ż-żmien ta' stennija bejn l-ordni u l-konsenja jasal sa diversi xhur, bħala konsegwenza tal-pandemija tal-COVID-19. Il-kostijiet tat-trasport bil-baħar immultiplikaw u dan ikollu jiżdied maż-żieda mistennija fil-prezz minħabba l-miżuri anti-dumping. Barra minn hekk, intqal li kien hemm nuqqas ta' materja prima (prinċipalment l-azzar) madwar id-dinja, li kellu impatt fuq il-volum tal-produzzjoni tal-elementi tal-irbit madwar id-dinja.

(534) L-investigazzjoni żvelat li l-industrija tal-Unjoni kienet qed tipproduċi elementi tal-irbit kemm standard kif ukoll dawk mhux standard u kellha kapaċitajiet ta' riżerva sostanzjali disponibbli sabiex tissodisfa domanda akbar mill-utenti li jiddeċiedu li jbiddlu l-fornitur tagħhom. Għalhekk, matul il-perjodu ta' investigazzjoni, l-industrija tal-Unjoni użat biss 46 % tal-kapaċità totali tagħha u, għalhekk, setgħet iżżid il-produzzjoni tagħha b'aktar minn 1 miljun tunnellata fi żmien qasir. Il-kapaċità ta' riżerva kienet tikkonċerna l-produzzjoni tat-tipi kollha tal-elementi tal-irbit, inklużi l-elementi tal-irbit standard. L-allegazzjonijiet li l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx jew ma kinitx lesta tipproduċi elementi tal-irbit standard ma kinux sostnuti minn biżżejjed evidenza. L-EFDA pprovdiet korrispondenza ma' produtturi individwali tal-Unjoni li, madankollu, ma tqisux rappreżentattivi għall-industrija kollha tal-Unjoni. Barra minn hekk, id-diffikultajiet temporanji osservati fil-provvista ta' klijenti ġodda minħabba l-konsegwenzi tal-pandemija tal-COVID-19, ma tqisux li huma ta' natura strutturali u ma jnaqqsux il-valur tas-sejbiet li kien hemm kapaċità ta' riżerva kbira disponibbli fis-suq tal-Unjoni li setgħet tissodisfa d-domanda. Għalhekk, dawn l-allegazzjonijiet ġew miċħudin.

(535) L-allegazzjonijiet fir-rigward tan-nuqqas ta' provvista ta' ċerti tipi tal-prodott speċifiċi ma kienu sostnuti minn ebda evidenza verifikabbli. Min-naħa l-oħra, kif spjegat fil-premessa ta' hawn fuq, kien hemm kapaċitajiet ta' riżerva kbar disponibbli fl-Unjoni li jkopru t-tipi kollha tal-prodott, inklużi l-elementi tal-irbit speċjali. L-informazzjoni fil-fajl miġbura mill-produtturi tal-Unjoni ma kinitx tissuġġerixxi li l-industrija tal-Unjoni ma kinitx kapaċi tipprovdi t-tipi kollha ta' elementi tal-irbit. Għalhekk, dawn l-allegazzjonijiet ġew miċħudin.

(536) Wara d-divulgazzjoni finali, il-produttur esportatur tal-elementi tal-irbit bil-forġa sħuna tenna li l-industrija tal-Unjoni ma kinitx tipproduċi elementi tal-irbit bil-forġa sħuna fi kwantitajiet suffiċjenti fis-suq tal-Unjoni. Il-produttur esportatur argumenta li dan ikun sostanzjat mill-kalkoli dettaljati tat-twaqqigħ tal-prezz imwettqin għal kull tip tal-prodott li kkonfermaw li kwantitajiet baxxi biss prodotti u mibjugħa mill-industrija tal-Unjoni kienu jappartjenu għal tipi tal-prodott manifatturati taħt il-proċess bil-forġa sħuna. Barra minn hekk, l-industrija tal-Unjoni tidher li tipproduċi anqas tipi tal-prodott li minnu nnifsu juri li ma tistax tipprovdi medda wiesgħa ta' tipi differenti tal-prodott, inklużi elementi tal-irbit bil-forġa sħuna. Fl-aħħar nett, il-produttur esportatur qal li l-oneru tal-provi ta' kapaċità tal-produzzjoni suffiċjenti fl-Unjoni jaqa' fuq l-industrija tal-Unjoni.

(537) Huwa nnutat li fuq il-bażi tal-kampjun tal-produtturi tal-Unjoni, għalkemm rappreżentattiv għall-industrija tal-Unjoni, il-volum preċiż tal-produzzjoni tal-elementi tal-irbit prodotti bi proċessi ta' forġa sħuna ma jistax jiġi estrapolat. Barra minn hekk, il-volum tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni ma jirriflettix il-kapaċità sħiħa tal-produzzjoni, peress li l-industrija tal-Unjoni, li qed tiffaċċja importazzjonijiet inġusti u livelli baxxi tal-prezzijiet fl-Unjoni, ma kinitx qed tuża l-kapaċitajiet tal-produzzjoni tagħha kompletament. Fir-rigward tal-oneru tal-prova, il-Kummissjoni qieset li l-investigazzjoni wriet li hemm biżżejjed kapaċità tal-produzzjoni tat-tipi kollha ta' elementi tal-irbit fl-Unjoni. Din il-konklużjoni kienet ibbażata fuq il-kapaċità ta' riżerva kbira stabbilita matul l-investigazzjoni kif ippreżentat fit-tabella 5, kif ukoll fuq l-informazzjoni miġbura matul l-investigazzjoni relatata mal-indikaturi makroekonomiċi. Din l-allegazzjoni, kif ukoll l-allegazzjonijiet fir-rigward tal-kapaċità tal-produzzjoni insuffiċjenti fl-Unjoni, għalhekk ġew miċħudin.

(538) Wara d-divulgazzjoni finali, l-ECAP ipprovda informazzjoni minn ċerti produtturi tal-Unjoni li tikkonferma li ma setgħux jipprovdu viti tal-injam strutturali. L-ECAP asserixxa wkoll li ċerti tipi ta' viti tal-injam jeħtieġu pproċessar ulterjuri (trattament speċjali bis-sħana, kisi) li ma jkunx disponibbli fl-Unjoni. Fl-aħħar, argumenta li l-fatt li importatur wieħed tal-Unjoni u produttur ta' elementi tal-irbit mhux standard espliċitament appoġġaw l-esklużjoni tal-viti tal-injam jagħti prova li l-importazzjonijiet ta' dawn il-prodotti huma meħtieġa sabiex jissodisfaw id-domanda fis-suq tal-Unjoni.

(539) L-informazzjoni addizzjonali pprovduta mill-ECAP kienet relatata ma' produtturi tal-Unjoni li ma kinux ilmentaturi u ma ppreżentawx irwieħhom matul l-investigazzjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni ma kellha l-ebda informazzjoni disponibbli fil-fajl dwar l-attivitajiet ta' dawn il-kumpaniji u l-prodotti manifatturati. Fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli pubblikament, ma setgħet tinsilet l-ebda konklużjoni dwar jekk kinux qed jipproduċu elementi tal-irbit għas-settur tal-kostruzzjoni. Barra minn hekk, dawn il-kumpaniji ma setgħux jitqiesu rappreżentattivi għall-industrija tal-Unjoni kollha kemm hi. Min-naħa l-oħra, bħal hawn fuq, l-industrija tal-Unjoni li tirrappreżenta l-produtturi tal-Unjoni li kkooperaw fl-investigazzjoni kkonfermat li kellhom il-kapaċità li jipproduċu t-tipi kollha ta' elementi tal-irbit. Għalhekk, din l-allegazzjoni ġiet miċħuda.

(540) Id-dikjarazzjoni li ċerti attivitajiet ta' pproċessar ma kinux disponibbli fl-Unjoni ma saritx qabel id-divulgazzjoni finali u ma kienet sostanzjata bl-ebda evidenza. Għalhekk, din l-allegazzjoni ma setgħetx tiġi vverifikata u ġiet miċħuda. Fl-aħħar nett, il-fatt li importatur wieħed tal-Unjoni u produttur ta' elementi tal-irbit mhux standard appoġġaw b'mod espliċitu l-esklużjoni tal-viti tal-injam, ma jurix bħala tali li l-importazzjonijiet miċ-Ċina huma meħtieġa sabiex tiġi ssodisfata d-domanda fl-Unjoni. Għalhekk, bl-istess mod, din l-allegazzjoni ġiet miċħuda.

(541) Wara d-divulgazzjoni finali, l-EFDA tenniet il-pretensjoni tagħha dwar in-nuqqas ta' provvista ta' elementi tal-irbit standard li kieku kellhom jiġu imposti dazji tal-importazzjoni għoljin, filwaqt li għal bosta setturi industrijali jkun kruċjali li jkun hemm provvista suffiċjenti, prevedibbli u f'waqtha ta' elementi tal-irbit standard. L-EFDA qalet li peress li l-industrija tal-Unjoni ma tipproduċix elementi tal-irbit standard fi kwantitajiet suffiċjenti jew esperjenzat diffikultajiet tekniċi, id-distributuri kienu obbligati li jirrikorru għal sorsi oħrajn ta' provvista, b'mod partikolari ċ-Ċina.

(542) L-EFDA qalet li l-Kummissjoni ċaħdet l-evidenza pprovduta minnha f'dan ir-rigward mingħajr ma tat raġuni suffiċjenti għat-tali ċaħda. Qalet li l-informazzjoni pprovduta prinċipalment fil-forma ta' diversi ittri elettroniċi ta' produtturi tal-Unjoni li ċaħdu li jfornu l-elementi tal-irbit kienet sostanzjali u wriet li l-industrija tal-Unjoni ma kinitx lesta li tipprovdi elementi tal-irbit standard u li, għalhekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tqis din l-informazzjoni.

(543) Fir-rigward tal-informazzjoni pprovduta mill-EFDA b'appoġġ għad-dikjarazzjoni tagħha li l-industrija tal-Unjoni ma tistax jew mhijiex lesta li tipprovdi elementi tal-irbit standard, il-Kummissjoni tinnota li din l-informazzjoni kienet relatata prinċipalment mal-perjodu wara l-PI u, għalhekk, ma setgħetx tiġi kkunsidrata.

(544) L-EFDA tenniet ukoll li l-Kummissjoni ma ddivulgatx is-sehem preċiż tal-produzzjoni tal-elementi tal-irbit standard u mhux standard mill-industrija tal-Unjoni, jew mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun. Il-Kummissjoni nnotat li s-sehem preċiż tal-produzzjoni ta' elementi tal-irbit standard u ta' elementi tal-irbit mhux standard mill-industrija tal-Unjoni ma kienx disponibbli, peress li mhux il-produtturi kollha tal-Unjoni kkooperaw fl-investigazzjoni u ma hemm l-ebda *data* statistika preċiża disponibbli f'dan ir-rigward. Dan ġie kkomunikat ukoll lill-EFDA matul l-investigazzjoni f'korrispondenza bilaterali.

(545) Barra minn hekk, l-EFDA asseriet li l-Kummissjoni kien ikollha diffikultajiet sabiex tidentifika l-produtturi tal-elementi tal-irbit standard fl-Unjoni u kienet obbligata testendi l-kampjun oriġinali tal-produtturi tal-Unjoni sabiex tinkludi żewġ produtturi addizzjonali tal-elementi tal-irbit standard. Fi kwalunkwe każ, dawn iż-żewġ produtturi jipproduċu biss kwantitajiet żgħar ta' elementi tal-irbit standard. L-allegazzjonijiet u d-dikjarazzjonijiet fir-rigward tal-għażla tal-kampjun tal-produtturi tal-Unjoni diġà kienu indirizzati fid-dettall fil-premessi (26) sa (56). Għalhekk, id-dikjarazzjoni li l-kampjun tal-industrija tal-Unjoni ġie emendat minħabba l-fatt li ma kien jinkludi l-ebda produttur tal-Unjoni ta' elementi tal-irbit standard tinjora l-ispjegazzjonijiet u l-kjarifiki ripetuti pprovduti f'dan ir-rigward, u hija qarrieqa. Għalhekk, ġiet miċħuda.

(546) Fl-aħħar, l-EFDA tenniet li l-Kummissjoni ma spjegatx fuq liema bażi kkonkludiet li l-industrija tal-Unjoni kienet tipproduċi elementi tal-irbit kemm standard kif ukoll speċjali. Din il-konklużjoni kienet ibbażata fuq il-fatti fil-fajl, miġburin mill-ilmentatur u mill-produtturi tal-Unjoni li kkooperaw kontroverifikati kif xieraq ma' informazzjoni disponibbli għall-pubbliku fejn disponibbli. L-informazzjoni pprovduta f'dan ir-rigward kienet disponibbli wkoll fil-fajl mhux kunfidenzjali. Għalhekk, din l-allegazzjoni ġiet miċħuda.

(547) L-EFDA qalet ukoll li l-industrija tal-Unjoni lanqas ma hi se żżid il-produzzjoni tagħha ta' elementi tal-irbit standard f'każ li jiġu imposti dazji. F'dan ir-rigward, l-EFDA allegat li l-industrija tal-Unjoni bejn l-2009, meta qabel kienu ġew imposti l-miżuri anti-dumping fuq l-importazzjonijiet ta' elementi tal-irbit miċ-Ċina, u l-2016, meta tħassru t-tali miżuri ([86]), l-industrija tal-Unjoni ma żiditx il-produzzjoni tagħha ta' elementi tal-irbit standard u speċjalizzat, minflok, fil-produzzjoni ta' elementi tal-irbit mhux standard. In-nuqqas ta' rieda li l-industrija taqleb għal elementi tal-irbit standard ikun evidenzjat ukoll mill-informazzjoni pprovduta minn wieħed mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun li tindika li ma jkunx jista' jipproduċi elementi tal-irbit standard bil-prezz prevalenti tas-suq.

(548) L-argument li l-industrija tal-Unjoni ma żiditx il-produzzjoni tagħha ta' elementi tal-irbit standard u speċjalizzat, minflok, fil-produzzjoni ta' elementi tal-irbit mhux standard bejn l-2009 u l-2016, ma kien appoġġat minn ebda evidenza. Iċ-ċifri tal-produzzjoni u tal-bejgħ miġburin matul l-investigazzjoni huma relatati mal-perjodu taħt kunsiderazzjoni u, għalhekk, ma jinkludux *data* bejn l-2009 u l-2016. Fi kwalunkwe każ, din l-allegazzjoni ma ġietx ikkonfermata matul l-investigazzjoni. Il-fatt li wieħed mill-produtturi tal-Unjoni ma kienx kapaċi jinvolvi ruħu fil-produzzjoni tal-elementi tal-irbit standard fil-kundizzjonijiet prevalenti tas-suq pjuttost juri li l-pressjoni tal-prezzijiet tal-importazzjonijiet Ċiniżi tipprevjeni lill-industrija tal-Unjoni milli tutilizza b'mod sħiħ il-kapaċitajiet tal-produzzjoni tagħha u tikkonferma li qed iġġarrab dannu materjali minn dawn l-importazzjonijiet. Madankollu, ma jurix li l-industrija tal-Unjoni taħt kundizzjonijiet tas-suq ġusti ma treġġax lura għal żieda fil-produzzjoni tagħha, inkluż ta' elementi tal-irbit standard mibjugħin f'livelli ta' prezzijiet sostenibbli fis-suq tal-Unjoni, kif konkluż ukoll fil-premessa (496). Għalhekk, l-argumenti tal-EFDA f'dan ir-rigward ġew miċħudin.

(549) L-EFDA qalet ukoll li d-distributuri normalment jixtru elementi tal-irbit mhux standard mill-industrija tal-Unjoni filwaqt li l-elementi tal-irbit standard jiġu importati prinċipalment miċ-Ċina. Argumentat li anki l-industrija tal-Unjoni kienet tixtri elementi tal-irbit standard minn distributuri fl-Unjoni meta kienet konxja li dawn il-prodotti ġejjin miċ-Ċina; u li, barra minn hekk, numru ta' produtturi tal-Unjoni għandhom is-sussidjarji kummerċjali tagħhom stess li huma wkoll membri tal-EFDA u, bħala, tali qed jimportaw elementi tal-irbit standard miċ-Ċina u jiddistribwuhom lill-utenti finali. B'appoġġ għal din il-pretensjoni, l-EFDA pprovdiet lista ta' produtturi tal-Unjoni li allegatament xtraw elementi tal-irbit standard minn distributur, membru tal-EFDA u lista ta' produtturi oħrajn tal-Unjoni li allegatament huma relatati ma' distributuri fl-Unjoni li jimportaw elementi tal-irbit standard miċ-Ċina. L-EFDA qalet ukoll li, fuq il-bażi tal-informazzjoni fil-fajl mhux kunfidenzjali, tal-anqas wieħed mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun ikkonferma li qed jimporta elementi tal-irbit miċ-Ċina.

(550) Kif ġie konkluż fil-premessi (466) u (468), fuq il-bażi tal-informazzjoni pprovduta mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun, il-volumi mixtrijin minnhom miċ-Ċina, direttament jew permezz ta' distributuri, kienu negliġibbli meta mqabblin mal-volum totali prodott u mibjugħ mill-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni u mal-volum totali ta' elementi tal-irbit importati miċ-Ċina. L-informazzjoni pprovduta mill-EFDA ma tnaqqasx il-valur ta' dawn is-sejbiet u, għalhekk, il-pretensjonijiet li saru f'dan ir-rigward ġew miċħudin.

(551) Fl-aħħar nett, l-EFDA qalet li d-distributuri, matul il-pandemija tal-COVID-19 u l-interruzzjonijiet konsegwenti fil-katina tal-provvista, avviċinaw lill-industrija tal-Unjoni b'talba għall-provvista ta' elementi tal-irbit standard li ġiet irrifjutata. Skont l-EFDA, dan ikun juri li l-industrija tal-Unjoni mhijiex lesta li tforni elementi tal-irbit standard fi kwantitajiet akbar u li l-kapaċitajiet ta' riżerva disponibbli fl-Unjoni ma jintużawx sabiex tiżdied il-produzzjoni tal-elementi tal-irbit standard. Dan huwa dovut għall-fatt li bidla tal-produtturi tal-Unjoni minn elementi tal-irbit mhux standard għal elementi tal-irbit standard tkun tinvolvi investimenti sinifikanti u tibdil fil-mudell tan-negozju u, għalhekk, tkun ekonomikament insensata. Dan kien ikun ikkonfermat ukoll minn wieħed mill-produtturi tal-Unjoni li kkooperaw. L-EFDA kkonkludiet li l-ilmentatur ma kien ippreżenta l-ebda prova kuntrarja.

(552) L-allegazzjoni ta' hawn fuq kienet ibbażata fuq suppożizzjonijiet li ma kinux ikkonfermati mill-investigazzjoni. Għall-kuntrarju, l-investigazzjoni żvelat li l-produtturi tal-Unjoni kellhom kapaċitajiet ta' riżerva sabiex jimmanifatturaw elementi tal-irbit standard. Kif imsemmi aktar 'il fuq, l-ilmentatur ipprovda informazzjoni li kien hemm diversi produtturi tal-Unjoni ta' elementi tal-irbit standard. Ir-raġuni li xi whud mill-produtturi setgħu rrifjutaw li jipproduċu u jbigħu elementi tal-irbit standard matul il-perjodu ta' investigazzjoni jew wara, tista' tidher fil-fatt li tali produzzjoni ma kinitx vijabbli jew ma setgħetx tkun ekonomikament fattibbli fid-dawl tal-pressjoni fuq il-prezzijiet mill-importazzjonijiet Ċiniżi bi prezz baxx fis-suq tal-Unjoni. Fi kliem ieħor, il-produtturi tal-Unjoni ma setgħux jespandu l-produzzjoni u l-bejgħ tagħhom tal-elementi tal-irbit standard minħabba li l-importazzjonijiet Ċiniżi eżerċitaw pressjoni fuq il-prezzijiet fis-suq tal-Unjoni. Minnu nnifsu, dan huwa prova tad-dannu materjali mġarrab mill-industrija tal-Unjoni. Għalhekk, din l-allegazzjoni ġiet miċħuda.

([86]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/278.

(553) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonfermat is-sejbiet tagħha li l-industrija tal-Unjoni kienet tipproduċi elementi tal-irbit kemm standard kif ukoll mhux standard u li kellha kapaċitajiet kbar ta' riżerva sabiex iżżid il-produzzjoni taż-żewġ tipi ta' elementi tal-irbit.

(554) Il-Kummissjoni qieset ukoll li aktar minn nofs il-elementi tal-irbit importati mill-importaturi li kkooperaw matul il-perjodu ta' investigazzjoni kienu ġejjin minn sorsi oħrajn li mhumiex iċ-Ċina, bħat-Tajwan, il-Vjetnam u t-Turkija kif ukoll pajjiżi terzi oħrajn. Is-sehem ta' dawn l-importazzjonijiet mill-importazzjonijiet totali lejn l-Unjoni kien sostanzjali matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. L-EFDA qalet li l-produtturi esportaturi f'dawn il-pajjiżi terzi ma jkollhomx biżżejjed kapaċità sabiex jissostitwixxu l-importazzjonijiet miċ-Ċina jew saħansitra jżidu parzjalment il-volumi tal-importazzjoni tagħhom lejn l-Unjoni. Madankollu, l-informazzjoni pprovduta mill-EFDA f'dan ir-rigward ma tqisitx bħala rappreżentattiva u ma kinitx verifikabbli. Bħal hawn fuq, din kienet tikkonċerna korrispondenza ma' kumpaniji individwali li mhux neċessarjament jirrappreżentaw is-sitwazzjoni ta' produtturi esportaturi oħrajn f'dawk il-pajjiżi. Għalhekk, dawn l-allegazzjonijiet ġew miċħudin.

(555) Wara d-divulgazzjoni finali, l-EFDA tenniet li l-importazzjonijiet ta' elementi tal-irbit minn pajjiżi terzi oħra mhux se jkunu biżżejjed sabiex jissostitwixxu l-importazzjonijiet miċ-Ċina. B'mod partikolari, is-sejbiet tal-Kummissjoni fil-premessa (554), li l-parti l-kbira tal-importazzjonijiet tal-elementi tal-irbit kienu minn pajjiżi terzi oħrajn jikkonfermaw li ma hemm l-ebda kapaċità ta' riżerva oħra disponibbli f'dawk is-swieq. L-EFDA qalet ukoll li minħabba restrizzjonijiet fuq l-importazzjoni fl-Istati Uniti għall-elementi tal-irbit Ċiniżi, li ilhom fis-seħħ mill-2018, ix-xerrejja fl-Istati Uniti kienu qed iduru dejjem aktar għal fornituri f'pajjiżi terzi oħrajn u, għalhekk, parti kbira minn dawn il-kapaċitajiet jintbagħtu lejn l-Istati Uniti. Dan ikun appoġġat ukoll mill-istatistika tal-importazzjonijiet li turi tnaqqis sinifikanti fl-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn lejn l-Unjoni mill-2018, filwaqt li l-importazzjonijiet minn dawn il-pajjiżi żdiedu b'mod sinifikanti lejn l-Istati Uniti matul l-istess perjodu.

(556) Bħal hawn fuq, l-EFDA allegat li l-Kummissjoni injorat l-informazzjoni pprovduta dwar in-nuqqas ta' provvista minn pajjiżi terzi mingħajr ma tat raġuni suffiċjenti għat-tali rifjut.

(557) Il-Kummissjoni tirreferi għall-premessa (554) li turi li l-importazzjonijiet miċ-Ċina kienu jirrappreżentaw anqas minn nofs l-elementi tal-irbit importati fl-Unjoni. Fi kliem ieħor, il-kapaċità ta' riżerva disponibbli fl-Unjoni kif ukoll l-eżistenza ta' sorsi oħrajn ta' provvista f'pajjiżi terzi oħrajn, ma jindikawx nuqqas possibbli ta' provvista, jekk jiġu adottati miżuri kontra l-elementi tal-irbit miċ-Ċina. Għalhekk, din l-allegazzjoni ġiet miċħuda. Il-fatt li l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn naqsu b'mod ġenerali matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni ma jistax jitqies bħala prova li l-kapaċitajiet ta' riżerva f'dawn il-pajjiżi ma kinux biżżejjed. Il-Kummissjoni qieset li l-pressjoni fuq il-prezzijiet tal-importazzjonijiet Ċiniżi bi prezzijiet baxxi li kkawżaw livelli ta' prezzijiet baxxi b'mod mhux sostenibbli fis-suq tal-Unjoni, għamlet swieq oħrajn aktar attraenti għal dawk l-importazzjonijiet; speċjalment l-Istati Uniti li kellhom volumi ta' importazzjonijiet ferm aktar baxxi miċ-Ċina u, għalhekk, ma kinux affettwati minn prattika kummerċjali inġusta miċ-Ċina. Kif spjegat fil-premessa (554), l-evidenza pprovduta mill-EFDA f'dan ir-rigward ma tqisitx rappreżentattiva u ma kinitx verifikabbli. Kif muri aktar 'il fuq, l-informazzjoni kienet relatata mal-perjodu wara l-PI u fil-biċċa l-kbira kienet tindika problemi ta' konsenja relatati mal-kriżi tat-trasport marittimu u mal-pandemija tal-COVID-19, aktar milli n-nuqqas ta' kapaċitajiet ta' riżerva bħala tali u lanqas ma kienet tindika jekk dawn il-problemi kinux ta' natura strutturali.

(558) L-EFDA asseriet li, f'konformità mal-Artikolu 9(4) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni kellha obbligu li tiddetermina b'mod pożittiv li "jkun meħtieġ, fl-interess tal-Unjoni, intervent f'konformità mal-Artikolu 21" u, għalhekk, kien imissha ssuġġeriet lill-partijiet interessati x'tip ta' evidenza kienet titqies bħala rappreżentattiva u verifikabbli. L-EFDA kkontestat l-obbligu tagħha li tiġbor informazzjoni u *data* li jappartjenu għas-suq kollu tal-Unjoni u l-Kummissjoni kienet libera li tivverifika l-informazzjoni pprovduta mill-EFDA. F'dan il-kuntest, l-EFDA tenniet ukoll li ma kinitx tqis li l-informazzjoni pprovduta mill-produttur tal-Unjoni fil-kampjun bħala rappreżentattiva biżżejjed.

(559) In-Notifika li tat bidu għal din l-investigazzjoni stiednet lill-partijiet interessati kollha jipparteċipaw fl-investigazzjoni, u jipprovdu lill-Kummissjoni bl-informazzjoni indikata fin-Notifika ta' bidu. Dan jgħodd ukoll għall-importaturi u għall-utenti. Filwaqt li 28 importatur ippreżentaw irwieħhom, l-ebda utent ma kkoopera u pprovda xi informazzjoni. Il-kwestjonarji indikaw f'dettall kbir liema informazzjoni hija neċessarja u liema prova dokumentarja jenħtieġ li tiġi sottomessa. Il-kwestjonarji huma essenzjali sabiex il-Kummissjoni tiġbor l-informazzjoni neċessarja u l-partijiet interessati kollha jingħataw l-opportunità li jipprovdu lill-Kummissjoni b'din l-informazzjoni. Il-Kummissjoni bbażat is-sejbiet tagħha fir-rigward tal-importaturi fuq it-tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarju. Ma waslet l-ebda tweġiba għall-kwestjonarju għal xi utent fl-Unjoni u s-sejbiet fir-rigward ta' dan il-grupp ta' partijiet interessati kellhom jiġu stabbiliti fuq il-fatti disponibbli f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament

bażiku. Bl-istess mod, is-sejbiet fir-rigward tal-aspetti tad-dannu kienu bbażati fuq l-informazzjoni mitluba u pprovduta mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun u mill-ilmentatur. B'mod partikolari, il-Kummissjoni kienet intitolata tagħżel kampjun rappreżentattiv ta' produtturi tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku. L-ebda wieħed mill-kummenti riċevuti mill-EFDA dwar il-kampjun ma ddevalwa l-konklużjoni li kien rappreżentattiv għall-industrija tal-Unjoni, kif stabbilit fid-dettall fil-premessi minn (26) sa (56).

(560) Il-partijiet interessati li ma jkunux lesti li jimlew kwestjonarju għandhom id-dritt li xorta waħda jipprovdu kwalunkwe informazzjoni lill-Kummissjoni li huma jqisu importanti. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tinnota li, in-Notifika ta' Bidu indikat ukoll li l-informazzjoni ppreżentata skont l-Artikolu 21 se titqies biss jekk tkun sostnuta minn evidenza fattwali fil-mument tas-sottomissjoni. Fl-investigazzjoni attwali, il-Kummissjoni analizzat kif xieraq l-informazzjoni u l-evidenza sottomessi u, b'ħekk, qieset kif xieraq l-informazzjoni kollha miġbura u pprovduta mill-partijiet interessati f'dan il-proċediment; b'mod partikolari, il-Kummissjoni fittxet u vverifikat l-informazzjoni kollha li qieset neċessarja għad-determinazzjoni tad-dumping, tad-dannu li rriżulta u tal-interess tal-Unjoni kif diġà spjegat fil-premessa (91) u, għalhekk, l-allegazzjonijiet tal-EFDA f'dan ir-rigward ġew miċħudin.

(561) Fir-rigward tal-allegazzjonijiet fir-rigward ta' tnaqqis dinji fil-produzzjoni minħabba l-pandemija tal-COVID-19, il-Kummissjoni tinnota li l-importazzjonijiet żdiedu b'mod sinifikanti wara l-bidu tal-investigazzjoni kurrenti, kif stabbilit fir-Regolament tar-reġistrazzjoni. Fuq il-bażi tad-*data* statistika tal-Eurostat, din iż-żieda kompliet ([87]). Għalhekk, l-argumenti li saru f'dan ir-rigward ġew miċħudin.

(562) Fir-rigward tal-kriżijiet tat-trasport marittimu u tal-interruzzjoni tal-ktajjen tal-provvista osservati wara l-perjodu ta' investigazzjoni, inkluża l-materja prima, il-Kummissjoni tinnota li din is-sitwazzjoni ma kinitx ta' natura strutturali iżda hija mistennija li tkun temporanja. Għalhekk, huwa mistenni li s-sitwazzjoni tirpilja fl-2022, wara l-impożizzjoni ta' miżuri definittivi fl-investigazzjoni kurrenti. Tabilħaqq, l-istatistiki kummerċjali ġenerali juru tkabbir rapidu tal-importazzjonijiet b'mod ġenerali matul l-2021 ([88]), inkluż tkabbir fl-importazzjonijiet tal-materja prima (33 %), fl-ewwel tmien xhur tal-2021, meta mqabbla mal-istess perjodu fl-2020. Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li l-kriżijiet attwali tat-trasport marittimu u l-interruzzjoni tal-ktajjen tal-provvista mhumiex biżżejjed sabiex ma jiġux imposti dazji f'termini tal-interess tal-Unjoni. B'mod partikolari, id-dazji huma imposti għal perjodu ta' ħames snin, filwaqt li eżenzjoni mis-sitwazzjoni attwali diġà tista' sseħħ fit-tieni nofs tal-2022, jiġifieri ftit wara l-impożizzjoni tal-miżuri. Fid-dawl ta' dan, l-allegazzjonijiet li saru f'dan ir-rigward ġew miċħudin.

(563) Wara d-divulgazzjoni finali, l-ECAP enfasizza t-termini mtawlin għall-konsenji minħabba l-kriżi tat-trasport marittimu u ż-żieda fil-kost tat-trasport bil-baħar. L-ECAP indika wkoll in-nuqqas ta' provvista ta' materja prima tal-kostruzzjoni b'mod ġenerali fl-Unjoni u ż-żieda sostanzjali fil-kostijiet tal-materja prima fis-settur tal-kostruzzjoni li kienet qed taffettwa ħażin lill-kumpaniji tal-kostruzzjoni. Is-sitwazzjoni tkun iggravata jekk jiġu imposti dazji anti-dumping u, min-naħa tagħhom, dawn ikollhom impatt negattiv sinifikanti fuq l-ilħuq tal-għanijiet tal-Patt Ekoloġiku peress li l-istrutturi tal-injam tal-konkrit u l-injam jużaw materjali tal-bini organiċi (injam) u, b'ħekk, jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-karbonju. L-ECAP innota s-suq li qed jikber għall-kostruzzjoni bl-injam sabiex tinkiseb akkomodazzjoni ambjentalment sostenibbli u enfasizza l-kollaborazzjoni tas-settur tal-għamara tal-injam mal-istituti tar-riċerka sabiex jittejjeb u jiżdied l-injam prodott b'mod sostenibbli.

(564) Kif imsemmi fil-premessa (562), il-Kummissjoni qieset li l-kriżijiet tat-trasport marittimu u l-interruzzjoni tal-ktajjen tal-provvista osservati wara l-perjodu ta' investigazzjoni, inkluża l-materja prima, ma kinux ta' natura strutturali iżda mistennijin li jkunu temporanji. L-ebda wieħed mill-argumenti mressqin mill-ECAP ma seta' jnaqqas il-valur ta' dawn is-sejbiet. Barra minn hekk, kif stabbilit fil-premessa (525), l-impatt mistenni tad-dazji ma kienx sostanzjali f'xi wieħed mis-setturi downstream, inkluż is-settur tal-kostruzzjoni, minħabba li l-kost tal-qfieli fil-kost globali ta' dawn l-industriji kien ġeneralment baxx. L-ebda utent fis-settur tal-kostruzzjoni ma kkoopera matul l-investigazzjoni billi pprovda informazzjoni dwar il-kostijiet globali tiegħu u r-rappreżentazzjoni tal-elementi tal-irbit fil-kost tagħhom. L-argumenti mressqin mill-ECAP dwar is-settur tal-kostruzzjoni ma kinux speċifikament limitati għall-elementi tal-irbit iżda kienu jirreferu għall-provvista ġenerali tal-materja prima. Għalhekk, il-pretensjonijiet magħmulin mill-ECAP f'dan ir-rigward ġew miċħudin.

([87]) *Data* disponibbli sa Lulju 2021

([88]) Sors Eurostat: https://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2013/december/tradoc_151969.pdf

7.6. **Bdil tal-forniturі**

(565) Bosta partijiet interessati qalu li l-importaturi ma jkunux jistgħu jbiddlu l-forniturі faċilment minħabba r-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar minħabba l-pandemija tal-COVID-19, filwaqt li hemm bżonn ta' approvazzjoni tal-manifattur mill-klijent li tkun teħtieġ verifika tal-proċessi tal-produzzjoni fil-fabbrika tal-fornitur f'pajjiż terz. Fi kwalunkwe każ, bidla fil-fornitur tkun għalja. L-EFDA semmiet speċifikament il-każ għall-elementi tal-irbit użati fis-settur ferrovjarju.

(566) Ma ġietx ippreżentata evidenza oħra f'dan ir-rigward. Kif imsemmi aktar 'il fuq, aktar minn nofs l-importazzjonijiet tal-importaturi li kkooperaw kienu jsiru minn forniturі minn pajjiżi terzi oħrajn, li ma jinkludux iċ-Ċina. Barra minn hekk, l-allegazzjoni li l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx jew ma kinitx lesta li tipprovdi elementi tal-irbit lil klijenti ġodda ma ġietx ikkonfermata matul l-investigazzjoni. Fl-aħħar nett, il-miżuri anti-dumping ma għandhomx l-għan li jipprojbixxu l-aċċess tal-importazzjonijiet Ċiniżi għas-suq tal-Unjoni, iżda l-għan tagħhom huwa biss li jirrestawraw il-kundizzjonijiet ekwi. Kif imsemmi aktar 'il fuq, anki li kieku l-importaturi kellhom jassorbu kompletament id-dazju anti-dumping, in-negozji tagħhom xorta jibqgħu fil-biċċa l-kbira f'livelli profittabbli. Bl-istess mod, ġie stabbilit li l-kost tal-elementi tal-irbit fil-kost totali tal-produzzjoni tal-utenti mhuwiex sinifikanti u ż-żidiet fil-prezzijiet tal-importazzjonijiet jistgħu jingħaddew lill-klijenti finali. Għalhekk, dawn l-allegazzjonijiet ġew miċħudin.

(567) Wara d-divulgazzjoni, bosta partijiet interessati li kienu qed jimportaw viti tal-injam strutturali miċ-Ċina tennew li ma kinux se jkunu jistgħu jbiddlu l-forniturі fuq il-bażi tar-rabtiet mill-qrib magħhom stabbiliti matul iż-żmien. Dawn il-partijiet argumentaw li, peress li l-ordnijiet huma soġġetti għal ftehimiet ta' produzzjoni, li fihom speċifikazzjonijiet tekniċi preċiżi, il-produttur jeħtieġu taħriġ speċifiku kif ukoll makkinarji u għodod speċifiċi u jridu jiġu awditjati sabiex tinżamm iċ-ċertifikazzjoni tal-prodott. Huma nnotaw li l-importaturi ta' viti tal-injam strutturali ma kinux sempliċement distributuri iżda kellhom dipartimenti speċjalizzati għall-iżvilupp tal-prodotti interni u kienu qed jaħdmu mill-qrib mal-manifatturi ta' viti tal-injam sabiex jissodisfaw l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi meħtieġa bl-għan li tinkiseb iċ-ċertifikazzjoni tal-prodott fl-Unjoni. Għalhekk, bidla fil-forniturі tkun diffiċli ħafna u għal xi proġetti saħansitra impossibbli.

(568) Dawn il-partijiet ma pprovdew l-ebda evidenza li turi r-relazzjoni speċjali allegata mal-forniturі, jew kwalunkwe kuntratt jew ftehim ta' produzzjoni speċifiku. Barra minn hekk, ma kien hemm l-ebda evidenza pprovduta li l-kumpaniji kellhom dipartimenti interni għall-iżvilupp tal-prodotti. Kif indikat fil-premessa (539), l-investigazzjoni ma kkonfermatx id-dikjarazzjoni li l-industrija tal-Unjoni ma kinitx kapaċi jew ma kinitx lesta li tforni dan it-tip ta' prodott speċifiku lill-klijenti fl-Unjoni. Kif imsemmi wkoll fil-premessa (566), il-miżuri anti-dumping ma għandhomx l-għan li jipprojbixxu l-aċċess tal-importazzjonijiet Ċiniżi għas-suq tal-Unjoni, iżda l-għan tagħhom huwa biss li jirrestawraw il-kundizzjonijiet ekwi. Barra minn hekk, kif stabbilit fil-premessi (505) u (529), l-impatt tal-miżuri anti-dumping fuq is-sitwazzjoni finanzjarja tal-importaturi u tal-utenti mhuwiex mistenni li jkun sinifikanti u ż-żidiet fil-prezzijiet tal-importazzjonijiet huma mistennijin li tal-anqas parzjalment jingħaddu lill-klijenti finali. Għalhekk, dawn l-allegazzjonijiet ġew miċħudin.

7.7. **Oħrajn**

(569) L-EFDA enfasizzat li l-elementi tal-irbit jintużaw f'ħafna applikazzjonijiet differenti. Filwaqt li s-sehem tal-kost fil-proċess tal-produzzjoni tal-utenti individwali mhux dejjem ikun sinifikanti u l-impatt fuq kumpaniji individwali mhux dejjem ikun sostanzjali, l-EFDA argumentat li, għalhekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta l-effetti kkombinati tad-dazji fuq l-ekonomija tal-Unjoni kollha kemm hi. It-telf imġarrab minn diversi kumpaniji li jużaw elementi tal-irbit fil-proċess tal-produzzjoni tagħhom jenħtieġ li jitqies fuq bażi aggregata.

(570) L-investigazzjoni żvelat li l-impatt tad-dazji fuq l-utenti b'mod ġenerali mhuwiex mistenni li jkun sinifikanti, peress li s-sehem tal-elementi tal-irbit fil-proċess tal-produzzjoni huwa baxx ħafna. Dan il-fatt huwa rikonoxxut ukoll mill-EFDA. Għalhekk, din l-allegazzjoni ġiet miċħuda.

(571) Wara d-divulgazzjoni finali, l-utent tal-pole screws imsemmi fil-premessi (159) u (160) argumenta li l-Kummissjoni ma indirizzatx il-pretensjoni tiegħu li l-batteriji industrijali prodotti minnu jintużaw għall-ħżin tal-enerġija f'infrastrutturi kritiċi bħaċ-ċentri tad-*data* u l-isptarijiet. Wara d-divulgazzjoni finali, l-utent asserixxa wkoll li hemm interess enormi tal-konsumaturi fl-Unjoni li jserrħu fuq il-funzjonament sigur tal-isptarijiet u taċ-ċentri tad-*data* permezz ta' provvista affidabbli tal-enerġija, b'mod partikolari matul il-pandemija tal-COVID-19 meta l-isptarijiet jeħtieġu li jiddependu wkoll fuq il-provvista tal-elettriku ta' emerġenza u meta t-traffiku tad-*data* żdied b'mod sinifikanti permezz tal-bidla għall-uffiċċju domestiku. Din il-parti qalet li l-Kummissjoni ma qisitx dawn l-aspetti fl-analiżi tal-interess tal-Unjoni.

(572) Il-Kummissjoni tinnota li ma saret l-ebda dikjarazzjoni bħal din qabel id-divulgazzjoni finali meta l-utent inkwistjoni sempliċiment spjega x'kienu l-applikazzjonijiet tal-pole screws u f'liema industriji kienu jintużaw. Kif imsemmi aktar 'il fuq, l-investigazzjoni żvelat li l-impatt tad-dazji fuq l-utenti b'mod ġenerali mhuwiex mistenni li jkun sinifikanti, peress li s-sehem tal-elementi tal-irbit fil-proċess tal-produzzjoni huwa baxx ħafna. L-utent tal-pole screws ma pprovda l-ebda informazzjoni dwar il-kostijiet tal-produzzjoni tiegħu, il-kost tal-pole screws fil-kostijiet globali, il-profittabilità tiegħu jew l-impatt mistenni ta' kwalunkwe żieda fil-kost fuq il-profittabilità. Għalhekk, ma kien hemm l-ebda evidenza disponibbli li d-dazji se jkollhom impatt negattiv sinifikanti fuq dan l-utent u din l-allegazzjoni ġiet miċħuda.

(573) Wara d-divulgazzjoni finali, il-Missjoni tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għall-Unjoni Ewropea qalet li, wara l-impożizzjoni tal-miżuri anti-dumping fuq l-importazzjonijiet tal-elementi tal-irbit fl-2009 ([89]), l-importazzjonijiet miċ-Ċina ġew sempliċiment issostitwiti minn importazzjonijiet mit-Tajwan u mill-Vjetnam. L-industrija tal-Unjoni ma biddlitx l-istruttura tagħha u, għalhekk, il-Missjoni tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għall-Unjoni Ewropea kkonkludiet li d-dazji ma kienu ta' ebda benefiċċju għall-industrija tal-Unjoni f'dak iż-żmien, filwaqt li kellhom effett detrimentali fuq l-industriji downstream. L-ebda waħda mid-dikjarazzjonijiet ma kienet appoġġata minn xi evidenza. L-informazzjoni fil-fajl ukoll ma kkonfermatx dawn l-allegazzjonijiet li, għalhekk, ġew miċħudin.

7.8. **Konklużjoni dwar l-interess tal-Unjoni**

(574) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li ma kienx hemm raġunijiet konvinċenti li ma kienx fl-interess tal-Unjoni li timponi miżuri fuq l-importazzjonijiet ta' elementi tal-irbit li joriġinaw miċ-Ċina.

7.9. **Offerti għal impenn fuq il-prezz**

(575) Wara d-divulgazzjoni finali, sal-iskadenza speċifikata fl-Artikolu 8(2) tar-Regolament bażiku, sitt produtturi esportaturi ssottomettew offerta għal impenn fuq il-prezz:

— Wenzhou Junhao Industry Co., Ltd

— Jiangsu Yongyi Fastener Co. Ltd.

— Zhejiang Excellent Industries Co. Ltd. ("Zhejiang")

— Yuyao Alfirste Hardware Co., Ltd. ("Yuyao Alfirste")

— Celo Suzhou Precision Fasteners Co. Ltd

— Shanghai Chaen Chia Fasteners Co., Ltd. ("Chaen Chia")

(576) Skont l-Artikolu 8 tar-Regolament anti-dumping bażiku, l-offerti għal impenn fuq il-prezz iridu jkunu adegwati sabiex jeliminaw l-effett dannuż tad-dumping u l-aċċettazzjoni tagħhom ma tistax titqies bħala imprattika. Il-Kummissjoni vvalutat l-offerti fid-dawl ta' dawn il-kriterji u qieset li l-aċċettazzjoni tagħhom ma tkunx prattika għar-raġunijiet prevalenti li ġejjin.

(577) L-ewwel nett, hemm madwar 100 produttur esportatur involuti f'dan il-proċediment. In-numru tal-produtturi esportaturi attwali u potenzjali tqies li kien kbir wisq sabiex ikun prattikabbli, billi jwassal sabiex ikun ferm diffiċli li jiġi mmonitorjat kwalunkwe tip ta' impenn fuq il-prezz.

(578) It-tieni, il-prodott ikkonċernat huwa varjabbli ħafna fin-natura tiegħu. Jikkonsisti f'aktar minn 100 PCN u huwa kklassifikat taħt mhux anqas minn 10 kodiċijiet NM, u, b'ħekk, l-istabbiliment u l-monitoraġġ tal-prezz minimu tal-importazzjonijiet ("MIP") ġeneralment ma jkunux prattikabbli. It-tipi tal-prodott esportati lejn l-Unjoni jvarjaw b'mod sinifikanti fil-prezzijiet u ma jistgħux jintgħarfu faċilment minn xulxin permezz ta' spezzjoni fiżika. B'mod partikolari, effettivament, elementi b'impatt għoli fuq il-prezz bħas-saħħa ma jintgħarfux bi spezzjoni fiżika waħedha. Minħajr analiżi dettaljata fil-laboratorju u bl-użu ta' metodi distruttivi, l-awtoritajiet doganali ma jkunux jistgħu jiddeterminaw jekk il-prodott importat jikkorrispondix ma' dak li jiġi ddikjarat, li jkun qed idgħajjef l-infurzabbiltà ta' impenn potenzjali, u jagħmilha imprattikabbli skont it-tifsira tal-Artikolu 8 tar-Regolament bażiku.

([89]) Ir-Regolament (KE) Nru 91/2009.

(579) It-tielet, in-numru għoli ta' tipi tal-prodott jinvolvi riskju għoli ta' kumpens inkroċjat fost it-tipi differenti tal-prodott, b'tipi tal-prodott aktar għaljin li possibbilment jiġu ddikjarati ħażin bħala tipi tal-prodott orħos soġġetti għall-impenn huma wkoll. Dan irendi kwalunkwe impenn mhux infurzabbli u, għalhekk, mhux prattiku, skont it-tifsira tal-Artikolu 8 tar-Regolament bażiku.

(580) Ir-raba', xi kumpaniji għandhom ukoll numru ta' kumpaniji relatati involuti direttament fil-produzzjoni jew fil-bejgħ tal-prodott li qed jiġi investigat u parti mill-fatturat ta' xi kumpaniji fl-UE huma prodotti oħrajn li mhumiex il-prodott ikkonċernat. Tali struttura ta' kumpaniji u l-fatturat tagħhom jimplika riskju għoli ta' kumpens inkroċjat. Il-Kummissjoni ma tkunx tista' tissorvelja u tiżgura l-konformità mal-impenn. Waħdu, dan jagħmel l-offerti mhux prattiċi. F'dan ir-rigward, l-istandard tal-Artikolu 8 tar-Regolament bażiku lanqas mhuwa ssodisfat.

(581) Il-Kummissjoni bagħtet ittra lis-sitt applikanti kollha, fejn spjegat ir-raġunijiet ta' hawn fuq għaċ-ċaħda tal-offerti għal impenn tagħhom. Ħames applikanti ssottomettew kummenti dwarhom. Dawn il-kummenti tqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-partijiet interessati fil-fajl tal-każ.

(582) Celo Suzhou tenniet it-talba tagħha sabiex il-Kummissjoni tirrieżamina l-MPIs offruti, kif ukoll il-karattru mhux dannuż tal-offerta ta' Celo Suzhou. L-ewwel, hija qalet li l-Kummissjoni ma tistax tirrifjuta l-offerta ta' impenn tagħha fuq il-bażi li l-kumpanija ma ġietx investigata matul il-proċedura kurrenti, peress li xejn fir-Regolament anti-dumping bażiku ma jimplika li huwa neċessarju eżami individwali sabiex tiġi aċċettata offerta għal impenn. L-Artikolu 8 tar-Regolament anti-dumping bażiku jistabbilixxi li l-uniku rekwiżit sabiex jiġi aċċettat impenn huwa li l-effett dannuż tad-dumping jiġi eliminat, li Celo Suzhou żgurat. It-tieni, Celo Suzhou qalet li l-Kummissjoni naqset milli teżamina l-prezzijiet offruti, li evita r-riskju ta' kumpens inkroċjat, minħabba li l-MIPs kollha offruti żguraw il-livell tal-prezz mhux dannuż u kienu fil-livell frank mill-fabbrika, li jfisser li dawn il-prezzijiet se jkunu saħansitra ogħla malli jidħlu fl-Unjoni. It-tielet, Celo Suzhou qalet li l-Kummissjoni naqset milli teżamina l-kundizzjonijiet offruti minn Celo Suzhou sabiex ittaffi kwalunkwe riskju ta' kumpens inkroċjat fir-rigward tal-kumpaniji relatati tagħha, kif ukoll milli tnaqqas il-kostijiet ta' monitoraġġ assoċjati, peress li l-parti offriet li tibdel il-mod li bih topera bħalissa, li qies it-tħassib tal-Kummissjoni dwar il-kostijiet ta' monitoraġġ, il-kumpens inkroċjat u r-riskji ta' ċirkomvenzjoni. Ir-raba', Celo Suzhou qalet li l-Kummissjoni injorat ir-rieda tagħha li timmodifika u tadatta t-termini tal-impenn tagħha għall-aspettattivi tal-Kummissjoni, kif ukoll l-evidenza kollha disponibbli (fuq il-bażi tal-ittra tal-EIFI sottomessa lill-Kummissjoni) li tissuġġerixxi li l-impenn ta' Celo Suzhou ma jistax joħloq dannu għall-industrija tal-Unjoni.

(583) Chaen Chia qalet li m'hemmx numru kbir ta' tipi differenti tal-prodott fl-offerta għal impenn tagħha, peress li l-unika differenza bejn it-tipi tal-prodott offruti hija t-tul, li ma għandu l-ebda impatt fuq il-kalkolu tal-prezz unitarju għal kull kilogramma, u jista' jiġi distint faċilment permezz ta' spezzjoni fiżika. Imbagħad, Chaen Chia qalet li l-klijenti tagħha jimportaw taħt il-kodiċijiet TARIC speċifiċi, u għalhekk m'hemm l-ebda riskju ta' kumpens inkroċjat. Barra minn hekk, kull pakkett ta' prodotti ta' Chaen Chia esportat lejn l-Unjoni jrid jippreżenta ċ-ċertifikazzjoni unika tal-Valutazzjoni Teknika Ewropea, li tiżgura l-karatteristiċi essenzjali tal-prestazzjoni tal-prodotti tagħha, li tagħmilha faċli għall-awtoritajiet doganali fl-Unjoni sabiex jiżguraw li ma jkun hemm l-ebda ċirkomvenzjoni jew kumpens inkroċjat. Fl-aħħar nett, il-fatturat ta' Chaen Chia fl-Unjoni jikkonċerna biss il-prodott taħt investigazzjoni.

(584) Wenzhou ma qablitx mal-konklużjoni tal-Kummissjoni dwar ir-riskju ta' kumpens inkroċjat fl-offerta għal impenn tagħha, peress li hija kienet toffri għall-esportazzjoni biss ċerti tipi tal-prodott biss li huma kklassifikati taħt anqas minn 10 kodiċijiet NM li jkopru l-prodott sħiħ taħt investigazzjoni. Barra minn hekk, il-kalkolu tal-MIP offrut kien jinkludi l-prezz ta' referenza tal-materja prima użata għall-kalkolu tal-MIP għall-ewwel trimestru, li kien għadu mhux magħruf, peress li l-investigazzjoni kienet għadha għaddejja, u b'hekk ma ġiex ikkalkolat MIP konkret fl-offerta għal impenn. Barra minn hekk, il-metodu ta' kalkolu tal-MIP kien ibbażat fuq il-metodu tal-kalkolu ta' valur normali, li kien adegwat sabiex jelimina l-effett dannuż tad-dumping. Wenzhou qalet li r-raġunijiet rigward kumpaniji relatati u esportazzjonijiet ta' prodotti mhux tal-prodott ikkonċernati mhumiex ġustifikati għaċ-ċaħda tal-offerta għal impenn, peress li l-kumpaniji relatati tagħha jipproċessaw għal xi stadji tal-produzzjoni u ma jbigħux elementi tal-irbit lill-Unjoni u l-fatturat ta' Wenzhou ma jinkludi kważi l-ebda bejgħ ta' prodotti għajr il-prodott taħt investigazzjoni.

(585) Yuyao Alfirste qalet li l-kalkolu tal-MIP offrut ippropona li tintuża d-*data* medja ponderata tat-tliet esportaturi fil-kampjun sabiex jiġi kkalkolat, u b'hekk kien adegwat sabiex jiġi eliminat l-effett dannuż tad-dumping. Il-parti oġġezzjonat ukoll għall-konklużjoni tar-riskju ta' kumpens inkroċjat ikkawżat minn tipi differenti tal-prodott, peress li l-ispeċifikazzjonijiet tal-prodotti (bħall-klassi tas-saħħa) jistgħu jiġu indikati fuq id-dokumenti tal-esportazzjoni (fatturi, kuntratti, eċċ.) u t-tipi tal-prodott esportati minn Yuyao Alfirste mhumiex ikklassifikati taħt

il-kodiċijiet NM kollha li jkopru l-prodott taħt investigazzjoni. Fl-aħħar nett, ir-raġunijiet rigward kumpaniji relatati u esportazzjonijiet mhux tal-prodott ikkonċernat mhumiex ġustifikati għaċ-ċaħda tal-offerta għal impenn, minħabba li Yuyao Alfirste se ssegwi strettament ir-rekwiżit li ma tbigħx xi tip ieħor ta' prodotti manifatturati jew kummerċjalizzati minnha lill-istess klijent li lilu tbigħ il-prodott kopert mill-impenn u l-mekkaniżmu ta' monitoraġġ tal-impenn mill-Kummissjoni huwa effettiv biżżejjed.

(586) Zhejiang qalet li l-kalkolu tal-MIP offrut kien jinkludi l-prezz ta' referenza tal-materja prima użata għall-kalkolu tal-MIP għall-ewwel trimestru, li kien għadu mhux magħruf, peress li l-investigazzjoni kienet għadha għaddejja, u b'hekk ma ġiex ikkalkolat MIP konkret fl-offerta għal impenn. Barra minn hekk, il-metodu ta' kalkolu tal-MIP kien ibbażat fuq il-metodu tal-kalkolu ta' valur normali, li huwa adegwat sabiex jelimina l-effett dannuż tad-dumping. Il-parti oġġezzjonat ukoll għall-konklużjoni tar-riskju ta' kumpens inkroċjat ikkawżat minn tipi differenti tal-prodott, peress li l-ispeċifikazzjonijiet tal-prodotti (bħall-klassi tas-saħħa) jistgħu jiġu indikati fuq id-dokumenti tal-esportazzjoni (fatturi, kuntratti, eċċ.) u t-tipi tal-prodott esportati minn Zhejiang mhumiex ikklassifikati taħt il-kodiċijiet NM kollha li jkopru l-prodott taħt investigazzjoni. Fl-aħħar nett, ir-raġunijiet rigward kumpaniji relatati u esportazzjonijiet mhux tal-prodott ikkonċernat mhumiex ġustifikati għaċ-ċaħda tal-offerta għal impenn, minħabba li Zhejiang ma għandhiex kumpaniji relatati, se ssegwi strettament ir-rekwiżit li ma tbigħx xi tip ieħor ta' prodotti manifatturati jew kummerċjalizzati minnha lill-istess klijent li lilu tbigħ il-prodott kopert mill-impenn u l-mekkaniżmu ta' monitoraġġ tal-impenn mill-Kummissjoni huwa effettiv biżżejjed.

(587) Bi tweġiba għal dawn id-dikjarazzjonijiet, il-Kummissjoni tinnota fir-rigward tal-ispeċifiċità tal-prodott, kif stabbilita hawn fuq, li huwa kkaratterizzat minn numru konsiderevoli ta' tipi tal-prodott, bi prezzijiet differenti b'mod sinifikanti u b'xi karatteristiċi li ma jistgħux jingħarfu faċilment mal-importazzjoni. Anki jekk l-ispeċifikazzjonijiet tal-prodotti jkunu indikati fuq id-dokumenti tal-esportazzjoni jew tipi speċifiċi tal-prodott jiġu importati taħt kodiċijiet TARIC speċifiċi, l-awtoritajiet doganali fl-Istat Membru ma jkunux jistgħu jiddistingwu faċilment tip tal-prodott minn ieħor waqt spezzjoni fiżika. Filwaqt li xi partijiet ikkonċernati qalu li llimitaw it-tipi tal-prodott koperti mill-offerta għal impenn tagħhom, jew jipproduċu biss numru limitat tat-tipi tal-prodott koperti mill-offerta għal impenn, dan xorta jfisser li dawn il-partijiet jistgħu jbigħu jew eventwalment jipproduċu tipi oħrajn tal-prodott taħt l-investigazzjoni minbarra t-tipi inklużi fl-offerta għal impenn tagħhom. Għalhekk, ir-riskju ta' kumpens inkroċjat bejn it-tipi differenti tal-prodotti jibqa' validu għal dawn il-partijiet kollha.

(588) Barra minn hekk, il-varjetà tal-karatteristiċi tal-prodott tagħmilha prattikament impossibbli li jiġu stabbiliti l-prezzijiet minimi għal kull tip tal-prodott li jkun sinifikattiv u li jista' jiġi mmonitorjat kif xieraq mill-Kummissjoni u mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri mal-importazzjoni. Dan huwa appoġġat fl-offerta għal impenn minn produttur esportatur wieħed, li skont din l-ogħla MIP offrut għal tip tal-prodott partikolari kien aktar minn mitt darba ogħla mill-MIP l-aktar baxx offrut. Fl-aħħar nett, anki jekk l-MIPs offruti kienu adegwati sabiex jeliminaw l-effett dannuż tad-dumping, kif stabbilit fil-premessa hawn fuq, ma setgħux jiġu mmonitorjati kif xieraq mill-Kummissjoni minħabba l-varjetà tal-karatteristiċi tal-prodott taħt investigazzjoni, li jimplika r-riskju li dawn il-partijiet jistgħu jbigħu jew eventwalment jipproduċu tipi oħrajn tal-prodott taħt investigazzjoni għajr it-tipi inklużi fl-offerta għal impenn tagħhom.

(589) Fir-rigward tal-istruttura tal-kumpaniji u tal-fatturat tagħhom inklużi prodotti oħrajn għajr il-prodott ikkonċernat, li jimplika riskju għoli ta' kumpens inkroċjat, anki jekk il-partijiet jimpenjaw ruħhom li jsegwu r-rekwiżiti tal-offerta għal impenn jew li jadattaw ix-xejriet tal-bejgħ tagħhom għal kumpanija relatata waħda, jibqa' r-riskju ta' kumpens inkroċjat. Il-Kummissjoni ma tkunx tista' tissorvelja u tiżgura l-konformità mal-impenn tal-bejgħ tal-prodott mhux kopert minn dawn l-impenji. L-istess argument japplika fir-rigward ta' kumpens inkroċjat potenzjali fi ħdan il-grupp ta' kumpaniji. Dan jagħmel l-offerti għal impenn proposti kollha imprattikabbli.

(590) Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni qieset li l-offerti għal impenn ma kinux infurzabbli u, għalhekk, mhux prattiċi skont it-tifsira tal-Artikolu 8 tar-Regolament bażiku, u, għalhekk, ċaħdet l-offerti kollha.

8. **IMPOŻIZZJONI RETROATTIVA TA' MIŻURI ANTI-DUMPING**

(591) Kif iddikjarat fil-premessa (3), il-Kummissjoni għamlet l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li joriġina miċ-Ċina soġġetti għar-reġistrazzjoni permezz tar-Regolament ta' reġistrazzjoni fid-dawl tal-applikazzjoni retroattiva possibbli ta' kwalunkwe miżura anti-dumping skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku.

(592) Skont l-Artikolu 10(4) tar-Regolament bażiku, id-dazji jistgħu jiġu imposti retroattivament fuq prodotti li ddaħħlu għall-konsum mhux aktar minn 90 jum qabel id-data tal-applikazzjoni tal-miżuri proviżorji. Il-Kummissjoni tosserva li, f'dan il-każ, ma ġewx imposti miżuri proviżorji.

(593) Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni tqis li waħda mill-kundizzjonijiet legali taħt l-Artikolu 10(4) tar-Regolament bażiku mhijiex issodisfata u, għalhekk, jenħtieġ li ma jiġux imposti dazji b'mod retroattiv fuq l-importazzjonijiet irreġistrati. Għalhekk, jenħtieġ li titwaqqaf ir-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet.

(594) L-EIFI kkontesta li l-impożizzjoni tal-miżuri proviżorji tkun kundizzjoni legali sabiex jiġu imposti dazji b'mod retroattiv skont l-Artikolu 10(4) tar-Regolament bażiku filwaqt li afferma li dan ma jelenkax tali kundizzjoni speċifikament. L-EIFI rrefera wkoll għall-ġurisprudenza tal-Qorti Ġenerali (T-749/16 Stemcor) u tal-Korp għas-Soluzzjoni tat-Tilwim tad-WTO (US- Hot-Rolled Steel) li allegatament tikkonferma l-fehma tiegħu. Għalhekk, l-EIFI talab li jenħtieġ li l-miżuri anti-dumping definittivi jiġu imposti retroattivament għal perjodu ta' 9 xhur. L-EFDA u żewġ importaturi ma qablux ma' din il-fehma u argumentaw li l-kundizzjonijiet legali għall-impożizzjoni retroattiva tad-dazji ma ġewx issodisfati, peress li ma ġiet imposta l-ebda miżura proviżorja. Importatur minnhom argumenta li ma kellhomx jiġu imposti dazji b'mod retroattiv, peress li dan ikun f'kuntrast mal-prinċipju legali tal-aspettattiva leġittima.

(595) Il-ġurisprudenza tal-Qorti Ġenerali u tad-WTO ċċitata mill-EIFI ma tappoġġax l-interpretazzjoni tiegħu li l-impożizzjoni ta' miżuri proviżorji mhijiex kundizzjoni għall-ġbir retroattiv tad-dazji. Iż-żewġ każijiet huma limitati għall-interpretazzjoni tal-kundizzjonijiet sostantivi meħtieġa għall-ġbir retroattiv tad-dazji stabbiliti rispettivament fl-Artikolu 10(4) tar-Regolament bażiku u fl-Artikolu 10.6 tal-Ftehim Anti-dumping tad-WTO. Is-sitwazzjoni fattwali sottostanti hija differenti wkoll fiż-żewġ każijiet, meta, għall-kuntrarju tal-investigazzjoni kurrenti, ġew imposti dazji proviżorji u, għalhekk, il-kwistjoni tan-nuqqas ta' impożizzjoni ta' miżuri proviżorji ma ġietx indirizzata. Għalhekk, din l-allegazzjoni ġiet miċħuda.

(596) Wara d-divulgazzjoni finali l-EIFI tenna li d-dazji jenħtieġ li jiġu imposti retroattivament, u qal li l-kundizzjonijiet legali kollha skont l-Artikolu 10(4) tar-Regolament bażiku ġew issodisfati u li l-impożizzjoni ta' miżuri proviżorji ma kinitx kriterju skont dak l-istess Artikolu. Ma ġie pprovdut l-ebda argument ieħor b'appoġġ għal din id-dikjarazzjoni li, għalhekk, għar-raġunijiet stabbiliti fil-premessa (595), ġiet miċħuda.

9. **MIŻURI DEFINITTIVI**

(597) Jenħtieġ li jiġu imposti miżuri anti-dumping definittivi fuq l-importazzjonijiet tal-elementi tal-irbit li joriġinaw miċ-Ċina f'konformità mar-regola tad-dazju inferjuri fl-Artikolu 9(4) tar-Regolament bażiku. Jenħtieġ li l-ammont tad-dazju jiġi stabbilit fil-livell tal-aktar marġni baxx tad-dumping u tad-dannu.

(598) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-rati tad-dazju anti-dumping definittiv, espressi bil-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju doganali mhux imħallas, ikunu kif ġejjin:

Kumpanija	Marġni tad-dumping	Marġni tad-dannu	Dazju anti-dumping definittiv
Jiangsu Yongyi Fastener Co., Ltd.	22,1 %	79,0 %	22,1 %
Ningbo Jinding Fastening Piece Co., Ltd.	46,1 %	85,3 %	46,1 %
Wenzhou Junhao Industry Co., Ltd.	48,8 %	125,0 %	48,8 %
Kumpaniji oħra li kkooperaw elenkati fl-Anness	39,6 %	94,0 %	39,6 %
Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	86,5 %	196,9 %	86,5 %

(599) Ir-rati tad-dazju anti-dumping tal-kumpaniji individwali speċifikati f'dan ir-Regolament ġew stabbiliti abbażi tas-sejbiet ta' din l-investigazzjoni. Għalhekk, huma rriflettew is-sitwazzjoni li nstabet matul din l-investigazzjoni fir-rigward ta' dawn il-kumpaniji. Dawn ir-rati ta' dazju huma esklużivament applikabbli għall-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li joriġina fil-pajjiż ikkonċernat u mmanifatturat mill-entitajiet legali msemmija. L-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat immanifatturat minn kwalunkwe kumpanija oħra mhux imsemmija b'mod speċifiku fil-parti operattiva ta' dan ir-Regolament, inklużi entitajiet relatati ma' dawk imsemmija b'mod speċifiku, jenħtieġ li jkunu soġġetti għar-rata tad-dazju applikabbli għall-"kumpaniji l-oħrajn kollha". Dawn ma għandhomx ikunu soġġetti għal xi rata individwali ta' dazju anti-dumping.

(600) Kumpanija tista' titlob l-applikazzjoni ta' dawn ir-rati tad-dazju anti-dumping individwali jekk sussegwentement tibdel l-isem tal-entità tagħha. It-talba trid tkun indirizzata lill-Kummissjoni. It-talba jrid ikun fiha l-informazzjoni rilevanti kollha li turi li l-bidla ma taffettwax id-dritt tal-kumpanija li tibbenefika mir-rata tad-dazju li tapplika għaliha. Jekk il-bidla fl-isem tal-kumpanija ma taffettwax id-dritt tagħha li tibbenefika mir-rata tad-dazju li tapplika għaliha, jiġi ppubblikat regolament dwar il-bidla tal-isem f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(601) Produttur esportatur minnhom talab li jingħata status ta' esportatur ġdid u li ma jiġix ittrattat b'mod differenti mill-kumpaniji li kkooperaw fl-investigazzjoni. Dan il-produttur esportatur argumenta li, għalkemm ma kienx jesporta l-prodott ikkonċernat matul il-PI, beda jesportah ftit wara, jiġifieri f'Lulju 2020.

(602) Billi dan ir-Regolament jipprevedi espliċitament fl-Artikolu 2 il-bażi ġuridika u l-proċedura li għandhom jiġu segwiti sabiex produtturi esportaturi ġodda mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina jiżdiedu mal-Anness ta' dan ir-Regolament, din it-talba ġiet miċħuda bħala prematura.

(603) Jekk l-esportazzjonijiet minn waħda mill-kumpaniji li jibbenefikaw minn rati tad-dazju individwali aktar baxxi jiżdiedu b'mod sinifikanti fil-volum wara l-impożizzjoni tal-miżuri kkonċernati, tali żieda fil-volum tista' titqies bħala waħda li fiha nnifisha tikkostitwixxi bidla fix-xejra tal-kummerċ minħabba l-impożizzjoni ta' miżuri skont it-tifsira tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku. F'tali ċirkostanzi, tista' tinbeda investigazzjoni antiċirkomvenzjoni, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet sabiex din issir. Din l-investigazzjoni tista', fost l-oħrajn, teżamina l-ħtieġa tat-tneħħija ta' rata/rati tad-dazju individwali u l-impożizzjoni konsegwenti ta' dazju għall-pajjiż kollu.

(604) Sabiex jiġi żgurat infurzar xieraq tad-dazji anti-dumping, id-dazju anti-dumping għall-kumpaniji l-oħrajn kollha jenħtieġ li japplika mhux biss għall-produtturi esportaturi li ma kkooperawx f'din l-investigazzjoni, iżda wkoll għall-produtturi li ma kellhomx esportazzjonijiet lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

(605) Sabiex jiġi żgurat trattament ugwali bejn kwalunkwe esportatur ġdid u l-kumpaniji li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun, imsemmijin fl-Anness ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li ssir dispożizzjoni sabiex id-dazju medju ponderat impost fuq dawn il-kumpaniji tal-aħħar jiġi applikat għal kwalunkwe esportatur ġdid li, altrimenti, ikun intitolat għal rieżami skont l-Artikolu 11(4) tar-Regolament bażiku.

9.1. **Klawżola speċjali ta' monitoraġġ**

(606) Sabiex jiġu mminimizzati r-riskji ta' ċirkomvenzjoni minħabba d-differenza kbira fir-rati tad-dazju, huma meħtieġa miżuri speċjali sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni tad-dazji anti-dumping individwali. Il-kumpaniji b'dazji anti-dumping individwali jridu jippreżentaw fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri. Il-fattura trid tikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 1(3) ta' dan ir-Regolament. L-importazzjonijiet li ma jkunux akkumpanjati minn dik il-fattura jenħtieġ li jkunu soġġetti għad-dazju anti-dumping applikabbli għall-"kumpaniji l-oħrajn kollha".

(607) Filwaqt li l-preżentazzjoni ta' din il-fattura hija meħtieġa sabiex l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jkunu jistgħu japplikaw ir-rati tad-dazju anti-dumping individwali fuq l-importazzjonijiet, mhijiex l-uniku element li għandu jitqies mill-awtoritajiet doganali. Tabilħaqq, saħansitra jekk jiġu ppreżentati b'fattura li tissodisfa r-rekwiżiti kollha stabbiliti fl-Artikolu 1(3) ta' dan ir-Regolament, l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jenħtieġ li jwettqu l-kontrolli tas-soltu tagħhom u jenħtieġ li, bħal fil-każijiet l-oħrajn kollha, jitolbu dokumenti addizzjonali (dokumenti tat-tbaħħir, eċċ.) sabiex ikunu jistgħu jivverifikaw l-akkuratezza tad-dettalji li jkun hemm fid-dikjarazzjoni u jiżguraw li l-applikazzjoni sussegwenti tar-rata aktar baxxa tad-dazju tkun ġustifikata, f'konformità mal-liġi doganali.

(608) Jekk l-esportazzjonijiet minn waħda mill-kumpaniji li jibbenefikaw minn rati tad-dazju individwali aktar baxxi jiżdiedu b'mod sinifikanti fil-volum wara l-impożizzjoni tal-miżuri kkonċernati, tali żieda fil-volum tista' titqies bħala waħda li fiha nnifisha tikkostitwixxi bidla fix-xejra tal-kummerċ minħabba l-impożizzjoni ta' miżuri skont it-tifsira tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku. F'tali ċirkostanzi, tista' tinbeda investigazzjoni antiċirkomvenzjoni, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet sabiex din issir. Din l-investigazzjoni tista', fost l-oħrajn, teżamina l-ħtieġa tat-tneħħija ta' rata/rati tad-dazju individwali u l-impożizzjoni konsegwenti ta' dazju għall-pajjiż kollu.

(609) Wara d-divulgazzjoni finali, l-EIFI qal li l-monitoraġġ tal-miżuri kellu jiġi estiż għall-importazzjonijiet kollha tal-prodotturi esportaturi kollha. Il-monitoraġġ ma kellux jinkludi biss il-volumi u l-prezzijiet tal-importazzjonijiet, iżda wkoll il-prodotti esportati lejn l-Unjoni. L-EIFI rrefera għal prattiki ta' ċirkomvenzjoni tal-imgħoddi u għall-firxa wiesgħa ta' dazji applikabbli għall-importazzjonijiet miċ-Ċina b'appoġġ tal-pretensjoni tiegħu.

(610) L-EIFI ma ssostanzjax aktar dak li qal. Il-Kummissjoni tqis li sistema ta' monitoraġġ kif deskritta fil-premessa (608) tiggarantixxi biżżejjed li l-prattiki ta' ċirkomvenzjoni jiġu skoperti fil-ħin sabiex jiġu kontrobilanċjati, jekk ikun xieraq. Għaldaqstant, l-allegazzjoni li saret f'dan ir-rigward ġiet miċħuda.

10. **DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

(611) Fid-dawl tal-Artikolu 109 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([90]), meta jkollu jiġi rrimborżat ammont wara sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, l-imgħax li jkollu jitħallas jenħtieġ li jkun ir-rata applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew għall-operazzjonijiet ta' rifinanzjament tal-kapital tiegħu, kif ippubblikata fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fl-ewwel jum kalendarju ta' kull xahar.

(612) Fis-16 ta' Novembru 2021, il-Kummissjoni informat lill-partijiet interessati kollha dwar il-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li fuq il-bażi tagħhom kien biħsiebha timponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti elementi tal-irbit tal-ħadid jew tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (id-"divulgazzjoni finali"). Il-partijiet kollha ngħataw perjodu li matulu setgħu jikkummentaw dwar id-divulgazzjoni finali. Il-Kummissjoni rċiviet kummenti mingħand diversi prodotturi esportaturi, il-Missjoni tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għall-Unjoni Ewropea, is-CCCME, l-EFDA, l-EIFI, żewġ importaturi u produttur wieħed tal-Unjoni tal-konnessjonijiet tal-injam strutturali.

(613) Fl-14 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni pprovdiet lill-partijiet interessati b'divulgazzjoni finali addizzjonali li fuq il-bażi tagħha kien biħsiebha timponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti elementi tal-irbit tal-ħadid jew tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina. Il-partijiet kollha ngħataw perjodu li fih setgħu jikkummentaw. Il-Kummissjoni rċiviet kummenti mingħand l-EFDA.

(614) Wara d-divulgazzjoni finali u d-divulgazzjoni finali addizzjonali, il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità li jinstemgħu skont id-dispożizzjonijiet stipulati fil-punt 5.7 tan-Notifika ta' bidu. Saru seduti ta' smigħ ma' diversi prodotturi esportaturi, mal-EFDA, mas-CCCME, mal-Missjoni Ċiniża għall-Unjoni Ewropea, ma' żewġ importaturi u ma' produttur wieħed tal-Unjoni ta' konnessjonijiet tal-injam strutturali u mal-EIFI. Barra minn hekk, saru tliet seduti ta' smigħ mal-Uffiċjal tas-Seduta, waħda mal-produttur esportatur fil-kampjun Jiangsu Yongyi Fastener Co., Ltd. ("Jiangsu"), waħda mas-CCCME u waħda mal-EIFI.

(615) Il-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) 2016/1036 ma tax opinjoni,

([90]) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Dazju anti-dumping definittiv huwa impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti elementi tal-irbit tal-ħadid jew tal-azzar, għajr tal-azzar inossidabbli, jiġifieri viti tal-injam (esklużi coach screws), viti self-tapping, viti oħrajn u boltijiet bl-irjus (bl-iskorfini jew bil-woxers tagħhom jew mingħajrhom, iżda eskluży viti u boltijiet għall-irbit ta' materjal tal-kostruzzjoni ta' binarji tal-ferrovija), u woxers li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, attwalment ikklassifikati taħt il-kodiċijiet NM 7318 12 90, 7318 14 91, 7318 14 99, 7318 15 58, 7318 15 68, 7318 15 82, 7318 15 88, ex 7318 15 95 (kodiċijiet TARIC 7318 15 95 19 u 7318 15 95 89), ex 7318 21 00 (kodiċijiet TARIC 7318 21 00 31, 7318 21 00 39, 7318 21 00 95 u 7318 21 00 98) u ex 7318 22 00 (kodiċijiet TARIC 7318 22 00 31, 7318 22 00 39, 7318 22 00 95 u 7318 22 00 98).

2. Ir-rati tad-dazju anti-dumping definittiv applikabbli għall-prezz nett, ħieles fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju, tal-prodott deskritt fil-paragrafu 1 u prodott mill-kumpaniji elenkati hawn taħt għandhom ikunu kif ġejjin:

Kumpanija	Rata tad-dazju anti-dumping definittiv (%)	Kodiċi TARIC addizzjonali
Jiangsu Yongyi Fastener Co., Ltd.	22,1	C856
Ningbo Jinding Fastening Piece Co., Ltd.	46,1	C857
Wenzhou Junhao Industry Co., Ltd.	48,8	C858
Kumpaniji oħra li kkooperaw elenkati fl-Anness	39,6	
Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	86,5	C999

3. L-applikazzjoni tar-rati tad-dazju individwali speċifikati għall-kumpaniji msemmijin fil-paragrafu 2 għandha ssir bil-kundizzjoni li tiġi ppreżentata fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li fuqha għandha tidher dikjarazzjoni datata u ffirmata minn uffiċjal tal-entità li toħroġ tali fattura, identifikat b'ismu u l-kariga tiegħu, abbozzata kif ġej: *"Jien, is-sottoskritt, niċċertifika li l-(volum) tal-(prodott ikkonċernat) mibjugħ sabiex jiġi esportat lejn l-Unjoni Ewropea u kopert minn din il-fattura ġie mmanifatturat minn (isem il-kumpanija u l-indirizz tagħha) (kodiċi addizzjonali TARIC) fi [pajjiż ikkonċernat]. Jien niddikjara li l-informazzjoni pprovduta f'din il-fattura hija sħiħa u korretta."* Jekk ma tiġix ippreżentata fattura bħal din, għandu japplika d-dazju applikabbli għall-kumpaniji l-oħrajn kollha.

4. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar id-dazji doganali.

Artikolu 2

L-Artikolu 1(2) jista' jiġi emendat biex iżid produtturi esportaturi ġodda mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u jagħmilhom soġġetti għar-rata ta' dazju anti-dumping medja ponderata xierqa għall-kumpaniji li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun.

Produttur esportatur ġdid għandu jipprovdi evidenza li:

(a) ma esportax l-oġġetti deskritti fl-Artikolu 1(1) li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina matul il-perjodu ta' investigazzjoni (l-1 ta' Lulju 2019 sat-30 ta' Ġunju 2020);

(b) mhuwiex relatat ma' esportatur jew ma' produttur soġġett għall-miżuri imposti minn dan ir-Regolament; u

(c) li effettivament esporta l-prodott ikkonċernat jew daħal f'obbligu kuntrattwali irrevokabbli sabiex jesporta kwantità sinifikanti lejn l-Unjoni wara t-tmiem tal-perjodu ta' investigazzjoni.

Artikolu 3

1. B'dan, l-awtoritajiet doganali huma ordnati ma jkomplux bir-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet stabbilita f'konformità mal-Artikolu 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/970 li, b'dan, huwa mħassar.

2. L-ebda dazju anti-dumping definittiv mhu se jiġi impost b'mod retroattiv għall-importazzjonijiet irreġistrati.

3. Id-*data* miġbura f'konformità mal-Artikolu 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/970 ma għandhiex tibqa' tinżamm.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-16 ta' Frar 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Produtturi esportaturi li kkooperaw li mhumiex fil-kampjun

Pajjiż	Isem	Kodiċi TARIC addizzjonali
Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Anhui Goodlink Fastener Co., Ltd	C859
Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Beijing Jinzhaobo High Strength Fastener Co., Ltd.	C767
Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	LIAOCHENG BSC METAL	C768
Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Celo Suzhou Precision Fasteners Co. Ltd	C769
Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Changshu City Standard Parts Factory Co., Ltd.	C770
Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	CHENGLONG TECHNOLOGY (JIAXING) CO., LTD.	C771
Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	EC International (Nantong) Co., Ltd.	C772
Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	FASTWELL METAL PRODUCTS CO.,LTD	C773
Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Finework (Hunan) New Energy Technology Co.,Ltd	C774
Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	FRÖTEK Plastic Technology(Wuxi) CO., LTD	C775
Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Haining Hisener Trade Co., Ltd	C776
Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	HAINING JINJIE METAL CO.,LTD	C778
Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	HAIYAN BOOMING FASTENER CO.,LTD.	C779
Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Haiyan C&F Fittings Co.,LTD	C780
Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	HAIYAN GUANGDA HARDWARE CO., LTD.	C781
Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Haiyan Jiamei Hardware Manufacturing And Tech. Co., Ltd	C782
Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Haiyan Shangxin Standarf Parts Co., Ltd	C783
Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	HAIYAN TIANQI STANDARD PARTS CO., LTD.	C784
Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Haiyan Wancheng Fasteners Co., Ltd.	C785
Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	HAIYAN XINGLONG FASTENER CO., LTD	C786
Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	HAIYAN YIHUI HARDWARE TECHNOLOGY CO., LTD	C787
Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	HAIYAN YOUSUN ENTERPRISE CO., LTD	C788
Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	HANDAN HAOSHENG FASTENER CO., LTD.	C789
Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	HILTI (CHINA) LTD	C790
Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Jia Xing Tai Cheng Aoto Parts Co., Ltd	C791
Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Jiashan Chaoyi Fastener Co.,Ltd	C792

Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	JIASHAN GIANT IMP.&EXP.TRADE CO.,LTD	C793
Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Jiashan Sanxin Fastener Company Limited	C794
Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Jiashan United Oasis Fastener Co.,Ltd	C795
Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	JIASHAN WEIYUE FASTENER CO.,LTD	C796
Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Jiashan Xiaohai Metal Products Factory	C797
Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	JIASHAN YONGXIN FASTENER CO., LTD	C798
Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	JIAXING CHENGFENG METAL PRODUCTS CO.,LTD	C799
Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	JIAXING H.J TECH INDUSTRY LIMITED	C800
Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Jiaxing Huanhuan Tong Plastic Industry Co., LTD	C801
Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	JIAXING KINFAST HARDWARE CO., LTD.	C802
Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	JIAXING LONGSHENG HARDWARE CO.,LTD	C803
Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Jiaxing Shangxiang Import and Export Co., LTD	C804
Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	JIAXING SULATER AUTO PARTS CO.,LTD.	C805
Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	JIAXING TAIXIN AUTO PARTS MANUFACTURING CO.,LTD	C806
Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Jiaxing Victor Screw Co.,Ltd	C807
Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	JIAXING ZHENGYING HARDWARE CO.,LTD	C808
Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Jinan Huayang Fastener Co., Ltd	C809
Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	JINAN STAR FASTENER CO., LTD	C810
Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Lianyungang Suli Hardware Technology Co., Ltd.	C811
Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	NEDSCHROEF FASTENERS (KUNSHAN) CO., LTD.	C812
Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	NEW STARWDH INDUSTRIAL CO.,LTD	C813
Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Ningbo Dongxin High-Strength Nut Co., Ltd.	C814
Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Ningbo Economic & Technical Development Zone Yonggang Fasteners Co., Ltd.	C815
Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Ningbo Haixin Hardware Co., Ltd.	C816
Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	NINGBO LEMNA PRODUCT TECHNOLOGY CO., LTD.	C817
Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Ningbo Minda Machinery & Electronics Co., Ltd.	C818
Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Ningbo Nanjubaoge Fastener Manufacturing Co. Ltd	C819
Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Ningbo Ningli High-Strength Fastener Co., Ltd	C820

Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Ningbo Shengtai Fastener Technology Co., Ltd	C821
Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Ningbo Taida Hezhong Fastener Manufacture Co., Ltd.	C822
Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Ningbo Zhenghai Yongding Fastener Co., Ltd.	C823
Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	NINGBO ZHONGBIN FASTENER MFG. CO., LTD	C824
Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Ningbo Zhongjiang High Strength Bolts Co., Ltd.	C825
Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	OK TECH CO., LTD	C826
Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	PINGHU OTEBAY HARDWARE PRODUCT CO.LTD	C827
Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Pinghu Sanjiaozhou Lubricant Co., Ltd.	C828
Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Pol Shin Fastener (Zhejiang) Co., Ltd	C829
Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	QIFENG PRECISION INDUSTRY SCI-TECH CORP.	C830
Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Shanghai Autocraft Co.,Ltd.	C831
Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	SHANGHAI CHAEN CHIA FASTENERS CO.,LTD.	C832
Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	SHANGHAI EAST BEST FOREIGN TRADE CO.,LTD.	C833
Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Shanghai Chunri New Energy Technology Co., Ltd.,	C777
Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Shanghai Rongdun Industry Co., Ltd.	C834
Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Shanghai Galgem Hardware Company Limited	C835
Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Shanghai High-Strength Bolts Plant	C836
Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	SHANGHAI MOREGOOD HARDWARE CO., LTD.	C837
Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Shanghai Yueda Nails Co., Ltd.	C838
Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	SSF INDUSTRIAL CO., LIMITED	C839
Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Suzhou Escort Hardware Manufacturing Co. Ltd	C840
Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Suzhou Hongly Hardware Co., Ltd	C841
Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Suzhou Litto Fastener Co., Ltd	C842
Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Suzhou YNK Fastener Co., Ltd.	C843
Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Yantai Agrati Fasteners Ltd.	C844
Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	YUYAO ALFIRSTE HARDWARE CO.,LTD	C845
Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Yuyao Zhenrui Metal Co., Ltd	C846
Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	ZHE JIANG WORLD WIN FASTENER CO., LTD	C847
Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Zhejiang Channov Auto Parts Co., Ltd	C848

Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	ZHEJIANG CHAOBOER HARDWARE CO., LTD	C849
Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	ZHEJIANG DONGHE MACHINERY TECHNOLOGY CORPORATION LIMITED	C850
Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Zhejiang Excellent Industries Co. Ltd	C851
Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	ZHEJIANG MS TECHNOLOGY CO.,LTD.	C852
Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	ZHEJIANG NEW SHENGDA FASTENER CO., LTD.	C853
Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	ZheJiang RuiZhao Technology Co.,Ltd.	C854
Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Zhejiang Tianyuan Metal Products Co.,Ltd	C855